
Malta flimkien
Manifest Elettorali 2022

# Malta flimkien

Robert Abela 2022

werrej

01 Ekonomija li taħdem għan-nies 14

Il-miri tagħna għal ekonomija b'saħħitha 18
Nifirxu l-attività ekonomika madwar il-pajjiż kollu 19
Insostnu n-negozji u s-self-employed biex jikbru u jinvestu 20
Aċċess għall-finanzjament għan-negozji u s-self-employed 22
Ekosistema ideali għal start-ups 23
Niddiversifikaw l-ekonomija 24
Riċerka u innovazzjoni 27
Malta diġitali 28
Green economy u green jobs 29
Nikkonsolidaw il-ħidma tagħna fil-qasam marittimu u l-avjazzjoni 30
Manifattura u żoni industrijali moderni 31
Servizzi finanzjarji b'saħħithom 33
Inżommu kontroll fuq l-inflazzjoni 33
Governanza ekonomika u fiskali 34

02 Soċjetà li taħseb f'kulħadd 36

Niġġieldu l-faqar 40
Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-passat 41
Inħarsu l-interessi tat-tfal u l-adolexxenti 42
Għajnuna lill-familji 43
Tfaddil għall-futur 44
Anzjanità attiva 45
Djar tal-anzjani 46
Qabża oħra fil-pensjonijiet 48
Dimenzja 50
Soċjetà li twieżen 50

## 03 Xogħol ta' kwalità 52

Aktar tnaqqis fit-taxxi 56
Kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar 57
Inklużjoni fuq il-post tax-xogħol 58
Niġġieldu l-prekarjat 59
Ninvestu fil-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema 60

## 04 Uliedna l-istilel ta' pajjiżna 64

Garanzija għat-tfal 68
Edukazzjoni b'saħħitha minn età bikrija 69
Edukazzjoni Primarja 70
Edukazzjoni Medja u Sekondarja 71
Skejjel moderni u attrezzati 72
Edukazzjoni Post-Sekondarja 72
MCAST 73
Università ta' Malta 74
L-aqwa kundizzjonijiet għall-edukaturi 76
Għajnuna akbar lill-istudenti 78
Kultura ta' qari fost it-tfal u l-familji 78
Edukazzjoni aktar inklussiva 79
Opportunitajiet indaqs 80

## 05 L-ambjent għal kwalità ta' ħajja aħjar 82

L-akbar investiment fl-ambjent 86
Proġetti ambjentali ambizzjużi għall-benesseri ta' kulħadd 87
Afforestazzjoni 89
Ħarsien xieraq tal-ambjent 90
Protezzjoni tal-bijodiversità 91
Ambjent nadif 92
Green cities għal benesseri ta' kulħadd 92
Ippjanar bi ħsieb 94
Regolamentazzjoni għas-settur tal-kostruzzjoni 95
Trattament effettiv tal-iskart 96
Rikreazzjoni u delizzji 98
Aktar ħarsien u drittijiet għall-annimali 100

## 06 Malta gżira climate neutral 102

Enerġija nadifa, affidabbli u affordabbli 106
Provvista sikura tal-elettriku 106
Ilma 107
Kontijiet stabbli 108
It-triq għad-dikarbonizzazzjoni 109
Id-djar sors t'enerġija nadifa 110
Obbligi ambjentali għal binjiet ġodda 110
Industrija sostenibbli 111

07 Infrastruttura u trasport għal pajjiż modern 112

Inbiddlu l-kultura tat-trasport f'pajjiżna 116
L-elettrifikazzjoni tat-trasport f'pajjiżna 118
Toroq aħjar u aktar siguri 120
Proġetti ġodda 122
Proġetti fiż-żona tal-Port il-Kbir 124

08 Poplu b'saħħtu, pajjiż b'saħħtu 126

L-aqwa servizz tas-saħħa u b'xejn 130
Prijorità ikbar lill-kura preventiva 131
Ninvestu fil-kura primarja 131
Mater Dei 132
Inħarsu d-drittijiet u d-dinjità tal-pazjent 133
Prevenzjoni u trattament kontra l-kanċer 133
Mediċini 134
Pandemija u emerġenzi oħra fil-futur 135
Is-saħħa mentali importanti daqs dik fiżika 136
Saħħa sesswali fid-diversità kollha tagħha 139
Kura paljattiva 140
Servizz tas-saħħa diġitali 141

09 Qabża fl-isports 142

Tfal attivi u b'saħħithom 146
Studenti Atleti 147
Stil ta' ħajja sana 148
Atleti ta' prestazzjoni għolja 148
Faċilitajiet ta' livell għoli 149
Industrija tal-Isport f'Malta 150
Governanza tajba fl-isport 152
Kompetizzjonijiet prestiġjużi 153

10 Insaħħu s-sigurtà tal-ikel 154

Provvista tajba ta' ikel lokali 158
Proġetti fl-oqsma tal-biedja 159
Miżuri finanzjarji u ta' sostenn għall-bdiewa u r-raħħala 160
Biedja u sajd sostenibbli 162
Għajnuna diretta lis-sajjieda 163
Diversifikazzjoni u protezzjoni tal-prodott lokali 164

11 Akkomodazzjoni xierqa għal kulħadd 166

Għajnuna biex issir sid tal-ewwel dar tiegħek 170
Akkomodazzjoni soċjali u affordabbli 171
Skemi mill-Awtorità tal-Artijiet 174

## 12 Ilkoll Indaqs 176

Malta aktar ugwali 180
Lejn aktar riformi 181
Nisa u bniet 182
Komunità LGBTIQ+ 183
Persuni b'diżabilità 184
Soċjetà diversa 189

## 13 Għawdex 190

Għawdex mutur ekonomiku 194
Aktar titjib fil-konnettività 195
Ambjent isbaħ f'Għawdex 196
Għawdex destinazzjoni turistika distinta 197
Settur kulturali ħaj 198
Toroq tajbin u trasport alternattiv 200
Servizz tas-saħħa modern 201
Inkattru l-opportunitàjiet ta' tagħlim f'Għawdex 201
Faċilitajiet sportivi attrezzati f'Għawdex ukoll 202
Industriji tal-biedja u s-sajd b'saħħithom f'Għawdex 202

14 Kultura vibranti għall-benesseri ta' kulħadd 204

Settur artistiku vibranti 208
Għajnuna diretta lill-artisti 209
Films u produzzjonijiet awdjoviżivi 210
Vetrini artistiċi u kulturali 211
Talent mużikali 212
Il-Festa 212
Valur akbar lill-wirt nazzjonali 214

15 Turiżmu sostenibbli 216

Tisħiħ tal-prodott turistiku Malti 220
Intejbu iktar il-konnettività 222
Riġenerazzjoni taż-żoni turistiċi 222
Niċeċ turistiċi 223
Malta ċentru għall-konferenzi, laqgħat u esebizzjonijiet (MICE) 225

16 Komunitajiet siguri 226

Korp tal-Pulizija għan-nies 230
Forzi Armati li jipproteġuna 231
Protezzjoni Ċivili modern u attrezzat 231
Kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi 232
Lejn sistemi korrettivi moderni 233
Appoġġ lill-vittmi tal-kriminalità 234
Ninvestu lura l-flus iġġenerati mill-kontravenzjonijiet 236
Nipprovdu soluzzjonijiet għall-isfida tal-immigrazzjoni irregolari 236
Immigrazzjoni legali bbażata fuq il-mertu 237

17 Ġustizzja effettiva u fil-ħin 238

Amministrazzjoni tal-ġustizzja effettiva 242
Ġustizzja fi żmien raġonevoli 242
L-operat tal-qrati 243
Qorti t'Għawdex 244
Qorti tal-Familja 245
Miżuri alternattivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim 245
L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali 246
L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat 246
Aġenzija għall-Għajnuna Legali 247
Professjoni legali li taqdi 247

## 18 Tmexxija għaqlija u governanza soda 248

Governanza u kontabbilità serja 252
Il-qafas demokratiku ta' pajjiżna 253
Il-midja: ir-raba' pilastru tad-demokrazija 254
Amministrazzjoni pubblika għan-nies 255
Is-settur tal-volontarjat 257
Ħarsien tal-konsumatur 258

## 19 Kunsilli lokali 260

Sehem fit-tmexxija tal-pajjiż 264
L-operat tal-kunsilli lokali 264
Lokalitajiet isbaħ 266
L-użu tat-teknoloġija 268
Rappreżentanza effettiva fil-kunsilli lokali 269

## 20 Malta fid-dinja 270

Malta fl-Unjoni Ewropea 274
Parteċipazzjoni f'fora internazzjonali 274
Rwol strateġiku fil-Mediterran 275
Relazzjonijiet ma' reġjuni oħra 276
Maltin li jgħixu barra 276
Diplomazija ekonomika 277
Diplomazija kulturali 277
Assistenza uffiċjali għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja 278
Investiment fid-diplomatiċi 278
Fondi Ewropej 278



# Malta flimkien.
# Il-futur sabiħ.

Dan il-manifest hu l-pjan li fuqu ser infasslu l-Malta li rridu għal uliedna.

Huwa l-frott ta' diskussjoni wiesgħa ma' kulħadd, fejn minn 100 idea ħloqna 1,000 proposta ġdida. Permezz tal-fiduċja tagħkom l-Għawdxin u l-Maltin, lesti biex dawn il-proposti issa nibdluhom f'elf kisba ġdida għal pajjiżna.

Dan il-manifest huwa stedina biex noħolqu futur sabiħ flimkien f'rebbiegħa li tkabbar il-ġid u l-prosperità.

**Biex naslu rridu naħdmu flimkien u nkunu wasalna biss meta kulħadd ikun qed jgħix kwalità ta' ħajja aħjar.**

Flimkien urejna kif bil-għaqal, ir-rieda tajba ta’ kulħadd u l-qlubija nafu negħlbu sfidi iebsa. Issa huwa ż-żmien ta’ opportunità sabiex ilkoll nibnu ġejjieni sabiħ li fih jieħu sehem kulħadd.

**Kulħadd għandu sehem x’jagħti.**

Min jaħdem u min iħaddem, iż-żgħażagħ u l-anzjani, l-istudenti u l-edukaturi, il-front liners, l-artisti, is-soċjetà ċivili u dawk kollha li jridu jkomplu jaraw lil dan il-pajjiż jaqbeż l-aspettattivi tiegħu.

Nemmnu li l-ħolqien tax-xogħol huwa s-sies tal-ħolqien tal-ġid. Irridu niżguraw li x-xogħol ikun il-mezz biex tgħix ħajja aħjar u mhux tgħix biex taħdem. Ser noffru pajjiż miftuħ għan-negozju. Ngħinuk tkabbar in-negozju tiegħek u jekk taspira li tibda negozju ġdid, issib l-akbar għajnuna possibbli.

Aħna neżistu biex intejbu l-għejxien ta’ kull min jaħdem, tal-istudenti, tal-pensjonanti u tal-familji tagħna kollha. Daqstant impenjati li ngħinu lin-negozji u s-self-employed jikbru u joħolqu xogħol ta’ kwalità.

Fl-aħħar snin żgurajna li kulħadd jista’ jagħżel li jiżżewweġ lil min iħobb u jrabbi l-ulied. Issa rridu nibqgħu nwettqu r-riformi biex aktar nies ikollhom ċans isiru ġenituri għall-ewwel darba.

Urejna li l-era tal-ekonomija tas-suq ma twaqqafniex milli nassiguraw li l-ġustizzja soċjali twieżen lil dawk l-aktar fil-bżonn. L-emanċipazzjoni ta’ persuni li jesperjenzaw diffikultajiet fil-ħajja ta’ kuljum mhix privileġġ, iżda dritt.

Malta Flimkien hija serħan il-moħħ għaż-żgħażagħ u familji ġodda fit-twettiq tal-ħolm tagħhom. Ser nibqgħu naħdmu biex naraw lil kull tifel u tifla ta’ pajjiżna jwettqu l-ħolm tagħhom.

**Determinati li nkomplu nġibu differenza pożittiva fl-iżvilupp ta’ pajjiżna u l-ħajja tal-Għawdxin u l-Maltin kollha.**

Dan kollu rridu niksbuh f’Malta isbaħ. Għalhekk ser nagħmlu l-ikbar investiment fl-ambjent ta’ pajjiżna.

Is-suċċess tal-parti li jmiss tal-vjaġġ tagħna huwa ddeterminat mill-ħila tagħna li niġbdu ħabel wieħed.

Kull darba li kellna sfidi kbar quddiemna għelibniehom għax konna magħqudin, flimkien.

**Malta Flimkien.**
Il-futur sabiħ.





# 01

# Ekonomija li taħdem għan-nies



Malta flimkien

Il-politika tagħna hija bbażata fuq il-ħolqien ta' ġid ekonomiku li jilħaq lil kulħadd, speċjalment lil dawk li l-aktar għandhom bżonn. Mill-2013 'l hawn b'għaqal u bżulija ttrasformajna l-ekonomija ta' pajjiżna minn waħda li kienet tgħaddi minn kriżi għal oħra, għal ekonomija reżiljenti li baqgħet soda f'kull ċirkostanza.

Illum għandna tkabbir ekonomiku li jiżboq dak tal-pajjiżi l-oħra Ewropej, bl-akbar numru ta' nies jaħdmu fl-istorja ta' pajjiżna u bl-anqas taxxi għan-negozji u l-familji.

F'disa' snin Malta rreġistrat tkabbir ekonomiku kbir li ssarraf f'żieda reali ta' aktar minn 90,000 ħaddiem ġdid fis-suq tax-xogħol lokali. Kif wegħedna raħħasna l-kontijiet, żammejna l-prezz tal-enerġija stabbli u ma daħħalna l-ebda taxxa ġdida fuq min jaħdem jew iħaddem. Pajjiżna seta' jonfoq kemm kellu bżonn biex ilqajna għall-effetti tal-pandemija u salvajna l-għejxien ta' aktar minn 100,000 ħaddiem.

Mhux talli stajna nilqgħu bis-sħiħ għall-effetti tal-pandemija, talli fl-aħħar tas-sena l-oħra rreġistrajna l-anqas rata ta' qgħad fl-istorja ta' pajjiżna. Hekk kif il-pajjiżi kollha madwar id-dinja qed jirsistu biex jaraw l-ekonomija tagħhom tirkupra mill-effetti tal-pandemija, il-Kummissjoni Ewropea qed tbassar li Malta ser tirreġistra l-ogħla rata ta' tkabbir ekonomiku għall-2022 minn fost l-Istati Membri kollha.

Is-suċċess ekonomiku li għamilna fl-aħħar snin kien il-pedament tal-bidla pożittiva li wettaqna f'kull qasam tal-ħajja.

Ser inkomplu nkunu Gvern ta' serħan il-moħħ għall-ħaddiema u n-negozji. Gvern li jsarraf is-suċċess ekonomiku f'titjib fil-kwalità tal-ħajja tan-nies li tiggarantixxi tkabbir ekonomiku inklussiv li joħloq l-opportunitajiet għal kulħadd.

# Il-miri tagħna għal ekonomija b'saħħitha

01 Gvern Laburista għandu l-kredibilità fil-ħolqien tal-ġid u t-tmexxija tal-finanzi pubbliċi.  Permezz ta' tmexxija għaqlija stajna nonfqu kemm kien hemm bżonn fuq dak meqjus l-aktar essenzjali, speċjalment fuq is-saħħa tal-Maltin u l-Għawdxin. Il-pjan tagħna għall-irkupru ekonomiku diġà qed iħalli sinjali pożittivi u għandu jwassal għal attività ekonomika fl-istess livell ta' qabel il-pandemija. Bit-twettiq ta' dan il-programm, fil-ħames snin li ġejjin qed nimmiraw li t-tkabbir ekonomiku jlaħħaq medja ta' 5.5% f'termini reali kull sena.

02 Il-politika tagħna hija bbażata fuq il-ħolqien ta' ġid ekonomiku li jilħaq lil kulħadd, speċjalment lil dawk il-familji li l-aktar għandhom bżonn. Fl-aħħar snin il-ġid nazzjonali ta' pajjiżna żdied b'mod konsiderevoli u laħaq il-medja tal-ġid nazzjonali fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Issa qed nimmiraw li l-ġid nazzjonali ras għal ras f'pajjiżna jiżboq ukoll il-medja taż-żona Ewro u l-poplu Malti u Għawdxi jkompli jara l-għejxien tiegħu mtejjeb.

03 Il-politika fiskali tagħna ssarrfet f'erba' snin ta' surplus u tnaqqis fid-dejn nazzjonali. Il-pandemija swiet lill-pajjiż €1.5 biljun u wriet kemm hu kruċjali li l-finanzi pubbliċi jkunu fis-sod. Fl-2022 id-deficit ser jonqos b'aktar min-nofs u tibda t-triq biex nerġgħu lura għal surplus.

04 Qabel il-pandemija l-Gvern Laburista rnexxielu jħassar id-dejn nazzjonali akkumulat minn amministrazzjonijiet Nazzjonalisti fit-tliet leġiżlaturi ta' qabel. It-tkabbir ekonomiku tal-aħħar snin wassal sabiex id-daqs tad-dejn nazzjonali kkumparat mal-ġid nazzjonali huwa xorta waħda anqas minn dak li kien qabel l-2013. Fis-snin li ġejjin ser inkomplu nżommu d-dejn nazzjonali taħt kontroll u sal-aħħar tal-leġiżlatura li jmiss nerġgħu nniżżluh taħt is-60% tal-Prodott Domestiku Gross.

05 Il-politika tagħna dejjem għażlet it-tkabbir ekonomiku fuq l-awsterità. Din l-amministrazzjoni offriet lill-investituri pakkett ta' għajnuna b'saħħtu, minflok politika t'awsterità. Ser inkomplu nkunu ta' spalla għall-industrija u n-negozji Maltin u Għawdxin u sena wara oħra ser inkomplu nressqu baġit b'saħħtu li jistimula n-negozju u l-investiment fil-ħaddiema u l-familji.

06 Fl-2018 ir-rata ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' pajjiżna qabżet il-medja Ewropea għall-ewwel darba. Minkejja li l-pandemija waqqfet l-ekonomija dinjija ħesrem, Malta xorta waħda rnexxielha tirreġistra l-anqas rata ta' qgħad fl-istorja. Ir-rata ta' impjiegi f'pajjiżna trid tkompli tiżboq il-medja Ewropea u nimmiraw li Malta tikklassifika fost l-aqwa Stati Membri.

07 Fl-aħħar snin il-politika tax-xogħol ta' Gvern Laburista ssarrfet f'full employment. Irridu nibqgħu nsostnu l-livelli rekord li lħaqna fl-aħħar snin u Malta tibqa' mal-aqwa ħames Stati Membri bl-anqas rati ta' qgħad, inkluż il-qgħad fost iż-żgħażagħ.

08 Il-ħolqien ta' numru kbir ta' impjiegi fl-aħħar snin wassal għal titjib fis-salarji tal-ħaddiema. Il-ħidma tagħna ser tkompli tkun iffokata fuq il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità li joffru pagi għolja għall-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

09 Il-kompetittività tagħna tiddependi mill-kwalità tar-riżorsa umana ta' pajjiżna. Sena wara oħra ser inkomplu ndaħħlu miżuri u inċentivi sabiex il-ħaddiema Maltin u Għawdxin itejbu l-ħiliet tagħhom u jakkwistaw oħrajn ġodda li jkunu utli għall-avvanz tagħhom u għall-ekonomija ta' għada.

10 B'viżjoni għaqlija u kontra ta' dak li kien jiġri qabel, Gvern Laburista ħa ħsieb li l-ekonomija ma tintlaqatx minn għoli tal-ħajja kkawżat minn deċiżjonijiet li jieħu l-Gvern. Ser inkomplu nżommu l-prezzijiet stabbli kemm jista' jkun għall-familji u n-negozji u nieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex intaffu mill-impatt tat-tibdil fil-prezzijiet ta' prodotti importati.

## Nifirxu l-attività ekonomika madwar il-pajjiż kollu

11 Il-Partit Laburista fil-Gvern ħoloq tkabbir ekonomiku rekord b'investiment mis-settur privat f'diversi bnadi tal-pajjiż. Din l-attività ekonomika ġabet magħha benefiċċji addizzjonali f'ħafna lokalitajiet u nemmnu li għandna nifirxuha f'aktar żoni fejn dan l-impatt għadu mhux jinħass biżżejjed. Għalhekk, ser inniedu Pjan Nazzjonali għar-Riġenerazzjoni Soċjo-Ekonomika sabiex jistimula attività ekonomika u jtejjeb il-livell t'għejxien tan-nies f'numru ta' lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

12 Il-Pjan Nazzjonali għar-Riġenerazzjoni Soċjo-Ekonomika ser jagħti prijorità lill-investiment infrastrutturali, proġetti fil-komunità u urban greening f'numru ta' lokalitajiet. Ser jiġi mniedi studju soċjo-ekonomiku nazzjonali li jkun aġġornat minn żmien għal żmien, u jidentifika lokalitajiet u żoni bi ħtiġijiet speċifiċi li jiġu indirizzati bħala parti minn dan il-pjan ta' riġenerazzjoni, filwaqt li jkejjel l-impatt ta' dawn il-miżuri. Dan l-istudju jitlesta fl-ewwel sena tal-leġiżlatura.

13 Il-Gvern jagħti għotja ta' €15,000 lil start-ups li jiftħu fil-lokalitajiet li ser jiġu identifikati bħala parti mill-Pjan Nazzjonali għar-Riġenerazzjoni Soċjo-Ekonomika.

14 Ngħinu lin-negozji eżistenti fil-lokalitajiet li ser jiġu identifikati billi niffinanzjaw 50% tal-ispejjeż ta' rinnovar ta' binjiet, uffiċini u ħwienet użati min-negozji żgħar sa massimu ta' €15,000.

15 L-għajnuna ta' €15,000 lil first-time buyers li jixtru proprjetà vakanti, f'żona ta' konservazzjoni urbana (UCA) jew bi stil tradizzjonali ser tiġi rdoppjata għal €30,000 meta r-residenza tkun fil-lokalitajiet identifikati.

16 Negozji stabbiliti u oħrajn ġodda li jimpjegaw ħaddiema fil-lokalitajiet identifikati jingħataw għajnuna f'forma ta' ħlas li jkopri sa 30% tal-ispiża fuq il-pagi ta' dawn l-impjegati sa massimu ta' €6,000 għal kull ħaddiem.

17 Gvern Laburista jkun kommess li t-tkabbir ekonomiku f'Għawdex jibqa' jiżboq ir-rati rreġistrati għal Malta.

## Insostnu n-negozji u s-self-employed biex jikbru u jinvestu

18 In-negozji huma l-mutur tat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna u kif ukoll sors ta' eluf ta' impjiegi għall-ħaddiema tagħna. Determinati li nagħtu nifs ieħor qawwi lin-negozji Maltin u Għawdxin biex ikunu jistgħu jinvestu aktar, ikabbru l-operat tagħhom u joħolqu xogħol ta' kwalità. Għal dan il-għan ser inbaxxu r-rata ta' dħul fuq l-ewwel €250,000 qligħ għan-negozji minn 35% għal 25%, li jfisser li n-negozji ser jiffrankaw sa massimu ta' €25,000 fis-sena fuq it-taxxa tad-dħul.

19 L-isfida tal-pandemija kienet tirrikjedi pjan għaqli ta' rkupru mill-effetti tal-pandemija. Bħala parti minn dan il-pjan, Gvern Laburista ġdid ser idaħħal żewġ skemi biex jinċentiva l-investiment. Għalhekk ser nagħtu għotja finanzjarja lill-kumpaniji li tkun ekwivalenti għal 30% tal-investiment kapitali li jagħmlu biex ikabbru l-operat tagħhom, bħal xiri ta' apparat, tkabbir tal-impjanti u reġistrazzjoni ta' proprjetà intellettwali. Il-persentaġġ jitla' għal 40% jekk l-investiment ikun fl-oqsma diġitali, ambjentali, soċjali, edukattivi, l-enerġija rinnovabbli u kwalunkwe investiment f'Għawdex.

20 It-tieni skema ser tħeġġeġ lin-negozji sabiex jinvestu l-profitti fl-operat tagħhom jew inkella f'negozji oħra jew ġodda. Dawn ser jirċievu rifużjoni sħiħa tat-taxxa mħallsa fuq dak l-istess investiment.

21 Nagħrfu l-irwol strateġiku tal-Malta Enterprise sabiex tattira investiment barrani lejn pajjiżna. Fiż-żmien li ġej il-Malta Enterprise ser tiffoka fuq il-ħolqien ta' impjiegi li jrendu aktar kif ukoll l-investiment ġdid li jagħmel użu mis-servizzi ta' negozji stabbiliti f'Malta diġà. Hekk inkunu nistgħu noħolqu nuklei industrijali li jsaħħu l-kompetittività ta' pajjiżna u jiġġeneraw impjiegi ta' kwalità.

22 Malta Enterprise hija wkoll sostenitur ta' negozji eżistenti. Nestendu l-iskemi li jippromwovu l-qalba diġitali u operat sostenibbli, bħal Change to Grow u Smart & Sustainable Investment. Noffru servizz ta' konsulenza lil negozji li jkunu jridu jimplimentaw proġetti ta' żvilupp sostenibbli.

23 Fil-leġiżlatura li jmiss ser nissoktaw bil-ħidma sabiex titnaqqas il-burokrazija, inkluż reviżjoni tal-qafas regolatorju għan-negozji u l-proċess sabiex wieħed jiftaħ negozju f'pajjiżna. B'dan il-ħsieb, ser nissimplifikaw il-proċessi sabiex in-negozji ma jkollhomx bżonn jissottomettu l-istess dokumentazzjoni għal numru ta' drabi ma' entitajiet regolatorji differenti, inkluż fejn jidħol due diligence, li tibda tgħodd għall-entitajiet Governattivi kollha.

24 Gvern Laburista jagħraf li n-negozji tal-familja huma wieħed mill-pilastri ewlenin tal-ekonomija tagħna. Għalhekk ser inkomplu nagħtu serħan il-moħħ lil dawn il-familji b'estensjoni tat-tnaqqis fit-taxxa tal-boll meta jsir trasferiment ta' dawn in-negozji. Fl-istess waqt ser innaqqsu t-taxxa fuq it-trasferiment ta' ishma minn 5% għal 1.5%.

25 Irridu nagħtu serħan il-moħħ lil negozji żgħar u kbar li jikru proprjetajiet mingħand il-Gvern. Wara s-suċċess tal-iskema pilota tal-konverżjoni ta' kirjiet kummerċjali fi ċnus ta' 45 sena fil-Belt Valletta, issa ser nestendu din l-iskema għal bnadi differenti madwar il-pajjiż.

26 Trade Malta u Malta Enterprise ser jaħdmu biex l-esportaturi f'pajjiżna jkollhom aċċess għal export guarantee facility sabiex jitnaqqsu r-riskji għal min jipparteċipa f'negozju barrani. L-għan ta' din il-faċilità huwa li jkun hemm riserva li tkopri parti mit-telf tal-esportazzjoni minn pajjiżna.

27 Wara li saħħaħna l-inċentivi lil azjendi li joffru faċilitajiet ta' childcare għall-ħaddiema tagħhom, ser nassistu negozji oħra li jissussidjaw l-ispiża ta' childcare għall-impjegati tagħhom permezz ta' tnaqqis fit-taxxa sa massimu ta' €35,000.

28 Il-ħaddiema barranin ikkontribwew għat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna. Irridu nagħtu assistenza aktar effettiva lil min iħaddem sabiex ikunu f'pożizzjoni li jattiraw ħaddiema mill-Unjoni Ewropea jekk kemm-il darba ma jinstabux ħaddiema lokalment.

29 Pajjiżna jeħtieġ li jkun dejjem aktar kompetittiv sabiex jattira riżorsi umani u talenti ġodda lejn xtutna. Invaraw skemi oħra ġodda ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi highly-skilled u oħrajn speċjalizzati f'kategoriji differenti ta' dħul.

## Aċċess għall-finanzjament għan-negozji u s-self-employed

30 Kif daħħalna d-dritt għall-kont tal-bank bażiku għall-individwi, ser nestendu dan id-dritt għas-self-employed u negozji fis-setturi kollha, b'konformità mar-regolamenti Ewropej ta' superviżjoni finanzjarja.

31 Il-Bank Malti ta' Żvilupp huwa proġett ta' Gvern Laburista li minnu bbenefikaw bosta kumpaniji u negozji li kattru l-investiment. Minbarra dawn l-iskemi, kien strumentali biex jagħmel tajjeb għal self lil ħafna negozji matul il-pandemija. Dan il-proġett ser inkomplu nsaħħuh billi nżidu l-allokazzjoni minn €60 miljun għal €100 miljun f'kapital u b'hekk il-kapaċità tal-bank li jsostni azjendi żgħar u medji kważi tirdoppja.

32 Naħdmu mal-imsieħba kollha fis-settur finanzjarju sabiex pajjiżna jkollu leġiżlazzjoni aġġornata jew ġdida dwar il-finanzjament tan-negozji, pjattaformi ta' finanzjament għal negozji individwali jew kollettivi, l-użu akbar ta' fintech, skemi tailor-made li ma jkunux ta' piż żejjed fuq min irid jinvesti u metodi oħra li jindirizzaw b'mod prattiku l-ħtiġijiet speċifiċi tas-self-employed u l-SMEs.

33 Inwaqqfu credit review office fuq il-mudelli użati minn pajjiżi oħra Ewropej. Dan l-uffiċċju jirrikonċilja u jarbitra bejn il-banek kummerċjali u l-klijenti tagħhom dwar applikazzjonijiet għal self. Ikollu l-irwol li jassigura li s-sistema ta' self taħdem b'mod effettiv, l-aktar għan-negozji ż-żgħar u s-self-employed. Il-credit review office ma jkollux poteri regolaratorji jew statutorji u f'każ ta' lment jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-konsiderazzjoni tal-bank.

## Ekosistema ideali għal start-ups

34 Il-Malta Enterpise ser tkun qed tfassal qafas legali speċifikament fuq start-ups biex pajjiżna jkompli joħloq start-ups indiġeni u jattira oħrajn internazzjonali li jkollhom potenzjal ta' tkabbir. Dan il-qafas legali jintroduċi sistemi ta' tassazzjoni għall-kumpaniji u l-impjegati ta' start-ups kif ukoll opportunitajiet ta' share options u share awards.

35 Malta toffri l-kundizzjonijiet neċessarji biex tkun inkubatur ta' ideat ġodda li jistgħu jiġu żviluppati f'negozji ta' suċċess, kemm dawk tekniċi imma anki dawk knowledge intensive. Ser indaħħlu strument finanzjarju mingħajr taxxa sabiex jitwaqqaf private equity fund li jipprovdi kapital għal start-ups lokali u negozji żgħar u medji.

36 Ser nagħtu prijorità lill-ħolqien ta' eco-startups biex nagħmlu lil pajjiżna aktar attraenti għal dan is-settur u Malta tintuża bħala bażi fejn jiġu kkumerċjalizzati dawn il-proġetti. Dawn in-negozji ser ikunu jistgħu jibbenefikaw minn mentorship professjonali, inċentivi fiskali u l-formazzjoni ta' minimum viable product.

37 Malta trid tattira aktar ideat ġodda b'potenzjal li jiġu żviluppati f'negozji ta' suċċess. Inniedu l-kunċett ta' start-up visa bil-għan li nħajru barranin b'ideat innovattivi jibdew negozji ġodda f'pajjiżna.

38 Jiġu varati skemi ġodda, anki permezz ta' fondi Ewropej, sabiex intejbu l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji Maltin u Għawdxin, fosthom business angels u venture capital.

39 Ser nagħtu aktar għajnuna permezz ta' inċentivi fiskali ġodda u seed funding biex aktar nisa jiftħu negozju u jsiru intraprendituri.

40 Wasal iż-żmien li nikkonsolidaw l-għajnuna kollha aċċessibbli għal start-ups taħt saqaf wieħed. Ser niġbru l-għajnuniet, l-inċentivi u l-iskemi f'unit waħda li sservi ta' one-stop shop għal negozji ġodda u oħrajn eżistenti.

## Niddiversifikaw l-ekonomija

41 Nemmnu li Malta għandha l-potenzjal li tkun ċentru reġjonali fil-qasam tal-life sciences. Ser nagħtu aktar prominenza u sostenn lil din l-industrija, speċjalment fid-dawl tal-opportunitajiet li joffru l-bidliet demografiċi fl-Ewropa.

42 Inkomplu bl-isforzi biex niżviluppaw is-servizzi loġistiċi f'Malta li jiffaċilitaw u jkattru l-kummerċ bejn kontinenti oħra u l-Ewropa, kemm bil-baħar u kif ukoll bl-ajru. Filwaqt li ntejbu l-konnessjonijiet tal-art, ser noħolqu logistics hub b'faċilitajiet ta' ħażna li jżid il-valur miżjud tad-distribuzzjoni lokali.

43 Irridu nagħmlu pass ieħor 'il quddiem fis-settur tal-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi u kożmetiċi permezz tal-użu ta' marine biotechnology. Din it-teknoloġija hija ideali għal pajjiżi mdawrin bil-baħar bħal Malta, filwaqt li toffri opportunitajiet ekonomiċi b'użu sostenibbli ta' riżorsi kif maħsub fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.


DELL
TAIL

44 Kulma jmur in-negozji qed ifittxu li jsolvu kwistjonijiet fl-anqas żmien possibbli u bl-anqas spejjeż. Il-qafas legali robust u l-użu tal-lingwa Ingliża jistgħu jagħmlu lil pajjiżna ċentru ta' arbitraġġ internazzjonali. Ser nagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ sabiex is-settur tal-arbitraġġ ikompli jikber f'pajjiżna.

45 Irridu nirreplikaw l-istorja ta' suċċess tal-Università ta' Barts f'Għawdex. Ser insaħħu l-ħidma tagħna sabiex inkomplu nattiraw istituzzjonijiet kif ukoll studenti internazzjonali lejn pajjiżna, b'mod speċjali studenti minn pajjiżi fil-Mediterran u pajjiżi terzi oħra li ma għandhomx bżonn visa sabiex jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen.

46 Nattiraw lejn pajjiżna aktar professjonisti u riċerkaturi speċjalizzati fl-oqsma tal-mediċina u l-edukazzjoni. Għal dan il-għan ser nestendu il-Highly Qualified Persons Rules sabiex ikunu japplikaw ukoll għal professuri, riċerkaturi u speċjalisti f'dawn l-oqsma.

47 Ser nippromwovu l-kunċett ta' group practices speċjalizzati fost it-tobba filwaqt li nestendu l-inċentivi disponibbli għal start-ups biex ngħinuhom jibdew in-negozju tagħhom.

48 Wara li fl-aħħar snin daħħalna qafas regolatorju kompetittiv dwar il-produzzjoni tal-kannabis mediċinali, ser inkomplu għaddejjin bil-ħidma li qed nagħmlu biex nattiraw lejn Malta kumpaniji internazzjonali f'dan is-settur u jiftħu l-bibien tagħhom f'pajjiżna.

49 Mill-2013 sal-lum l-industrija tal-films ġabet lejn pajjiżna investiment li jaqbeż it-€300 miljun. Dan kien possibbli bis-saħħa ta' investiment kontinwu fil-faċilitajiet, inċentivi fiskali u apparat modern użat fil-Malta Film Studios. Ser inkomplu nimplimentaw il-masterplan għall-industrija tal-films, inżidu l-investiment fit-teknoloġija u nibnu sound stages ta' livell għoli internazzjonalment.

50 Il-qasam tal-ispazju u l-loġistika avvanzata marbuta miegħu qed jikber b'rata mgħaġġla madwar id-dinja. Ser inkomplu naħdmu sabiex Malta tipparteċipa wkoll f'dawn l-iżviluppi, speċjalment fir-reġistrazzjoni tas-satelliti u permezz ta' inċentivi attraenti biex kumpaniji f'dan is-settur ikunu jistgħu jirrilokaw lejn pajjiżna.

51 Il-mudell ta' koperattivi nassoċjawh ma' setturi tradizzjonali iżda huwa mudell li jista' jiġi użat f'firxa wiesgħa ta' setturi soċjali u ekonomiċi. Ser insaħħu l-qafas leġizlattiv ta' pajjiżna sabiex jippromwovu aktar it-twaqqif ta' koperattivi f'setturi varji. Nintroduċu inċentivi u nippromwovu l-ħolqien ta' koperattivi, anki b'kooperazzjoni mal-Gvern u l-kunsilli lokali.

## Riċerka u innovazzjoni

52 Il-kompetittività ta' pajjiżna u l-futur tal-industrija Maltija jiddependu mill-użu tar-riċerka u l-innovazzjoni. Gvern Laburista ser iżid l-investiment f'dan is-settur għal 2% tal-Prodott Domestiku Gross biex nagħmlu minn pajjiżna mutur tal-ideat u l-kreattività.

53 Kumpaniji li jinvestu fir-riċerka u l-innovazzjoni ser jibbenfikaw minn deduzzjoni fit-taxxa ta' 150% fuq l-ispiża relatata.

54 Il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) irid ikompli jixpruna u jinċentiva r-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' aktar inizjattivi. Ser inħeġġu parteċipazzjoni akbar minn riċerkaturi u entitajiet Maltin fil-Horizon Europe. Aktar fondi ser ikunu aċċessibbli għar-riċerkaturi permezz tal-programm ġdid Go to Market li ser jiffaċilita l-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġija avvanzata.

55 Filwaqt li ser inkomplu ntejbu skemi bħal Get Qualified għal aktar speċjalizzazzjoni, ser nagħtu għajnuna fiskali lil dawk il-kumpaniji li jħaddmu magħhom persuni gradwati fil-livell ta' PhD għal skop ta' riċerka u innovazzjoni.

56 Insaħħu l-iSTEM Community Fund biex inżidu l-għarfien u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM).

57 Nirduppjaw il-baġit għall-programm FUSION biex insaħħu l-investiment fl-oqsma tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

## Malta diġitali

58 Malta trid tkun fuq quddiem fir-raba' rivoluzzjoni industrijali li qed isseħħ madwar id-dinja, l-aktar permezz ta' investiment fl-infrastruttura diġitali u r-riżorsi umani ta' pajjiżna. Tingħata prijorità lill-quantum computing, id-deep tech, l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika.

59 Pajjiżna għandu potenzjal li joffri ekosistema ideali sabiex aktar kumpaniji tal-informatika jkollhom bażi f'pajjiżna. Irridu li Malta titla' fil-global value chain fejn jidħol il-qasam tal-informatika u jkun hemm ammont ta' fondi allokati lill-Malta Enterprise speċifikament għall-qalba diġitali.

60 Ser inkomplu naħdmu mas-settur privat fi proġetti maħsuba biex itejbu l-konnettitività diġitali, fosthom dawk relatati mal-intelliġenza artifiċjali u l-internet of things.

61 Il-ħolqien ta' Technology Sandbox tatna l-opportunità nifhmu liema qafas regolatorju jgħodd l-aktar għal pajjiżna fil-qasam tat-teknoloġija avvanzata. Ser inkunu qed niżviluppaw qafas regolatorju ġdid biex jiżgura li l-intelliġenza artifiċjali tiġi użata b'mod sigur u trasparenti filwaqt li jagħtina vantaġġ kompetittiv fuq ġurisdizzjonijiet barranin.

62 Malta trid tkun minn tal-ewwel fost l-Istati Membri l-oħra sabiex twaqqaf il-European Digital Innovation Hub (EDIH). L-EDIH ser tassisti negozji żgħar u medji kif ukoll start-ups sabiex jagħmlu l-qabża diġitali fil-proċessi tagħhom permezz ta' high performance computing, prototipi u cloud solutions.

63 Bil-għan li nattiraw aktar investiment minn kumpaniji teknoloġiċi, nibdew proċess sabiex it-taxxa mid-dħul fuq il-kapital issir waħda aktar kompetittiva, kemm għal kumpaniji Maltin u oħrajn barranin li jagħżlu lil pajjiżna.

64 Ser tingħata rifużjoni sa massimu ta' €1,000 fis-sena lil dawk l-individwi li jkunu qed isegwu korsijiet privati fil-coding.

65 Konxji mill-ispejjeż li jkollhom start-ups ġodda fil-qasam diġitali u tal-informatika fejn jidħlu r-riċerka u l-iżvilupp, ser inniedu inċentivi maħsuba sabiex itaffu minn dan il-piż fl-ewwel tliet snin tal-operat tagħhom.

66 Malta trid tibqa' l-pajjiż tal-għażla fis-settur tal-gaming u l-bażi ta' operaturi serji. Konxji mill-fatt li l-industrija hi waħda dinamika, irridu nagħmlu t-tibdil neċessarju u f'waqtu sabiex niżguraw li l-qafas regolatorju tagħna jibqa' wieħed robust u kompetittiv. Ser naħdmu aktar mill-qrib mal-operaturi f'dan is-settur bil-għan li pajjiżna jipprovdi aktar ħaddiema kwalifikati f'dan il-qasam.

67 Il-pjan tagħna huwa li jkollna diversifikazzjoni akbar fil-qasam tal-gaming. Fost l-inizjattivi li ser nieħdu, ser inwessgħu l-inizjattiva tal-boot camp biex nattiraw aktar start-ups ġodda, partikolarment fis-setturi tal-esports u video game development.

# Green economy u green jobs

68 Il-Gvern Malti wera li huwa kommess lejn il-green economy, b'miżuri mill-aktar ambizzjużi fil-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza approvat mill-Kummissjoni Ewropea. L-inċentivi u proġetti ambjentali li implimentajna fl-aħħar żewġ leġiżlaturi taw spinta lil setturi differenti fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u l-preservazzjoni tal-ambjent. Gvern Laburista jaħdem sabiex jinħolqu aktar green jobs ta' kwalità.

69 L-SME Tailored Facility tal-Bank Malti ta' Żvilupp għenet bosta negozji jimirħu fi swieq ġodda. Ser inwessgħu l-eliġibilità ta' din il-faċilità sabiex tibda tinkludi proġetti ħodor mis-settur privat li jwasslu għall-ħolqien ta' green jobs. Din il-faċilità ser tkompli tgħin negozji li jagħżlu li jinvestu f'dan is-settur, fejn jistgħu jibbenefikaw minn self vantaġġjuż li jlaħħaq sa massimu ta' €5 miljuni.

70 Kumpaniji li joħolqu green jobs jingħataw lura tax credit li jammonta għal massimu ta' 75% tal-ispiza fuq il-pagi ta dawn il-ħaddiema fl-ewwel sena, 50% fit-tieni sena u 25% fit-tielet sena.

71 Pajjiżna għandu bżonn aktar ħaddiema mħarrġa fil-green economy. Ser nintroduċu tax credit ekwivalenti għall-ispiża totali ta' taħriġ lill-ħaddiema biex jippreparahom għal dan is-settur.

72 Kumpaniji privati li jwettqu proġetti ambjentali jingħataw inċentivi biex jiffinanzjawhom permezz ta' green bonds. Jinħolqu skemi biex jonqos ir-riskju għal min joħroġ dawn il-bonds filwaqt li l-withholding tax fuq l-imgħax imħallas fuqhom tingħata lura bħala tnaqqis fit-taxxa lill-investituri.

73 Filwaqt li nestendu s-sistema tal-eco-certification għall-intrapriżi, noħolqu tabella ħadra fuq il-prodotti li tgħin lill-konsumatur jidentifika prodotti li jniġġsu l-anqas. Din it-tabella ħadra tapplika wkoll għal operaturi turistiċi u tkun tista' tiġi rreklamata bħala parti mill-prodott turistiku Malti fil-fora internazzjonali.

## Nikkonsolidaw il-ħidma tagħna fil-qasam marittimu u l-avjazzjoni

74 Malta trid tkun fuq quddiem nett fil-qasam marittimu u dak tal-avjazzjoni, mhux biss fir-reġistrazzjoni ta' vapuri u ajruplani iżda wkoll fl-għoti ta' servizzi relatati. Fost dawn hemm kumpaniji ta' servizzi finanzjarji, speċjalment kumpaniji tal-assigurazzjoni, li rridu nattiraw lejn pajjiżna. Ser tkun prijorità li nattiraw lejn Malta istituti vokazzjonali f'dawn l-oqsma u jiżdiedu l-korsijiet speċjalizzati.

75 Hekk kif qed issir ħidma sabiex jitkabbar l-operat tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ser nagħtu s-sostenn meħtieġ sabiex ikun hemm diversifikazzjoni fis-settur tal-avjazzjoni, fosthom il-ġarr tal-merkanzija bl-ajru, faċilitajiet aħjar għall-private jets, l-edukazzjoni u t-taħriġ.

76 Pajjiżna jinsab fi stadju avvanzat sabiex ikollu leġiżlazzjoni li tgħinu jisfrutta l-opportunitajiet ekonomiċi li joffru l-ibħra ta' madwarna. Irridu nassiguraw li l-ħolqien taż-Żona Ekonomika Esklussiva tissarraf f'investiment dirett barrani lejn pajjiżna, inkluż fil-qasam marittimu, ir-riċerka u l-enerġija rinnovabbli, fost oħrajn.

77 Il-Gvern jeħtieġ li joħloq struttura li taħdem speċifikament fuq il-blue economy. Permezz tal-proġett Blue Med Hub ser nattiraw start-ups lejn pajjiżna li jkunu jixtiequ jirrilokaw jew jistabbilixxu l-operat tagħhom f'ġurisdizzjoni Ewropea fil-Mediterran. Il-Blue Med Hub ser jikkollabora ma' entitajiet barranin biex joħloq opportunitajiet ta' investimenti ġodda.

78 L-akwakultura hija waħda mill-pilastri tal-blue economy u sors ta' dħul dirett fl-ekonomija ta' pajjiżna. Filwaqt li jkompli jkun hemm infurzar sabiex jonqos l-impatt ta' din l-industrija fuq l-ibħra tagħna, ser nippromwovu investiment fi proċessi li jżidu l-effiċjenza tal-operat kif ukoll id-diversità u l-kwalità tal-prodotti li tesporta. Irridu naħsbu wkoll f'faċilitajiet adegwati għall-bastimenti użati minn din l-industrija sabiex tiżdied l-effiċjenza u jonqos it-tniġġis.

79 Ir-reġistru tal-vapuri kompla jikber u pajjiżna baqa' jkollu wieħed mill-akbar reġistri tal-vapuri fid-dinja. Irridu nkomplu nsostnu r-reputazzjoni tajba li għandna f'dan is-settur u ser nimmodernizzaw ir-reġistru tal-vapuri u l-vessel tracking system tal-portijiet permezz ta' sistemi diġitali.

## Manifattura u żoni industrijali moderni

80 Nemmnu fil-futur tal-manifattura f'Malta u li pajjiżna kapaċi jsir ċentru t'eċċellenza jekk nagħrfu niddiversifikaw il-produzzjoni ta' manifattura avvanzata. Minkejja l-isfidi kollha, is-settur tal-manifattura f'pajjiżna diġà laħaq valur miżjud ogħla mis-sena ta' qabel ma feġġet il-pandemija. Bħalma ġara fis-settur tal-istampar tal-flus u servizzi oħra ta' sigurtà, irridu nikbru f'setturi oħra tal-manifattura avvanzata. Fiż-żmien li ġej ser naħdmu biex nattiraw lejn pajjiżna fabbriki ġodda ta' dan it-tip filwaqt li ngħinu lill-investituri jiddiversifikaw il-linja ta' produzzjoni tagħhom u jibdew jimmanifatturaw oġġetti bħalm'huma r-robotika, mediċini ġodda u tagħmir mediku ġdid, fost oħrajn.

81 Fis-snin li ġejjin ser inwittu t-triq għal manifattura aktar sostenibbli. Permezz tal-investiment li ħabbarna, €470 miljun ser imorru għall-ħolqien ta' spazju għal negozji ġodda, inkluż l-estensjoni tal-Life Sciences Park, il-bini mill-ġdid tal-Kordin Business Incubation Centre u r-riġenerazzjoni ta' diversi żoni industrijali oħra f'Ħal Luqa, il-Marsa, Bulebel u San Ġwann.

82 Fis-snin li ġejjin irridu nkomplu l-ħidma biex is-settur tal-manifattura farmaċewtika f'Malta jkompli jikber. L-Awtorità dwar il-Mediċini ser tkompli ssaħħaħ il-ħidma tagħha ta' ċertifikazzjoni ta' fabbriki tal-mediċini u żżid l-ispezzjonijiet li jsiru barra minn xtutna. Ikun estiż ix-xogħol biex jiġu ċċertifikati fabbriki li jipproduċu prodotti mediċinali avvanzati bħall-biosimilars.

83 L-investiment li għamilna fl-Awtorità dwar il-Mediċina ser jiddistingwi lil Malta bħala ċentru internazzjonali ta' eċċellenza fil-qasam tar-regolamentazzjoni xjentifika tal-apparat mediku. Ser inkomplu nistinkaw biex nattiraw lejn pajjiżna applikazzjonijiet għal korpi notifikati u b'hekk inkabbru l-industrija lokali tal-apparat mediku.

84 L-industrija farmaċewtika teħtieġ esperti tekniċi ta' livell għoli biex tlaħħaq mat-talbiet ta' kumpaniji lokali u proġetti ġodda ta' investiment dirett barrani. Wara s-suċċess tal-International Fellowship Programme tal-Awtorità dwar il-Mediċina sal-livell ta' dottorat, ser nestendu din l-inizjattiva biex tinkludi wkoll opportunitajiet ta' korsijiet postdottorat.

85 Naħdmu mas-settur privat biex niżviluppaw proprjetajiet industrijali li jkunu jistgħu jilqgħu fihom clusters ta' intrapriżi f'post attrezzat li jkun fih il-faċilitajiet kollha neċessarji sabiex isir in-negozju.

86 Gvern Laburista jassigura aktar investiment pubbliku fl-infrastruttura tal-portijiet tagħna sabiex jonqsu l-ispejjeż tal-operat u jsaħħaħ il-kompetittività ta' dan is-settur. Bil-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ser inkunu qed nagħmlu enfasi fuq l-infrastruttura għal bastimenti u dgħajjes ta' daqs differenti.

## Servizzi finanzjarji b'saħħithom

87 Naraw li l-Kunsill Konsultattiv għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jħejji strateġija fit-tul għall-industrija. Din l-istrateġija għandha tkun intiża biex tirrevedi l-Liġi għas-Servizzi Finanzjarji u tissimplifika l-proċessi regolatorji, fost oħrajn.

88 Nemmnu f'tiġdid fl-operat tal-Borża ta' Malta. Minbarra li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tiftaħ opportunitajiet ġodda għall-azjendi Maltin, irridu nattiraw aktar kumpaniji biex jagħżlu listing f'pajjiżna. Kumpaniji ġodda li joħorġu ishma fuq il-Borża ta' Malta jingħataw tax credit ekwivalenti għal 15% tal-ammont ta' ishma li toħroġ.

89 Titkompla l-ħidma fuq l-iżvilupp tal-FinTech b'sinerġija bejn l-industrija finanzjarja u dik tal-informatika, inkluż l-introduzzjoni ta' servizzi ġodda permezz ta' teknoloġiji bħall-blockchain. Nassiguraw li jkompli jkun hemm aġġornament kontinwu tal-istrateġija ta' pajjiżna dwar il-FinTech, b'enfasi fuq l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-investiment f'dan is-settur.

90 Ħafna pajjiżi madwar id-dinja qed ifittxu sors ta' finanzjament għall-proġetti marbutin ma' żvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima. Nagħrfu l-irwol tas-settur finanzjarju sabiex jintlaħqu l-miri ambjentali ta' pajjiżna u għalhekk ser noħolqu qafas regolatorju adegwat għall-green finance.

## Inżommu kontroll fuq l-inflazzjoni

91 Il-Partit Laburista jemmen li l-aktar deċiżjonijiet effettivi kontra l-għoli tal-ħajja huma miżuri li jnaqqsu l-piżijiet u jħallu aktar flus fl-idejn. Għalhekk ser inkomplu nibnu fuq miżuri li daħħalna bħaż-żidiet fil-pensjonijiet u l-istipendji, inwork benefits, childcare u trasport għall-istudenti b'xejn, kontijiet stabbli u tnaqqis fit-taxxa tad-dħul.

92 Fl-aħħar snin Gvern Laburista ma qagħadx lura milli jintervjeni biex jgħin lill-familji, kif fil-fatt reġa' għamel fl-aħħar ġimgħat b'għotja diretta ta' €70 miljun li ser tagħti stimolu ieħor lill-ekonomija. Kommessi li kif għamilna matul il-pandemija, ser nibqgħu nkunu dejjem ta' spalla għall-familji, l-anzjani, l-istudenti u n-negozji.

93 Iż-żieda fil-prezzijiet internazzjonali tat-trasport wasslet sabiex l-importaturi Maltin żiedu l-ħażna ta' prodotti li ġejjin minn barra. Sabiex jittaffa dan il-piż u l-prezzijiet għall-konsumatur jinżammu stabbli, ser nestendu l-iskema Rent Subsidy sabiex tibda tkopri sa massimu ta' €50,000 fis-sena bejn għotjiet u kreditu ta' taxxa. B'hekk l-assistenza tkun tista' tkopri siti tax-xogħol akbar.

94 Noħorġu bonds tal-Gvern ġodda b'imgħax ogħla għall-pensjonanti kif għamilna fl-aħħar leġiżlatura u nestendu l-eleġibilità tagħhom għal dawk kollha li ser jirtiraw fi żmien għaxar snin.

## Governanza ekonomika u fiskali

95 Il-governanza ekonomika trid titkejjel ukoll mat-titjib fil-kwalità tal-ħajja. Jiddaħħlu konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali f'Indikatur Ġenwin tal-Progress li jikkumplimenta l-kalkoli tal-Prodott Domestiku Gross.

96 Il-Partit Laburista jemmen fil-bżonn li tinżamm riserva ta' fondi pubbliċi għall-bżonn f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Il-Gvern seta' jikkumbatti l-effetti ekonomiċi li ġabet il-pandemija għax irnexxielu jfaddal fil-perjodu ta' qabel. Nagħmlu riforma fin-natura tal-Fond ta' Kontinġenza stabbilit fil-Kostituzzjoni sabiex tibda titpoġġa fih parti mid-dħul annwali tal-Gvern.

97 Il-Gvern diġà wettaq ħidma kbira biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati mill-Financial Action Task Force (FATF), inkluż nuqqasijiet li kienu jeżistu qabel l-2013. L-isforzi li saru sa issa ġew rikonoxxuti fl-aħħar aġġornamenti mħabbra mill-FATF innifisha, fejn pajjiżna rnexxielu jwettaq il-pjan ta' azzjoni maqbul mal-FATF b'suċċess. L-istess kif sar mal-Moneyval, ser tibqa' għaddejja l-ħidma sabiex noħorġu kemm jista' jkun malajr mill-moniteraġġ addizzjonali impost mill-FATF.

98 Wara li waqqafna l-Kunsill Fiskali, inkomplu nsaħħu din l-entità permezz ta' allokazzjoni ta' aktar għodda ħalli din tkun tista' tissorvelja aħjar l-użu tal-finanzi pubbliċi.



# 02

# Soċjetà li taħseb f'kulħadd



Malta flimkien

Is-suċċess tal-politika tagħna nkejluh mill-progress ta' dawk l-aktar dgħajfa fis-soċjetà. Nitkellmu fuq suċċess ekonomiku għax permezz tiegħu stajna nagħtu l-akbar għajnuna lil dawk li għandhom bżonnha l-aktar.

Ħloqna katina soda ta' servizzi soċjali li jwieżnu lil kulħadd, f'kull fażi tal-ħajja mit-trobbija sal-irtirar. Żidna l-pensjonijiet wara aktar minn għoxrin sena u ser inkomplu nżiduhom.

Gvern Laburista rnexxielu jnaqqas l-ammont ta' nies fuq l-assistenza soċjali bin-nofs. Daħħalna pakkett ta' miżuri soċjali li naqqsu sostanzjalment l-ammont ta' nies li huma nieqsa materjalment u soċjalment. Qatt ma kkunsidrajna l-faqar bħala perċezzjoni u ser inkomplu naħdmu bla heda anki jekk jifdal persuna waħda biss li tkun fqira.

Il-mudell soċjali tagħna jilħaq lil kull wieħed jew waħda minn fostna li jkollu bżonn l-għajnuna tal-istat sabiex iqum fuq saqajh.

Hekk biss nistgħu nassiguraw li f'Malta jkompli jkollna soċjetà mibnija fuq il-ġustizzja soċjali bil-fatti.

# Niġġieldu l-faqar

99 Inkomplu nindirizzaw il-faqar b'mod ħolistiku, mhux biss dak materjali, iżda wkoll dak soċjali u edukattiv. Il-mira tagħna hi li Malta jkollha fost l-anqas rata ta' nies f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea.

100 Il-Partit Laburista jkejjel il-progress mill-avvanz ta' dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà. Ser inwaqqfu policy think-tank nazzjonali awtonomu mill-Gvern li jiġbor fih l-imsieħba soċjali, għaqdiet, akkademiċi u entitajiet oħra bil-għan li jitfasslu politiki varji b'analiżi u miri ċari għat-titjib fil-kwalità tal-ħajja. Insaħħu d-djalogu kontinwu mal-organizzazzjonijiet volontarji li jaħdmu fis-settur tal-faqar sabiex nassiguraw li l-politika tagħna tkun waħda kontinwament aġġornata bil-għan li ħadd ma jaqa' lura.

101 Fl-2017 ilħaqna ftehim storiku mal-imsieħba soċjali li bih għall-ewwel darba għollejna l-paga minima wara 27 sena. Bi ftehim mal-korpi kostitwiti, fil-leġiżlatura li jmiss ser nerġgħu ngħollu l-paga minima. Din il-miżura flimkien mal-pakkett ta' inizjattivi mmirat għal ħaddiema bi dħul baxx ser jassiguraw titjib ieħor fid-dħul ta' dawn il-familji u l-livell ta' għixin tagħhom.

102 Il-COLA hija intenzjonata li tikkumpensa lill-ħaddiema u l-pensjonanti kollha għall-għoli tal-ħajja. Konxji li dan mhux neċessarjament biżżejjed għal dawk bl-aktar dħul baxx, speċjalment dawk fuq pensjonijiet u benefiċċji soċjali, ser nintroduċu mekkaniżmu ġdid li ser ikun qed jikkumpensa b'mod aktar b'saħħtu l-għoli tal-ħajja.

103 Inkomplu nagħtu garanzija lill-ħaddiema fuq il-paga minima li mhux ser iħallsu taxxa fuq id-dħul tagħhom.

104 Ser intejbu l-iskema tat-tapering tal-benefiċċji billi l-persentaġġ tal-benefiċċju li jitħallas kull sena lil dawk eleġibbli jiżdied b'10%. Dan it-tibdil ser ikompli jnaqqas l-ammont ta' persuni dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali u jtejjeb il-livell t'għejxien ta' aktar nies.

105 Persuni fuq l-assistenza soċjali ser jibdew jirċievu l-kumpens għall-għoli tal-ħajja sħiħ.

106 Fl-aħħar snin naqsu b'mod drastiku dawk li ma jifilħux iħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma, grazzi għar-roħs sostanzjali fit-tariffi. Minkejja dan xorta waħda għad hemm min għandu bżonn l-għajnuna, speċjalment koppji anzjani b'pensjoni waħda. Għalhekk ser inwessgħu l-eliġibilità għall-benefiċċju tal-enerġija billi ngħollu l-limitu tad-dħul mill-anqas b'€2,500 fis-sena għal koppji bi dħul baxx.

107 Wara li tnieda studju b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta, ser nintroduċu care plan għall-applikanti u l-benefiċjarji kollha tal-akkomodazzjoni soċjali. Dan il-pjan għandu jara li dawn il-persuni jirċievu l-appoġġ kollu u s-servizzi meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali li wassluhom fil-bżonn ta' akkomodazzjoni soċjali. B'hekk inkunu qegħdin mhux biss nindirizzaw l-effett, iżda l-kawża li wasslithom f'din is-sitwazzjoni.

108 Naħdmu mal-Università ta' Malta u l-għaqdiet fil-qasam soċjali biex isir studju dwar il-faqar interġenerazzjonali bħala parti minn sforz akbar biex flimkien inkissru dan iċ-ċiklu.

## Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-passat

109 Mill-2017 'l hawn, madwar 9,000 persuna li sofrew inġustizzji jew il-werrieta tagħhom, fosthom eks ħaddiema tal-Korpi, tal-MEB, tal-Gas Board, Pulizija, tax-Xatt u oħrajn, ħadu kumpens li b'kollox jammonta għal €66 miljun. Sal-aħħar tal-leġiżlatura li jmiss Gvern Laburista ser ikun żamm kelmtu ma' dawk kollha involuti. Fil-leġiżlatura li jmiss ser inkomplu nindirizzaw aktar inġustizzji fosthom dawk tat-tarznari li kienu ġew trasferiti mal-IPSL b'mod inġust, l-eks ħaddiema tat-Telemalta, l-Armata, MDD, PBS, kif ukoll xi gruppi li kienu jagħmlu parti mill-iskema student-ħaddiem.

110 Nagħrfu li l-ftehim settorjali tal-uffiċjali tal-immigrazzjoni jista' jkun li qed joħloq anomalija fil-konfront ta' dawn il-ħaddiema. Naraw li kwistjonijiet bħal dawn jiġu indirizzati fid-diskussjonijiet dwar il-ftehim settorjali ġdid li ser jitkomplew fix-xhur li ġejjin.

# Inħarsu l-interessi tat-tfal u l-adolexxenti

111 Irridu nkomplu nħarsu l-aħjar interessi tat-tfal u nagħtu widen għax-xewqat u l-ħsibijiet tagħhom. Ser insaħħu l-irwol tal-Kummissarju tat-Tfal u nżidu r-riżorsi għall-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali għat-Tfal u t-tfassil ta' politiki ġodda.

112 Norganizzaw kampanja informattiva mmirata għat-tfal dwar id-drittijiet tagħhom u nniedu verżjoni child-friendly ta' liġijiet li jipproteġu l-interessi tagħhom f'każ t'abbuż, separazzjoni u parental alienation.

113 Jeħtieġ li jkollna tisħiħ legali li jirrikonoxxi l-perikli tal-parental alienation biex it-tfal ma jinqatgħux minn mal-ebda ġenitur. Jissaħħu s-salvagwardji legali, sabiex fejn ikun fl-aħjar interess tat-tfal, iż-żewġ ġenituri jqattgħu l-istess ammont ta' ħin ma' wliedhom meta dawn ma jkunux qed jgħixu fl-istess dar.

114 Nagħtu l-opportunità lil kulħadd jibni ħajtu mill-ġdid u kemm jista' jkun malajr, dejjem fl-aqwa interess tat-tfal. Dan jista' jsir billi l-Qorti tkun marbuta b'terminu ta' żmien fiss biex tiddeċiedi dwar separazzjonijiet, kura, kustodja, aċċess u manteniment ta' minuri.

115 Ser nintensifikaw il-programm ta' screening fost it-tfal minn età bikrija biex jiġu identifikati sfidi fiżiċi, intellettwali, soċjali u edukattivi. L-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġija assistiva jistgħu jintużaw ma' tfal b'diffikultajiet ta' tagħlim, imġiba partikolari jew diżabilità sabiex huma wkoll ikollhom l-aqwa esperjenza ta' tagħlim.

116 Il-bullying iħalli marka kerha u ħafna drabi dejjiema. Ser inkomplu nsaħħu s-Cyber Crime Unit tal-Pulizija kif ukoll il-liġijiet kriminali fuq is-cyber bullying, il-hate speech u r-revenge porn. Fl-istess waqt ser inkomplu nwieżnu lill-vittmi b'sapport kontinwu filwaqt li nqajmu aktar għarfien fl-iskejjel dwar il-bullying, is-sigurtà fuq l-internet u l-użu tajjeb tiegħu.

117 Il-midja soċjali hija għodda b'saħħitha li saret parti mill-ħajja ta' kulħadd, speċjalment l-adolexxenti. Niggwidaw lit-tfal, l-adolexxenti u l-ġenituri jagħmlu użu għaqli mill-midja soċjali u jkunu konxji tal-konsegwenzi tal-użu ħażin ta' dawn il-mezzi b'detriment għall-privatezza tagħhom.

118 L-adolexxenti għandhom ikollhom għażla ta' divertiment sigur. Għalhekk irridu noħolqu aktar spazji rikreattivi bħall-adventure park imħabbar qrib il-Cottonera Sports Complex, leisure centres u youth cafes. Jiġu organizzati numru t'attivitajiet kulturali għal dawn l-etajiet u jiġi estiż il-ħin tal-ftuħ taċ-ċentri sportivi.

119 Wara li ġie varat il-proġett pilota safe dates f'erba' skejjel, naraw li dan il-programm li jittratta r-relazzjonijiet fl-etajiet adolexxenti jiġi estiż fl-iskejjel kollha.

120 Għandna naraw li żgħażagħ li jaqbżu t-18-il sena u li ma jkunux baqgħu jgħixu f'istituzzjoni għall-adolexxenti jkomplu għaddejjin b' ħajjithom bl-inqas xkiel possibbli. Nassiguraw li jsir aftercare plan ħolistiku għal dawn il-persuni bi tħejjija għal meta ma jkunux ser jibqgħu jgħixu fl-istituzzjoni.

# Għajnuna lill-familji

121 Gvern Laburista żied iċ-children's allowance għall-ewwel darba f'ħafna snin. Fil-ħames snin li ġejjin iċ-children's allowance ser terġa' tiżdied b'€90 fis-sena għal kull wild għal ħames darbiet wara xulxin. Dan ifisser li dawk il-ġenituri li llum jirċievu €450 f'children's allowance ser ikollhom il-benefiċċju rdoppjat għal €900 fil-ħames snin li ġejjin. Din iż-żieda ser tkun qed tolqot 40,000 familja bit-tfal.

122 Ser nerġgħu ntejbu l-in-work benefit billi nsaħħuh b'€50 fis-sena għal kull wild għal erba' darbiet wara xulxin. Sa tmiem il-leġiżlatura, il-ġenituri li jirċievu dan il-benefiċċju ser ikunu qed jirċievu €200 aktar fis-sena għal kull wild.

123 Insostnu l-appoġġ finanzjarju li jlaħħaq sa €10,000 lill-familji li jagħżlu li jaddottaw tfal minn pajjiżi oħra, filwaqt li ser naħdmu biex inżidu mal-lista ta' pajjiżi minn fejn jistgħu jsiru adozzjonijiet b'mod sigur.

124 Wara li fl-2020 daħħalna bonus għall-adozzjoni u t-twelid ta' kull wild, ser nerġgħu nżidu din l-għotja għal darba oħra u ntellgħuha għal minimu ta' €500 għal kull tifel u tifla.

125 Dawk il-ġenituri li jaddottaw il-wild li jkunu qegħdin jiffosterjaw lokalment ser jibqgħu jirċievu parti mill-foster care allowance, minbarra l-għotja ta' rifużjoni fuq l-ispejjeż relatati mal-adozzjoni lokali li bħalissa tlaħħaq sa €1,000. Il-benefiċċju mhux ser jieqaf mal-ewwel iżda ser jibda jonqos gradwalment fuq perjodu ta' erba' snin jew sakemm il-wild jagħlaq it-18-il sena.

126 Nestendu l-urgent family leave minn 15-il siegħa għal 30 siegħa fis-sena. F'każ ta' mard, minflok is-sigħat jitnaqqsu mill-leave annwali, dawn jonqsu mis-sick leave jekk jiġi ppreżentat ċertifikat mediku tal-persuna dipendenti.

127 Nifhmu l-piż finanzjarju li għandhom persuni coeliac sabiex jixtru prodotti speċjali bżonjużi għad-dieta tagħhom. Naraw li l-għajnuna li jingħataw bħalissa tissaħħaħ sostanzjalment.

## Tfaddil għall-futur

128 Inkomplu ninċentivaw persuni li jinvestu f'pensjonijiet privati billi ntejbu l-inċentivi fiskali li diġà daħħalna, kemm għall-impjegati kif ukoll għal min iħaddem. Ser ngħollu l-kontribuzzjoni massima minn €2,000 għal €3,000 li fuqha jinħadem it-tax credit ta' 25% u tiġi tlaħħaq sa massimu ta' €750 fis-sena.

129 Irridu nħeġġu lill-ħaddiema u l-familji jfaddlu aktar. Gvern Laburista ser jirdoppja t-tax credit fl-ewwel sentejn wara li tinbeda pensjoni privata.

130 It-tfaddil għall-pensjonijiet privati ma għandux jiġi affettwat minħabba sitwazzjonijiet barra l-kontroll tal-ħaddiem. Għaldaqstant ser nagħmlu tajjeb għal sena kontribuzzjonijiet f'każ li persuna titlef xogħolha.

131 Irridu nagħtu mezz lill-ġenituri u n-nanniet li jridu jikkontribwixxu lejn is-sigurtà finanzjarja ta' wliedhom u n-neputijiet billi flus imfaddla għat-tfal f'savings plans offruti mill-banek ikunu jistgħu jinqalbu b'mod awtomatiku fuq skemi privati ta' pensjoni personali meta t-tfal jagħlqu 18-il sena.

# Anzjanità attiva

132 Nemmnu li l-anzjani għandhom ħafna x'joffru bis-sehem attiv tagħhom fil-komunità. Irridu nagħmlu l-ibliet u l-irħula tagħna lokalitajiet li jinkoraġġixxu l-anzjanità attiva billi ninvestu f'aktar active ageing day centres, nifthu night shelters ġodda, nestendu s-servizz b'xejn ta' trasport għall-anzjani fil-lokalitajiet kollha u noħolqu programm ta' xogħol komunitarju mmudellat fuq l-inizjattiva school grannies f'Bormla.

133 Jinbeda proġett ta' sheltered housing bil-bini ta' żewġ ċentri ġodda mmirati għall-anzjani li jkunu għadhom jgħixu fil-komunità iżda jixtiequ jgħixu f'ambjent ta' wens.

134 Nassiguraw servizz tas-saħħa li jkun integrat aktar fil-komunità u nwessgħu s-servizzi ġerjatriċi, inkluż terapija, offruti lill-anzjani f'darhom.

135 Nagħtu għajnuna finanzjarja akbar lil dawk l-anzjani li jixtiequ jibqgħu jgħixu f'darhom iżda minħabba kwistjoni ta' mobilità jkollhom bżonn jagħmlu xogħol ta' modifikazzjoni fuq il-proprjetà tagħhom jew jinstallaw chairlift. Fl-istess waqt ser inkomplu nsostnu skemi t'għajnuna għal dawk l-anzjani li jkollhom bżonn jixtru jew jikru sodod speċjalizzati, hoists u lifters, fost apparat ieħor.

136 Inkopru l-ispiża kollha relatata mas-servizzi tat-telecare+ u telecare on the move.

137 Waqt il-pandemija, l-internet kien l-uniku mezz li bih ħafna anzjani setgħu jikkomunikaw mal-maħbubin tagħhom. Bil-ħsieb li niġġieldu s-solitudni u l-firda diġitali, l-anzjani li jirċievu l-għajnuna supplimentari minħabba dħul baxx ser ikunu jistgħu japplikaw għal servizz ta' internet bażiku b'xejn.

138 Daħħalna miżuri effettivi li wasslu sabiex ħafna anzjani għażlu li jibqgħu jgħixu fil-komunità. Ser inkomplu nsaħħu inċentivi għall-anzjani fosthom il-Carer at Home Scheme u l-Home Helper of Your Choice. Għal dan il-għan ser inżidu l-ammont ta' għajnuna mogħti lill-anzjani li jimpjegaw carer magħhom minn €7,000 għall-ekwivalenti tal-paga minima.

139 Irridu ngħinu aktar lill-ulied li jieħdu ħsieb lill-ġenituri tagħhom f'darhom permezz t'aktar flessibilità u għajnuna finanzjarja. Dawk l-ulied li jieqfu għal xi żmien mix-xogħol biex jieħdu ħsieb lill-ġenituri tagħhom ma għandhomx jiġu ppenalizzati meta jaslu għall-pensjoni tagħhom. Għaldaqstant ser jibdew jirċievu sa erba' snin kontribuzzjonijiet akkreditati.

140 L-anzjani huma l-aqwa għalliema tal-ħajja. Ser noħolqu programmi ta' edukazzjoni interġenerazzjonali fejn anzjani, tfal u żgħażagħ jitgħallmu flimkien u mingħand xulxin. Nibqgħu nħeġġu l-kunċett ta' lifelong learning u s-sehem attiv tal-anzjani fl-għaqdiet lokali u l-volontarjat.

141 Ser jibda jiġi pprovdut servizz ta' sapport psikoloġiku għal dawk li jormlu.

142 Nagħrfu li s-solitudni u d-dimenzja huma realtajiet kiefra u komuni fost l-anzjani. Ser naraw li jiġu introdotti l-mezzi kollha sabiex dawk affettwati jkollhom is-servizzi kollha meħtieġa fil-komunità. B'kollaborazzjoni mal-kunsilli lokali, l-għaqdiet u s-social workers, ser nagħmlu eżerċizzju mmirat biex jilħaq persuni vulnerabbli, speċjalment dawk li jgħixu waħedhom jew f'kura residenzjali fit-tul.

## Djar tal-anzjani

143 Inkomplu bl-investiment fid-djar tal-anzjani tal-Gvern biex nagħtu l-aħjar servizz possibbli u naqdu l-ħtiġijiet tar-residenti bl-aħjar mod. Wara l-ftuħ tad-day hospital f'St Vincent De Paule, jissokta x-xogħol fuq l-immodernizzar u l-estensjoni tas-swali b'500 sodda ġdida. Ser jinfetaħ ġnien għall-persuni bid-dimenzja f'din ir-residenza li ser ikun qiegħed jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi ta' dawn il-persuni li jinsabu fi stadji differenti ta' din il-kundizzjoni.

144 Jibda l-bini fuq żewġt idjar ġodda għall-anzjani fl-Imsida u l-Mosta filwaqt li jsir xogħol ta' rinnovar estensiv fid-djar ta' Bormla, iż-Żejtun, il-Floriana u Zammit Clapp, fost l-oħrajn.

145 Nesiġu ż-żamma tal-ogħla standards fid-djar tal-anzjani u jiżdied l-infurzar kontra kull forma ta' abbuż fuq l-anzjani. Il-pieni fost dawk li jinqabdu jabbużaw mill-vulnerabilità tal-anzjani ser jiħraxu.



# Qabża oħra fil-pensjonijiet

146 Irridu nassiguraw li l-anzjani tagħna jkomplu jgħixu ħajja komda u ta' kwalità. Gvern Laburista ser ikun qed ikompli jsaħħaħ il-pensjonijiet billi jżidhom b'minn tal-anqas €15 fil-ġimgħa tul il-leġiżlatura, liema żieda ma tinkludix iż-żieda tal-għoli tal-ħajja. Fil-ħames snin li ġejjin l-anzjani ser jerġgħu jaraw qabża oħra fil-pensjoni u d-dħul tagħhom jiżdied b'total ta' €780 fis-sena.

147 L-Għotja għal Ċittadini Anzjani 'l fuq minn 75 sena żidnieha b'€50 fl-aħħar baġit. Fil-leġiżlatura li jmiss ser intellgħu din l-għajnuna għal €500 għal dawk il-persuni bejn 75 u 79 sena u €600 għall-anzjani 'l fuq minn 80 sena.

148 Nagħrfu s-sehem importanti tal-anzjani fid-dinja tax-xogħol, speċjalment l-esperjenza li jistgħu jgħaddu lil ta' warajhom. Konxji minn dan il-valur miżjud u mill-fatt li ħafna minnhom jixtiequ jkomplu jaħdmu, ser ninċentivawhom billi ngħollu s-ceiling ta' pensjoni mhux taxxabbli b'€3,600 għal dawk b'komputazzjoni singola u b'€5,000 komputazzjoni għal dawk miżżewġin.

149 Dawk il-pensjonanti li jibqgħu jaħdmu ser jibdew iħallsu taxxa anqas billi din tibda tinħadem fuq l-ammont konġunt fuq id-dħul mill-pensjoni u l-impjieg tagħhom meta dawn jaqbżu l-ekwivalenti tal-pensjoni massima, inkluż il-bonusijiet.

150 Inkomplu nassiguraw lill-pensjonanti li mhux ser iħallsu taxxa fuq il-pensjoni tal-irtirar meta din ma' taqbiżx l-ekwivalenti tal-pensjoni massima, inkluż il-bonusijiet.

151 L-anzjani jaffaċċjaw spejjeż differenti minn dawk tal-bqija tal-popolazzjoni. Il-mekkaniżmu differenti mill-COLA għal persuni vulnerabbli ser jiffoka speċifikament fuq il-ħtiġijiet essenzjali tal-pensjonanti.

152 Naraw li l-bonus għall-għoli tal-ħajja jibda jitħallas sħiħ lill-pensjonanti kollha li rtiraw wara l-2008 bħalma jsir għal dawk li rtiraw qabel. Dan ser ikun ifisser żieda ta' mill-anqas €10 fil-ġimgħa oħra għal dawk il-pensjonanti affettwati.

153 Ser inneħħu d-differenza fir-rati fil-pensjoni minima, fil-pensjonijiet tal-irtirar u fil-pensjonijiet tal-invalidità li jitħallsu bihom persuni miżżewġin skont jekk il-konjuġi tagħhom ikunux qed jieħdu pensjoni jew le. Dan se jkun ifisser żieda oħra ta' mill-anqas €4 addizzjonali fil-ġimgħa maż-żieda li ser ikunu qed jirċievu l-pensjonanti kull sena.

154 Ser ngħollu l-ammont tad-dħul mhux intaxxat minn €2,500 għal €4,000 għall-anzjani li jħallsu sabiex joqogħdu fi djar għall-kura tal-anzjani privati. Din iż-żieda fil-benefiċċju tkun tapplika wkoll għal persuni b'diżabilità li joqogħdu fi djar għall-persuni b'diżabilità privati.

155 Għal darba oħra ser nerġgħu nsaħħu l-pensjonijiet tar-romol sabiex dawn jibdew jirċievu l-pensjoni sħiħa tal-konjuġi, u jibqgħu jieħdu ż-żidiet kollha mogħtija mill-Gvern. Dan ifisser li fil-ħames snin li ġejjin ir-romol ser jaraw żieda medja ta' €1,500 fis-sena.

156 Anzjani li jkunu laħqu l-età pensjonabbli imma ma jikkwalifikawx għal pensjoni kontributorja għax ma kellhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ser igawdu minn titjib fl-għotja li jirċievu kull sena, filwaqt li jibqgħu jibbenefikaw mill-għotja l-oħra għal dawk li għandhom 'il fuq minn 75 sena.

157 Nagħmlu riforma fil-pensjoni tal-invalidità billi fost oħrajn indaħħlu l-kunċett ta' invalidità parzjali. B'dan il-mod persuni li jkollhom kundizzjonijiet mediċi, mentali jew fiżiċi li ma jippermettulhomx li jagħmlu ċertu xogħol ikunu jistgħu jagħmlu xogħol ieħor filwaqt li jieħdu rata mnaqqsa ta' pensjoni tal-invalidità.

158 Fl-aħħar leġiżlatura komplejna ntejbu d-dħul ta' min jirċievi l-pensjoni tas-servizz b'miżuri speċifiċi għalihom, waqt li kull sena komplejna nżidu l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li ma jitnaqqasx mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Filwaqt li ntennu l-wegħda tagħna li kull sena nkomplu nżidu dan l-ammont, ser nagħmlu titjib ieħor biex il-parti ikkomputata tal-pensjoni tas-servizz tkun injorata. Dan ser isir jew meta l-pensjonanti jilħqu l-età ta' 72 sena jew f'għeluq it-12-il sena minn meta l-pensjoni tas-servizz tkun ħarġet, liema data tiġi l-ewwel.  B'dan il-mod persuni li jkunu ġew boarded-out minħabba mard kif ukoll membri tal-korpi dixxiplinati jibdew igawdu minn din il-miżura qabel iż-żmien.

159 Wara li daħħalna rata miżjuda għal min jieħu l-pensjoni tal-invalidità u għandu kundizzjoni severa, issa jmiss li nagħmlu pass ieħor 'il quddiem. Ser inneħħu d-differenza fir-rati bejn persuni miżżewġin u dawk li mhumiex billi l-ogħla rati mħallsa lil min hu miżżewweġ jibdew jitħallsu lil kull min jikkwalifika għal pensjoni tal-invalidità bla distinzjoni.

## Dimenzja

160 Wasal iż-żmien li jitwaqqaf direttorat responsabbli mid-dimenzja fi ħdan il-Gvern bil-għan li jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija għad-Dimenzja u jservi wkoll ta' punt ta' referenza kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-familjari.

161 Il-komunitajiet tagħna jridu jwieżnu aktar lill-persuni bid-dimenzja u lill-familjari tagħhom, speċjalment fil-bidu tad-dijanjosi. Ser nintroduċu mediċini fil-kura tad-dimenzja fi stadji differenti, inwasslu terapija speċjalizzata fid-djar u nżidu n-numru ta' ċentri ta' matul il-jum li jispeċjalizzaw fid-dimenzja biex dawn il-persuni jkomplu jgħixu ħajja attiva u indipendenti kemm jista' jkun.

162 Nagħtu taħriġ speċjalizzat lill-ewwel persuni li jistgħu jiġu f'kuntatt ma' persuni bid-dimenzja, inkluż il-ħaddiema tal-kunsilli lokali, membri tal-għaqdiet lokali, il-kleru u l-Pulizija sabiex ikunu jistgħu jassistuhom b'mod aħjar.

## Soċjetà li twieżen

163 Ser naħdmu biex ikun hemm iktar sinerġija fil-qasam soċjali, speċjalment fl-għoti ta' servizzi offruti mill-kunsilli lokali, iċ-Ċentri LEAP, il-Knisja u l-għaqdiet volontarji fil-lokalitajiet. Għal dan il-għan ser inwettqu proġett pilota ta' social auditing f'numru ta' lokalitajiet sabiex issir ħidma akbar favur l-integrazzjoni u l-inklużjoni fil-komunità.

164 Gvern Laburista ħadem biex il-qafas soċjali ta' pajjiżna joffri kullana ta' servizzi speċjalizzati għal tfal u żgħażagħ li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet. Wara l-ftuħ taċ-Ċentru Terapewtiku tal-Ibwar għall-vittmi tad-droga, issa jmiss li nwettqu proġett ieħor li ser jassigura li jkollna fis-seħħ is-servizzi kollha neċessarji għal minuri bi sfidi differenti. Ser niftħu secure care facility li toffri servizz ta' rijabilitazzjoni għal adolexxenti bi problemi serji ta' mġiba. Persuni li jkollhom bżonn dan is-servizz jistgħu jgħixu f'din il-faċilità wara ordni ġudizzjarja. Il-post ikun jipprovdi edukazzjoni u taħriġ formali u informali li jservu ta' għodod importanti għall-kumplament ta' ħajjithom.

165 Nagħtu s-sapport kollu lill-adolexxenti vulnerabbli li jqattgħu żmien fil-faċilità tal-YOURS u f'istituzzjonijiet ta' alternative care. Ser ninvestu fi programmi ġodda ta' tagħlim bażiku għall-ħajja biex ngħinuhom jintegraw lura bis-sħiħ fis-soċjetà.

166 Ser intejbu s-salarji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti fil-qasam soċjali, fosthom il-psikologi, social workers, youth workers, community workers u terapisti oħra. Niddiskutu ma' dawn il-professjonisti metodi kif ikunu mħarsa aħjar waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

167 Mill-2013 'il hawn Gvern Laburista daħal f'numru ta' ftehimiet ma' diversi għaqdiet volontarji, liema nefqa telgħet minn €1 miljun fis-sena għal €18-il miljun fl-2021. Fil-leġiżlatura li jmiss mhux biss ser insostnu dawn il-ftehimiet iżda ser nidħlu f'oħrajn ġodda għal servizzi ġodda fil-komunità. Dan il-mudell ser inkomplu naddottawh fejn tidħol il-protezzjoni tat-tfal, l-għoti ta' servizzi terapewtiċi u residenzjali għall-persuni b'diżabilità, fl-għoti ta' kenn lill-vittmi ta' vjolenza domestika u għajnuna lil vittmi tal-kriminalità, fost oħrajn.

168 Ngħinu lill-għaqdiet volontarji li joffru servizzi ta' natura soċjali jifformolaw abbozz ta' proċeduri għall-operat. Dawn il-proċeduri għandhom iwasslu għal titjib fil-kwalità tas-servizz provdut.



# 03

# Xogħol ta' kwalità



Malta
flimkien

L-investiment qawwi li rajna fl-aħħar snin ħoloq opportunitajiet ta' xogħol għal kulħadd. Wasalna f'sitwazzjoni ta' full employment b'suċċess u lħaqna rekord ta' nies jaħdmu fis-settur privat, inkluż f'Għawdex. Ħeġġiġna eluf ta' nies jidħlu fis-suq tax-xogħol u assigurajna li nippremjaw il-bżulija b'miżuri li jħallu aktar flus fil-bwiet tan-nies.

Iż-żieda konsiderevoli fil-paga medja tikkonferma li l-ekonomija tagħna qed toħloq opportunitajiet ta' xogħol b'pagi aħjar. Għollejna l-paga minima wara 27 sena u ħloqna mekkaniżmu biex din tkun tista' tkompli tiżdied.

Il-Partit Laburista ma jixxaħħaħx mal-ħaddiema. Ser inkomplu nnaqqsu t-taxxa u ser nagħtu aktar għajnuna diretta lil kull min jaħdem.

Il-kompetittività ta' pajjiżna tiddependi mill-kwalità tal-ħaddiema tagħna. Irridu nagħtu aktar opportunitajiet lill-ħaddiema tagħna sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom għall-bżonnijiet tal-preżent u l-futur.

Il-mira tagħna hija li l-ħaddiema f'Malta jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, arranġamenti ta' xogħol flessibbli u aktar ħin ta' tgawdija mal-familja.

## Aktar tnaqqis fit-taxxi

169 Il-Partit Laburista kommess li pajjiżna jibqa' minn ta' quddiem nett fil-ħolqien tax-xogħol. Hekk kif pajjiżna kompla t-triq ta' rkupru ekonomiku mill-effetti tal-pandemija, ser inkunu qed inwessgħu l-faxxa ta' isfel tal-income tax sabiex inħallu €66 miljun oħra fil-bwiet tal-familji u s-self-employed kollha. Bħalissa persuna waħedha ma tħallasx taxxa fuq l-ewwel €9,100, liema ammont ser jitla' għal €10,800. Fil-każ ta' persuna miżżewġa, l-ammont li fuqu ma titħallasx taxxa ser jitla' minn €12,700 għal €14,400.

170 Hekk ukoll ser ngħinu ġenituri li jaħdmu billi ngħollu l-ammont li fuqu ma jħallsux taxxa minn €10,500 għal €12,200. Dan ifisser li dawk li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx l-€1,016 fix-xahar mhux ser ikunu qed iħallsu taxxa u jibdew iħallsu taxxa biss fuq dħul li jaqbeż €12,200 fis-sena.

171 Minbarra t-tnaqqis fit-taxxa, persuni miżżewġa li jaqilgħu sa massimu ta' €28,700 fis-sena, persuni single li jaqilgħu sa massimu ta' €19,500 fis-sena u ġenituri li jaqilgħu sa massimu ta' €21,200 fis-sena ser jirċievu rifużjoni fit-taxxa sa massimu ta' €165. B'hekk il-ħaddiema kollha, speċjalment dawk bi dħul baxx u medju, ser iħallsu anqas taxxi u jaraw aktar flus fil-but. Kull persuna li tħallas it-taxxa ser tgawdi bejn €255 u €365 fi tnaqqis fit-taxxa u r-rifużjoni li tingħata kull sena; medja ta' €300 aktar fis-sena fil-bwiet tal-ħaddiema u s-self-employed.

172 Niggarantixxu li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin jibqgħu jħallsu l-anqas rata ta' taxxa fuq id-dħul mill-impjiegi fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Naqqasna t-taxxa tad-dħul fuq il-part-time minn 15% għal 10% u t-taxxa tad-dħul fuq l-overtime għal dawk il-ħaddiema li mhumiex f'pożizzjoni maniġerjali u li d-dħul bażiku tagħhom ma jaqbiżx l-€20,000 fis-sena. Kommessi li nibqgħu nħallu dejjem aktar flus f'idejn il-ħaddiema u s-self-employed.

# Kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar

173 Nemmnu li l-familji għandhom iqattgħu aktar ħin ta' kwalità flimkien. Gvern Laburista jdaħħal ir-right to disconnect għall-ħaddiema kollha biex ikun hemm bilanċ akbar fil-ħin bejn il-ħajja privata u x-xogħol. Kien pajjiżna li xpruna din id-diskussjoni fuq livell Ewropew u diġà bdejna niddiskutu mal-imsieħba soċjali kif il-ħaddiema Maltin u Għawdxin ser ikunu minn tal-ewwel li jgawdu minn dan id-dritt. Dan ifisser li wara l-ħin tax-xogħol il-ħaddiema ma jkunux obbligati jkomplu jaħdmu mid-dar.

174 Fil-pandemija pprovdejna assistenza li assigurat l-għejxien ta' kull ħaddiem. Ser nibqgħu nkunu ta' spalla għan-negozji u l-ħaddiema kull meta jinqalgħu ċirkostanzi li jħallu impatt fuq in-negozju. Għalhekk ser nintroduċu għajnuna lill-kumpaniji li jintlaqtu minn effetti internazzjonali u konsegwenza ta' hekk tonqsilhom id-domanda għas-servizzi tagħhom. Permezz ta' skema simili għall-wage supplement ser nassiguraw dħul sa €800 fix-xahar għal sitt xhur lil kull ħaddiem affettwat. F'dan il-każ il-kumpanija milquta tkun trid tippreżenta pjan ta' rkupru u l-benefiċċju għandu jitħallas lura fuq medda ta' ħames snin minn meta l-kumpanija tibda terġa' tagħmel il-profitti.

175 Gvern Laburista kien katalista biex f'pajjiżna ddaħħlu miżuri li rrivoluzzjonaw is-soċjetà Maltija, inkluż il-leave tal-maternità. Bi qbil mal-imsieħba soċjali, ser naħdmu sabiex minn din is-sena nimplimentaw id-direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar il-work-life balance li tinkludi provvedimenti dwar parental leave, paternity leave u responsibility leave, fost oħrajn.

176 Is-servizz pubbliku jrid iservi ta' mudell fejn jidħol il-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol għall-impjegati, b'livelli t'eċċellenza fejn jidħlu prattiċi ta' xogħol flessibbli u remote working. Ser nestendu dawn il-prattiċi fid-dipartimenti u entitajiet tal-Gvern fejn in-natura tax-xogħol tkun tippermetti.

177 Ser ninċentivaw aktar ir-remote working, teleworking u flexible hours fis-settur privat. Inkomplu nsaħħu d-deduzzjoni fit-taxxa għall-ispejjeż għal min iħaddem biex jaqleb is-sistemi u jagħmel l-operat tiegħu kompatibbli ma' dawn il-prattiċi.

178 Nestendu s-servizz ta' childcare b'xejn għall-ħaddiema li jaħdmu filgħaxijiet, fi tmiem il-ġimgħa u bix-shift.

179 Ħaddiema part-time li jaħdmu sa massimu ta' 40 siegħa fil-ġimgħa fuq iktar minn impjieg part-time wieħed ser ikunu jistgħu jibdew iħallsu l-kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali fuq iktar minn xogħol wieħed. Din il-miżura ser tolqot ukoll ħaddiema li jagħmlu xogħlijiet part-time f'diversi kumpaniji tal-istess sid, sabiex b'hekk inkomplu nindirizzaw ix-xogħol prekarju.

## Inklużjoni fuq il-post tax-xogħol

180 Ser inniedu programm interġenerazzjonali ta' mentoring fejn persuni li jkunu laħqu l-età tal-pensjoni jiġu inċentivati biex iħarrġu persuni li jkunu bla xogħol. Dan għandu jwassal biex dawn il-persuni jiksbu ħiliet ġodda li jtejbu l-prospetti tagħhom għal impjieg ġdid u ma tintilifx l-esperjenza ta' ħaddiema veterani.

181 Fl-aħħar erba' snin aktar minn 30,000 mara daħlu fid-dinja tax-xogħol grazzi għall-inċentivi li ġew introdotti minn Gvern Laburista. Filwaqt li ser inkomplu nsostnu ċ-childcare b'xejn, l-inċentivi fiskali u t-tapering tal-benefiċċji soċjali, ser nagħtu rifużjoni ta' 30% tal-paga fuq medda ta' tliet snin sa massimu ta' €6,000 lil dawk li jimpjegaw magħhom nisa 'l fuq minn 40 sena u li kienu inattivi fis-suq tax-xogħol.

182 It-trasparenza fil-pagi għandha tibda sa mill-bidu tal-proċess tal-impjieg u b'hekk tonqos il-possibilità ta' diskriminazzjoni fil-pagi fuq bażi tal-ġeneru. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jkunu jafu l-pay bracket tax-xogħol li jkunu qed japplikaw għalih.

183 Ngħinu lill-kumpaniji u n-negozji jaddottaw il-prattika ta' pay audits sabiex janalizzaw il-pagi li jkunu qed iħallsu u jidentifikaw istanzi fejn ikun hemm inugwaljanzi u diskrepanzi fil-ħlas.

184 Permezz tal-inċentivi li daħħalna fl-aħħar snin tajna dinjità akbar lill-persuni b'diżabilità fuq il-post tax-xogħol. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tagħhom fid-dinja tax-xogħol kien l-ewwel pass. Ser ninċentivaw lil min iħaddem biex jinvesti iktar fil-kapaċitajiet ta' persuni b'diżabilità u jgħinhom fl-avvanz tal-karriera bl-iżvilupp ta' ħiliet ġodda. Inkomplu nsaħħu l-programm INK li qed joħloq numru ta' opportunitajiet ta' taħriġ u xogħol għal persuni b'diżabilità.

185 Ser inkopru l-ispiża kollha sa massimu ta' €20,000 sabiex postijiet tax-xogħol isiru aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

## Niġġieldu l-prekarjat

186 Il-Partit Laburista ma jittollerax sfruttament ta' ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Ser inżidu r-riżorsi tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u x-Xogħol, fost entitajiet oħra, sabiex l-għodod disponibbli għalihom ikunu jirriflettu b'mod xieraq id-daqs tal-workforce ta' pajjiżna u jkunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet ta' infurzar b'mod aktar effettiv. Inżidu l-pieni kontra min iħaddem in-nies bi ksur tal-liġi tax-xogħol.

187 Bi ftehim mal-imsieħba soċjali jsiru reviżjonijiet u armonizzazzjoni tal-Wage Regulation Orders sabiex ikun hemm titjib fis-salarji minimi ta' ħaddiema bi dħul baxx fuq numru ta' snin, speċjalment dawk li jaħdmu fl-oqsma tas-sigurtà, it-tindif, l-ospitalità u l-carers.

188 Il-Gvern ser jibda jagħti vantaġġ sostanzjali lill-kumpaniji li jħallsu pagi ogħla mil-livell minimu stabbilit bil-liġi waqt l-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi. B'hekk niżguraw li l-ħaddiema fis-settur privat li qed jagħtu servizz lill-Gvern ikunu mħallsin pagi xierqa.

189 Wara li għamilna t-tibdil meħtieġ sabiex il-ħaddiema tal-kuntrattur li qed jagħtu servizz lill-gvern jibdew jitħallsu daqs il-ħaddiema fis-settur pubbliku li qed jagħmlu l-istess xogħol, ser nibdew diskussjonijiet biex nestendu l-prinċipju tal-equal pay for work of equal value fis-settur privat.

190 It-trasparenza fil-pagi hija għodda kruċjali biex niġġieldu l-isfruttament. Gvern Laburista jniedi miżuri tanġibbli li jitfgħu l-obbligu tat-trasparenza fuq min iħaddem. Il-ħaddiema ma jkollhomx bżonn jitolbu informazzjoni bażika dwar l-impjieg tagħhom.

191 Wara li daħħalna l-obbligu legali li ħaddiem jingħata payslip b'dettalji ċari, issa jmiss li kull ħaddiem jibda jirċievi s-salarju tiegħu f'kont bankarju. Din il-miżura hija maħsuba sabiex tnaqqas ir-riskju ta' sfruttament filwaqt li żżid il-kontabilità u t-trasparenza ta' min iħaddem.

192 Indaħħlu liġijiet biex nabolixxu ż-zero-hours work contracts, liema kuntratti ma jispeċifikawx in-numru minimu ta' sigħat li l-ħaddiema huma mistennija jaħdmu.

193 It-trade unions huma l-vuċi tal-ħaddiema u kull fejn hemm ħaddiema msieħba f'union hemm anqas riskju ta' sfruttament. Naqblu mal-prinċipju ta' sħubija mandatorja fi trade union kif propost mill-unions ewlenin ta' pajjiżna. Ser nibdew diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura.

194 Indaħħlu fis-seħħ il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol.

195 Tiddaħħal liċenzja sabiex tirregola l-aġenziji ta' xogħol temporanju bil-għan li jkun hemm kundizzjonijiet tax-xogħol dinjitużi għall-impjegati tagħhom. Kumpaniji li ma jkollhomx jew jitilfu din il-liċenzja jiġu skwalifikati minn kuntratti pubbliċi u ma jkunux awtorizzati jġibu ħaddiema minn barra l-Unjoni Ewropea. Aġenziji li jinqabdu jiksru l-liġijiet tal-immigrazzjoni jew tax-xogħol jitilfu l-liċenzja immedjatament.

## Ninvestu fil-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema

196 Nimplimentaw il-politika nazzjonali li nedejna dwar is-suq tax-xogħol li hija intiża biex tagħti lill-ħaddiema l-għodda u l-ħiliet meħtieġa għall-ekonomija ta' għada. Ser naraw tisħiħ tal-mobilità soċjali fejn il-familji jgawdu minn kwalità ta' xogħol u livell ta' għejxien aħjar.



197 Irridu ninvestu fil-ħiliet tal-ħaddiema tagħna bħala mezz kif intejbu l-kompetittività ta' pajjiżna. Għalhekk bl-għajnuna tal-korpi kostitwiti ser isir studju dettaljat f'forma ta' ċensiment biex nidentifikaw aħjar il-ħiliet li għandna llum u dawk li ser niġu bżonn fil-futur. Nużaw dan l-istudju biex infasslu programm ta' taħriġ bi tħejjija għall-bżonnijiet tal-ekonomija t'għada.

198 L-għeluq tal-iskejjel tas-snajja' f'pajjiżna fisser telf ta' ġenerazzjonijiet sħaħ ta' nies tas-sengħa. Dan wassal għall-ħolqien ta' skills gap fl-industrija lokali li qed issib diffikultà biex timpjega nies tas-sengħa. Ser nagħmlu analiżi ta' liema snajja' huma l-aktar bżonjużi u nikkommettu ruħna sabiex l-istituzzjonijiet edukattivi tagħna jħarrġu studenti u ħaddiema f'dawn il-ħiliet.

199 L-iSkills Policy Council ser ilaqqa' rappreżentanti mill-industrija ma' edukaturi u istituzzjonijiet akkreditati biex flimkien ifasslu programmi ta' taħriġ u tagħlim li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-industrija f'pajjiżna.

200 Ser inniedu fond ta' taħriġ b'investiment inizjali ta' €2 miljun biex ninċentivaw lill-industrija tiżviluppa programmi ta' taħriġ għall-ħaddiema tagħha.

201 Malta Enterprise, l-iSkills Policy Council u l-istitut ġdid għas-snajja' li ser inwaqqfu fl-MCAST ser jorganizzaw korsijiet qosra ta' taħriġ tekniku skont il-ħtiġijiet tal-industrija.

202 Azjendi li jibagħtu impjegati tagħhom għal korsijiet ta' taħriġ akkreditat u rikonoxxut mill-Malta Enterprise ser jibbenefikaw minn tax credit sa €250 għal kull ħaddiem li jirċievi t-taħriġ.

203 Ser insaħħu l-iskemi ta' taħriġ u apprentistat, speċjalment f'dawk is-setturi fejn hemm nuqqas ta' ċerti ħiliet. Inniedu pjattaforma elettronika li tlaqqa' l-industrija ma' apprentisti li jkunu qed ifittxu esperjanza ta' xogħol.

204 Il-ħaddiema li jkunu laħqu l-età tal-pensjoni kapaċi jħarrġu u jrawmu sengħa f'dawk li għadhom tilgħin. Nintroduċu inċentivi fiskali biex min iħaddem iżomm miegħu jew jimpjega lura persuni li jkunu laħqu l-età tal-irtirar u b'hekk l-esperjenza tagħhom ma tintilifx.

205 Azjendi li jħaddmu magħhom u jħarrġu ħaddiema li għandhom 'il fuq minn 45 sena jingħataw sa 70% tal-paga tal-ħaddiem waqt it-taħriġ u tal-ispejjeż tal-istess taħriġ. It-taħriġ jista' jsir in-house u jekk dan ikun f'ħiliet relatati mal-informatika, id-diġitalizzazzjoni u s-sostenibilità, il-kumpanija tingħata tax credit ekwivalenti għal 10% tal-ispiża tat-taħriġ ta' kull ħaddiem.

206 Nagħrfu l-importanza tat-tagħlim fuq il-post tax-xogħol u l-ħiliet li jiksbu l-ħaddiema ser jiġu rikonoxxuti permezz ta' titjib fl-iskills card. Biex dan iseħħ, ser nestendu din l-inizjattiva għal setturi oħra li jinvolvu xogħol tal-id.



04

# Uliedna l-istilel ta' pajjiżna



Malta flimkien

L-investiment qawwi u inklussiv fit-tfal tagħna jiggarantixxi suċċess għalihom, għas-soċjetà u għal pajjiżna. L-għan tagħna hu li nibnu sistema li tgħin aħjar lill-istudenti kollha jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ filwaqt li jilħqu l-aspirazzjonijiet kollha tagħhom. Irridu naraw lit-tfal tagħna jirnexxu f'suġġetti u vokazzjonijiet differenti.

Nagħrfu li s-sewwieqa tat-tagħlim li jwassal għas-suċċess ta' wliedna huma l-edukaturi.

Għalhekk l-aqwa investiment li nistgħu nagħmlu f'pajjiżna ser ikun is-sostenn li sejrin nagħtu lill-edukaturi tagħna.

L-ewwel prijorità tagħna tibqa' li l-familji Maltin u Għawdxin ikollhom l-aqwa għodod sabiex uliedhom jirnexxu fl-iskola. Ser nagħtu wkoll l-istess importanza lill-parteċipazzjoni tat-tfal fl-isports, l-arti u l-kultura.

Is-suċċess ta' wliedna jiddependi mill-kontribut imprezzabbli li jagħtu l-edukaturi tagħna. Sar titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u kommessi li jkun hemm aktar titjib li jirrifletti r-responsabilitajiet li jġorru.

Il-garanzija ta' edukazzjoni, taħriġ jew xogħol wasslet għall-anqas numru ta' żgħażagħ fuq il-benefiċċji soċjali. Issa rridu naċċertaw ruħna li qed nilħqu lil dawk l-istudenti li jaspiraw li jkollhom karriera f'xi sengħa jew suġġett vokazzjonali ieħor.

Ser inkomplu nkunu hemm għal dawk l-istudenti li jagħżlu li jkomplu jistudjaw. Dawk li rnexxew fl-istudji tagħhom ser ikomplu jsibu l-appoġġ kollu tagħna sabiex jilħqu livelli ta' speċjalizzazzjoni ogħla.

Irridu nimxu lejn il-futur id f'id mat-tfal u l-istudenti, l-istilel li għandu pajjiżna.

## Garanzija għat-tfal

207 Nagħrfu l-valur tal-isports, l-arti u l-kultura, mhux biss fl-iżvilupp tat-tfal, iżda wkoll bħala mezz t'inklużjoni. Gvern Laburista ser iħeġġeġ parteċipazzjoni aktar wiesgħa tat-tfal f'dawn l-attivitajiet extra-kurrikulari billi jiffinanzja parti sostanzjali mill-ispiża marbuta magħhom. Għal dan il-għan ser inżidu t-tnaqqis fit-taxxa minn €100 għal €300 fis-sena għall-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom għal attivitajiet sportivi, artistiċi jew kulturali. Dawk il-ġenituri li d-dħul tagħhom mhux taxxabbli ser jirċievu l-istess ammont f'forma ta' għotja sa massimu ta' €300.

208 L-introduzzjoni ta' childcare b'xejn kien strumentali biex ħafna aktar nisa setgħu jagħżlu li jidħlu fid-dinja tax-xogħol, u aktar minn 20,000 tifel u tifla raw l-għejxien tal-familja tagħhom jitjieb. Issa li lħaqna numru rekord ta' nisa jaħdmu, ser nestendu dan is-servizz b'xejn għat-tfal kollha, irrispettivament minn jekk il-ġenituri tagħhom jaħdmux jew le. Barra minn hekk, ser intejbu s-servizz offrut miċ-ċentri taċ-childcare, niżguraw iż-żamma tajba tagħhom u formazzjoni edukattiva tal-ogħla livell.

209 Il-qari huwa inkubatur ta' ħsieb ħieles f'soċjetà moderna u pluralista. Irridu nrawmu l-imħabba lejn il-kotba fit-tfal minn ċkunithom. Ser nibagħtu messaġġ ieħor b'saħħtu favur il-qari bit-tqassim ta' sett kotba kull sena lit-tfal kollha tal-livell primarju, biex dawn jibnu librerija ċkejkna f'darhom.

210 Id-dinja tal-lum iddur mat-teknoloġija u kull tifel u tifla għandhom ikollhom aċċess għal għodod teknoloġiċi edukattivi. Ser nestendu l-inizjattiva one-tablet-per-child u nqassmu laptop ġdid lil kull student fis-seba' sena.

211 Nemmnu li għandna ngħinu dejjem aktar lill-familji tal-istudenti sabiex ikollhom l-għodod kollha neċessarji fil-perkors edukattiv tagħhom. Dawk l-istudenti kollha tal-livell primarju u sekondarju li ġejjin minn familji bi dħul ta' €14,300 jew anqas ser ikunu intitolati għal servizz tal-internet bażiku u uniformi waħda b'xejn kull sena.

212 Skema 9 toffri l-għażla lil numru ta' tfal li jibbenefikaw minn wieħed minn sensiela ta' għajnuniet, fosthom uniformi b'xejn, lunch kuljum, sett stationery b'xejn, fotokopji b'xejn u attivitajiet extra-kurrikulari bla ħlas. L-iskema ser titwessa' biex it-tfal eleġibbli ma jkollhomx jagħżlu mis-servizzi offruti, iżda jkunu eleġibbli għalihom kollha. Mas-servizzi msemmija, ser nagħtu wkoll nuċċali tal-vista b'xejn lil dawk it-tfal li jeħtiġuh.

## Edukazzjoni b'saħħitha minn età bikrija

213 L-aċċess għall-edukazzjoni bikrija u l-ħarsien tat-tfal huwa kruċjali sabiex dawn jilħqu l-potenzjal tagħhom. Għalhekk ser insaħħu l-miżuri ta' interventi professjonali bikrin biex nidentifikaw u nindirizzaw kwalunkwe diffikultajiet fit-tagħlim kmieni kemm jista' jkun. Nibdew noffru s-servizz ta' learning support educators fiċ-childcare centres.

214 Nipprovdu taħriġ kontinwu lill-edukaturi kollha f'dan il-livell biex ikunu jistgħu jgħinu aktar lit-tfal jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom. Ser inniedu top-up degree għall-kindergarten educators biex ikomplu bit-taħriġ professjonali tagħhom.

215 Jiġi żviluppat materjal awdjoviżiv bil-lingwa Maltija biex jistimula l-qari u t-tagħlim tal-lingwa online. F'dan l-aspett ser isir investiment qawwi għaliex nemmnu bis-sħiħ fil-lingwa Maltija u konxji mill-fatt tan-nuqqas ta' riżorsi f'dan ir-rigward.

216 Inwaqqfu ċentru tal-letteratura u rakkuntar tal-istejjer sabiex insaħħu l-ħiliet tal-elokwenza fil-lingwa Maltija fit-tfal. Dan iċ-ċentru ser iservi wkoll bħala spazju soċjali għal skop ta' inklużjoni.

# Edukazzjoni Primarja

217 Inġeddu l-impenn tagħna li nagħtu l-aqwa esperjenza edukattiva lil uliedna sa minn età żgħira. Is-sistema edukattiva tagħna trid taddatta aktar għall-bżonnijiet tat-tfal u mhux bil-kontra. Bis-sehem attiv tal-edukaturi, il-ġenituri u l-istudenti nfushom irridu nibnu sistema aktar inklussiva u li tiżviluppa l-kwalitajiet u l-potenzjal ta' kull tifel u tifla. Jekk verament irridu nagħtu l-aqwa esperjenza edukattiva, irridu nħarsu lejn kurrikulu li kapaċi jqanqal il-ħsieb kritiku, l-interess u l-kreattività, b'importanza akbar lejn l-arti, il-kultura u l-isports.

218 Ftit ġranet qabel il-ftuħ tas-sena skolastika nibdew norganizzaw sessjonijiet introduttorji mmirati għat-tfal u l-ġenituri fl-ewwel sena tal-kindergarten u l-primarja. Il-ħsieb wara dawn is-sessjonijiet hu li t-tfal jiffamiljarizzaw ruħhom aħjar mal-iskola l-ġdida u jagħmlu ħbieb ġodda. Fl-istess waqt il-ġenituri jkunu jistgħu jifhmu aħjar x'inhu mistenni minnhom u kif jistgħu jgħinu lil uliedhom.

219 It-tfal għandhom iqattgħu iktar ħin ta' kwalità mal-familja. Jekk ninsew it-tifsira tat-tfulija u din x'tirrappreżenta nkunu qegħdin nonqsu lilhom u lill-ġenerazzjonijiet futuri. Ser intellgħu d-diskussjoni li diġà bdiet dwar il-homework u l-ħin liberu tat-tfal fuq livell nazzjonali. Irridu nimxu lejn sistema edukattiva mingħajr il-bżonn tal-homework.

220 L-ikel nutrittiv irid ikun aċċessibbli għat-tfal kollha fl-iskejjel tagħna. Hekk kif qed jitnaqqsu r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija, ser inkunu qed nerġgħu nintroduċu d-distribuzzjoni ta' frott u ħaxix frisk fl-iskejjel primarji b'aktar porzjonijiet fil-ġimgħa. Ser naraw li tibda din l-inizjattiva fl-iskejjel sekondarji wkoll.

221 Irridu niżguraw li t-tfal ħerġin mill-iskola primarja huma mħarrġa biżżejjed u għandhom il-ħiliet bażiċi biex ikomplu jibnu fuqhom fis-sekondarja. Permezz ta' investiment qawwi, taħriġ kontinwu u komunikazzjoni miftuħa bejn l-għalliema u l-ġenituri niżguraw li t-tranżizzjoni tat-tfal għall-iskola medja u sekondarja tkun waħda pożittiva u mingħajr skossi.

# Edukazzjoni Medja u Sekondarja

222 Jissokta l-vjaġġ edukattiv li fl-aħħar snin mexa lil hinn minn sistema ta' one-size-fits-all għal waħda iktar inklussiva u komprensiva li toffri rotot differenti ta' kisbiet. Nimmiraw li nnaqqsu d-disparità fir-riżultati miksuba bejn il-bniet u s-subien kif ukoll bejn l-istudenti li jattendu skejjel differenti.

223 Inniedu diskussjoni wiesgħa biex niżguraw li l-Kurrikulu Nazzjonali qiegħed iħejji tajjeb lill-istudenti tagħna għad-dinja tax-xogħol ta' għada. Id-diskussjoni għandha ddur ukoll man-numru ta' suġġetti, ir-relevanza tagħhom u dwar meta u kif għandha ssir l-għażla tas-suġġetti.

224 Minkejja li jeżisti qbil dwar l-importanza tal-edukazzjoni informali, is-sistema edukattiva tagħna ma tirrikonoxxix dan biżżejjed. Naraw li t-tagħlim u l-parteċipazzjoni attiva f'attivitajiet informali u dawk extra-kurrikulari bħall-isports, l-arti u l-kultura jkunu akkreditati fejn għadu mhux il-każ. Dawn iridu jkunu rikonoxxuti bħala parti mill-perkors edukattiv tat-tfal fl-avvanz tagħhom.

225 Nagħtu importanza akbar lis-suġġetti tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika, kif ukoll l-approċċ multidixxiplinarju STEAM. Dan tal-aħħar jinseġ pedagoġiji tal-arti u kreattività ma' dawn is-suġġetti u jgħin l-iżvilupp ta' ħiliet transversali.

226 B'għarfien tal-importanza tal-ħsieb komputazzjonali fis-soċjetà u l-ekonomiji kontemporanji, nintroduċu gradwalment is-suġġett tal-coding bħala suġġett ewlieni fl-iskejjel primarji u sekondarji.

227 Nibdew diskussjoni biex niżviluppaw il-Malta Visual and Performing Arts School f'akkademja li tiġbor fiha l-arti performattiva kollha u toffri tagħlim li jwassal għal kwalifiċi akkreditati fil-livell ta' MQF level 4 u 5.

228 L-iskejjel huma inkubatur għaċ-ċittadini ta' għada. Nagħtu importanza akbar lill-edukazzjoni ċivika u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà ċivili.

229 Noffru l-opportunità lill-għalliema u l-istudenti kollha jitħarrġu fil-first aid minn professjonisti kwalifikati.

## Skejjel moderni u attrezzati

230 L-iskejjel huma t-tieni dar tat-tfal u l-edukaturi. Għalhekk ser inkomplu bi programm ta' bini ta' skejjel fejn meħtieġ biex insaħħu u ntejbu l-ambjent edukattiv f'aktar lokalitajiet. Il-ftuħ tal-iskejjel primarji ġodda f'San Pawl il-Baħar u Marsaskala, l-iskola medja f'Ħal Kirkop u l-iskola sekondarja ġdida f'Ħad-Dingli huwa xhieda tal-impenn tagħna f'dan il-qasam. Naraw li jitlesta x-xogħol fuq il-bini tal-iskejjel ġodda fl-Imsida u r-Rabat Għawdex. Ser nibdew ukoll ix-xogħol fuq il-bini ta' skola primarja ġdida fil-Mosta kif ukoll estensjoni tal-iskola primarja tal-Mellieħa.

231 Gvern Laburista ser ikompli bil-programm ta' rinnovar estensiv ta' skejjel oħra madwar Malta u Għawdex. Fl-ewwel parti tal-leġiżlatura jibda x-xogħol fl-iskola ta' Ħal Għaxaq, l-iskola sekondarja taż-Żejtun u l-iskola ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. Ser jinbena wkoll kumpless sportiv ġewwa l-iskola ta' Santa Luċija.

232 Inkomplu nagħmlu rinnovazzjoni estensiva wkoll fl-iskejjel ta' Għawdex. Jitlesta x-xogħol ta' rinnovazzjoni tas-sixth form fir-Rabat u jsir xogħol ta' modernizzar fuq l-iskejjel tan-Nadur, l-Għarb, iż-Żebbuġ u Kerċem, fost oħrajn.

233 Ser ninvestu €20 miljun fl-immodernizzar ta' 180 laboratorju tax-xjenza fl-iskejjel biex l-istudenti jirċievu l-ogħla livell ta' tagħlim fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika.

234 Ninstallaw sistemi ta' arja kkundizzjonata fil-klassijiet u staff rooms fl-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex. Isir energy audit, jitwaħħlu twieqi double glazed u jsir roof insulation f'dawk l-iskejjel fejn ma hemmx.

## Edukazzjoni Postsekondarja

235 Kburin ferm li llum pajjiżna għandu fost l-inqas rata ta' early school leavers li qatt kellu pajjiżna flimkien mal-inqas rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ. Minkejja dan konxji li għad baqa' x'nagħmlu. Irridu niżguraw li s-sistema edukattiva tagħna qed tħejji l-istudenti bl-aħjar mod għad-dinja tax-xogħol. Fl-istess waqt, irridu naraw li n-numru ta' studenti li jkomplu bl-istudji tagħhom wara l-età obbligatorja jkompli jikber. Inġeddu l-garanzija taż-żgħażagħ fejn nassiguraw li nipprovdu taħriġ lil żgħażagħ li ma jkunux jaħdmu jew jistudjaw.

236 Minkejja li l-funzjoni ewlenija tal-Junior College għandha tibqa' dik li tħejji l-istudenti għall-Università ta' Malta, il-Kulleġġ għandu jħares lil hinn u jibda joffri programmi edukattivi sa MQF level 5 li jistgħu jwasslu għall-bidu ta' karrieri ġodda.

237 Inkomplu bl-investiment fil-Junior College bil-għan li noħolqu ambjent ta' tagħlim aħjar u li jippromwovi ħajja studenteska attiva. Jiġu mmodernizzati l-lecture rooms, l-uffiċini u l-common areas, filwaqt li jinbnew librerija ġdida, multi-purpose sports hall, kappella u multi-faith room, art studios ġodda u recording facilities għat-teatru u l-arti performattiva. Isir student village li jiġbor fih l-uffiċini tal-għaqdiet studenteski u l-Youth Hub.

238 Ser noħolqu spazju miftuħ ġdid fil-Higher Secondary School fin-Naxxar, faċilitajiet sportivi ġodda kif ukoll parkeġġ li mistenni jtaffi l-problema tal-parkeġġ fil-madwar.

239 L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) għandu rwol importanti fit-tisħiħ tal-prodott turistiku Malti. Jitfasslu aktar korsijiet ġodda skont il-ħtiġijiet tal-industrija fl-ospitalità, inkluż korsijiet qosra online u oħrajn ġodda fit-taħriġ ta' stewards fuq superyachts u membri tal-cabin crew tal-ajruplani.

## MCAST

240 Nibnu fuq ir-rabta tajba li diġà teżisti bejn l-MCAST u l-industrija biex noħolqu korsijiet vokazzjonali u opportunitajiet ta' taħriġ ġodda li jirriflettu l-bżonnijiet tal-ekonomija ta' għada. Bil-ħsieb li nindirizzaw il-bżonn ta' ħaddiema tas-sengħa, ser inwaqqfu istitut ġdid għas-snajja' fl-MCAST. Dan l-istitut ser joffri taħriġ akkreditat minn edukaturi mħarrġa u ħaddiema ta' esperjenza fi snajja' varji.

241 Il-bini ta' kampus tal-MCAST ġdid f'Raħal Ġdid daħal fil-fażi finali tiegħu u ser jinkorpora fih ukoll il-bini ta' Istitut għall-Arti u l-Kreattività kif ukoll Istitut għas-Servizzi fil-Komunità. Barra minn hekk, ser isir investiment fil-faċilitajiet sportivi u jitkabbar l-auditorium tal-kulleġġ li jinkludi wkoll spazju ġdid għall-arti tal-ispettaklu.

242 Tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-MCAST, il-Malta Film Commission u l-industrija kreattiva sabiex jiġi indirizzat il-bżonn ta' ħiliet speċifiċi għall-produzzjonijiet ċinematografiċi u televiżi lokali. Minbarra taħriġ dirett, ser nipprovdu aktar opportunitajiet ta' speċjalizzazzjoni teknika b'arranġamenti ma' istituzzjonijiet edukattivi barranin.

243 Nagħmlu mill-MCAST kulleġġ għall-komunità. Il-librerija mifruxa fuq żewġ pjani fir-Resource Centre ser tinfetaħ għall-użu tal-pubbliku inġenerali matul il-ġurnata kollha. L-għaqdiet volontarji jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dan il-post biex itellgħu attivitajiet edukattivi u soċjali. Il-pubbliku jkun jista' jagħmel użu wkoll mill-faċilitajiet sportivi tal-MCAST.

244 Il-kunċett ta' kulleġġ għall-komunità imur lil hinn mill-ftuħ tal-faċilitajiet tal-MCAST għall-pubbliku. Il-kulleġġ ser iwessa' l-evening classes biex iħajru u jakkomodaw aħjar lil adulti li jaħdmu matul il-ġurnata u jixtiequ jtejbu l-ħiliet tagħhom.

245 Bil-bini ta' ċentru għall-komunità ser noħolqu spazju ġdid minn fejn l-istudenti tat-terapija u l-beauty and care jkunu jistgħu joffru servizz lill-pubbliku.

## Università ta' Malta

246 Nissoktaw bid-diskussjonijiet mal-partijiet kollha kkonċernati sabiex jitlesta u jiġi ppreżentat l-Att għall-Università. Din il-liġi ser tkun marbuta mal-Att dwar l-Edukazzjoni u tikkumplimenta l-Att għall-MCAST. B'dan it-tibdil irridu nsaħħu l-qafas legali u dak strutturali għall-edukazzjoni għolja f'pajjiżna.

247 Ser inkomplu ninċentivaw u nkunu ta' spalla għal dawk l-istudenti li jixtiequ javvanzaw bl-istudji tagħhom fil-livell ta' masters u dottorat. Insaħħu l-programmi eżistenti ta' scholarships u tax credits filwaqt li noħolqu oħrajn ġodda b'allokazzjoni akbar ta' fondi biex ngħinu aktar studenti jispeċjalizzaw fl-istudji tagħhom.

248 L-Università ta' Malta ser ikollha kumpless sportiv modern u attrezzat li ser jipprovdi faċilitajiet ġodda għall-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u l-Isports u l-Iskola tal-Arti Performattiva. Il-proġett ser jinkludi grawnd tal-futbol, tracks għall-atletika ġewwa u barra, klinika sportiva, squash courts u teatri u studios għall-artisti. Il-proġett ser ikun jinkludi wkoll parkeġġ taħt l-art li jesa' aktar minn 1,000 karozza.



249 Irridu nwessgħu l-orizzonti tal-istudenti tagħna b'aktar esperjenzi barra minn xtutna. Il-mira tagħna hija li minn tal-inqas 20% tal-istudenti fil-livell terzjarju jagħmlu parti mill-kors tagħhom f'universitajiet barra minn Malta.

250 Ir-riċerka multidixxiplinarja qed issir aktar importanti għax twassal għal soluzzjonijiet aktar ħolistiċi. Għaldaqstant qegħdin nipproponu fondi speċifiċi għar-riċerkaturi li jaħdmu b'mod transdixxiplinarju fi proġetti li jkunu siewja għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku u ambjentali tal-pajjiż.

## L-aqwa kundizzjonijiet għall-edukaturi

251 Kull persuna li tilħaq il-potenzjal tagħha fil-perkors edukattiv tafu lill-għalliema. Nagħrfu wkoll l-impenn dedikat tal-edukaturi fiż-żminijiet diffiċli tal-pandemija. Fl-aħħar snin l-edukaturi bbenefikaw minn wieħed mill-aqwa pakketti ta' żieda fil-pagi. Minkejja dan, xorta waħda tinħass il-ħtieġa li l-pagi għandhom jogħlew meta kkumparat mal-livell tax-xogħol u r-responsabilità li għandhom. Ġaladarba l-ftehim settorjali u dak kollettiv waslu biex jiġġeddu, ser naraw li jkun hemm titjib sinifikanti ieħor fil-pagi tal-edukaturi matul il-ħames snin li jmiss.

252 Iċ-childcare u l-kindergarten ukoll għandhom sehem importanti fil-formazzjoni tat-tfal tagħna. Il-kindergarten assistants u l-early-years educators fiċ-childcare centres ser jaraw titjib fil-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom fil-ftehim kollettiv li jmiss.

253 Għalina l-edukaturi u r-rappreżentanti tagħhom huma msieħba importanti li għandhom il-futur ta' wliedna għal qalbhom. Nemmnu li l-edukaturi għandu jkollhom irwol akbar ta' policy-makers u hemm bżonn li jkunu integrati aħjar fir-riċerka u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Irridu nsaħħu d-djalogu mal-edukaturi minn oqsma differenti sabiex niddiskutu kwalunkwe bidla intiża biex ittejjeb is-sistema preżenti, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-futur tal-professjoni tagħhom.

254 Filwaqt li nsaħħu d-djalogu mal-edukaturi u r-rappreżentanti tagħhom, jitwaqqaf ċentru tar-riċerka indipendenti mill-Gvern. Dan iċ-ċentru ser iservi ta' inkubatur ta' innovazzjonijiet fil-qasam edukattiv. Ikollu l-opportunità li jikkollabora ma' ċentri ta' riċerka internazzjonali, kumpaniji ta' riċerka lokali u entitajiet governattivi fi proġetti ta' riċerka fuq sistemi edukattivi u metodi ta' tagħlim għall-preżent u l-futur.

255 Kull bidla, f'kull livell tas-sistema edukattiva tagħhna trid tieħu inkonsiderazzjoni l-impatt li kellha l-pandemija fuq l-istudenti u l-mod ta' kif isir it-tagħlim. Miftuħin għall-idea li nżommu ċertu prattiċi li ħadmu tajjeb waqt il-pandemija bħall-parents' day online, fost oħrajn.

256 Nagħrfu l-ħtieġa li rridu nattiraw aktar studenti lejn il-professjoni tal-għalliema. Minbarra t-titjib fil-pagi, l-għalliema ser jaraw titjib ieħor fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Inkomplu ninvestu fit-taħriġ kontinwu tagħhom b'toroq ċari għall-progress fil-karriera. Naħdmu biex innaqqsu aktar il-burokrazija u x-xogħol amministrattiv biex l-għalliema jkunu jistgħu jiffokaw aktar fuq it-tagħlim.

257 Is-supply teachers li jiġu kkonfermati fl-istess xogħol wara li jkunu kisbu b'suċċess il-kwalifiċi meħtieġa fil-pedagoġija mhumiex ser jitilfu s-snin li jkunu ħadmu fejn jidħol il-progress fil-karriera. Is-supply teachers ukoll ser jaraw titjib fis-salarji tagħhom.

258 Hekk kif l-istudenti li qed jistudjaw biex jilħqu għalliema bdew jirċievu ħlas għat-teaching practice, l-istudenti kollha li qed jistudjaw biex jilħqu kindergarten educators jew learning support educators jibdew jirċievu l-ħlas waqt it-teaching practice huma wkoll.

## Għajnuna akbar lill-istudenti

259 Il-Partit Laburista jrid jara lit-tfal u ż-żgħażagħ kollha jirnexxu. Ser ngħinu lil dawk il-ġenituri li wliedhom ikomplu bl-edukazzjoni tagħhom wara l-età obbligatorja permezz ta' tax credit jew għotja ta' €500 fis-sena għal tliet snin; total ta' €1,500 f'għajnuna diretta. Dawk l-istudenti li jgħixu għal rashom ser jirċievu din l-għajnuna f'forma ta' għotja.

260 L-istipendju huwa bżonn u mhux lussu. Għadna kif żidna l-istipendju b'10% u fil-leġiżlatura li jmiss ser nerġgħu nżidu dan l-ammont bi 15% oħra.

261 Barra ż-żieda prorata tal-kumpens għall-għoli tal-ħajja, bl-istess mod l-istudenti ser jibdew jibbenefikaw mill-mekkaniżmu l-ġdid għall-għoli tal-ħajja li ser jitwaqqaf indipendentement mill-COLA.

262 L-istudenti li jibbenefikaw minn għajnuna supplimentari ser jibbenefikaw minn żieda ta' 15% ukoll.  Ser inwessgħu l-eliġibilità għal din l-għotja addizzjonali biex nilħqu aktar studenti li jkunu ġejjin minn familji bi dħul baxx.

263 Jitwaqqaf fond speċjali biex l-istudenti f'istituzzjonijiet postsekondarji jew terzjarji li jkunu għaddejjin minn perjodu diffiċli f'ħajjithom jingħataw l-għajnuna meħieġa, inkluż appoġġ materjali immedjat, sakemm ikunu jistgħu jibdew jirċievu l-għajnuna soċjali jew servizzi oħra.

264 Filwaqt li nisħqu dwar l-importanza li jkun hemm bilanċ bejn l-istudju u x-xogħol, in-numru ta' sigħat fil-ġimgħa li student full-time ikun jista' jaħdem u jibqa' eleġibbli għall-istipendju jerġgħu jiżdiedu u jitilgħu minn 25 għal 30 siegħa.

## Kultura ta' qari fost it-tfal u l-familji

265 Jissokta x-xogħol fuq l-immodernizzar tal-libreriji pubbliċi kollha madwar Malta u Għawdex. In-nefqa tinkludi tisbiħ tal-libreriji nfushom, xiri ta' kotba ġodda, materjal interattiv u tagħmir diġitali.

266 Nimmodernizzaw il-libreriji fil-klassijiet u nħeġġu lit-tfal jissuġġerixxu t-titli ta' kotba li jridu jaqraw. Jitwaħħlu aktar open library boxes fil-ġonna u jiġu organizzati sessjonijiet ta' reading classes barra l-ambjent tal-iskola.

267 Irridu nrawmu kultura ta' qari sa minn età żgħira. Ser intellgħu kampanja mmirata lejn il-ġenituri u jitqassmu sett kotba mal-baby sustainable box biex inħeġġuhom jaqraw lil uliedhom.

268 L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu li waqqafna fl-2014 kienet storja ta' suċċess. Ser inżidu r-riżorsi u l-programmi edukattivi f'dan il-qasam, kemm bil-Malti u bl-Ingliż. Barra minn hekk, ser inżidu l-interventi fil-litteriżmu fl-iskejjel bħal dawk tar-Reading Recovery maħsuba biex it-tfal kollha jkollhom il-ħiliet bażiċi fil-qari u l-kitba.

## Edukazzjoni aktar inklussiva

269 It-tranżizzjoni minn fażi għal oħra tal-vjaġġ edukattiv għandha tkun faċli kemm jista' jkun. Flimkien mal-professjonisti u l-edukaturi ser infasslu programm individwali intiż biex jipprepara u jwieżen tfal b'diżabilità tul il-perkors edukattiv u li għandu jwassalhom għad-dħul fid-dinja tax-xogħol.

270 Insaħħu l-preżenza ta' psikologi u youth workers fl-iskejjel sabiex jgħinu u jkunu ta' appoġġ għal dawk it-tfal li jkunu għaddejjin minn perjodu t'ansjetà, stress, rabja eċċessiva jew sfidi ta' saħħa mentali.

271 Irridu nsaħħu l-funzjoni taċ-Child Development Assessment Unit (CDAU) billi nikkonsolidaw is-servizzi offruti minn entitajiet differenti f'binja ġdida u adegwata għall-ħtiġijiet tal-lum.

272 Ser nestendu kemm nistgħu s-servizz ta' occupational therapy provdut mis-CDAU fl-iskejjel. It-tfal jibdew jirċievu din it-terapija f'ambjent ta' skola u mhux iktar fi sptar. B'hekk iħossuhom aktar inklużi u xejn anqas minn tfal oħra.

273 Jitwaqqaf ċentru tas-CDAU f'Għawdex sabiex joffri s-servizzi li bħalissa qed jiġu offruti biss minn Malta. B'hekk ser innaqqsu l-inkonvenjent u l-iskariġġ għat-tfal u l-familji tagħhom li jużaw dan is-servizz b'mod regolari.

274 Irridu li l-istudenti kollha jkunu tassew inklużi fl-edukazzjoni. Ser niftħu resource centre f'kull kulleġġ f'Malta u Għawdex bil-ħsieb li nindirizzaw aħjar il-bżonnijiet individwali tat-tfal b'diżabilità mingħajr ma jieħdu post it-tagħlim fil-klassi mat-tfal l-oħra.

275 Inkomplu nsaħħu l-għajnuna individwali biex jingħelbu l-ostakli tat-tagħlim. L-istudenti li jkomplu jistudjaw f'livell postsekondarju u terzjarju ser jibqgħu jibbenefikaw mis-servizzi kollha li kienu jirċievu fl-edukazzjoni obbligatorja u jingħataw assistenza akbar.

## Opportunitajiet indaqs

276 L-iskejjel jitfgħu dawl fuq realtajiet differenti. Naraw li tissaħħaħ il-ħidma bejn l-iskejjel, il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) u d-Dipartiment għas-Saħħa Pubblika, fost oħrajn, biex jittieħdu l-passi preventivi meħtieġa fl-aħjar interess tat-tfal.

277 Minbarra l-għotja ta' €10,000 fis-sena biex il-kapijiet tal-iskola jiżguraw li t-tfal ma jkunx jonqoshom affarjiet bażiċi bħal ikel u riżorsi, l-allokazzjoni ta' fondi għall-iskejjel għandha tirrifletti r-realtà ta' dik l-iskola. Flimkien mal-iskejjel u tim ta' professjonisti multidixxiplinari ser infasslu programmi mmirati biex nindirizzaw dawn l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom it-tfal. L-iskejjel li qed jirċievu l-akbar numru ta' studenti ġejjin minn ambjent diffiċli jirċievu allokazzjoni ta' fondi akbar, kif ukoll ir-riżorsi kollha meħtieġa biex iwettqu dan il-programm.

278 Issa li l-attendenza obbligatorja reġgħet laħqet il-livelli ta' qabel il-pandemija, ser nagħtu attenzjoni akbar u individwali lil dawk it-tfal li għadhom qed ifallu l-iskola mingħajr ebda raġuni. Bl-għajnuna tal-iskejjel u permezz ta' tim ta' professjonisti, irridu nindirizzaw il-kawża għall-assenteiżmu fost dawn it-tfal aktar milli sempliċiment nimponu l-multi.

279 Iċ-childcare qed jikkontribwixxi fit-tul biex innaqqsu l-early school leavers u nindirizzaw numru ta' sfidi soċjali sa minn età żgħira. Hekk kif ser nestendu ċ-childcare, ser inwessgħu wkoll is-servizz ta' Klabb 3-16 u Skola Sajf biex nilħqu aktar tfal u nippromwovu t-tagħlim barra l-ħin tal-iskola.

280 Bl-istess mod ser insaħħu l-programm tas-summer catch-up classes għat-tfal li jkunu waqgħu lura. Minkejja li dawn il-lezzjonijiet ta' reviżjoni mhumiex obbligatorji, huma jservu ta' mezz effettiv kif l-istudenti jħejju ruħhom għas-sena skolastika ġdida.

281 Ma rridu li l-ebda tifel u tifla jintilef fis-sistema edukattiva tagħna. Ser insaħħu l-programmi vokazzjonali bħalma huma l-Alternative Learning Programme u GEM16+ li huma intiżi biex jgħinu lil dawk l-istudenti li għandhom diffikultà ta' tagħlim jew għadhom kif temmew l-iskola obbligatorja mingħajr ebda kwalifiċi.

282 B'kollaborazzjoni mal-MCAST jinfetħu ċentri ta' filgħaxija biex jiġu mgħallma snajja' fil-livell sekondarju.

283 Il-Cottonera Resource Centre tal-Univeristà ta' Malta huwa mmirat biex jippromwovi l-edukazzjoni ogħla u t-taħriġ kontinwu fiż-żona tal-Port il-Kbir. Dan il-mudell għandu jissaħħaħ u tiġi kkonsidrata l-possibilità li jkun hemm ċentri oħra bħalu f'reġjuni oħra.



# 05

# L-ambjent għal kwalità ta' ħajja aħjar


Malta flimkien
Robert Abela 2022

Malta flimkien

Fl-aħħar snin wettaqna proġetti ambjentali kbar li diġà bdew iħallu impatt pożittiv fil-ħajja tan-nies. Irridu nagħtu l-istess importanza lill-ambjent urban u l-ħolqien ta' spazji miftuħa fl-irħula u l-ibliet tagħna għall-benesseri taċ-ċittadini kollha. Huwa xieraq li dawn iż-żoni jingħataw lura lin-nies.

Għażilna li nittrasformaw partijiet żdingati minn pajjiżna fi spazji ħodor għat-tgawdija tal-pubbliku. Ħadna deċiżjonijiet importanti biex innaqqsu t-tniġġis fl-arja, nirriċiklaw ammonti rekord ta' skart u ndaħħlu projbizzjoni fuq il-bejgħ ta' single-use-plastics.

Konxji li baqa' xi jsir u għandna pjan ambizzjuż li ser jagħti dehra aktar sabiħa lil pajjiżna. In-nies għandhom ikollhom aċċess għal spazji miftuħa, bla karozzi u bis-siġar, qrib kemm jista' jkun ta' fejn jgħixu jew jaħdmu.

L-iżvilupp u x-xejriet ta' konsum tagħna jridu jkunu sostenibbli u bl-anqas ħela possibbli. Qed nimxu mixja flimkien lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari.

L-ambjent ta' pajjiżna jiddependi mill-azzjonijiet ta' kull wieħed u waħda minna lkoll flimkien.

## L-akbar investiment fl-ambjent

284 Gvern Laburista ser jalloka €700 miljun fuq medda ta' seba' snin biex intejbu l-ambjent tagħna bil-ħolqien ta' spazji ħodor ġodda fiż-żoni urbani, b'enfasi fuq dawk il-lokalitajiet fiċ-ċentru u n-Nofsinhar ta' Malta li huma neqsin minn spazji miftuħa. Dan l-investiment ser jissarraf f'parks, proġetti ta' urban greening, żoni pedonali f'kull lokalità u l-introduzzjoni ta' parkeġġi taħt l-art fejn hu possibbli. Dawn il-progetti ser iwasslu biex it-tfal, il-familji, l-anzjani u l-komunitajiet kollha tagħna jgħixu f'ambjent aħjar.

285 Ninvestu fil-kunċett ta' urban green reclamation fejn il-Gvern jikkonverti binjiet pubbliċi eżistenti, jew jixtri bini privat, biex jiġu rriġenerati fi spazji għat-tgawdija tal-familji u l-komunità kollha f'żoni li huma neqsin minn spazji miftuħa.

286 Bl-istess mod nidħlu f'diskussjonijiet ma' sidien privati ta' spazji miftuħa u ġonna kbar, l-aktar dawk fil-qalba ta' żoni urbani, sabiex il-Gvern ipartat jew jixtri dawn il-proprjetajiet u jagħmilhom aċċessibbli għall-pubbliku.

287 L-art pubblika għandha titgawda minn kulħadd. Ser nibdew eżerċizzju ta' demarkazzjoni ċara taż-żoni u passaġġi pubbliċi fil-kampanja li jkunu jistgħu jitgawdew mill-familji Maltin u Għawdxin. Infasslu nature trails madwar Malta u Għawdex u tinħoloq mobile app li tiggwida lin-nies lejn dawk iż-żoni li huma pubbliċi.

288 Irridu nħeġġu l-familji Maltin u Għawdxin iqattgħu aktar ħin fil-kampanja, jirrilassaw u jagħmlu eżerċizzju fiżiku. Nippromwovu l-ħolqien ta' green networks qrib kemm jista' jkun ta' fejn tgħix. Dawn ikunu jikkonsistu f'link waħda li tieħdok 'il barra miż-żona urbana u twasslek fil-kampanja. L-ispazji miftuħa li jaqgħu mal-mogħdija ser jingħaqdu ma' dan il-passaġġ. Wieħed minn dawn in-networks jista' jwasslek mill-Mellieħa sax-Xgħajra. Noħolqu l-istess kunċett mal-kosta u l-widien ta' Għawdex.

# Proġetti ambjentali ambizzjużi għall-benesseri ta' kulħadd

289 Inlestu x-xogħol fuq il-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali li ser ikun l-akbar proġett ambjentali li qatt sar f'pajjiżna. L-ispazju miftuħ f'Ta' Qali ser jikber bid-daqs ta' aktar minn 60 grawnd tal-futbol. Ser jitħawlu 'l fuq minn 60,000 siġra ġdida b'aktar minn 86,000 $m^2$ ta' landscaping. Dan il-proġett ser joħloq l-akbar spazju miftuħ sabiex jitgawda mill-pubbliku għal skopijiet ta' rikreazzjoni, attivitajiet fiżiċi u kulturali.

290 Wara li saru l-istudji neċessarji fuq il-proġett ta' Triq Sant'Anna fil-Floriana, qed nikkommettu ruħna li din il-ħolma aspiranti ta' bosta ssir realtà għall-benesseri ta' kulħadd speċjalment ta' dawk li jgħixu fl-inħawi. Dan ifisser li ż-żona mill-Iljun tal-Floriana sal-Monument tal-Gwerra ser tingħata lill-pubbliku, bit-traffiku jgħaddi minn taħt l-art. Il-proġett ser jiġi estiż biex jipprovdi pedestrian link mhux interrotta sa Pjazza Kastilja u l-kumplament tal-Belt Valletta.

291 Il-Gvern ħadem sabiex l-ispazju li jintuża bħala parkeġġ fi Triq San Pawl f'Bormla ma jittiħidx għall-iżvilupp. Minflok ser inkunu qed nirriġeneraw din iż-żona fi spazju miftuħ u isbaħ li joffri ambjent ta' rilassament għal min iżuru. Il-proġett ser jinkludi wkoll faċilitajiet ta' parkeġġ taħt l-art għar-residenti u dawk kollha li jżuru Bormla u l-Isla.

292 Wara li tlestew l-istudji tekniċi fiż-żona tal-mini ta' Santa Venera, jibda x-xogħol fuq it-tisqif taż-żona barra l-mina u jinħolqu spazji miftuħa, ġnien u faċilitajiet għall-pubbliku fuqha.

293 Jitnieda studju fuq proġett simili għall-ġid tar-residenti Marsin fiż-żona ta' Triq Diċembru Tlettax li jgħaqqad il-lokalità li fil-preżent tinsab maqsuma min-nofs.

294 Proġett ieħor li huwa ppjanat huwa t-tisqif ta' parti mill-vija tal-ilma tul Triq il-Qasab f'Birkirkara. Dik li fil-preżent hija ħofra twila tal-konkos minn fejn jgħaddi l-ilma ser tissaqqaf b'mod li ma twaqqafx il-volum tal-ilma li jgħaddi, filwaqt li noħolqu spazju aħdar ġdid fil-qalba ta' Birkirkara.

295 Dak li sal-lum huwa s-sit okkupat mill-fabbrika tal-ħalib fil-Ħamrun, ser jiġi kkonvertit f'pulmun aħdar ferm bżonjuż fil-qalba ta' din il-lokalità. Il-fabbrika preżenti ser titwaqqa' u ser jinbena parkeġġ taħt l-art bi spazju aħdar miftuħ fuqu fuq medda ta' aktar minn għaxar tomniet.

296 Il-proġett ta' Ġnien Karin Grech f'San Ġwann ser jiġi estiż b'mod li tinħoloq pjazza u spazju kbir aħdar ġdid fil-lokalità. It-traffiku qed jiġi propost li jgħaddi minn mina, filwaqt li ser jiġi introdott parkeġġ taħt l-art li ser jipprovdi d-doppju tal-ispazji tal-parkeġġ preżenti. L-ispazju miftuħ ser ikun wieħed magħqud b'tali mod li jsir tliet darbiet akbar minn dak preżenti.

297 Fix-xhur li għaddew ħabbarna u bdejna naħdmu fuq numru ta' proġetti ta' urban greening bil-għan li noħolqu spazji miftuħa, siguri u ħodor fiċ-ċentri urbani tagħna. Naraw li l-proġetti li qed isiru f'Ħaż-Żabbar, il-Ħamrun, il-Marsa, il-Mosta u Ħal Qormi jitlestew fl-inqas żmien possibbli sabiex nagħtu lir-residenti tal-madwar pulmun aħdar ġdid u kwalità ta' ħajja aħjar.

298 Ġnien ir-Rinella fil-Kalkara ser ikun l-ewwel ġnien sostenibbli f'Malta bl-użu ta' teknoloġija innovattiva ta' solar paving, smart benches u solar smart bins. Immudellat fuq dan il-proġett ser inniedu programm estensiv ta' manutenzjoni u tisbiħ li għandu jara li l-bandli u ġonna pubbliċi f'pajjiżna jibdew jaħdmu b'mod sostenibbli.

299 Hekk kif komplew jiġu rrilokati l-proċessi mill-Impjant tar-Riċiklaġġ ta' Sant' Antnin, inkomplu naħdmu sabiex dan l-impjant jingħalaq u jiġi ttrasformat fi spazju miftuħ li jservi ta' park naturali edukattiv b'underground parking maħsub għall-viżitaturi u r-residenti ta' Marsaskala.

300 Naħdmu fuq il-ħolqien ta' park naturali ieħor mal-kosta ta' Baħar iċ-Ċagħaq, bit-tħawwil ta' aktar siġar filwaqt li jinħolqu walking trails aċċessibbli għall-viżitaturi u l-għawwiema.

301 Noħolqu l-ewwel park ġeoloġiku f'pajjiżna mal-kosta ta' Għar Lapsi u Wied iż-Żurrieq. Minbarra li dan il-park ser iservi għal skopijiet rikreattivi, permezz tiegħu ser nikkonservaw u nħarsu żona ta' sbuħija naturali b'karatteristiċi ġeoloġiċi uniċi.

302 Il-grawnd tax-Schreiber f'Pace Grasso ser jinbidel fi spazju miftuħ għal skopijiet edukattivi filwaqt li l-prestazzjoni ambjentali titjieb permezz tat-tħawwil ta' numru ta' siġar u arbuxelli.

303 Jibda immedjatament ix-xogħol fuq żewġ parks fl-Imqabba u l-Birgu sabiex intejbu l-kwalità tal-ħajja b'aktar spazji miftuħa għar-residenti ta' dawn l-inħawi.

304 Nagħtu ħajja mill-ġdid lill-Ġonna ta' Sant' Anton billi nkomplu għaddejjin bix-xogħol fuq il-ħsarat strutturali tal-ħitan, isir pavimentar ġdid fejn meħtieġ u jitwaħħlu bankijiet ġodda għall-użu tal-pubbliku. Ser noħolqu attrazzjonijiet ġodda f'dawn il-ġonna permezz ta' butterfly house u guvi għall-għasafar.

## Afforestazzjoni

305 Inniedu pjan wiesgħa ta' azzjoni għat-tħawwil ta' siġar u afforestazzjoni fejn ser nikkommettu ruħna li jitħawlu 100,000 siġra fil-ħames snin li ġejjin.

306 Wied Fulija fiż-Żurrieq u l-Qortin fix-Xagħra huma stejjer ta' suċċess fejn meded wiesgħa ta' art li kienu jintużaw bħala miżbla, illum huma spazji ħodor miftuħa għat-tgawdija tal-familji. Kommessi li nkomplu nirriġeneraw dejjem aktar spazji mitluqa għat-tgawdija tal-pubbliku.

307 Isir il-proġett ta' afforestazzjoni fil-Park Naturali tal-Inwadar. Dan il-proġett ser isir fuq medda ta' ħames snin b'investiment li jlaħħaq mal-€20 miljun u li jħares il-bijodiversità tal-Inwadar u l-immaniġġjar tal-ilma.

308 Wara li lħaqna ftehim sabiex il-proġett li kien ser isir f'Żonqor jiġi rrilokat fi Smart City, ser naraw li din iż-żona tingħaqad mal-proġett ambjentali tal-Park Naturali tal-Inwadar.

309 F'Bengħajsa nbeda x-xogħol fuq wieħed mill-akbar proġetti t'afforestazzjoni fil-gżejjer Maltin. Ser naraw it-tlestija ta' dan il-proġett bi tħawwil ta' 8,000 siġra indiġena u l-ħolqien ta' park tal-familja.

310 Nagħtu appoġġ sħiħ lil inizjattivi ta' afforestazzjoni mmexxija minn għaqdiet mhux governattivi u l-kunsilli lokali sabiex dawn il-proġetti jibbenefikaw minnhom lokalitajiet differenti madwar il-pajjiż.

311 Irridu nrawmu aktar għarfien dwar siġar u arbuxelli endemiċi fost it-tfal. Naħdmu mal-iskejjel primarji u l-kunsilli lokali sabiex jinżergħu ammont ta' siġar li mbagħad jitħawlu f'żoni differenti madwar il-lokalitajiet kollha.

312 Tinbeda kampanja sabiex gradwalment jitneħħew siġar aljeni invażivi minn żoni rurali pubbliċi u jiġu mħawla siġar indiġeni flokhom.

## Ħarsien xieraq tal-ambjent

313 Ambjent Malta ser tkompli timplimenta l-management plans tas-siti Natura 2000 favur il-konservazzjoni tal-abitat naturali. Dan jinkludi tħawwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni, il-bini ta' ħitan tas-sejjieħ, ir-restawr ta' bjar u ġwiebi eżistenti, l-installazzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza u tat-tifi tan-nar.

314 Jiskatta programm ta' xogħol fuq il-konservazzjoni tal-widien biex nipproteġu l-bijodiversità u l-passaġġi li jservu ta' lqugħ għall-ilma tax-xita.

315 Wara x-xogħol estensiv li sar fiż-żona taċ-Chadwick Lakes, inkomplu naraw li jkun hemm manutenzjoni kontinwa f'dan il-post flimkien ma' inizjattivi ġodda mmirati li jindukraw u jipprovdu aċċess dejjem aħjar għall-bdiewa u l-pubbliku f'dan il-post uniku f'pajjizna.

316 Insaħħu l-id regolatorja tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) billi nagħtuha setgħat ġodda u r-riżorsi meħtieġa biex din tkun tista' taqdi l-funzjonijiet regolatorji tagħha b'mod aktar effettiv.

317 F'każ eċċezzjonali li jkollha tintuża art barra miż-żona tal-iżvilupp għall-bini ta' proġett pubbliku, għal skop ta' skola jew sptar ġdid, ser inħaddmu l-prinċipju ta' no-net land take, fejn tinħall art pubblika f'żona tal-iżvilupp li tkun ekwivalenti għad-daqs meħud u tiġi ttrasformata fi spazju miftuħ għat-tgawdija tal-familji.

318 F'Kemmuna ser jitkompla l-proġett tal-afforestazzjoni flimkien ma' proġetti oħra ta' konservazzjoni bil-għan li tissaħħaħ il-bijodiversità tal-gżira. Jiġu stabbiliti nature trails sabiex tonqos il-pressjoni fuq l-abitat naturali.

319 Gvern Laburista dejjem kien ċar dwar il-ħarsien ta' Ħondoq ir-Rummien. Nassiguraw li din iż-żona ma tkunx żviluppata bl-ebda mod filwaqt li naraw li jsir xogħol ta' tisbiħ fil-bajja sabiex toffri ambjent aħjar lil dawk li jżuruha.

## Protezzjoni tal-bijodiversità

320 Bħala parti minn pjan sabiex insaħħu l-konnettività ekoloġika, nibdew proċess li jgħaqqad żoni ta' Natura 2000 madwar il-gżejjer Maltin. Noħolqu kurituri ekoloġiċi f'żewġ żoni fil-Mellieħa u żona oħra fl-inħawi tal-Victoria Lines, fejn ser jiġi stabbilit l-ewwel national trail li tgħaqqad il-Lvant u l-Punent tal-Victoria Lines.

321 F'pajjiżna nsibu madwar 1,200 speċi indiġeni ta' pjanti, bi wħud minnhom endemiċi li jinsabu f'Malta biss. Inlestu l-proġett tal-Bank Nazzjonali tal-Ġenetika f'Ħal Lija sabiex nassiguraw il-preservazzjoni ta' dawn l-ispeċi fil-futur u jissaħħu r-riċerka u l-għarfien fuq ir-riżorsi ġenetiċi, inkluż fl-agrikoltura.

322 Jitfassal reġistru tal-flora u l-fawna Maltija sabiex jinżamm moniteraġġ fuq il-konservazzjoni tal-abitati u speċi ta' flora u fawna lokali. Moniteraġġ bħal dan jiffaċilita interventi ta' konservazzjoni maħsuba sabiex jipproteġu l-ambjent naturali.

323 Wara li tlesta x-xogħol fuq il-Ġonna tal-Argotti, noħolqu network ta' ġonna billi nintegraw f'dan il-proġett aktar minn 92,000m$^2$ ta' ġonna li jinsabu fil-Floriana. Din il-miżura hija intenzjonata li toħloq green network aċċessibbli b'mod sigur u faċli għat-tgawdija tal-familji, filwaqt li dawn il-ġonna jkunu mezz ta' tisħiħ tal-bijodiversità u proġett ta' konservazzjoni ta' speċi indiġeni.

324 L-annimali selvaġġi huma ħolqa importanti fl-ekosistema ta' pajjiżna. Ser invaraw programmi ta' konservazzjoni biex insostnu l-popolazzjoni ta' speċi nattivi, fosthom il-fenek selvaġġ. Il-proġett tal-introduzzjoni tal-barbaġann jiġi estiż fiż-żona tal-Magħtab.

325 L-abitat marittimu huwa importanti daqs dak fuq l-art. Niżviluppaw management plans għal żoni marittimi protetti u li għandhom importanza ekoloġika. Dan għandu jwassal għall-ħolqien tal-ewwel park marittimu f'Malta fiċ-Ċirkewwa.

326 Ikompli x-xogħol fuq iż-żona tal-Magħluq ta' Marsaxlokk. Il-proġett jinkludi miżuri sabiex titnaqqas il-coastal erosion u tiġi protetta l-bajja u s-sit Natura 2000 biswit.

## Ambjent nadif

327 Ambjent nadif huwa ta' benefiċċju għalina lkoll u għall-mod kif jidher pajjiżna. Fl-aħħar snin żdiedu b'mod b'saħħtu l-isforzi tal-entitajiet pubbliċi u l-kunsilli lokali sabiex tiżdied l-indafa madwar il-pajjiż kollu. Minkejja dawn l-isforzi kollha, konxji li għad baqa' xi jsir. Ser inkomplu nsaħħu l-infurzar kontra r-rimi ta' skart bl-addoċċ u nqajmu aktar kuxjenza dwar dan is-suġġett.

328 Ser ninvestu f'aktar riżorsi u makkinarju addattat għal postijiet bi sfidi partikolari. Nikkonsolidaw il-ħidma ta' entitajiet differenti involvuti fis-settur tat-tindif ta' żoni pubbliċi.

## Green cities għal benesseri ta' kulħadd

329 Ir-residenti li jgħixu f'żoni traffikużi u b'popolazzjoni densa jixirqilhom aħjar. Irridu nittrasformaw lokalitajiet mill-aktar urbanizzati fi green cities bil-ħolqien ta' spazji miftuħa, pocket parks, green walls, roof gardens u żoni pedonali permanenti bil-possibilità ta' parkeġġi pubbliċi taħt l-art.

330 Inniedu skemi ġodda biex ninċentivaw lir-residenti jħaddru l-faċċata u l-bjut tad-djar tagħhom.

331 Il-bjut ta' binjiet pubbliċi fil-qalba tal-irħula jistgħu jintużaw sabiex itaffu n-nuqqas ta' spazji miftuħa f'dawn iż-żoni żviluppati. Jinħolqu roof gardens fuq dawn il-binjiet li joffru ambjent ta' trankwillità f'żoni li huma urbanizzati. Il-kumplament tal-bjut ta' entitajiet pubbliċi għandhom jintużaw biex jiġġeneraw enerġija nadifa.



332 Minkejja l-isfidi kbar li ġabu magħhom il-proġetti pilota li saru fl-aħħar leġiżlatura biex jitneħħew wires u cables relatati ma' servizzi, ser inkomplu naħdmu biex dan iseħħ. Ser nagħtu prijorità lill-pjazez u ċ-ċentri tal-lokalitajiet, speċjalment il-partijiet antiki tal-irħula u l-ibliet tagħna.

333 Filwaqt li nagħrfu l-importanza li jkun hawn spazju adegwat għall-parkeġġ, ser nagħtu prijorità lill-parkeġġi taħt l-art kull fejn ikun possibbli. B'koordinament mal-kunsilli lokali ser ninvestu fi proġetti ta' parkeġġi taħt l-art li fuqhom jinħolqu spazji miftuħa. Dawn il-proġetti jridu jservu wkoll sabiex jindirizzaw problemi ta' għargħar u jaħżnu aktar ilma tax-xita.

334 It-toroq arterjali tagħna jistgħu jkunu isbaħ u aktar siguri b'inqas traffiku u karozzi. B'ħidma mal-kunsilli lokali ser nidentifikaw żoni barra miċ-ċentru tal-lokalitajiet li jistgħu jservu ta' park-and-ride għar-residenti tal-irħula tal-madwar.

335 Ser inniedu proġett pilota bil-ħolqien ta' ġonna komunitarji f'lokalitajiet differenti fejn ir-residenti jkunu jistgħu jkabbru ħxejjex, frott u fjuri.

## Ippjanar bi ħsieb

336 Għandna dmir li nħarsu l-ambjent naturali fl-istat oriġinali tiegħu. Filwaqt li jiġu rrispettati l-interessi u d-drittijiet tas-sidien tal-proprjetà, nibdew diskussjonijiet dwar regoli aktar stretti fejn jidħol żvilupp propost f'outside development zones (ODZ).

337 Nimplimentaw l-aġġornament tal-iStrategic Plan for Environment and Development (SPED) u ndaħħlu indikaturi ġodda li għandhom jiżguraw li l-iSPED qiegħed jilħaq l-għanijiet tiegħu fil-ħarsien tal-ambjent rurali u urbani f'pajjiżna.

338 Nassiguraw li żoni ta' konservazzjoni urbana (UCA) jkunu definiti b'mod irrevokabbli, ħlief biex jitwessgħu u jinkludu żoni oħra. Nintroduċu buffer zone madwar żoni ta' konservazzjoni urbana biex ikun hemm bidla gradwali fl-estetika u ma jintilfux il-karatteristiċi tal-ilbliet u l-irħula tagħna.

339 Inħarsu bis-sħiħ bini skedat fit-tieni grad bl-introduzzjoni t'inċentivi ġodda biex iħeġġu lis-sidien jirrestawraw dawn il-binjiet u jinfetħu għall-pubbliku fejn possibbli.

340 Jeħtieġ li nagħtu importanza akbar lid-dehra estetika tal-binijiet tagħna, kemm dawk li qed jinbnew kif ukoll dawk eżistenti. Ser infasslu politika dwar l-estetika fil-bini bi standards ċari li jinċentivaw ir-rispett lejn il-karatteristiċi uniċi fil-partijiet l-antiki tal-irħula tagħna u kif ukoll tal-pajsaġġ Malti u Għawdxi.

341 B'rabta mal-idea li tiddaħħal politika dwar l-estetika tal-bini, nintroduċu skyline policy sabiex toħloq il-bilanċ bejn il-bżonn ta' bini ogħli u li nħarsu l-identità tal-lokalitajiet, il-veduti u l-interessi tar-residenti fil-madwar, b'mod partikolari f'Għawdex. Din il-politika trid iddaħħal aktar uniformità u proporzjonalità fejn l-għoli tal-bini m'għandux ikun ta' detriment għall-karatteristiċi uniċi tal-lokalità u tiżgura li l-bini high-rise għandu jkollu l-inqas impatt possibbli fuq il-ħajja tar-residenti tal-madwar.

342 Fl-approvazzjoni ta' permessi għall-iżvilupp għandha tingħata konsiderazzjoni akbar lill-aspett ambjentali u l-użu ta' enerġija rinnovabbli. Tingħata prijorità lil proġetti li l-operat tagħhom ikun kemm jista' jkun newtrali mill-karbonju.

343 Indaħħlu inċentivi sabiex l-iżvilupp ta' binjiet ġodda u oħrajn li jiġu rrinnovati jsiru sostenibbli kemm jista' jkun. L-inċentivi jingħataw skont kriterji bbażati fuq l-użu effiċjenti tal-enerġija, aċċess għad-dawl naturali, charging points għall-vetturi elettriċi, it-trattament tal-iskart, l-estetika u t-tħaddir ta' faċċati, ħitan u bjut.

## Regolamentazzjoni għas-settur tal-kostruzzjoni

344 Wara li fl-aħħar snin twaqqfet l-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni flimkien mal-introduzzjoni ta' numru ta' liġijiet u proċeduri intenzjonati biex iħarsu l-interessi ta' terzi, ser inkomplu nsaħħu din l-awtorità fl-interess ta' dawk kollha involuti, speċjalment dawk milquta bl-inkonvenjent ta' żvilupp li jkun qed jiġri qrib fejn jgħixu.

345 Irridu niżguraw li kwalunkwe żvilupp isir bl-anqas inkonvenjent possibbli kemm għar-residenti u kif ukoll għall-ambjent tal-madwar. Kull proġett għandu jkollu timelines stabbiliti u jkun hemm koordinament fl-implimentazzjoni sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent u jiżdied l-infurzar fil-qasam tal-kostruzzjoni.

346 Indaħħlu fis-seħħ national building codes li jintroduċu standards ġodda b'konsolidazzjoni u bidliet fil-liġijiet preżenti bil-għan li dan is-settur jimxi 'l quddiem b'qafas serju u aġġornat mar-realtajiet tal-industrija.

347 Ser nintroduċu numru ta' liġijiet bil-għan li s-settur tal-kostruzzjoni jiġi rregolat aħjar, fosthom regolamenti dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi kif ukoll titjib fil-ħiliet tal-ħaddiema kollha involuti fis-settur.

## Trattament effettiv tal-iskart

348 Nemmnu f'ekonomija ċirkulari fejn isir l-aħjar użu ta' materjal eżistenti għall-aktar żmien possibbli. It-twettiq tal-Long Term Waste Management Plan imħabbar fil-leġiżlatura li għaddiet huwa kruċjali sabiex jonqos l-iskart iġġenerat, ikun hemm sistemi ta' pproċessar tal-iskart avvanzati u l-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju fis-settur.

349 Il-kunċett waste-to-energy huwa parti integrali mill-pjan tagħna għal ekonomija ċirkulari. L-impjant tal-Ecohive ser jara li pajjiżna ma jibqax dipendenti fuq ir-rimi fil-miżbliet u jibda juża l-iskart għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. Il-mira tagħna huwa li dan l-impjant jibda jiġġenera madwar 4.5% tal-enerġija ta' pajjiżna.

350 Naħdmu fuq proġett pilota ta' underground refuse collection sabiex nintroduċu metodi innovattivi kif jinġabar l-iskart. Permezz ta' proġetti bħal dawn irridu noħolqu sistema aktar komda għar-residenti u n-negozji filwaqt li nnaqqsu l-impatt viżwali, l-irwejjaħ u l-inkonvenjent għar-residenti u pedestrians.

351 Nidentifikaw żoni addattati sabiex jiżdiedu ċ-ċentri għall-iskart goff madwar Malta u Għawdex sabiex il-pubbliku jkun jista' jinqeda aħjar qrib tal-lokalità tiegħu. Iċ-ċentri jibdew joffru l-faċilità lill-pubbliku sabiex jiddisponi minn ħġieġ, plastik u karti ġġenerati fid-djar.

352 Nintroduċu faċilità ta' reuse centre fi ħdan iċ-ċentri għall-iskart goff u naħdmu fuq il-possibilità ta' repair centre li jkun mgħammar biex issir tiswija fuq oġġetti li jkunu ser jintremew. B'hekk innaqqsu l-iskart iġġenerat u ntawlu ż-żmien li jdum jintuża prodott eżistenti.

353 Jibdew jitwaħħlu l-plastic bottle return machines madwar il-pajjiż u nestendu l-iskema Beverage Container Refund Scheme sabiex din tkun tista' taċċetta kontenituri oħra magħmula mill-plastik.

354 Pajjiżna għandu bżonn itaffi mill-impatt ambjentali kkawżat minn barrieri mitluqa. Dawn l-ispazji għandhom jintużaw sabiex fihom jinħolqu mħażen jew spazji industrijali, jiġi mitfugħ materjal tal-kostruzzjoni jew proġetti għall-konservazzjoni tal-ilma, fost l-oħrajn. L-uċuħ ta' dawn il-barrieri rijabilitati għandhom jintużaw sabiex isiru proġetti ġodda, fosthom inizjattivi t'afforestazzjoni jew proġetti li jiġġeneraw enerġija rinnovabbli.

355 Nesploraw il-potenzjal ta' waste mining minn żoni bħall-Għallis u Ta' Żwejra sabiex jiġi estratt materjal riċiklabbli li jikkontribwixxi għal produzzjoni ogħla mill-proċess waste-to-energy.

356 Irridu ninkoraġġixxu l-użu ta' materjal riċiklat fil-kostruzzjoni, inkluż il-ġebla tal-franka u l-użu ta' reconstituted stone. Nesiġu li jkun hemm bilanċ realistiku bejn materjal użat u dak ġdid fi proġetti tal-kostruzzjoni li jsiru minn entitajiet pubbliċi.

357 It-tessuti huma sors ta' gassijiet serra u jdumu ħafna sabiex jiddekomponu. Tinbeda skema ta' ġbir ta' ħwejjeġ mhux użati bil-għan li dawn jiġu rriċiklati u ma jispiċċawx mormija.

358 Wara li pajjiżna ser ikun wieħed mill-ewwel Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li jwaqqaf l-importazzjoni u l-użu ta' single-use plastics, naħdmu ma' stabbilimenti tal-ikel takeaway sabiex jiddaħħlu linji gwida dwar alternattivi differenti ta' kontenituri tal-ikel li jħallu l-anqas impatt fuq l-ambjent.

359 Ir-riċiklaġġ ta' fdalijiet tal-ikel jista' jkun mezz kif il-ħwienet tal-ikel inaqqsu l-ispejjeż tagħhom. Inniedu proġett pilota mal-lukandi u r-ristoranti sabiex ngħinuhom jinvestu f'anearobic digesters. Din it-teknoloġija tibdel il-fdalijiet tal-ikel f'biogas li jkun jista' jintuża għat-tisjir.

## Rikreazzjoni u delizzji

360 Wara li smajna s-suġġerimenti tal-pubbliku u d-dilettanti tal-caravans, camping u picnics, ser ngħaddu għar-riġenerazzjoni u tisbiħ ta' numru ta' siti biex jintużaw għal dan l-iskop. Dawn l-ispazji miftuħa fil-kampanja u f'żoni kostali ser ikunu amministrati sabiex jilqgħu aktar familji u ċittadini li jixtiequ jgawdu l-passatempi tagħhom waqt li jgawdu l-ambjent naturali ta' madwar pajjiżna b'mod organnizzat. Il-ħidma tibda miż-żoni diġà identifikati, jiġifieri dik ta' Taħt l-Għallis f'Baħar iċ-Ċagħaq u Ramlet il-Qortin fil-Mellieħa. Inkomplu nevalwaw il-possibilità li żoni oħra jintużaw għal dan l-iskop.

361 Il-kunċett ta' green networks ser iwassal għal aktar aċċessibilità għar-ramblers, hikers u dawk kollha li jżuru l-kampanja Maltija. Nassiguraw li jkun hemm sinjali u walking trails ċari f'kemm jista' jkun żoni rurali madwar il-pajjiż li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku.

362 Nemmnu fil-bilanċ u fil-ħtieġa li kulħadd ikollu l-opportunità li jgawdi l-passatemp tiegħu. Wara diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, żewġ żoni fil-Miżieb u l-Aħrax tal-Mellieħa ser jiġu ddedikati biex jintużaw għall-picnics u campings matul is-sena kollha.

363 L-imrejkba hija metodu ta' sajd tradizzjonali li jrid jitħares għall-futur. Wara d-diskussjonijiet li saru mad-dilettanti tal-imrejkba, ser inniedu politika dwarha sabiex tibqa' tiġi pprattikata b'mod sostenibbli u jitħarsu l-interessi ta' dawk li jistadu biha.

364 Is-sajd rikreattiv huwa wkoll sors ta' ikel bnin. Wara l-proġett pilota li sar fl-2021, ser nibqgħu nagħtu ċ-ċans lil sajjieda dilettanti sabiex ikollhom l-opportunità jistadu għal-lampuki bir-rixa u b'ċimi qrib il-kosta. Il-kwota tat-tonn ser tibqa' titqassam b'mod ġust u parti minnha ser tibqa' tiġi allokata lil sajjieda li huma dilettanti tas-sajd ta' din il-ħuta.

365 Il-Partit Laburista ser ikompli jkollu pożizzjoni ċara u onesta dwar il-kaċċa u l-insib. Ser nibqgħu naraw li l-Maltin u l-Għawdxin li jipprattikaw dan id-delizzju jkomplu jgawdu din it-tradizzjoni b'mod ugwali u ekwu b'konformità mad-direttivi tal-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt irridu naraw li jiġu ssalvagwardjati l-karatteristiċi uniċi ta' din il-prattika f'pajjiżna, fosthom l-insib u l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

366 Naħdmu flimkien mal-għaqdiet tal-kaċċaturi u esperti Maltin u barranin sabiex titkattar ir-riċerka dwar ir-rotot tal-gamiem li jpassi minn fuq il-gżejjer Maltin.

# Aktar ħarsien u drittijiet għall-annimali

367 Mill-2013 'il quddiem saħħaħna l-liġijiet relatati mal-protezzjoni tal-annimali, fosthom iż-żieda fil-pieni fuq il-moħqrija tal-annimali, l-abolizzjoni taċ-ċirkli bl-annimali, regolamentazzjoni fuq iż-żamma tal-klieb u liġijiet ġodda kontra l-bestjalità. Fiż-żmien li ġej ser indaħħlu strateġija nazzjonali għall-ħarsien u t-trattament xieraq tal-annimali u nesiġu li jkun hemm standards stabbiliti għall-breeders, trainers, groomers u pet sitters.

368 Annimali li jinstabu f'kundizzjonijiet ħżiena għandhom jiġu megħjuna immedjatament. Għalhekk nemmnu li għandu jkun hemm tibdil leġiżlattiv sabiex id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali jkollu l-poter li jeleva annimali li jinsabu fi stat ħażin qabel ikun hemm deċiżjoni finali mill-Qorti.

369 Filwaqt li nestendu l-iskema Adopt a Pet Allowance, ser insaħħu l-kampanji informattivi dwar l-adozzjoni filwaqt li niżviluppaw pjattaforma diġitali ċentralizzata sabiex tħeġġeġ u tiffaċilita l-adozzjoni tal-annimali.

370 Ser niftħu rehoming centre modern għall-adozzjoni tal-annimali tat-triq u dawk li sfortunatament is-sidien tagħhom ma jkunux jistgħu jibqgħu jżommuhom. Iċ-ċentru jrid jipprovdi wkoll kenn għal żwiemel u annimali abbandunati oħra li jkunu tqal.

371 Filwaqt li nkomplu għaddejjin bl-inizjattivi u s-servizzi eżistenti fejn jidħlu annimali domestiċi, ser intellgħu kampanja nazzjonali ta' neutering b'xejn immirata għal klieb u qtates.

372 Irridu nindirizzaw il-problema ta' qtates abbandunati u ser nibdew proċess sabiex il-qtates domestiċi jibdew jiġu microchipped. Dan l-eżerċizzju ser jagħti serħan il-moħħ lis-sidien tal-qtates f'każ li l-annimal jintilef.

373 Fil-leġiżlatura li jmiss ser ikun qed jinfetaħ iċ-ċimiterju tal-annimali ġewwa Ta' Qali.

374 Inżidu ż-żoni tal-għawm għall-klieb u nibdew evalwazzjoni ta' dawk eżistenti sabiex nagħmluhom aktar siguri u aċċessibbli għall-annimali.

375 Fl-aħħar snin ħdimna spalla ma' spalla mas-santwarji tal-annimali sabiex dawn ikunu f'pożizzjoni li jibqgħu joffru ħarsien xieraq lill-annimali. Ser insostnu din l-għajnuna, inkluż b'għajnuna diretta f'xogħol ta' tiswijiet u manutenzjoni fis-santwarji.

376 Nikkunsidraw public-private partnership ma' organizzazzjonijiet volontarji jew privati biex jitwaqqaf ċentru ekwestri li jinkludi wirjiet ta' qbiż taż-żwiemel u dressage li jistgħu jiġu pprattikati s-sena kollha.

377 Inkomplu ngħinu lill-kunsilli lokali jwaqqfu cat cafes għall-qtates biex inaqqsu n-numru ta' qtates fit-toroq. Ser nidentifikaw aktar żoni li jistgħu jiġu mibdula f'dog parks biex joffru żoni ta' eżerċizzju għall-klieb f'aktar postijiet madwar Malta.



# 06

# Malta gżira climate neutral



Malta flimkien

Il-viżjoni tagħna sabiex nikkumbattu t-tibdil fil-klima u niżguraw ambjent aktar nadif għall-ġid u s-saħħa ta' kulħadd, timxi id f'id mal-pjan għas-settur tal-enerġija. Il-bidla li għamilna fl-enerġija ser tmexxina lejn sorsi ta' enerġija alternattivi, nodfa u affordabbli.

Raħħasna l-kontijiet u ser nibqgħu nżommu l-prezzijiet tal-enerġija stabbli. Irridu nkomplu nassiguraw li l-provvista tal-elettriku ta’ pajjiżna tkompli tiżviluppa skont l-avvanzi ekonomiċi u soċjali kbar li esperjenza pajjiżna fl-aħħar snin.

Malta ser tkompli tiddiversifika l-provvista tal-enerġija b’sorsi rinnovabbli. Lill-familji u n-negozji ser nagħtuhom l-aqwa pakkett ta’ inċentivi sabiex huma wkoll ikunu parti minn din ir-rivoluzzjoni ambjentali.

Il-mira tagħna hi li Malta ssir gżira climate neutral.

## Enerġija nadifa, affidabbli u affordabbli

378 Id-dikarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-enerġija u l-elettrifikazzjoni tat-trasport huma l-għodod biex niġġieldu t-tibdil fil-klima, intejbu l-kwalità tal-arja u jkollna provvista sigura, diversifikata u affordabbli. Pajjiżna jrid ikun kompletament climate neutral sal-2050, bi tnaqqis drastiku fl-emissjonijiet sal-2030. Dawn il-miri ser nilħquhom bl-implimentazzjoni ta' miri konkreti tal-Long Term Renovation Strategy, il-Low Carbon Development Strategy u l-Pjan Nazzjonali għall-Klima u l-Enerġija.

379 It-tibdil fil-klima huwa theddida reali għall-umanità, liema effetti diġà bdew jinħassu madwar id-dinja kollha u jġibu sfidi akbar għal gżejjer bħalna. Malta ser tkun fuq quddiem nett biex tixpruna d-diskussjoni fir-reġjun Mediterranju. Għal dan il-għan ser intellgħu konferenza mal-pajjiżi ġirien tagħna sabiex naħdmu flimkien ħalli noħorġu b'inizjattivi kollaborattivi b'miri tanġibbli ta' kif nistgħu nilqgħu aħjar għal din l-isfida.

## Provvista sigura tal-elettriku

380 Il-bini tat-tieni interconnector tal-elettriku bejn Malta u l-Italja għandu jkun lest sal-2025. Permezz tat-tieni interconnector ser ikollna sigurtà ta' provvista akbar li kapaċi tilqa' aħjar għad-domanda tas-servizz fiż-żmien li ġej. Barra minn hekk, dan ser iwassal għal tnaqqis ta' 58% fl-emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju u ser iwitti t-triq għal investiment akbar fl-enerġija rinnovabbli.

381 Bil-ħsieb li jissaħħaħ in-network primarju ta' distribuzzjoni ser nagħmlu distribution link ġdida bejn it-terminal tal-interconnector fil-Magħtab u ċ-ċentru tad-distribuzzjoni ewlieni fil-Mosta. Dan għandu jżid ir-rotot li bih l-elettriku importat ikun jista' jitqassam u jilħaq partijiet oħra tal-pajjiż.

382 Inkomplu bl-investiment qawwi fin-network tad-distribuzzjoni elettrika biex b'hekk inkunu nistgħu nilqgħu aħjar għaż-żieda fid-domanda tal-elettriku prevista b'riżultat tat-tkabbir ekonomiku u l-elettrifikazzjoni tat-trasport f'pajjiżna. Minbarra li niżguraw li jkollna provvista tajba, dan l-investiment għandu jwassal biex ikun hemm anqas interruzzjonijiet fis-servizz u anqas dewmien sabiex jissewwew il-ħsarat.

383 Tul il-ħames snin li ġejjin ser nibnu madwar 200 substation ġdida madwar Malta u Għawdex li ser jagħmlu użu minn teknoloġija awtomatizzata. Dawn is-substations ġodda mhux ser ikunu t'inkonvenjent għar-residenti.

384 Nibnu ċentru ta' distribuzzjoni ġdid fl-inħawi tan-Naxxar biex intejbu l-provvista fil-lokalità u l-irħula tal-madwar, inkluż il-Mosta, l-Għargħur u Baħar iċ-Ċagħaq fost inħawi oħra fil-viċin.

385 Inkabbru ċ-ċentru ta' distribuzzjoni f'Marsaskala biex nilqgħu aħjar għaż-żieda fid-domanda fl-istess lokalità filwaqt li nirrilaxxaw il-kapaċità ta' distribuzzjoni miċ-ċentru ewlieni ta' Ħal Tarxien. Inkabbru wkoll iċ-ċentru ta' distribuzzjoni fl-Imrieħel

## Ilma

386 L-ilma hu riżorsa kruċjali u skarsa. Irridu nsaħħu l-konservazzjoni tal-ilma, b'titjib fl-infrastruttura u sistemi ta' water catchments madwar Malta u Għawdex, b'restawr u użu ta' ġibjuni antiki kif ukoll il-bini ta' oħrajn ġodda.

387 Inniedu programm estensiv ta' tisħiħ tal-faċilitajiet u n-network ta' distribuzzjoni tal-ilma madwar il-pajjiż li għandu jwassal għal titjib ieħor fil-kwalità tal-ilma tal-vit u d-distribuzzjoni.

388 Bl-istess mod ser intejbu l-infrastruttura tat-trattament tal-waste water u s-sistema tad-drenaġġ, speċjalment fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' pajjiżna biex nilqgħu aħjar għaż-żieda fid-domanda antiċipata u ntejbu l-ambjent marittimu permezz ta' trattament tad-drenaġġ aktar effettiv.

389 Jitlesta l-proġett ta' mina taħt l-art bejn l-impjant tar-Reverse Osmosis f'Pembroke u l-ġibjun ġewwa Ta' Qali. Dan il-proġett għandu jtejjeb il-kwalità u t-togħma tal-ilma tal-vit madwar Malta, filwaqt li jtejjeb l-effiċjenza fl-operat u jżid is-sostenibilità ambjentali.

390 Noffru awditjar b'xejn għat-tnaqqis fil-konsum tal-ilma fid-djar u micro SMEs, filwaqt li nkomplu bl-installazzjoni ta' dispensers tal-ilma f'postijiet pubbliċi.

391 It-tankijiet li jaħżnu l-ilma fuq id-djar tagħna jaffettwaw il-kwalità tal-ilma li nikkonsmaw. Ser inniedu skema sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibdlu t-tankijiet preżenti tagħhom għal tankijiet innovattivi b'materjali adegwati li jipprevenu l-ġenerazzjoni ta' mikrobi li jnaqqsu l-kwalità tal-ilma.

392 Inniedu skemi intiżi biex ninċentivaw it-trattament u l-użu ta' small-scale grey-water fid-djar. Teżisti teknoloġija li tagħmilha possibbli li l-ilma tal-banju, id-dishwasher u l-washing machine jiġi ttrattat fil-post u jkun tajjeb biex jerġa' jintuża għat-tisqija tal-pjanti u l-flushing.

393 Inwaqqfu ċentru t'eċċellenza internazzjonali dwar id-desalinizzazzjoni u t-trattament tal-ilma. Dan iċ-ċentru għandu jixpruna r-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-ilma u joffri taħriġ speċjalizzat fuq it-teknoloġija tad-desalinizzazzjoni b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta.

394 Nassistu l-istabbilimenti kummerċjali mal-kosta sabiex jinvestu f'teknoloġija li tippermetti d-desalinizzazzjoni tal-ilma baħar u t-trattament tad-drenaġġ fil-post. B'hekk in-negozji jħallsu anqas f'kontijiet u tissaħħaħ il-provvista tal-ilma.

## Kontijiet stabbli

395 Il-Partit Laburista jista' jitkellem b'wiċċu minn quddiem dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Id-deċiżjonijiet li ħadna fl-aħħar snin wasslu sabiex il-konsumaturi ma jintlaqtux miż-żidiet straordinarji fil-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija. Ir-reviżjoni li għamilna tal-mekkaniżmu tal-2009 li bih kienu jinħadmu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma wassal għal kontijiet aktar ġusti. Ser inkomplu nassiguraw li l-prezzijiet tal-enerġija f'Malta jinżammu taħt kontroll u nkomplu nagħtu stabbilità lill-familji u lin-negozji.

396 Konxji minn sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn kerrejja u inkwilini fuq ir-rati applikabbli għall-elettriku, ser invaraw rata għall-elettriku fissa u mingħajr bands biex titħaddem f'residenzi mikrija. B'hekk nassiguraw aktar trasparenza u l-inkwilini jserrħu rashom li jkunu qed iħallsu rata ġusta. Ir-rata fissa tkun irregolata mir-regolatur u tkun fuq bażi volontarja. B'din l-istess sistema ser ikun possibbli nvaraw pre-paid meters li jistgħu jintużaw f'residenzi bil-kera.

## It-triq għad-dikarbonizzazzjoni

397 Fil-viżjoni tagħna biex nagħmlu minn Malta gżira climate neutral, ser naħdmu mas-settur privat biex ikun hemm investiment fuq proġetti ta' enerġija rinnovabbli offshore, fost oħrajn permezz ta' floating technologies tar-riħ u tax-xemx.

398 Pajjiżna għandu opportunità li jkun benefiċjarju ewlieni tal-green u blue economy. Permezz ta' investiment fil-ħażna tal-enerġija tal-massa bl-użu ta' batteriji fuq l-art, nittrasformaw il-grid tal-elettriku l-antika biex tkun tista' takkomoda ġenerazzjoni rinnovabbli offshore fuq skala kbira.

399 L-użu tal-idroġenu jista' jikkontribwixxi b'mod b'saħħtu biex nilħqu l-miri tagħna għad-dikarbonizzazzjoni tal-klima u l-enerġija sal-2050. Ser nissoktaw bl-istudji u t-tħejjijiet tekniċi marbuta ma' dan il-proġett li għandu jipprovdi sors ieħor t'enerġija nadifa lejn pajjiżna.

400 Inniedu pjan nazzjonali dwar l-użu tal-idroġenu f'pajjiżna biex ngħinu l-industrija tħejji għal din il-bidla u niżguraw li jkollna l-infrastruttura neċessarja f'postha li tippermetti l-użu ta' dan il-fjuwil nadif.

401 Irridu li l-entitajiet pubbliċi jimxu bl-eżempju u jinbeda proċess sabiex aġenziji u dipartimenti tal-Gvern isiru climate neutral. Għal dan il-għan, l-ispazju fuq il-bjut ta' dawn l-uffiċini ser jibda jintuża sabiex jitqiegħdu pannelli solari li jiġġeneraw enerġija rinnovabbli. L-enerġija ġġenerata li ma tintużax f'dik il-binja ser tmur fil-grid nazzjonali tal-elettriku.

402 Inkomplu ninċentivaw il-ħolqien ta' solar farms u nsostnu skemi t'investiment immirati għal dawk li m'għandhomx spazju fuq il-bejt tar-residenza tagħhom biex iwaħħlu pannelli solari.

403 Flimkien mal-akkademiċi u l-bdiewa ser inniedu studju dwar proġetti agrikoli li jistgħu jkunu sors t'enerġija rinnovabbli mingħajr ma tiġi affettwata l-produzzjoni tal-prodott agrikolu.

## Id-djar sors t'enerġija nadifa

404 Kulħadd irid jieħu sehem fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Id-djar Maltin jistgħu jkunu ħafna aktar sostenibbli u sors ta' enerġija nadifa. Għalhekk ser insaħħu l-iskemi ta' installazzjoni ta' solar water heaters, PV solar panels, roof insulation, heat pump water heaters, double glazing, batteriji għall-ħażna tal-enerġija u manutenzjoni tal-bjar fost oħrajn. Bl-użu ta' dawn l-installazzjonijiet tnaqqas il-konsum, tniġġes inqas u tiffranka fil-kontijiet tiegħek.

405 Nagħtu għajnuna addizzjonali lill-first-time buyers u familji bi dħul baxx u medju li jinvestu biex itejbu l-energy performance tal-proprjetà li jkunu qed jixtru jew jgħixu fiha.

## Obbligi ambjentali għal binjiet ġodda

406 Bini ġdid li jitla' sal-ogħla massimu permess fil-pjan lokali jkun obbligat jinstalla sistemi ta' enerġija rinnovabbli.

407 Kull żvilupp ta' binjiet kummerċjali, uffiċini u skejjel ġodda, kif ukoll kull rinnovazzjoni maġġuri ta' binjiet kbar, ser iġibu magħhom l-obbligu li jkunu installati sistemi ta' enerġija rinnovabbli.

## Industrija sostenibbli

408 Irridu naħdmu id f'id mal-industrija sabiex nippromwovu mudelli sostenibbli li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u t-tniġġis. Għalhekk permezz ta' Malta Enterprise ser noffru energy audit b'xejn lill-intrapriżi micro u żgħar, kif ukoll għajnuna finanzjarja biex iwettqu r-rakkomandazzjonijiet tal-istess audit. Dawk l-intrapriżi li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-energy efficiency audit u jilħqu standards internazzjonali akkreditati favur l-ambjent ser jirċievu għajnuna addizzjonali f'forma ta' tax credit u inċentivi fiskali oħra.

409 Insostnu l-pjattaforma li ġiet imnedija f'Novembru 2021 li permezz tagħha l-intrapriżi jkunu megħjuna biex isiru konformi mal-kredenzjali Environmental, Social and Governance (ESG) u jilħqu l-miri tal-Corporate Sustainability Reporting Directive. Bis-saħħa ta' hekk, inkunu nistgħu nwessgħu l-aċċess għall- kapital lill-kumpaniji sostenibbli.

410 Wara l-għajnuna li ngħatat lis-settur tal-kostruzzjoni sabiex inaqqas l-emissjonijiet bil-karbonju b'aktar min-nofs, naħdmu mas-settur privat fuq mudell għas-settur tal-loġistika. Dan il-pjan irid jara użu akbar ta' vetturi li jġorru merkanzija tqila jaħdmu bl-elettriku jew bi fjuwil nadif bħall-idroġenu.

411 Jitlesta l-proġett shore-to-ship li ser iġib miegħu tnaqqis drastiku ta' 90% tat-tniġġis iġġenerat minn vapuri li jidħlu fil-Port il-Kbir. B'hekk ser ikun possibbli li dawn il-vapuri jitfu l-magni u l-generators meta jkunu sorġuti fil-port. Dan il-proġett ser iwassal għal titjib konsiderevoli fil-kwalità tal-arja għal madwar 17,000 familja li jgħixu f'din il-parti tal-pajjiż. Barra minn hekk, ser nibdew ix-xogħol fuq proġett ieħor ta' shore-to-ship fiż-żona tal-Freeport.

412 Ninċentivaw ir-riċerka permezz ta' programm b'saħħtu t'investiment u tax credits biex nattiraw lejn pajjiżna start-ups innovattivi li jistgħu jkunu pijunieri fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, id-dikarbonizzazzjoni tal-ekonomija u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li jiġġeneraw enerġija rinnovabbli.



# 07

# Infrastruttura u trasport għall-pajjiż modern


Malta
Malta
Malta

Malta flimkien

Pajjiżna sejja' jimxi 'l quddiem għax għamilna titjib fl-infrastruttura li qatt ma sar bħalu qabel. Il-viżjoni tagħna tgħaqqad l-ambjent, l-enerġija u t-trasport fi strateġija waħda. Dan il-Pjan ser iwassal għal titjib fil-kwalità tal-ħajja, is-saħħa tan-nies u l-ambjent li ngħixu fih.

Għamilna madwar 800 triq ġdida mill-2018 sal-lum, b'investiment ta' €475 miljun fuq perjodu ta' tliet snin. Din il-ħidma ser tissokta sakemm it-toroq ta' Malta jkunu saru kollha.

It-trasport pubbliku ser isir b'xejn għal kulħadd. Sadattant ser inkomplu nwettqu l-pjan tagħna fuq mezzi tat-trasport tal-massa u l-elettrifikazzjoni tat-trasport ta' pajjiżna.

Qed nimmiraw li nnaqqsu t-tniġġis minn kull mezz ta' trasport, inkluż dak marittimu. Il-mezzi tat-trasport tal-baħar ser nestenduhom biex nagħtu servizz komdu u effiċjenti lill-pubbliku.

F'dan il-qasam ukoll, ser naħdmu flimkien mal-komunitajiet tagħna sabiex inwettqu aktar proġetti infrastrutturali kbar li jkunu ta' fejda għall-Maltin u l-Għawdxin kollha.

# Inbiddlu l-kultura tat-trasport f'pajjiżna

413 Il-karozzi huma wieħed mill-aktar sorsi ta' tniġġis fil-gżejjer Maltin. Ċertament it-triq 'il quddiem hi dik tal-elettrifikazzjoni tat-trasport f'pajjiżna. Madanakollu nemmnu li rridu nimxu lil hinn milli niddependu totalment fuq il-karozza privata tagħna. Irridu noħolqu kultura li tħajjar aktar nies jivvjaġġaw bir-roti u jagħmlu użu mit-trasport pubbliku u s-servizz ta' ferry bil-baħar.

414 Il-proġett tal-metro huwa intiż li jnaqqas drastikament il-kultura dipendenti fuq l-użu tal-karozza privata, iniżżel il-livell ta' karbonju u jtejjeb il-kwalità tal-arja. Il-mod kif ġie ddisinjat il-proġett ser joħloq aktar spazji miftuħa u żoni pedonali, filwaqt li jtejjeb il-konnettività tal-ibliet u l-irħula Maltin. Bis-sehem ta' kulħadd, fix-xhur li ġejjin irridu naraw diskussjoni ħajja dwar il-metro, bil-għan li jintlaħaq kunsens wiesgħa. Sadanittant ser nissoktaw b'aktar studji tekniċi dwar l-impatt tal-proġett mill-aspett ambjentali, soċjo-ekonomiku u ġeoloġiku, biex jekk jirriżulta li l-metro f'Malta huwa vijabbli jibda x-xogħol fuqu minnufih.

415 Kif ħabbarna fil-baġit li għadda, minn Ottubru li ġej iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ser jibdew jibbenifikaw minn trasport pubbliku b'xejn. Dan is-servizz b'xejn għandu jwassal għal anqas karozzi fit-toroq u anqas konġestjoni tat-traffiku. Ħaddiema li jagħmlu użu minn tal-linja kuljum ser jiffrankaw 'il fuq minn €300 fis-sena.

416 Fl-aħħar snin is-servizz tat-trasport pubbliku b'tal-linja tjieb ħafna u aktar ma jmur, aktar nies qegħdin jagħmlu użu minnu. Bi tħejjija għall-introduzzjoni ta' trasport pubbliku b'xejn, qed naħdmu viċin mal-operatur tat-trasport pubbliku biex intejbu r-rotot eżistenti u jiġu introdotti oħrajn ġodda lejn żoni li fil-preżent mhux jintlaħqu. Qed niżguraw li jkollna numru ta' karozzi tal-linja biżżejjed, speċjalment fuq dawk ir-rotot l-aktar frekwentati u traffikużi. Dan qed isir filwaqt li qed inkomplu bl-elettrifikazzjoni tal-flotta u l-immodernizzar tal-infrastruttura tat-trasport pubbliku bl-installazzjoni ta' bus shelters ġodda mgħammra b'sistema real-time li tgħidlek x'ħin ser tasal il-karozza tal-linja.

417 Ser inkomplu nsaħħu l-infrastruttura tal-ferry landing sites eżistenti, inkluż il-bini mill-ġdid tal-mollijiet f'Tas-Sliema, il-Birgu, Bormla, il-Kalkara u diversi mollijiet u slipways madwar il-kosta, biex intejbu aktar il-konnettività u t-trasport bil-baħar.

418 Irridu nieħdu vantaġġ ikbar mill-fatt li pajjiżna huwa gżira mdawra bil-baħar. Bil-ħsieb li ntejbu l-konnettività bil-baħar, ser noħorġu sejħa għall-introduzzjoni ta' rotot ġodda minn inħawi differenti, inkluż il-Kottonera, Marsaxlokk, Marsaskala, San Pawl il-Baħar, San Ġiljan, il-Mellieħa u postijiet oħra.

419 Niżguraw li t-trasport pubbliku ta' tal-linja jikkumplimenta dak bil-baħar u b'hekk il-passiġġiera jaslu fid-destinazzjoni tagħhom bl-anqas skariġġ possibbli.

420 Nemmnu li l-użu tar-roti huwa mezz effettiv ta' trasport li ma jniġġisx u tajjeb għas-saħħa. Madanakollu jeħtieġ li t-toroq tagħna jkunu iktar siguri għaċ-ċiklisti. Għalhekk ser nieħdu inkonsiderazzjoni iżjed il-bżonnijiet taċ-ċiklisti fid-disinn ta' toroq ġodda bil-ħolqien ta' network ta' bike lanes siguri u installazzjoni ta' aktar bike racks fiċ-ċentri tal-lokalitajiet.

421 Nintroduċu pjanċi ta' reġistrazzjoni ħodor għall-vetturi elettriċi sabiex issir aktar faċli li dawn il-karozzi jintgħarfu u jibdew igawdu minn ċerti vantaġġi bħal aċċess għal ċerti żoni, parkeġġ riservat u l-użu ta' bus lanes.

422 Nintroduċu climate & mobility app maħsuba sabiex tiffaċilita l-car pooling u tippromwovi mezzi ta' trasport aktar sostenibbli.

423 Ser nibdew proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-idea li żgħażagħ ta' 16-il sena jkunu jistgħu jpoġġu għall-eżami tas-sewqan biex jiksbu liċenzja għas-sewqan ta' scooters li jkollhom magna mhux akbar minn 125cc.

## L-elettrifikazzjoni tat-trasport f'pajjiżna

424 Li tixtri u tuża vettura elettrika trid tkun xi ħaġa normali. Hemm numru ta' benefiċċji li jkollok vettura elettrika, fosthom anqas impatt ambjentali u anqas spejjeż. Sas-sena li għaddiet ġew installati 260 charging point. Ser inkomplu ninstallaw aktar charging points ġodda madwar Malta u Għawdex u nsaħħu l-grid biex nippermettu fast charging minn kullimkien. Pajjiżna jeħtieġ li jkollu taħlita ta' infrastuttura adegwata ta' charging points fid-djar, toroq u postijiet pubbliċi, u ser ninvestu f'1,200 charging point ieħor fit-tliet snin li ġejjin.

425 Nimmiraw li sa mhux aktar tard mill-2034 tieqaf l-importazzjoni f'Malta tal-karozzi li jaħdmu bil-petrol u d-diesel.

426 Irridu nagħmluha aktar faċli u affordabbli li tixtri karozza tal-elettriku. Għalhekk ser indaħħlu inċentivi ġodda u ntejbu l-għotja finanzjarja b'saħħitha eżistenti biex ninċentivaw ix-xiri ta' dawn il-vetturi, inkluż fuq karozzi second-hand.

427 Għal darba oħra rridu mmexxu b'eżempju. Fil-ħames snin li ġejjin il-vetturi kollha tas-servizz pubbliku jridu jkunu jaħdmu bl-elettriku.

428 Kumpaniji privati li jaqilbu l-flotta tagħhom għal waħda elettrika ser jibbenifikaw minn tax credit sa 50% tal-ammont li jkunu nefqu, sa massimu ta' €50,000. Dawn ser ikunu jistgħu jibbenefikaw ukoll minn self bla interessi mill-Bank Malti ta' Żvilupp sabiex jikkumplimentaw l-investiment li jagħmlu f'vetturi elettriċi u charging stations.

429 Il-konsumaturi Maltin u Għawdxin diġà qegħdin iħallsu fost l-orħos tariffi fl-Ewropa biex jiċċarġjaw il-karozzi tal-elettriku tagħhom. Fiż-żmien li ġej il-konsumaturi ser jibqgħu jibbenefikaw minn rati mill-aktar vantaġġjużi u jħallsu anqas milli kellhom iħallsu għall-petrol u d-diesel.

430 Konxji mill-fatt li mhux kulħadd għandu l-faċilità li jista' jiċċarġja l-karozza tiegħu f'daru, ser naraw li jitwaħħlu numru adegwat ta' charging points f'toroq residenzjali u li l-parkeġġi pubbliċi kollha jkunu mgħammra b'charging points.

431 Ser ninċentivaw lis-settur privat biex isir operatur ta' numru ta' charging points u jinvesti f'public charging pillars. B'hekk sidien ta' stabbilimenti kbar, uffiċini, supermarkets u postijiet oħra b'faċilità ta' parkeġġ ikunu jistgħu jagħmluha possibbli għall-ħaddiema u l-pubbliku biex jiċċarġjaw il-vettura tagħhom bi ħlas, waqt il-ħin tal-ftuħ u possibbilment anki wara.

432 Il-flessibilità li tkun tista' tiċċarġja l-vettura tiegħek fil-kumdità ta' darek, fit-triq bejn qadja u oħra jew inkella fuq il-post tax-xogħol, hija kruċjali. Għalhekk il-bini ta' djar ġodda, stabbilimenti kbar u uffiċini li jipprovdu parkeġġ iridu jkunu mgħammra b'charging points għall-vetturi elettriċi.

433 L-inċentivi li daħħalna fl-aħħar snin ikkontribwew biex aktar nies qed jużaw ir-roti, pedelecs, muturi u scooters minflok il-karozzi. Fil-leġiżlatura li jmiss ser insostnu dawn l-inċentivi biex aktar nies jużaw dawn il-mezzi li jniġġsu anqas, jippromwovu l-eżerċizzju fiżiku u jnaqqsu t-traffiku.

434 L-e-kickscooters huma mezz ta' trasport alternattiv li qed jikber fil-popolarità tiegħu. Naraw li l-użu ta' dawn l-e-kickscooters ma jkunx ta' detriment għas-sigurtà tas-sewwieqa nfushom u l-pubbliku. Ser nintroduċu geo-fencing li jirregolarizza l-użu tagħhom f'żoni pedonali u max-xtajtiet b'tali mod li ma jkunux ta' inkonvenjent u periklu.

435 Irridu naslu f'punt fejn is-sewwieqa ta' vetturi elettriċi jikkontribwixxu b'mod dirett fil-grid nazzjonali tal-elettriku. Ser nistudjaw l-użu tat-teknoloġija vehicle-to-grid li tippermetti t-trasferiment bi ħlas tal-enerġija żejda maħżuna fil-batterija tal-vettura għall-grid nazzjonali tal-elettriku. Din it-teknoloġija għandha twassal biex ikollna grid aktar effiċjenti u stabbli.

## Toroq aħjar u aktar siguri

436 Pajjiż modern jixraqlu infrastruttura u toroq ta' livell għoli. Inkomplu bil-programm ta' investiment li jlaħħaq is-€700 miljun biex inbiddlu l-wiċċ tat-toroq ta' Malta u Għawdex. Hekk kif deħlin fir-raba' sena ta' dan l-investiment u diġà sar xogħol fuq aktar minn 700 triq, il-mira tagħna hi li jsiru t-toroq kollha ta' Malta u Għawdex. Dan l-investiment fit-toroq ifisser anqas dewmien u konġestjoni tat-traffiku.

437 Wara t-tlestija tal-Marsa Junction u s-Central Link, ser inkomplu bix-xogħol ta' titjib fuq il-junctions, toroq arterjali u distributorji li jiffurmaw parti mit-Ten-T Network, inkluż it-tlestija tal-junction viċin l-ajruport. Ser inkomplu bil-konsultazzjoni dwar il-proġett tal-Imsida Creek Junction mal-partijiet interessati kollha biex il-proġett jiġi mtejjeb u jsir ix-xogħol fuqu għall-benefiċċju ta' kulħadd.

438 Ser inkomplu nallokaw fondi biżżejjed lill-kunsilli lokali għaż-żamma u l-manutenzjoni kontinwa tat-toroq urbani fil-lokalitajiet tagħna.

439 Fl-aħħar erba' snin tħawlu aktar minn 42,000 siġra u 38,000 arbuxell fit-toroq u ż-żoni rurali bħala parti mill-proġett tas-€700 miljun. Fis-snin li ġejjin irridu naraw li aktar siġar jitħawlu fit-toroq tagħna għaliex minbarra li jagħtu dehra isbaħ lill-ambjent urban, inaqqsu t-tniġġis fl-arja, iżidu d-dell u jikkontribwixxu għal temperaturi anqas għolja.

440 Wara l-implimentazzjoni ta' solar pedestrian lanes fi Triq Għeriexem fir-Rabat, isiru aktar installazzjonijiet simili madwar Malta u Għawdex.

441 Fl-aħħar snin sar investiment kbir fit-toroq rurali li, minbarra li jipprovdu aċċess għar-residenti u l-bdiewa f'dik iż-żona, iservu wkoll ta' rotot alternattivi siguri. Ser inkomplu ninvestu f'dawn it-toroq sabiex ikun hemm network ta' toroq tajbin f'żoni rurali.

442 Isir l-investiment meħtieġ biex noħolqu ambjent aħjar u aktar sigur għal mijiet ta' persuni li ta' kuljum jieqfu jistennew tal-linja u jagħmlu użu mis-subway ta' Bieb il-Bombi. Ser nibnu din is-subway mill-ġdid b'mod li tkun aċċessibbli għal kulħadd, b'turġien u liftijiet biex taqsam minn waqfa għal oħra bla dewmien u bla periklu. Ser ikun hemm ukoll post sigur fejn tista' tħalli r-rota jekk tkun trid tkompli l-vjaġġ b'tal-linja.



443 Kif sar f'Ħal Luqa, il-Marsa u l-Blata l-Bajda, ser inkomplu nibnu pedestrian bridges sabiex inżidu s-sigurtà tan-nies, jonqos il-ħin ta' stennija fit-traffic lights u tiżdied l-aċċessibilità.

444 L-avvanz fit-teknoloġija fejn jidħlu l-connected and autonomous Vehicles (CAVs) ifisser li pajjiżna jrid ikun preparat u fuq quddiem biex jilqa' tali teknoloġija fis-snin li ġejjin, inkluż fuq livell regolatorju. Ser jinħolqu inċentivi għall-operaturi u importaturi sabiex isir investiment f'teknoloġija li tippermetti l-ittestjar ta' dawn il-vetturi.

## Proġetti ġodda

445 Jitlesta l-proġett tal-breakwater ta' Buġibba li ser iżid il-konnettività bil-baħar u jgħaqqad is-servizz tal-lanċa mill-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett mat-Tramuntana ta' Malta. Ser ikompli wkoll ix-xogħol ta' manutenzjoni, u fejn meħtieġ, bini mill-ġdid, ta' faċilitajiet oħra bħal breakwaters ta' Spinola, Marsaskala u San Ġorġ f'Birżebbuġa.

446 Sal-aħħar tal-2022 inlestu l-proġett ta' tisbiħ estensiv mal-promenades tal-Imsida u tal-Pietà, bi twessigħ ta' bankini, introduzzjoni ta' bicycle lanes u aktar siġar. Nibdew l-istudji meħtieġa sabiex dan il-kunċett jiġi estiż għal Ta' Xbiex u b'hekk ikun hemm ħolqa pedonali mhux interrotta minn Sa Maison li twassal sa San Ġiljan.

447 Wara li jitlestew l-istudji tekniċi u ġeoloġiċi, jiġi installat lift li miż-żona tal-ferry landing ta' Marsamxett iwasslek direttament għal Peacock Garden. Il-bini ta' moll ġdid f'Marsamxett ser ikun jista' jilqa' żewġ lanċ f'daqqa.

448 Bnejna impjant ġdid tal-ħażna u d-distribuzzjoni tal-fjuwil f'Ħas-Saptan u waqafna nużaw l-impjant tal-31 ta' Marzu f'Birżebbuġa. Issa jmiss li nżarmaw it-tankijiet kollha tal-fjuwil li hemm fil-qalba tar-raħal u ssir analiżi teknika tal-impatt tal-użu preċedenti ta' dan is-sit. B'konsultazzjoni mar-residenti, nippreżentaw pjan finali għat-trasformazzjoni tas-sit fi spazju li jkun jista' jitgawda mill-familji.

449 Il-Pont tal-ħatt tal-fjuwil f'Birżebbuġa (il-Pont tax-Shell) ser issirlu manutenzjoni u jiġi rrinnovat sabiex jitneħħa l-periklu u jinbidel fi spazju miftuħ għar-rikreazzjoni b'aċċess ġdid għall-għawm għall-familji.

450 Ser naraw li jsir investiment fil-bini mill-ġdid tal-breakwater ta' Marsaxlokk man-naħa ta' Delimara, bil-għan li l-port tas-sajjieda ta' Marsaxlokk ikun dejjem aktar kenni mill-maltemp u adegwat għall-bastimenti tas-sajjieda.

451 Wara investimenti li saru fl-aħħar snin, ma għadx baqa' bżonn li l-fjuwil tal-avjazzjoni jibqa' jinħażen f'Wied Dalam f'Birżebbuġa. Din iż-żona tinbidel f'post li jkun jista' jitgawda mir-residenti tal-madwar.

452 Ir-reklamazzjoni tal-art hija meħtieġa f'pajjiż żgħir bħal tagħna fejn l-ammont ta' art disponibbli huwa wieħed limitat ħafna. Wara snin ta' diskussjoni u studji, naraw li jimxu 'l quddiem dawn it-tip ta' proġetti li jkunu ta' benefiċċju għal pajjiżna, fosthom il-produzzjoni ta' enerġija nadifa.

453 Gvern Laburista jirriġenera s-sit ta' San Luċjan f'Birżebbuġa li jintuża għall-ħażna taż-żejt. Bit-tneħħija tat-tankijiet mhux biss jispiċċa l-inkonvenjent għar-residenti, iżda nkunu f'pożizzjoni li nittrasformaw dan is-sit f'attrazzjoni unika. Il-pjan tagħna huwa li dan il-post iservi ta' Sustainable Innovation Hub u jservi ta' mudell fejn l-innovazzjoni tingħata prijorità fil-viżjoni tagħna għal ekonomija ħadra u blu. Il-proġett jinkorpora żoni miftuħa għall-pubbliku, bajja ġdida, negozji sostenibbli, gastronomija u spazji għall-kultura u d-divertiment fost attrazzjonijiet oħra.

## Proġetti fiż-żona tal-Port il-Kbir

454 Iż-żona tal-Port il-Kbir mhux biss hija sabiħa iżda kruċjali ekonomikament. Il-Pjan ta' Riġenerazzjoni għall-Port il-Kbir li ħabbarna fl-2021 jilħaq bilanċ bejn l-attività ekonomika f'din il-parti tal-pajjiż u t-titjib fl-ambjent ġenerali taż-żona tal-port. Fil-leġiżlatura li jmiss ser ikomplu l-proġetti f'disa' żoni mad-dawra tal-port, fosthom estensjoni ta' Pinto Wharf, roll-on/roll-off terminal ġdid f'Ras Ħanżir, il-binja fejn kienet il-Pixkerija u faċilitajiet rikreattivi ġodda f'Xatt il-Barrieri. Ser nagħtu l-ħajja mill-ġdid lil binjiet eżistenti madwar il-port b'rispett sħiħ lejn il-fortifikazzjonijiet u mħażen storiċi fil-madwar.

455 Ix-xogħol jinkludi wkoll tħammil ta' partijiet mill-port, it-tneħħija ta' aktar vapuri abbandunati u miżuri oħra li jindirizzaw l-irwejjaħ fiż-żona.

456 Bħala parti mill-pjan ta' riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ser nibdew proġett estensiv fil-Marsa li jinkludi l-Menqa u s-sit li fih kien hemm il-power station l-antika. Il-proġetti għal din iż-żona ser jinvolvu kullana ta' attivitajiet kummerċjali, marittimi u turistiċi. Il-pjan tagħna huwa li minn dan il-post niġġeneraw impjiegi produttivi, inneħħu t-telqa u nagħmlu l-post ferm isbaħ milli hu.

457 Il-binja tas-Sea Malta fil-Marsa ser tingħata ħajja ġdida u tibda sservi ta' spazju għall-industrija marittima li kienet u għadha predominanti f'din iż-żona.

458 Is-sensiela ta' proġetti madwar in-naħa tal-port tal-Kottonera ser jipprovdu spazju miftuħ mhux interrott għat-tgawdija tal-familji mill-Ponta tal-Isla saż-żona fejn tinsab l-Esplora, b'total ta' aktar minn 3.5 kilometri. Tiġi studjata l-possibilità li dan l-ispazju jiġi estiż saż-żona tar-Rinella u lil hinn bil-għan li eventwalment iwassal sa Smart City u tul il-kosta kollha tax-Xgħajra.

459 Il-Forti Rikażli jeħtieġ restawr u manutenzjoni estensiva. Konxji mill-isfidi li jġib miegħu dan il-proġett, kommessi li nsalvaw u nirriġeneraw din l-akbar fortizza li għandna f'pajjiżna tat-tip tagħha fl-Ewropa.

460 Hekk kif miexi b'ritmu mgħaġġel il-proċess biex jingħalaq iċ-ċentru tal-immigranti fil-Marsa, ser naraw li l-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir jiġi estiż biex jinkludi ż-żoni ta' Albert Town u l-madwar. Issir ukoll riġenerazzjoni fil-qalba tal-lokalità minn Triq is-Salib tal-Marsa sa Triq is-Sajjieda, anki permezz ta' żoni pedonali ġodda.

461 Wara li tlesta x-xogħol fuq il-Gardjola u l-Belvedere ta' San Mikiel, jinbeda x-xogħol fuq ir-riġenerazzjoni ta' Pjazza Mitrovic fl-Isla. Inlestu x-xogħol ta' riġenerazzjoni tal-pjazza u l-promenade tal-Kalkara li ser jingħaqad mal-proġett ta' Sally Port tal-Birgu. Fl-istess waqt, issir estensjoni tal-promenade tal-Birgu u jinħolqu faċilitajiet ġodda ta' parkeġġ.

462 Nagħmlu l-istudji meħtieġa dwar l-idea li jiġi installat lift li jipprovdi aċċess mix-xatt tal-Isla għall-Ġnien il-Gardjola għar-residenti u t-turisti li jaslu bil-cruise liners.



# 08

## Poplu b'saħħtu, pajjiż b'saħħtu



Malta flimkien

Minkejja l-effetti qliel tal-pandemija, is-servizz tas-saħħa ta' pajjiżna baqa' fost l-aqwa fid-dinja. Issa l-prijorità tagħna ser tkun il-prevenzjoni tal-mard u l-użu tax-xjenza biex nevitaw kumplikazzonijiet ta' saħħa matul il-ħajja.

It-tibdil li għamilna fil-qasam tas-saħħa ta lura d-dinjità lil eluf ta' pazjenti li ma kinux qed jirċievu trattament fil-ħin. Qarribna s-servizz tas-saħħa lejn iċ-ċittadin b'16-il ċentru komunitarju tas-saħħa ġdid f'lokalitajiet differenti madwar Malta u Għawdex.

Il-mediċina out-of-stock spiċċat u żidna 80 mediċina ġdida fuq il-formolarju tal-Gvern. L-anzjani ser jibdew jirċievu b'xejn il-mediċini kollha li jinsabu f'din il-lista.

Pajjiżna ser ikompli jkollu sptarijiet u faċilitajiet moderni tal-aqwa livell, inkluż fejn jidħol dak kollu li huwa marbut mas-saħħa mentali.

L-inizjattivi kollha li nieħdu fil-qasam tas-saħħa jkunu possibbli biss permezz tad-dedikazzjoni tat-tobba, l-infermiera u l-ħaddiema kollha f'dan is-settur. Determinati li ntejbulhom il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom ukoll.

## L-aqwa servizz tas-saħħa u b'xejn

463 Inkomplu mmexxu 'l quddiem il-politika tas-saħħa li tiggarantixxi servizz tal-ogħla kwalità u b'xejn għall-Maltin u l-Għawdxin kollha.

464 Inkomplu nżidu l-investiment annwali fis-settur tas-saħħa, b'enfasi akbar fuq il-prevenzjoni, il-kura primarja u l-użu tal-aħħar teknoloġija biex nilħqu aktar pazjenti. Fl-istess waqt ser ninvestu dejjem aktar fit-tobba, speċjalisti, konsulenti, infermiera, paramediċi u dawk kollha involuti fil-qasam tas-saħħa. Irridu nħeġġu dejjem aktar żgħażagħ biex iħarsu lejn dan is-settur bħala karriera u vokazzjoni.

465 Matul il-pandemija, il-ħaddiema fis-settur tas-saħħa għamlu sagrifiċċji kbar, anki b'detriment għall-familji tagħhom. Jekk qatt kien hemm bżonn konferma dwar l-importanza tas-servizz li jagħtu dawn il-professjonisti, il-pandemija ħarġet biċ-ċar il-livell għoli u d-dedikazzjoni ta' dawn il-ħaddiema. Dan ser nirrikonoxxuh b'titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-ftehimiet kollettivi li jridu jiġġeddu matul il-leġiżlatura li jmiss u lil hinn.

466 It-teknoloġija għandha sehem importanti biex tgħin liċ-ċittadini jgħixu ħajja b'saħħitha u b'hekk jipprevenu l-mard kmieni kemm jista' jkun. Fl-istess ħin irridu nipprovdu kura u terapija personalizzata lill-pazjenti kollha. Bl-użu ta' riċerka sofistikata u genome sequencing, is-servizz tas-saħħa tal-istat ser ikun f'pożizzjoni li jipprovdi kemm jista' jkun informazzjoni liċ-ċittadini dwar is-suxxettibilità tagħhom lejn mard differenti u l-aktar mediċina li tkun effettiva għalihom f'każ ta' mard.

467 Il-mard rari jġib miegħu sfidi u diffikultajiet kbar, kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-familji tagħhom. Konxji li bosta drabi dawn il-kundizzjonijiet tant ikunu rari li ma jkunx hemm persuni oħra li qed jgħaddu mill-istess esperjenza fil-pajjiż. Ser naħdmu sabiex jitħejja pjan t'azzjoni nazzjonali dwar il-mard rari li ma jiffukax biss fuq id-dijanjosi u l-kura, iżda wkoll fuq il-kwalità tal-ħajja ta' dawn il-persuni.

## Prijorità ikbar lill-kura preventiva

468 Immexxu politika tas-saħħa mibnija fuq stil ta' ħajja sana, ibbażata fuq il-prevenzjoni tal-mard u t-tixrid tiegħu. Nikkonsolidaw il-miżuri ta' prevenzjoni u nvaraw strateġija nazzjonali mmirata sabiex tnaqqas il-prevalenza ta' mard u l-imwiet ikkawżat minnu. Nippromwovu dieta nutrittiva u attività fiżika bħala parti mir-rutina ta' kuljum.

469 Il-politika tas-saħħa li qed nitkellmu dwarha ser tkun imsaħħa permezz ta' programm ħolistiku ta' genetic screening u testing, tilqim, kif ukoll moniteraġġ kontinwu ta' kundizzjonijiet u mard.

## Ninvestu fil-kura primarja

470 Tul l-aħħar leġiżlatura nfetħu 16-il ċentru komunitarju tas-saħħa ġdid f'lokalitajiet differenti madwar Malta u Għawdex. Dawn iċ-ċentri assiguraw kura ta' kwalità viċin in-nies u naqqsu l-pressjoni minn fuq l-isptarijiet u ċ-ċentri tas-saħħa eżistenti. Irridu nkomplu bl-investiment fil-kura primarja billi naraw li jkun hemm ċentru komunitarju f'kull lokalità.

471 Fl-aħħar snin Gvern Laburista reġa' ta l-ħajja mill-ġdid liċ-ċentri tas-saħħa. Sal-aħħar tal-leġiżlatura li jmiss ser jitlesta l-proġett li permezz tiegħu ser jiġu rrinnovati u mmodernizzati ċ-ċentri tas-saħħa kollha ta' pajjiżna. Il-pjan tagħna huwa li dawn iċ-ċentri jkomplu jżidu l-firxa ta' servizzi li joffru, inkluż operazzjonijiet minuri li sal-lum kienu pprovduti biss mill-Isptar Mater Dei.

472 Sal-aħħar ta' din is-sena ser jinfetħu l-Paola Health Hub u ċ-ċentru tas-saħħa ġdid fir-Rabat Għawdex. Bl-istess għan li tkompli titnaqqas il-pressjoni minn fuq l-isptar ċentrali, ser jinbeda x-xogħol fuq Northern Hub sabiex in-nies li joqogħdu fin-naħa ta' fuq tal-pajjiż igawdu mill-istess servizzi eqreb ta' fejn joqogħdu.

473 Irridu nħeġġu dejjem aktar id-diċentralizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa bi rwol akbar tat-tobba tal-familja mill-qasam privat. Ser nagħtu aċċess għal numru ta' servizzi tas-saħħa pubblika lil pazjenti li jagħżlu li jużaw it-tabib privat tagħhom.

## Mater Dei

474 Wara li saru l-pjanti u l-preparazzjonijiet kollha meħtieġa, fil-leġiżlatura li jmiss ser tinbena l-binja biswit Mater Dei li ser tilqa' fiha d-dipartiment tal-outpatients. Dan l-investiment ser jassigura li s-servizz tas-saħħa tal-istat ikun preparat għall-futur permezz ta' twessigħ tas-servizzi pprovduti bħalissa u faċilitajiet ġodda li jlaħħqu mad-domanda li dejjem qed tikber, filwaqt li ser jinħoloq parkeġġ addizzjonali għal aktar minn 650 karozza biex jintużaw mill-ħaddiema tal-isptar, il-pazjenti u l-viżitaturi.

475 Il-kwalità tas-servizz tas-saħħa tiddependi mil-livell tal-edukazzjoni li jirċievu l-professjonisti mediċi. Ser inlestu x-xogħol fuq l-iskola medika ġdida fl-Università ta' Malta b'faċilitajiet mill-aktar avvanzati u li tassigura li pajjiżna jibqa' jkollu professjonisti mediċi bl-aqwa ħiliet għall-futur.

476 L-ispazju fejn illum hemm l-iskola medika eżistenti ser jintuża sabiex jinfetħu swali ġodda ġewwa Mater Dei.

477 Fl-aħħar snin wettaqna ħidma kbira sabiex jonqos il-ħin ta' stennija fid-Dipartiment tal-Aċċidenti u l-Emerġenza. Beħsiebna nkomplu nnaqqsu l-ħin ta' stennija permezz ta' tkabbir tal-ispazju ddedikat għal dan id-dipartiment tant importanti f'Mater Dei u nagħmlu rijorganizzazzjoni tiegħu.

## Inħarsu d-drittijiet u d-dinjità tal-pazjent

478 Bħala parti mill-pjan sabiex jitwessgħu s-servizzi pprovduti mid-Dipartiment tal-Aċċidenti u l-Emerġenza, ser jitwaqqaf National Poison Centre sabiex jagħti assistenza lill-persuni, speċjalment tfal, li jkunu kkonsmaw jew ġew esposti għal materjal jew likwidi li jkunu ta' dannu għas-saħħa ta' dak li jkun. Dan iċ-ċentru jżomm inventarju ta' prodotti u kimiċi differenti sabiex ikun f'pożizzjoni li jassisti lill-pubbliku f'sitwazzjonijiet t'emerġenza.

479 Nemmnu li l-pazjenti tixirqilhom l-aqwa kura u fil-ħin. Illum l-Isptar miexi aħjar, naqqasna l-listi ta' stennija u qed isiru numru ta' interventi kirurġiċi ġodda għall-ewwel darba. Fiż-żmien li ġej ser nibqgħu impenjati biex noffru l-aqwa servizz tas-saħħa u nsaħħu ċ-Charter għad-Drittijiet tal-Pazjenti fl-infurzar intier tiegħu.

480 Fil-preżent ir-residenti Għawdxin li jaqsmu l-gżejjer għal trattament mediku ma jħallsux għat-traġitt tal-Gozo Channel. Bl-istess mod, ir-residenti Maltin li jitilgħu Għawdex għal raġunijiet mediċi mhux ser jibdew iħallsu għat-traġitt. Dan il-benefiċċju ser nestenduh ukoll għall-użu tal-fast ferry u mal-inżul tiegħu fil-port, il-pazjenti ser ikunu jistgħu jużaw trasport b'xejn biex imorru l-Isptar Mater Dei jew l-Isptar Ġenerali t'Għawdex.

## Prevenzjoni u trattament kontra l-kanċer

481 Il-programm ta' screening ta' forom differenti ta' kanċer ikkontribwixxa sabiex jiġu salvati l-ħajjiet ta' bosta nisa u rġiel Maltin u Għawdxin. Filwaqt li ser inbaxxu l-età għall-screening tal-kanċer tas-sider tan-nisa għal 45 sena, ser inżidu n-numru ta' testijiet għall-kanċer tal-pulmun u dak tal-prostata, l-aktar fost dawk li għandhom riskju akbar ta' dan il-mard.

482 Nagħmlu l-investiment fl-aħħar teknoloġija permezz tal-użu ta' MR Linac li toffri trattament avvanzat, aktar preċiż u fi żmien iqsar għal tipi differenti ta' kanċer. Din it-teknoloġija tħalli anqas effetti sekondarji u anqas inkonvenjent għall-pazjenti li jkunu qed isofru minn din il-marda.

483 Jitwaqqaf urgent referral unit għall-pazjenti tal-kanċer sabiex ma jkollhomx għalfejn joqogħdu jistennew ġewwa d-Dipartiment tal-Aċċidenti u l-Emerġenza. Din il-miżura ser tassigura wkoll li dawn il-pazjenti jirċievu kura adegwata fl-inqas ħin possibbli.

484 Ser nintroduċu servizz ta' screening ġdid għall-anzjani għan-nefħa (aneurysm) fl-arterja prinċipali tal-ġisem.

485 Nagħrfu li l-kura tal-kanċer tikkawża tbatija għall-pazjenti u l-membri tal-familja tagħhom. Irridu ninvestu f'servizzi maħsuba sabiex innaqqsu l-inkonvenjent għal dawn il-persuni. Ser nipprovdu s-servizz ta' kimoterapija barra mill-isptar jew fid-djar meta jkun possibbli.

486 Pajjiżna għandu sehem x'jagħti fil-ġlieda kontra l-kanċer u għandu jkollna l-għodod meħtieġa sabiex nagħmlu dan. Ser inwaqqfu fond maħsub sabiex jiffinanzja mediċini u terapiji ġodda kontra l-marda tal-kanċer.

## Mediċini

487 Minkejja t-titjib sostanzjali li raw l-anzjani fid-dħul tagħhom, nirrikonoxxu li din il-faxxa tal-popolazzjoni tiffaċċja spejjeż ogħla mill-kumplament, speċjalment fejn tidħol il-mediċina. Bil-għan li nieħdu ħsieb dejjem aktar is-saħħa tal-anzjani tagħna u nkomplu ngħollu l-livell tal-għejxien tagħhom, il-pensjonanti kollha ser ikunu awtomatikament intitolati għall-mediċini kollha li jinsabu fuq il-formularju tal-Gvern b'xejn. Hekk kif għamilna fl-aħħar snin, ser inkomplu nżidu l-mediċini fuq l-istess formularju.

488 Gvern Laburista rnexxielu jġib il-lista tal-mediċini out of stock fix-xejn. Il-kwistjoni tal-mediċini out of stock ma kinitx biss waħda ta' numri, iżda kienet taffettwa direttament is-saħħa u d-dinjità tal-pazjenti. Fil-ħames snin li ġejjin ser inkomplu nżidu l-aċċessibilità u nħaddmu sistemi li jiggarantixxu mediċini fil-pront għall-pazjenti.

489 Ser inkomplu nżidu l-mediċini u t-trattamenti offruti b'xejn li jittrattaw diversi tipi ta' kanċer, l-osteoporożi, mard taċ-ċirkulazzjoni, fibromajalġja, mard infjammatorju u mard rari, fost oħrajn. Fl-istess waqt ser inżidu l-mediċini psikjatriċi li huma intiżi biex inaqqsu t-tul ta' żmien li persuna tqatta' fl-isptar għal kura psikjatrika.

490 Fl-aħħar snin ħabbarna r-roħs fil-prezz ta' aktar minn 300 mediċina, filwaqt li aktar minn 200 mediċina ġdida tpoġġew fuq is-suq. Ser inkomplu bi proċess ta' djalogu mal-imsieħba involuti sabiex nassiguraw li l-konsumaturi jibqa' jkollhom għażla wiesgħa ta' mediċini bi prezzijiet affordabbli.

## Pandemija u emerġenzi oħra fil-futur

491 Flimkien, b'solidarjetà u għaqal, irnexxielna nġibu l-pandemija taħt kontroll u jkollna fost l-ogħla rata ta' tilqim kontra l-virus fid-dinja. Tant hu hekk li l-Għaqda Dinija għas-Saħħa (WHO) faħħret l-isforzi tal-Gvern Malti fil-ġlieda kontra l-imxija tal-COVID-19 u ddeskriviet lill-pajjiżna bħala mudell għal pajjiżi oħra. Madanakollu, il-pandemija wrietna li rridu nħejju ruħna għal emerġenzi oħra simili fil-futur. Għalhekk ser inwaqqfu kumitat tekniku li jiġbor fih esperti mill-qasam mediku sabiex jiżgura li pajjiżna jkun preparat għal kwalunkwe sfida fil-futur marbuta mas-saħħa taċ-ċittadini.

492 Pajjiżna jrid ikun preparat bi sħiħ għall-eventwalità ta' emerġenzi ta' saħħa oħra li jistgħu jinqalgħu fil-futur. Ser inżidu n-numru ta' sodod f'iżolament u teatri tal-operazzjonijiet attrezzati għal dawn is-sitwazzjonijiet sabiex filwaqt li noffru l-aqwa kura lill-pazjenti tagħna, inħarsu is-saħħa pubblika bl-aħjar mod.

493 Inwaqqfu follow-up clinic għal dawk il-persuni li tkun qabdithom il-COVID-19 sabiex isir moniteraġġ kontinwu fuq l-istat ta' saħħithom u nnaqqsu kemm jista' jkun il-kumplikazzjonijiet li jistgħu jkunu kkawżati minn dan il-virus fit-tul.

## Is-saħħa mentali importanti daqs dik fiżika

494 Is-saħħa mentali taffettwa kif naħsbu, inħossu u naġixxu. Tiddermina kif nilqgħu għall-isfidi tal-ħajja, kif nirrelataw ma' xulxin u nagħmlu l-għażliet tagħna. Kriżi fis-saħħa mentali tista' tolqot lil kull wieħed u waħda minna fi kwalunkwe età, u l-istigma dwar dan is-suġġett tista' twassal għal telf ta' ħajjiet. Minkejja li żdied l-għarfien dwar is-saħħa mentali, is-soċjetà trid tħaddan bil-provi lil dawk li jkunu għaddejjin minn żmien iebes f'ħajjithom. Sa minn età żgħira rridu nqajmu kuxjenza li s-saħħa mentali trid tingħata l-istess importanza daqs dik fiżika għall-benesseri ta' kulħadd filwaqt li rridu naħdmu aktar fejn tidħol il-prevenzjoni.

495 Huwa stmat li wieħed minn kull erbgħa fostna, f'xi punt jew ieħor matul ħajjitna, ser ngħaddu minn perjodu ta' sfida ta' saħħa mentali. Inwessgħu l-kunċett ta' terapija fid-djar u l-komunità billi noffru opportunitajiet ta' taħriġ lit-tobba tal-familja u nintegraw dejjem iktar is-servizzi relatati mas-saħħa mentali fil-kura primarja.

496 Filwaqt li nkomplu nintegraw l-Intervention Crises Unit fis-servizz tal-emerġenza pprovdut mill-Isptar Mater Dei u entitajiet oħra, ser niżviluppaw is-servizz ġdid fejn, għal numru ta' ġimgħat, tim ta' professjonisti ser isegwu u jassistu lil persuni li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet ta' saħħa mentali f'darhom stess. Dan it-tim ser ikun f'pożizzjoni li jifhem aħjar iċ-ċirkostanzi individwali tal-persuna u jagħti l-għajnuna meħtieġa fl-iqsar ħin possibbli biex il-kundizzjoni ta' dak li jkun ma teskalax.


MATER DEI

497 Inkomplu bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Saħħa Mentali u nagħtu prijorità lill-ħolqien ta' aktar faċilitajiet fil-komunità, bħall-proġett Casal Nuovo, għal dawk il-pazjenti li jkunu jeħtieġu kura fit-tul, f'post li jixbah aktar l-ambjent ta' dar milli dak ta' sptar. Fl-istess waqt ser inkomplu nagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ lil entitajiet bħall-Fondazzjoni Richmond li jagħmlu xogħol imprezzabbli fil-qasam tal-kura tas-saħħa mentali.

498 Il-kunċett ta' kura fil-komunità u terapija individwali jrid jitħaddem ukoll f'Għawdex. Ser intejbu s-servizzi ta' saħħa mentali f'Għawdex permezz ta' tim ta' professjonisti li ser jassistu persuni b'diffikultajiet ta' saħħa mentali, anki fi djarhom.

499 Jinfetaħ l-isptar il-ġdid għall-kura psikjatrika akuta viċin l-Isptar Mater Dei. Minbarra spazju għal 120 sodda u ġnien terapewtiku, dan l-isptar ser jinkludi wkoll servizz ta' outpatient għal pazjenti li jkollhom bżonn aktar kura minn trattament fid-dar. Dan id-day hospital huwa intiż biex jippreveni l-ħtieġa ta' ammissjonijiet fl-isptar għal perjodi twal fejn il-pazjenti jkunu jistgħu jieħdu t-trattament meħtieġ filwaqt li jibqgħu jgħixu ħajja indipendenti fil-komunità.

500 Il-proġett tal-isptar il-ġdid għall-kura psikjatrika ser jinkludi wkoll taqsima għall-kura intensiva sabiex tilqa' fiha persuni li jkunu ta' detriment għalihom infushom jew għal dawk ta' madwarhom. F'din it-taqsima jkun possibbli li ssir osservazzjoni f'ambjent aktar sigur permezz ta' staff-to-patient ratio aktar għolja.

501 L-iskop tal-Isptar Monte Carmeli ser jinbidel sabiex jipprovdi servizz speċjalizzat lil pazjenti b'dijanjosi doppja ta' saħħa mentali u problemi ta' dipendenza fuq ix-xorb jew id-droga, kif ukoll kundizzjonijiet psikjatriċi oħra. Għalhekk ser jitlesta x-xogħol fl-Isptar Monte Carmeli sabiex dan jiġi ttrasformat f'faċilità moderna ta' 150 sodda li tipprovdi kura simultanja lil persuni li jkunu qed jesperjenzaw dawn iż-żewġ sfidi f'daqqa.

502 Insaħħu s-servizz ta' terapija fid-djar offrut lil tfal u żgħażagħ filwaqt li nirrilokaw it-Taqsima tal-Kura Psikjatrika għat-tfal u l-adolexxenti 'l barra mill-Isptar San Luqa għal post aktar addattat.

503 Il-Gvern għandu jkun mudell għal min iħaddem fejn tidħol is-saħħa mentali. Kull ftehim kollettiv iffirmat mill-Gvern u l-entitajiet li jaqgħu taħtu għandu jipprovdi aċċess għall-għajnuna relatata mas-saħħa mentali, kif ukoll taħriġ lill-impjegati biex jagħrfu s-sintomi marbuta mas-saħħa mentali u jkunu jafu kif għandhom jgħinu lill-kollegi tagħhom f'dan il-mument.

504 L-iskejjel jistgħu jkunu punt ta' referenza biex it-tfal jiġu riferuti għall-għajnuna professjonali f'waqtha bil-kunsens tal-ġenituri. Għalhekk ser nipprovdu taħriġ lill-edukaturi sabiex ikunu f'pożizzjoni li jagħrfu s-sinjali ta' sfidi ta' saħħa mentali u jġibu dan għall-attenzjoni tal-ġenituri biex fejn hu l-każ ikunu jistgħu jirrikorru lill-uliedhom għall-għajunua professjonali.

505 Il-familji ta' persuni li jesperjenzaw kriżi fis-saħħa mentali tagħhom jgħaddu wkoll minn perjodu ta' diffikultajiet u stress. Aħna nagħrfu li l-familji huma s-sisien tal-kura bi mħabba u appoġġ għall-qraba tagħhom f'din is-sitwazzjoni. Għalhekk ser naħdmu biex dawn il-familji jkollhom aċċess għal sapport professjonali u l-għodda biex jieħdu ħsieb il-benesseri tagħhom filwaqt li jkunu ta' spalla għal dawk il-maħbubin tagħhom bi sfidi ta' saħħa mentali.

## Saħħa sesswali fid-diversità kollha tagħha

506 Nippubblikaw il-politika aġġornata dwar is-saħħa sesswali fl-iqsar żmien possibbli. Din il-politika għandha tirrifletti r-realtajiet tal-lum fejn tidħol is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, fid-diversità kollha tagħha. Magħha ser inniedu pjan t'azzjoni b'għanijiet, miżuri u skadenzi ċari li jżommu lill-gvern responsabbli għat-twettiq tal-istess politika.

507 L-edukazzjoni sesswali fl-iskejjel trid tkun aġġornata biex tirrifletti aħjar ir-realtajiet tal-lum. Filwaqt li nippromwovu l-għarfien dwar l-użu tal-kontraċettivi biex innaqqsu t-tixrid ta' mard trażmess mis-sess u r-riskji ta' tqala mhux pjanata, irridu nagħtu importanza lill-fertilità u l-ippjanar tal-familja, speċjalment meta llum huma ħafna dawk il-koppji li qed jagħżlu li jkollhom it-tfal aktar tard fil-ħajja

508 Jitwessa' u jissaħħaħ is-servizz tal-GU Clinic f'Mater Dei, filwaqt li nifirxu aktar is-servizzi fiċ-ċentri tas-saħħa sabiex ikunu aktar aċċessibbli għal dawk li jkollhom bżonn.

509 Huwa importanti li nnaqqsu r-riskji ta' tqala mhux pjanata. Għalhekk il-contraceptive pill u l-morning after pill għandhom jibdew jitqassmu b'xejn mill-ispiżeriji u ċ-ċentri tas-saħħa. Bl-istess mod l-intrauterine contraceptive devices (IUDs), inkluż dawk ormonali, għandhom jibdew jiġu offruti b'xejn lin-nisa kollha bħala parti mis-servizz tas-saħħa.

510 Nagħmluha possibbli sabiex jibdew isiru rapid HIV testing b'xejn u 'l barra mill-kliniċi.

511 Il-vaċċin kontra l-human papillomavirus (HPV) jibda jiġi offrut b'xejn lis-subien ukoll biex jonqos ir-riskju ta' kanċer assoċjat ma' dan il-virus.

## Kura paljattiva

512 Persuni b'mard terminali għandhom ikollhom aċċess għal kura tal-ogħla kwalità bbażata fuq l-bżonn tal-persuna kif meħtieġ, bl-anqas inkonvenjent possibbli u fil-ħin. Bil-għan ewlieni li ntejbu l-kwalità tal-ħajja għal dawn il-pazjenti ser nestendu s-servizzi ta' kura paljattiva kemm fiċ-ċentri tas-saħħa u kif ukoll fid-djar tal-pazjenti fejn ikun possibbli. Din l-assistenza ser tipprovdi għajnuna għal trattament kontra l-uġigħ, viżti mit-tobba fid-djar u għajnuna fil-qadi ta' bżonnijiet bażiċi ta' kuljum minn tim ta' infermiera u carers.

513 Wara li l-Gvern għen lill-Hospice Malta bi €8 miljun għall-bini ta' St Michael's Hospice, ser inkomplu naħdmu id f'id ma' entitajiet mhux governattivi sabiex f'pajjiżna tingħata kura paljattiva tal-ogħla livell. L-għajnuna li ser inkomplu nagħtu ser tiffoka fuq xiri t'aktar apparat mediku, spejjeż relatati mal-ħaddiema u għajnuna fiżika u emozzjonali lill-pazjenti u lill-qraba tagħhom.

514 Nagħrfu l-bżonn li pajjiżna jkollu aktar professjonisti mediċi li jispeċjalizzaw f'end-of-life care. Il-Gvern ser iniedi boroż ta' studju għal tobba u professjonisti mediċi oħra li jagħżlu li jispeċjalizzaw fil-kura paljattiva u jservu fi sptarijiet lokali.

## Servizz tas-saħħa diġitali

515 Bil-parteċipazzjoni tar-riċerkaturi, il-professjonisti u l-pazjenti nfushom, ser infasslu strateġija ta' għaxar snin għat-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa ta' pajjiżna. L-għan ewlieni ta' din l-istrateġija huwa li ntejbu kemm jista' jkun l-esperjenza tal-pazjenti filwaqt li niżguraw aċċess universali għas-saħħa diġitali.

516 Permezz tal-użu tat-teknoloġiji l-ġodda tar-robotika u l-intelliġenza artifiċjali jistgħu jsiru interventi kumplessi b'ħafna aktar preċiżjoni. Wara li investejna f'apparat robotiku biex f'pajjiżna jibdew isiru ċerti operazzjonijiet fuq il-prostata, jibdew isiru operazzjonijiet oħra b'dan il-mod, inkluż operazzjonijiet ġinekoloġiċi u oħrajn fuq il-fwied, l-intern u l-widnejn. L-użu ta' din it-teknoloġija ser inaqqas ir-riskji u l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu waqt l-operazzjoni.

517 Il-pandemija għaġġlet l-implimentazzjoni ta' prattiċi ta' telemediċina li jilħqu aktar pazjenti f'darhom. Naraw li nestendu s-servizz ta' telemediċina offrut u jikber it-tim ta' tobba sabiex fejn ikun possibbli, konsultazzjonijiet mediċi u follow-ups regolari li ma jeħtiġux kuntatt fiżiku jsiru b'mod virtwali.

518 Ir-remote patient monitoring fil-każ ta' mard kroniku kkontribwixxa għal moniteraġġ aktar effettiv kif ukoll anqas skariġġ għall-pazjenti. Is-servizz li ġie introdott għall-pazjenti bid-dijabete type-1 taħt l-età ta' 16-il sena ser jiġi estiż għall-pazjenti kollha li jbatu b'din il-kundizzjoni. Eventwalment dan il-moniteragg ser jiġi estiż biex jinkludi wkoll pazjenti b'mard tal-qalb u mard respiratorju kroniku.



# 09

# Qabża fl-isport



Malta flimkien

L-impatt li l-isports u l-attività fiżika għandhom fuq il-benesseri huwa importanti daqs il-benefiċċji fiżiċi. Għalhekk għalina l-isport huwa proċess tul il-ħajja li jrid jibda minn kmieni kemm jista' jkun. L-attività fiżika u l-isport huma parti mill-istrateġija ta' prevenzjoni fil-qasam tas-saħħa.

Ser inkomplu ninvestu f'faċilitajiet sportivi aċċessibbli għal kulħadd u qrib tiegħek kemm jista' jkun.

Il-viżjoni tagħna għal dan il-qasam jolqtu lil kull min b'xi mod jew ieħor jipprattika xi attività fiżika, minn persuni li jagħmlu taħriġ bażiku għall-atleti professjonali li l-isport huwa l-passjoni u l-karriera tagħhom.

Fil-pjan li qed inressqu 'l quddiem, qed nimmiraw li pajjiżna jkollu faċilitajiet sportivi ta' standards internazzjonali li jservu ta' sisien għall-industrija tal-isport li tattira wkoll investiment lejn pajjiżna.

# Tfal attivi u b'saħħithom

519 Irridu li t-tfal kollha jkunu kapaċi jagħmlu eżerċizzju bażiku waħedhom biex inrawmu fihom stil ta' ħajja b'saħħitha filwaqt li niġġieldu l-obeżità. Isir moniteraġġ kontinwu tal-attività u s-saħħa fiżika tat-tfal u l-ġenituri jkunu mgħarrfa bil-progress ta' wliedhom bħal f'kull suġġett ieħor.

520 Bħalissa n-numru ta' lezzjonijiet tal-PE fl-iskejjel Maltin ivarja. Jiżdied il-ħin u jiġi stabbilit in-numru ta' lezzjonijiet minimu tal-PE. Irridu nimxu lejn mudell fejn it-tfal ikollhom sessjoni waħda ta' attività fiżika kuljum.

521 Ser nagħtu taħriġ adegwat lill-edukaturi kollha u ser ninvestu f'għadd ta' faċilitajiet għall-isports u l-attività fiżika, kemm ġewwa kif ukoll barra l-iskola, biex ngħollu l-istandards u ntejbu l-kwalità tal-PE, anki fid-dawl li rridu nżidu n-numru ta' lezzjonijiet.

522 Nistiednu aktar ta' spiss coaches minn assoċjazzjonijiet u klabbs differenti biex iwettqu sessjonijiet ta' introduzzjoni u taħriġ fl-iskejjel fil-preżenża tal-għalliema, bil-għan li jħeġġu lit-tfal isegwu dixxiplina sportiva.

523 Bħala parti mill-pjan tagħna sabiex ninkoraġġixxu aktar l-użu ta' mezzi alternattivi ta' trasport, it-tfal kollha fl-iskejjel primarji ser jiġu mgħallma jsuqu r-rota. Nemmnu li miżura bħal din ser tgħin fil-bidla fil-kultura li rridu nagħmlu bħala pajjiż.

524 Insaħħu l-logħob bejn l-iskejjel, anki permezz ta' parteċipazzjoni usa' fil-Premju tal-Bandiera tal-Iskola Attiva. Jiġi stabbilit programm nazzjonali għal attivitajiet sportivi fil-vaganzi tat-tfal.

525 Inniedu kampanja fl-iskejjel bis-sehem ta' atleti żgħażagħ u dawk stabbiliti biex nippromwovu l-benefiċċji u l-valuri tal-attività fiżika u l-isports.

# Studenti atleti

526 Jeħtieġ li jkun hemm iktar scouting ta' talenti fl-iskejjel u programmi intiżi biex dawn l-istudenti jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom f'livell professjonali. Inwaqqfu programm biex nidentifikaw dawk l-atleti li għadhom telgħin u għandhom il-potenzjal għal prestazzjoni għolja. Dawn l-atleti promettenti ser jingħataw attenzjoni u taħriġ individwali biex ngħinuhom jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom.Il-prestazzjoni ta' dawn l-atleti promettenti ser tiġi segwita kontinwament biex ngħinuhom jagħmlu din il-qabża fil-livell.

527 Insaħħu l-Iskola Nazzjonali għall-Isports biex din tiffoka dejjem aktar fuq l-iżvilupp tal-abiltajiet ta' dawn it-tfal. Il-kunċett ta' din l-iskola għandu jiġi estiż fil-livell postsekondarju.

528 L-istudenti atleti għandhom ikollhom l-appoġġ sħiħ tul il-vjaġġ edukattiv tagħhom, inkluż dak psikoloġiku, mediku u nutrittiv. Dawn l-istudenti jeħtieġu ħinijiet aktar flessibbli biex ikunu jistgħu jlaħħqu aħjar bejn l-istudju u t-taħriġ tagħhom. F'dan ir-rigward, għandu jkun hemm kooperazzjoni akbar bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, il-MATSEC, Sport Malta u l-Kumitat Olimpiku Malti biex ngħinuhom jegħlbu l-ostakli li qed jaffaċċjaw fil-karrieri paralleli tagħhom.

529 Il-professjonisti sportivi huma ta' sostenn kbir għall-atleti tagħna. Irridu naraw aktar korsijiet offruti fil-livell ta' undergraduate, masters u dottorat li għandhom iwessgħu l-orizzonti għal karriera fl-isports. Ser ngħinu lil dawn l-istudenti billi nżidu l-boroż ta' studji f'dan il-qasam.

530 Inżidu l-istipendju għall-istudenti atleti li jiffurmaw parti minn skwadri nazzjonali biex ngħinuhom itaffu l-ispiża marbuta mal-parteċipazzjoni tagħhom fi sports ta' livell għoli.

531 Nippromwovu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'kompetizzjonijiet internazzjonali, inkluż dawk organizzati mill-International School Sport Federation (ISF).

## Stil ta' ħajja sana

532 Wara li fl-2018 niżżilna r-rata tal-VAT fuq attivitajiet sportivi minn 18% għal 7%, issa sejrin innaqqsuha għal 5% li hija l-anqas rata possibbli bir-regolamenti Ewropej. Dan ser isir sabiex inkomplu nħeġġu dejjem aktar nies jagħmlu attività fiżika.

533 Irridu li kulħadd ikollu aċċess faċli għal faċilitajiet sportivi. Ser inkopru parti mill-ispiża ta' azjendi privati li joħolqu gym fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema tagħhom.

534 Ser noħolqu ċentri sportivi multidixxiplinarji u flimkien mal-kunsilli lokali ser noħolqu numru ta' outdoor gyms ġodda f'lokalitajiet differenti. Il-faċilitajiet sportivi għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd u l-ħin tal-ftuħ tagħhom għandu jiġi estiż.

535 L-isports huwa mezz ta' inklużjoni soċjali. Ser insaħħu l-programm On the Move biex nilħqu aħjar liż-żgħażagħ, anzjani u persuni vulnerabbli. Il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel għandhom ikunu disponibbli għall-użu tal-komunità wara l-ħin tal-iskola.

536 Inniedu skema biex ngħinu atleti paralimpiċi jixtru apparat assistiv.

## Atleti ta' prestazzjoni għolja

537 Ir-riċerka speċjalizzata fl-isport u l-attività fiżika tal-individwu hija kruċjali biex l-atleti jilħqu prestazzjoni ogħla. Għal dan il-għan ser jitwaqqaf iċ-Ċentru Nazzjonali għax-Xjenza tal-Isport li ser jagħti attenzjoni individwali lill-atleti tagħna u jfassal programmi speċjalizzati ta' taħriġ bi tħejjija għall-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet. Dan iċ-ċentru ser ikun mgħammar b'laboratorji u faċilitajiet oħra għad-dijanjosi u l-eżaminazzjoni tal-atleti, taħt it-tmexxija ta' tim multidixxiplinarju kompost minn speċjalisti fil-mediċina tal-isport u l-eżerċizzju, psikologi, nutrizzjonisti, fiżjoloġisti, podjatristi u speċjalisti oħra għar-rijabilitazzjoni.

538 Invaraw skemi ġodda sabiex aktar atleti jkollhom l-opportunità li jkollhom karriera professjonali barra minn xtutna, filwaqt li tiġi pprovduta l-assistenza u l-għajnuna neċċessarja kemm lill-atleti kif ukoll lill-familji tagħhom f'dan il-proċess.

## Faċilitajiet ta' livell għoli

539 Gvern Laburista żamm il-kelma tiegħu mad-dilettanti tal-motorsports. Wara li ġew sottomessi l-pjanti għall-bini ta' ċirkwit ġdid f'Ħal Far, ser naraw li dan jinbena u jitlesta fil-leġiżlatura li jmiss. L-investiment ta' €20 miljun għall-bini ta' Ċentru Nazzjonali tal-Motorsport f'Ħal Far ser jara upgrade tat-trakki eżistenti tad-drag racing u l-karting. Dan iċ-ċirkwit ser jgħolli l-livell tal-motorsports u jattira kampjonati ġodda lejn pajjiżna.

540 B'investiment li jlaħħaq €9 miljun ser inbiddlu l-Kumpless Sportiv tal-Marsa f'hub sportiv ta' livell internazzjonali, b'diversi faċilitajiet għal dixxiplini differenti inkluż il-golf, in-netbol, il-ġinnastika, l-isquash u l-weightlifting. Il-binja magħrufa bħala tal-1903 ġiet irrestawrata u nbidlet f'uffiċini għall-użu tar-Rugby Union u l-għaqdiet li huma parti mill-inizjattiva On the Move. Dan l-investiment huwa kruċjali biex pajjiżna jitla' t-tarġa li jmiss fl-isports.

541 Il-korsa tal-atletika tal-Marsa ser tinbidel fi trakka tal-aqwa livell. Din it-trakka tal-atletika tal-ewwel klassi ser tinkludi magħha faċilitajiet ta' rijabilitazzjoni, ċentru tax-xjenza sportiva, żoni tal-fiżjoterapija, gym tal-aqwa kwalità, kmamar għal-lezzjonijiet, uffiċini u sala għall-konferenzi kif ukoll spazju t'akkomodazzjoni.

542 Jitlesta x-xogħol fuq il-proġett ta' €28 miljun f'riġenerazzjoni tal-korsa taż-żwiemel fil-Marsa bil-ħolqien ta' faċilitajiet ta' livell internazzjonali għat-tiġrijiet taż-żwiemel, it-taħriġ tagħhom u l-istalel.

543 Fl-aħħar xhur iddedikajna fondi għall-Malta Football Association sabiex isir rinnovar ta' ħafna faċilitajiet sportivi madwar Malta u Għawdex. Ser inkomplu nagħtu sostenn finanzjarju lill-proġett taċ-Ċentru Nazzjonali tal-Futbol tal-MFA li huwa intenzjonat li jkompli jtejjeb il-livell tal-futbol Malti.

544 Nagħrfu li l-futsal f'Malta għandu l-potenzjal li jkompli jikber kemm fil-popolarità kif ukoll fil-livell li diġà huwa wieħed għoli ħafna. Kommessi li naraw il-bidu tal-bini ta' faċilità ġdida tal-futsal f'sit adattat li tkun tista' tintuża wkoll għal dixxiplini sportivi oħrajn.

545 B'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Bormla ser inkunu qed nirriġeneraw Ġnien Kottoner u nagħmlu l-ewwel bike park f'pajjiżna. Minbarra li jservi ta' spazju rikreattiv, dan il-park ikun jista' jakkomoda liċ-ċiklisti kollha, minn dawk li għadhom qed jitgħallmu sa atleti ta' esperjenza.

546 Jitlesta l-bini ta' kumpless ġdid tal-futbol u r-rugby ġewwa Raħal Ġdid. Iż-żona li fuqu qed jinbena dan il-kumpless ser nittrasformawha minn miżbla għal ċentru sportiv tal-ogħla standards b'investiment li jaqbeż is-€7 miljun.

547 Jitlesta x-xogħol fuq il-pixxina ta' daqs olimpiku f'Bormla.

548 Inkomplu nibnu fuq is-suċċessi fil-kamp tal-waterpolo billi nassistu aktar lill-klabbs fit-titjib tal-faċilitajiet tagħhom.

549 Il-binja tal-ex pixxina nazzjonali terġa' tingħata lura lin-nies ta' Marsaskala u r-residenti tal-madwar sabiex tintuża għal sports akwatiku.

550 Wara l-ftuħ tal-Malta National Shooting Range b'investiment ta' €10 miljun, ser inkomplu bit-tieni fażi ta' dan il-proġett bil-bini ta' ranges ġodda għall-pistoli u r-rifles.

551 Jitlesta x-xogħol fuq il-bini ta' ċentru tat-tennis f'Pembroke b'investiment ta' €2 miljun.

552 Il-bini mill-ġdid tal-Park Nazzjonali f'Ta' Qali ser jinkludi fih outdoor velodrome.

553 Jinbena l-ewwel rowing tank nazzjonali għall-qaddiefa filwaqt li nkomplu ngħinu l-klabbs tar-regatta f'pajjiżna.

554 Jitlesta x-xogħol fuq il-faċilitajiet sportivi f'dik li kienet l-iskola Maria Assunta fil-Ħamrun li jinkludu handball court, snooker hall, swali ġodda għat-table soccer u l-arti marzjali.

## L-industrija tal-Isport f'Malta

555 Insaħħu l-għajnuna finanzjarja lill-assoċjazzjonijiet sportivi lokali u nniedu skema ġdida t'amministraturi part-time sabiex insaħħu r-riżors uman fl-industrija sportiva.



556 L-isport huwa industrija li tista' tikkontribwixxi b'mod b'saħħtu ħafna fl-ekonomija ta' pajjiżna. L-investiment kontinwu f'faċilitajiet sportivi ta' livell internazzjonali jagħmilha possibbli sabiex nattiraw lejn pajjiżna kompetizzjonijiet sportivi ta' kwalità għolja li jseħħu b'mod regolari.

557 Il-Partit Laburista fil-Gvern baxxa r-rata ta' taxxa għall-plejers, coaches liċenzjati u atleti għal 7.5%. Irridu nħeġġu aktar nies jagħżlu karriera fl-isport u allura ser nadottaw l-istess rata ta' taxxa għal nies li jaħdmu fil-qasam sportiv bħal ħaddiema ta' entitajiet sportivi, referees u uffiċjali tal-logħob, fost oħrajn.

558 It-turiżmu sportiv, speċjalment dak marbut mat-training camps tat-timijiet tal-futbol, kiber ħafna f'Malta fl-aħħar snin. Pajjiżna għandu l-potenzjal li jsir destinazzjoni ewlenija għal diversi timijiet tal-futbol internazzjonali. Dan jista' jsir billi niżguraw li jkollna professjonisti mħarrġa biżżejjed, titjib kontinwu fl-infrastruttura sportiva u faċilitajiet mediċi tal-ogħla kwalità.

559 Irridu nagħmlu minn pajjiżna ċentru ta' eċċellenza fil-kura medika sportiva u r-rijabilitazzjoni. Ser ninvestu f'faċilitajiet mediċi avvanzati u laboratorji ta' prestazzjoni sportiva għall-benefiċċju tal-atleti Maltin u biex nattiraw atleti barranin għal kura speċjalizzata f'pajjiżna.

## Governanza tajba fl-isport

560 L-enititià mwaqqfa għall-integrità fl-isport, ser issaħħaħ il-promozzjoni ta' tmexxija tajba u trasparenti fl-isports bl-introduzzjoni ta' prattiċi ta' governanza tajba ġodda. Ser nagħtuha r-riżorsi kollha meħtieġa sabiex tinforza l-leġiżlazzjoni dwar l-integrità fl-isports li daħħalna riċentament u tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u d-doping.

561 Jingħataw korsijiet f'livelli differenti li għandhom iżidu l-professjonalità fil-coaching u t-tmexxija tal-klabbs.

562 Jitwaqqaf tribunal nazzjonali indipendenti biex jipprovdi riżoluzzjonijiet f'waqthom għal tilwim dwar kwistjonijiet relatati mal-isports. Jiġu mħarrġa professjonisti legali bħala medjaturi u arbitri fis-settur tal-isports.

563 Intellgħu kampanja edukattiva fost it-tfal fl-iskejjel u n-nurseries kontra prattiċi inġusti u l-abbuż mis-sustanzi fl-isport.

## Kompetizzjonijiet prestiġjużi

564 Jissoktaw il-preparamenti sabiex pajjiżna jospita b'suċċess l-Ispecial Olympics 2022, il-Logħob għall-Pajjiżi ż-Żgħar fl-2023 u l-UEFA Under-19 European Championship fl-2023, inkluż ir-rinnovar ta' numru ta' faċilitajiet sportivi. Inkomplu naħdmu id f'id mal-Kumitat Olimpiku Malti, Special Olympics Malta u l-Malta Football Assosciation biex dawn it-tliet avvenimenti jkunu tal-ogħla livell possibbli filwaqt li naspiraw li pajjiżna jġib l-aqwa riżultati f'dawn il-kompetizzjonijiet.



# 10

# Insaħħu s-sigurtà tal-ikel



Malta flimkien

Saħħitna hija rifless ta' dak li nagħmlu u dak li nieklu. Qatt daqs illum ma konna konxji tal-bżonn li pajjiżna jkollu provvista ta' ikel sustanzjuż, frisk u lokali. L-industriji tal-biedja u s-sajd ser nagħtuhom spinta ġdida li tirrifletti l-importanza tagħhom fis-soċjetà tagħna.

Il-frott, il-ħaxix, il-laħam u l-ħut ta' Malta joffru dieta bilanċjata u nutrittiva lill-konsumatur lokali. Wara dawn il-prodotti hemm is-sagrifiċċju ta' bosta bdiewa, sajjieda u raħħala li ta' kuljum jistinkaw sabiex l-ikel jasal fuq l-imwejjed tagħna.

Nifhmu l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom dawn il-ħaddiema. Qed noffru soluzzjonijiet speċifiċi għal kull settur, inkluż dawk relatati mal-użu tal-art.

Ir-raba' tagħna għandu jibqa' jinħadem mill-bdiewa u oħrajn żgħażagħ li għad iridu jidħlu f'dan is-settur.

Pajjiżna jeħtieġ provvista tajba ta' ikel tajba issa u fil-futur.

# Provvista tajba ta' ikel lokali

565 Anki jekk iċ-ċokon tagħna ma jagħmilhiex possibbli li ma nimportawx ikel minn barra, pajjiżna ma jistax ikun dipendenti kompletament fuq ikel importat. Il-pandemija kompliet tikkonferma l-bżonn ta' ikel li jiġi prodott lokalment. Ser infasslu politika nazzjonali għall-ikel sabiex niggarantixxu sistema ta' produzzjoni tal-ikel aktar robusta.

566 Waħda mill-isfidi kbar li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda lokali hija l-kompetizzjoni minn prodotti importati. Wara li daħħalna għotjiet lill-bdiewa u s-sajjieda fuq il-bejgħ tagħhom, ser nintroduċu aktar għajnuniet finanzjarji sabiex il-prodott Malti jiġi ppreżentat lill-konsumatur b'mod aktar professjonali.

567 Nikkonsidraw li jkun stabbilit regolatur wieħed li jkun iffukat fuq is-sigurtà u l-kwalità tal-ikel. L-iskop ta' dan ir-regolatur huwa li jiġi kkonsolidat ix-xogħol li preżentament isir min-numru ta' entitajiet differenti sabiex jissaħħu l-kontrolli fl-interess tal-konsumaturi u ma tinħoloqx kompetizzjoni inġusta mal-produtturi tal-ikel Maltin.

568 Il-ħela tal-ikel tmur kontra l-prinċipju tagħna tal-ġustizzja soċjali. Nilħqu ftehim mal-produtturi u l-bejjiegħa tal-ikel sabiex prodotti li jkunu qed joqorbu d-data tal-iskadenza tagħhom jintużaw minn għaqdiet mhux governattivi sabiex tiġi evitata l-ħela.

569 Kulma jmur il-konsumaturi qed ifittxu aktar prodotti organiċi li jkunu tkabbru lokalment. Ser infasslu u nimplimentaw pjan t'azzjoni dwar il-produzzjoni tal-ikel organiku f'Malta sabiex ninċentivaw din it-tranżizzjoni importanti għas-settur tal-biedja lokali.

570 Wara li ġie inawgurat il-Laboratorju għas-Servizzi Agrikoli, ser inkomplu ninvestu f'laboratorji ġodda sabiex nipprovdu l-faċilitajiet neċessarji li jippermettu ċ-ċertifikazzjoni ta' ikel u prodotti ta' kwalità.

571 Ġiet identifikata art industrijali fil-viċinanzi tal-Għammieri sabiex fiha jinbena impjant ġdid mill-Malta Dairy Products li jkun jaħdem b'teknoloġija nadifa. Ir-rilokazzjoni tal-impjant ser twassal għal tnaqqis fit-tniġġis fil-Ħamrun, il-Marsa u l-irħula tal-madwar. Il-Gvern ser ikun qed jgħin lill-MDP tagħmel dan l-investiment fil-provvista ta' prodotti tal-ħalib lokali.

572 Irridu nippromwovu użu dejjem akbar tal-prodott lokali. Nintroduċu tikketta sabiex tidentifika prodotti lokali li tingħata wkoll lil ristoranti, ħwienet tal-ikel u azjendi agroturistiċi li jservu prodotti friski, ħaxix, ikel veġetarjan u prodotti oħra li jkunu tkabbru b'metodi li jħallu l-inqas impatt possibbli fuq l-ambjent naturali.

573 Il-frott huwa parti integrali mid-dieta tal-Maltin u l-Għawdxin. Nagħtu prijorità lit-tħawwil ta' siġar tal-frott madwar Malta u Għawdex, inkluż f'żoni urbani.

574 Ħafna mid-dwieli li kienu tħawlu fil-bidu tas-snin elfejn qed jixjieħu u naqqsu l-produzzjoni tal-għeneb. Ser inkunu qed nagħtu għajnuna lill-bdiewa lokali sabiex fuq medda ta' ħames snin iħawlu dwieli ġodda u l-produzzjoni tal-għeneb tibqa' waħda kostanti.

## Proġetti fl-oqsma tal-biedja

575 Il-Malta Food Agency li twaqqfet fl-aħħar xhur għandha l-għan li tippromwovi l-prodott lokali bi trasparenza u traċċabilità sħiħa. Ser nibdew ix-xogħol fuq il-bini ta' pitkalija ġdida li tkun mgħammra bl-aqwa teknoloġija biex tassigura valur miżjud u profittabilità xierqa għall-bdiewa.

576 Fil-Biċċerija sar u ser ikompli jsir investiment maħsub sabiex iżid l-effiċjenza u jtejjeb il-profittabilità tar-raħħala tagħna.

577 Jitlesta l-bini tal-Farmers Market ġdid f'Ta' Qali b'faċilitajiet ġodda, kemm għall-bejjiegħa u kif ukoll għall-viżitaturi, filwaqt li nidentifikaw sit fejn jitwaqqaf villaġġ tal-prodott Malti.

578 Nemmnu fil-possibilità li l-bdiewa kollha madwar Malta u Għawdex ikollhom aċċess għall-ilma. Permezz ta' fondi Ewropej għall-agrikoltura, ser inkomplu nestendu l-provvista tan-new water f'żoni li bħalissa għad m'għandhomx aċċess għal din ir-riżorsa u nesploraw użu ta' sorsi oħra b'mod sostenibbli.

579 Fuq il-prinċipju tal-ekonomija ċirkolari u skont il-Long Term Waste Management Plan tal-pajjiż, ser ninvestu f'impjanti li jipproċessaw u jsaffu demel likwidu tal-annimali fi prodotti li jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw fl-agrikoltura.

580 Nużaw fondi tal-Unjoni Ewropea għal proġetti li jkunu ta' benefiċċju għaż-żoni u l-komunitajiet rurali. Dawn iż-żoni jridu jkunu aċċessibbli għal kull min iżurhom filwaqt li jiġi ppreservat il-wirt storiku, kulturali u intanġibbli li jinsab fihom.

## Miżuri finanzjarji u ta' sostenn għall-bdiewa u r-raħħala

581 Gvern Laburista rnexxielu jinnegozja derogi u l-akbar pakkett ta' fondi Ewropej għas-settur agrikolu Malti. L-allokazzjoni għas-settur agrikolu żdiedet minn €138 miljun għal €191 miljun għas-snin 2023–2027. Din il-kisba se nsarrfuha f'żieda fil-pagamenti diretti tal-bdiewa u proġetti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ta' dan is-settur. Ser inkomplu nissimplifikaw l-aċċess għal fondi ta' investiment għall-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin.

582 Ser nirrevedu u naġġornaw il-liġijiet tal-qbiela sabiex niggarantixxu li l-art agrikola tibqa' tinħadem minn bdiewa u tipproduċi l-ikel, b'rispett lejn id-drittijiet tas-sidien tal-art u l-ħtieġa li l-kera tirrifletti ż-żminijiet tal-lum.

583 Il-Partit Laburista huwa konxju tal-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa u r-raħħala sabiex ikollhom art agrikola fejn jaħdmu jew spazju fejn irabbu l-bhejjem tagħhom. Ser nagħtu inċentivi fiskali sabiex ninkoraġġixxu l-bejgħ ta' art agrikola lill-bdiewa li jixtiequ jidħlu fis-settur jew ikabbru l-operat tagħhom. Il-bdiewa u r-raħħala jingħataw l-opportunità li jibbenefikaw minn strumenti finanzjarji li jgħinuhom jieħdu self sabiex jixtru art agrikola.

584 Irridu nagħmlu l-aqwa użu minn art agrikola li tisa' tintuża għall-produzzjoni ta' ħaxix u frott lokali. Għalhekk ser nagħtu inċentivi lil sidien li għandhom raba' agrikola li mhix tinħadem sabiex jidħlu f'arranġamenti ma' bdiewa li jkunu lesti jaħdmu dik l-art.

585 Il-Gvern għandu jassigura li art agrikola jew irziezet abbandunati li għandu mhux okkupati jingħataw lil bdiewa u raħħala ġodda jew oħrajn li jridu jkabbru l-operat tagħhom.

586 Nesploraw it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' assigurazzjoni li jindirizza r-riskji li jaffaċċjaw il-bdiewa, fosthom avvenimenti meteoroloġiċi u varjazzjonijiet fil-prezz tal-ġwież.

587 Ser inkomplu ngħinu lir-raħħala jlaħħqu ma' tibdil fil-prezzijiet ta' prodotti importati minn barra l-pajjiż. Hekk kif fl-aħħar snin ittieħdu miżuri sabiex ikun hemm stabilità fil-prezz tal-ġwież, ser nintroduċu inċentivi għat-tkabbir ta' magħlef b'valur għoli u nnaqqsu d-dipendenza fuq ġwież importat.

588 Il-Gvern jista' jgħin sabiex titjieb is-saħħa tal-merħliet tal-bhejjem li għandna lokalment. Ser nagħmluha aktar faċli sabiex ir-raħħala jkollhom aċċess aħjar għal servizzi veterinarji fl-irziezet tagħhom. Fl-istess waqt, ser nużaw fondi tal-Unjoni Ewropea biex ikompli jitjieb il-benesseri tal-annimali fl-irziezet.

# Biedja u sajd sostenibbli

589 Nintroduċu skemi ta' kumpens għall-bdiewa, raħħala u sajjieda rtirati li jagħżlu li jittrasferixxu art agrikola, irziezet, inġenji, liċenzji u bastimenti tagħhom lill-bdiewa, raħħala u sajjieda żgħażagħ. Din hija miżura li ħadmet f'numru ta' pajjiżi oħra u tgħin sabiex prattiċi lokali f'dan is-settur ikomplu jintirtu minn ġenerazzjoni għal oħra.

590 Ser nissimplifikaw l-aċċess għall-fondi tal-Unjoni Ewropea permezz ta' skemi sempliċi li jindirizzaw proġetti żgħar sabiex titnaqqas il-burokrazija għall-bdiewa u raħħala ta' skala żgħira. Barra minn hekk ser inkomplu nsaħħu l-gwida għall-bdiewa u s-sajjieda fis-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni relatata ma' fondi kif ukoll ma' entitajiet pubbliċi.

591 Il-biedja u s-sajd huma setturi ekonomiċi importanti u sors ta' għejxien għal bosta familji. Ser niddiskutu mal-banek il-possibilità li jinħolqu strumenti finanzjarji speċifikament biex jappoġġaw lill-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda simili għall-mudell użat għan-negozji żgħar u medji.

592 Nirrikonoxxu li matul iż-żmien sar xogħol siewi fis-settur tal-akwakultura, bħat-tisħiħ ta' speċi bħall-bużaqq. Nagħrfu wkoll li t-Torri ta' San Luċjan ma għadux adegwat għaż-żminijiet tal-lum u hemm bżonn jiġi kkonservat u jingħata użu adegwat. Ser ninvestu f'ċentru tal-akwakultura ġdid u modern li jagħmilha possibbli għal aktar riċerka xjentifika, filwaqt li jagħti prijorità lill-għarfien dwar l-ispeċi eżistenti fl-ibħra ta' madwarna.

593 Niżviluppaw l-istess kunċett tal-Young Farmers Scheme sabiex inkomplu nħeġġu t-trasferiment tal-għarfien minn bdiewa u sajjieda anzjani għal bdiewa u sajjieda żgħażagħ u studenti tal-istudji agrikoli u tas-sajd.

594 Hemm diversi opportunitajiet fis-setturi tal-biedja u s-sajd li jmorru lil hinn mill-prodott innifsu u li jistgħu jagħmlu dawn l-industriji aktar attraenti u finanzjarjament vijabbli. Permezz ta' riforma fil-politika rurali u dik tas-sajd, ser insaħħu t-turiżmu rurali u t-turiżmu fis-sajd artiġjanali, b'rispett sħiħ lejn l-ambjent.

595 Nissimplifikaw u nżidu l-aċċess għall-pestiċidji organiċi li diġà huma rreġistrati fi Stati Membri oħra tal-UE iżda li mhumiex irreġistrati f'Malta.

596 Nagħrfu l-importanza tan-naħal għall-ambjent naturali ta' pajjiżna u għas-settur tal-agrikoltura. Irridu nipproteġuh bis-sħiħ b'appoġġ lill-pjan ta' konservazzjoni u riċerka tan-naħla endemika Maltija. Ser nappoġġaw b'kull mod is-settur tal-apikultura lokali u nintroduċu skemi għall-bdiewa biex ikabbru pjanti li fuqhom ikun jista' jirgħa n-naħal.

597 Inkomplu nimplimentaw l-istrateġija għall-prevenzjoni tal-anti-microbial resistance sabiex innaqqsu l-użu tal-antibijotiċi fuq l-annimali u fil-produzzjoni tal-ħaxix u l-frott. Din hija waħda minn sett ta' miżuri li ser inkomplu nieħdu biex jintlaħqu l-miri tal-Farm to Fork Strategy.

598 Tidħol fis-seħħ inizjattiva ta' carbon farming b'għotjiet li jlaħħqu sa €8,000 sabiex ninċentivaw lil dawk il-bdiewa li għandhom raba' agrikola li mhix tinħadem, barra mill-produzzjoni jew bi produzzjoni baxxa, biex jaqilbuha f'sistemi ta' agroforestrija bbażata fuq siġar tal-frott.

599 Inżidu l-għarfien fost it-tfal dwar l-importanza tal-agrikoltura fil-produzzjoni tal-ikel, il-valur tal-prodott lokali, il-konsum responsabbli tal-ikel u l-irwol tal-bdiewa u r-raħħala fis-soċjetà. Nagħtu l-opportunità lil kemm jista' jkun studenti fl-iskejjel primarji u sekondarji jipparteċipaw f'attivitajiet ta' tkabbir ta' frott u ħaxix huma stess.

## Għajnuna diretta lis-sajjieda

600 Nagħmlu aktar investiment fil-Pixkerija sabiex din tkompli tiġi attrezzata bl-aħjar u l-aħħar sistemi u teknoloġiji, nistabbilixxu faċilitajiet ta' proċessar tal-ħut u jonqos l-inkonvenjent għas-sajjieda u x-xerrejja.

601 Waħda mill-akbar sfidi li jaffaċċjaw is-sajjieda tagħna hija l-ħażna tal-ħut fil-baħar. Nemmnu li ma għandux ikun is-sajjied waħdu li jġorr l-impatt tal-miżuri ta' konservazzjoni. Għaldaqstant ser nużaw teknoloġiji fl-akwakultura bil-għan li tiżdied il-ħażna ta' ċerti speċi ta' ħut fil-baħar, fosthom il-vopi, il-kavalli, is-sawrell u r-rizzi.

602 Nintroduċu strumenti finanzjarji li jkunu aċċessibbli għal sajjieda li jridu jixtru l-ewwel bastiment tagħhom.

603 Hemm numru ta' sajjieda li għandhom aktar minn bastiment wieħed u li mhux neċessarjament jintużaw il-ħin kollu. Dawn l-operaturi ser jingħataw inċentivi sabiex jimpjegaw magħhom żgħażagħ li jkunu jixtiequ jibdew jaħdmu f'dan is-settur. B'hekk nagħmlu l-aħjar użu tal-assi disponibbli għal din l-industrija.

604 Mingħajr is-sajjieda Maltin u Għawdxin ma jistax ikollna ħut frisk. Nintroduċu tikketta għal ħut frisk li tipprovdi traċċabilità ċara filwaqt li nkomplu l-kampanji t'għarfien dwar it-tisjir tal-ħut.

605 Inniedu konsultazzjoni wiesgħa mas-sajjieda li jipprattikaw tipi ta' sajd differenti sabiex nassiguraw li l-qafas legali li jirregola s-sajd f'pajjiżna jippromwovi futur u sostenibbilità għas-sajjieda Maltin u Għawdxin.

606 Ser intejbu l-faċilitajiet ta' landing sites u l-infrastruttura ta' pilastri li joffru s-servizz ta' dawl u ilma ġewwa l-portijiet għas-sajjieda.

607 Titnieda kampanja ta' informazzjoni dwar prodotti Maltin li mhumiex daqstant popolari mal-konsumatur iżda għandhom valur nutrittiv għoli, fosthom ħut bħall-granċ tal-għawm blu u ċ-ċintorini.

608 Hekk kif ġew megħjuna setturi oħra sabiex l-operat tagħhom jikkawża anqas tniġġis, ser ngħinu lis-sajjieda sabiex jaddottaw prattiċi, tagħmir u rkapti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

## Diversifikazzjoni u protezzjoni tal-prodott lokali

609 Il-kampanja Agri Kwalità hija pjattaforma li tipprovdi għarfien dwar il-kwalità tal-prodott lokali u d-dedikazzjoni tal-bdiewa Maltin sabiex jipproduċu prodott frisk u ġenwin. Ser nintensifikaw din il-kampanja b'enfasi fuq il-benefiċċji ambjentali u nutrittivi għall-konsumatur meta jixtri prodott frisk.

610 Nagħtu prijorità lill-prodott frisk u ta' kwalità fit-tenders maħruġa minn entitajiet pubbliċi għall-provvista tal-ikel.

611 Il-bejgħ ta' prodotti lokali f'pajjiżi oħra jikkonfermaw il-potenzjal li l-prodott agrikolu Malti jiġi esportat barra minn xtutna. Ser insaħħu l-istrutturi amministrattivi sabiex nistabbilixxu u niddiversifikaw is-swieq kummerċjali internazzjonali għall-prodotti tal-ikel Malti.

612 Ser naħdmu flimkien mal-bdiewa u r-raħħala tagħna sabiex nirreġistraw l-ewwel prodotti Maltin bħala Product Designated of Origin. Nissieħbu ma' għaqdiet u koperattivi lokali f'inizjattivi mtellgħa sabiex jiċċelebraw u jippromwovu l-benefiċċju tal-prodott Malti.

613 Fl-aħħar snin tajna l-ħajja mill-ġdid lill-attivitajiet u festi agrikoli li jservu ta' vetrina tal-prodott lokali, inkluż l-Imnarja u l-Festa Ħut. Filwaqt li nkomplu nħarsu dawn it-tradizzjonijiet, ser nagħtuhom xejra moderna b'enfasi akbar fuq l-aspett edukattiv, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

614 Inkomplu nsaħħu ċ-Ċentru ta' Vitikultura u Enoloġija fil-Buskett sabiex inkunu f'pożizzjoni li nivalorizzaw varjetajiet ta' dwieli Maltin għall-produzzjoni tal-inbid bi skop ta' kummerċjalizzazzjoni.



# 11

# Akkomodazzjoni xierqa għal kulħadd



Malta flimkien

Konna u ser nibqgħu nkunu hemm maż-żgħażagħ fit-twettiq tal-ħolm tagħhom. Daħħalna inċentivi għal dawk li riedu jixtru l-ewwel dar tagħhom u għamilniehom aċċessibbli għal kulħadd. Ser nibqgħu ngħinu lill-first-time buyers mhux biss meta jixtru, iżda wkoll għal numru ta' snin wara.

Qed nibnu l-akbar proġett ta' bini ta' akkomodazzjoni soċjali fl-aħħar 40 sena. Naqqasna l-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali b'żewġ terzi u ser inkomplu ngħinu lil dawk kollha li għadhom jeħtieġu din l-għajnuna.

Is-suċċess tal-ħidma li għamilna huwa rifless fin-numru dejjem jonqos ta' nies li jiġu bżonn l-akkomodazzjoni soċjali. Barra minn hekk, ħadna deċiżjonijiet kuraġġużi fuq il-kwistjoni tal-kirjiet ta' qabel l-1995 li assiguraw saqaf fuq ras 10,000 familja.

Ħdimna bil-għaqal u s-siti l-ġodda tal-akkomodazzjoni soċjali ser ikunu jistgħu jintużaw minn nies oħra li jkollhom bżonn fil-futur. Barra minn hekk, il-ħidma tagħna fis-settur tal-akkomodazzjoni qed twassal ukoll għal riġenerazzjoni ta' proprjetajiet mitluqa u żoni urbani sħaħ.

Qed indawru din l-isfida f'opportunità.

# Għajnuna biex issir sid tal-ewwel dar tiegħek

615 Gvern Laburista dejjem ħaseb sabiex jgħin lill-Maltin u l-Għawdxin jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom li jkunu sidien ta' djarhom. Għalhekk nifhmu sew li dawk li jkunu qegħdin jixtru l-ewwel residenza tagħhom iħabbtu wiċċhom ma' ħafna spejjeż, speċjalment fil-bidu. Bil-għan li ntaffulhom parti minn din l-ispiża ser inħallsu €1,000 fis-sena fuq il-pagament tal-loan għal għaxar snin. Dan ifisser €10,000 f'għajnuna diretta lil min qiegħed jixtri l-ewwel residenza tiegħu. Din l-iskema tkun tapplika għal dawk kollha li ffirmaw kuntratt fuq xiri ta' proprjetà mill-1 ta' Jannar 2022 'il quddiem.

616 Inkomplu nsostnu l-iskemi għall-first-time u second-time buyers li għenu eluf ta' Maltin u Għawdxin jixtru proprjetà mill-2014 'il quddiem.

617 Ser inkomplu nibnu fuq l-iskemi mħabbra għal proprjetajiet li ilhom mibnija għal aktar minn għoxrin sena u li ilhom vakanti għal aktar minn seba' snin. Din l-iskema issa ser tkun tinkludi proprjetajiet li huma f'urban conservation areas u għal dawk il-proprjetajiet ġodda li jinbnew bi stil tradizzjonali Malti. Ser inneħħu wkoll it-taxxa tal-qligħ kapitali u t-taxxa tal-boll fuq l-ewwel €750,000 tal-prezz tal-proprjetà.

618 First-time buyers ta' proprjetajiet f'urban conservation areas f'Malta ser jirċievu għotja ta' €15,000 biex terġa' tingħata l-ħajja lil dawn il-proprjetajiet antiki u abbandunati. Barra minn hekk first-time buyers li jixtru dawn it-tip ta' proprjetajiet f'Għawdex ser jirċievu għotja doppja ta' €30,000.

619 Ngħollu l-limitu fuq il-valur tal-proprjetà minn €175,000 għal €225,000 meta l-Gvern jagħmel tajjeb f'każ li x-xerrejja ma jkunux jistgħu jħallsu l-10% depożitu.

620 Ser nestendu t-tnaqqis fil-ħlas tat-taxxa tal-boll fuq proprjetà li tgħaddi bħala donazzjoni lill-ulied sal-2023.

621 L-iskema New Hope qed tgħin persuni b'mard serju jew diżabilità li minkejja li għandhom xogħol stabbli u flus biżżejjed biex iħallsu d-depożitu fuq l-ewwel proprjetà tagħhom, xorta waħda jsibuha diffiċli biex jieħdu self mill-banek biex jixtru dar fejn jgħixu. Gvern Laburista ser ikompli jagħmel tajjeb għal dawn il-persuni, inkluż dawk l-individwi li qed jaffaċċjaw din il-problema minħabba mard li sofrew fil-passat.

622 Inwaqqfu fond ta' emerġenza li jagħmel tajjeb għall-pagament tas-self tal-bank fuq il-proprjetà f'każ li l-persuna tispiċċa qiegħda jew ikollha tieqaf mix-xogħol għal raġuni ta' mard jew biex tieħu ħsieb dipendenti jew xi qarib tagħha. Dan is-self jingħata għal sena mingħajr imgħax u jitħallas lura fuq medda ta' ħames snin minn meta l-persuna terġa' tibda taħdem.

## Akkomodazzjoni soċjali u affordabbli

623 Gvern Laburista minn dejjem ħadem sabiex dawk li għal raġunijiet varji jkollhom jirrikorru għall-akkomodazzjoni soċjali jsibu l-għajnuna. Sar ħafna xogħol sabiex min għandu dan il-bżonn jingħata saqaf fuq rasu. Il-mira ewlenija tal-politika tagħna hija li ngħinu n-nies ikunu f'pożizzjoni li jsiru sidien ta' darhom. Minkejja dan ser inkomplu nagħmlu l-almu tagħna sabiex l-ebda persuna ma tkun bla saqaf fuq rasha.

624 Inlestu l-akbar proġett ta' bini ta' akkomodazzjoni soċjali fl-aħħar snin li jammonta għal 1,700 unit ġdid f'diversi lokalitajiet madwar il-pajjiż. Dawn il-binjiet jibqgħu proprjetà tal-Gvern sabiex jiġi assigurat li pajjiżna jkollu ammont ta' units ta' akkomodazzjoni soċjali għall-ħtiġijiet futuri.

625 Tul il-ħames snin li ġejjin jibda x-xogħol fuq 500 unit ieħor ġdid ta' akkomodazzjoni affordabbli. Il-binjiet il-ġodda ser jiġu ddisinjati bil-ħsieb li jkunu carbon neutral u jkun fihom element qawwi t'urban greening.

626 Il-pjan tagħna jinkludi metodi differenti kif nindirizzaw id-domanda għall-akkomodazzjoni soċjali. Minbarra l-bini ta' units ġodda, ser nagħtu prijorità lir-riġenerazzjoni ta' binjiet antiki, insaħħu l-iskema Nikru Biex Nassistu u nkomplu l-programm tal-housing.

627 Nallokaw aktar fondi għal social loans biex insaħħu skemi bħall-Home Assist fejn l-Awtorità tad-Djar tagħmel tajjeb għal parti mill-pagament tad-dejn fix-xahar. Fl-istess waqt, ser noħolqu inċentivi fiskali ġodda mmirati biex inqarrbu aktar il-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà mal-limitu tas-social loan.

628 Wara li l-iskema Equity Sharing Plus ġiet estiża għal persuni li għandhom 'il fuq minn 30 sena, din l-iskema ser tinfetaħ aktar biex tilħaq lil dawk ta' età 'l fuq minn 25 sena. Permezz ta' din l-iskema, il-Gvern jidħol għal massimu ta' 50% tal-proprjetà flimkien max-xerrej. Dan it-tibdil ser jassigura li nkomplu nsaħħu l-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tal-proprjetà.

629 Madwar 700 familja fil-preżent jgħixu fi proprjetajiet li jaqgħu taħt Skema Kiri. Ser tiġi esplorata l-possibilità li tiġi introdotta skema li tgħin inkwilini preżenti jixtru l-proprjetà li jabitaw fiha, fejn is-sidien ikollhom interess ibigħu. Dawn l-inkwilini jkollhom iċ-ċans isiru sidien u jibqgħu parti mill-komunità li jgħixu fiha preżentament.

630 Wara s-suċċess tal-ewwel proġett t'akkomodazzjoni interġenerazzjonali f'pajjiżna fil-Belt Valletta, ser invaraw programm ieħor għal 22 resident li jkollu l-għan li jqarreb u jindirizza f'daqqa l-bżonnijiet tal-anzjani u ż-żgħażagħ benefiċjarji.

631 Jissokta l-programm ta' riġenerazzjoni taż-żoni tal-housing estates permezz ta' xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ li jkun jinkludi wkoll proġetti t'urban greening. Bl-istess mod ser inkomplu bil-programm ta' installazzjoni ta' lifts u intercoms mingħajr ebda spejjeż għar-residenti.

632 Irridu mmexxu bl-eżempju biex tiżdied l-energy efficiency tad-djar u nimmiraw li sas-sena 2030 l-akkomodazzjoni soċjali kollha f'pajjiżna tkun carbon neutral. Jiġu installati sorsi t'enerġija rinnovabbli u mezzi oħrajn li jippreservaw l-enerġija bil-għan li dawn il-binjiet jipproduċu enerġija nadifa u jikkontribwixxu għall-grid nazzjonali. Dan isir mingħajr spejjeż għar-residenti u mingħajr ma tiżdied il-kera.

633 Investituri żgħar u medji issa jistgħu jinvestu b'mod innovattiv fil-proprjetà permezz ta' ishma mniżżla fil-Borża ta' Malta. Dan il-mekkaniżmu finanzjarju jista' joħloq provvisti ġodda ta' akkomodazzjoni affordabbli f'pajjiżna. Inħeġġu l-użu ta' dan il-mekkaniżmu għal għanijiet soċjali bl-introduzzjoni ta' taxxa vantaġġjuża fuq id-dħul.

634 Tidħol fis-seħħ il-liġi li tippromwovi l-ħolqien t'intrapriżi soċjali bil-għan li tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali, affordabbli u speċjalizzata f'pajjiżna.

635 Irridu naraw li jsir l-aħjar użu minn proprjetajiet dilapidati fiż-żoni urbani f'Malta u Għawdex. Ser tibda tinġabar informazzjoni dettaljata fuq bażi annwali, u mhux biss fis-sena taċ-ċensiment, ta' kemm jeżistu proprjetajiet vakanti u dilapidati f'pajjiżna li jistgħu jintużaw għal skopijiet residenzjali. Fid-dawl ta' numru ta' skemi vantaġġjużi li ġew introdotti, irridu nifhmu aħjar x'inhuma l-ostakli li qegħdin jaffaċċjaw is-sidien biex dawn id-djar għadhom abbandunati.

636 Il-Gvern jidħol fi ftehim mas-sidien biex proprjetà dilapidata tiġi rrinnovata u tintuża għall-fini ta' akkomodazzjoni soċjali jew affordabbli. B'hekk inkunu qegħdin nilħqu għan soċjali filwaqt li nkunu qegħdin nagħtu ħajja ġdida lill-ibliet u l-irħula Maltin.

637 Insostnu skemi eżistenti bħal Restawr ta' Djar Battala u s-sussidju fuq xogħlijiet relatati ma' strutturi perikolużi fi proprjetà privata li tkun okkupata minn qabel l-1 ta' Ġunju 1995 minn inkwilini jew ċenswalisti.

638 Bir-riforma fil-kirjiet ta' qabel l-1995 ħadna deċiżjonijiet f'waqthom li għenu familji u anzjani f'riskju imminenti ta' żgumbrament. Qed nagħmlu ġustizzja mas-sidien filwaqt li ser inkomplu nwieżnu mal-10,000 familja. Permezz ta' din ir-riforma, is-sidien ta' binjiet maqbuda f'kirja protetta kisbu d-dritt għal dħul ġust u li jirrifletti l-valur reali tal-proprjetà tagħhom filwaqt li niżguraw li ħadd mhu ser iħallas iktar minn kemm jiflaħ. Il-Gvern ser ikompli jagħmel tajjeb għaż-żieda kollha fil-kera tal-pensjonanti bil-benefiċċju tal-kera filwaqt li min jaħdem mhux ser iħallas aktar minn kwart tad-dħul disponibbli fuq il-kera.

639 Bl-istess mod qed nagħtu l-kelma tagħna li ser nindirizzaw is-sitwazzjoni ta' dawk il-persuni li jgħixu fi plots taħt il-Home Ownership Scheme u li sal-lum għadhom ma sarux sidien sħaħ ta' darhom. Gvern Laburista ser jidħol fi ftehim ma' dawn ir-residenti dwar kif il-ħlasijiet pendenti għall-esproprijazzjoni ta' dawn l-artijiet jinqatgħu gradwalment u jalloka baġit annwali b'saħħtu biex itihom serħan il-moħħ.

640 Irridu li l-għajnuna tasal għand dawk li verament għandhom bżonn. Ser inniedu diskussjoni wiesgħa li għandha twassal għal riforma fl-Att Dwar l-Awtorità tad-Djar biex tirrifletti aħjar ir-realtà tal-lum, tiżdied l-effiċjenza u jkompli jinqata' l-abbuż.

641 Hemm il-ħtieġa ta' ċerti aġġornamenti fil-politiki tal-ippjanar li għandhom effett fuq is-settur tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari linji gwida ċari li jiddefinixxu occupancy standards ta' proprjetà kif ukoll fejn jidħol il-kunċett ta' co-housing.

## Skemi mill-Awtorità tal-Artijiet

642 Kommessi li nkomplu nindirizzaw il-kwistjoni ta' nies li għandhom darhom mibnija fuq art mogħtija b'ċens agrikolu jew bi qbiela. Wara l-proġett pilota li sar f'Tas-Salvatur fir-Rabat, ser nagħtu ċ-ċans lil aktar nies li jgħixu fi bnadi oħra tal-pajjiż jixtru t-titolu tal-art fejn jgħixu b'mod assolut.

643 Fl-2019 tajna l-opportunità lil ħafna familji jifdu ċ-ċnus ta' proprjetà li kienet tal-Knisja. Nagħrfu li ħafna familji ma ġeddewx ċnus residenzjali fuq il-proprjetà fejn jgħixu u qed joqogħdu fi djar fejn iċ-ċens skada u m'hemmx rimedju kif dan jista' jiġġedded jew jinfeda. Ser nagħmlu proviżjonijiet kif permessi bil-liġi sabiex dawn il-familji jkunu jistgħu jġeddu ċ-ċens imbagħad jitolbu l-fidi fi skema apposta.

644 Konxji li jeżistu każi ta' individwi jew familji li jkunu xtraw djar jew appartamenti mibnija parzjalment fuq proprjetà li maż-żmien irriżulta li kienet tal-Gvern. Każijiet ġenwini ta' din ix-xorta ser ikunu jistgħu jissolvew permezz ta' skema li toffri titolu li jikkonsolida l-proprjetà ta' dawn in-nies b'mod individwali u bi prezzijiet affordabbli.



# 12

# Ilkoll indaqs



Malta
flimkien

L-għożża kbira li għandu l-Partit Laburista għall-ġustizzja soċjali xprunat rivoluzzjoni fil-qasam tal-ugwaljanza u d-drittijiet ċivili. Fi żmien qasir din tat dinjità lil ħafna nies b'modi differenti. Anki jekk jifdal persuna waħda li għadna ma lħaqniex, ser inkomplu nagħmlu r-riformi li hemm bżonn sabiex pajjiżna jibqa' minn ta' quddiem nett fuq l-ugwaljanza.

Kburin li tajna opportunità lil bosta nies jesprimu l-imħabba tagħhom, jiżżewġu u jrabbu t-tfal. Irridu nibqgħu l-aqwa fl-Ewropa fid-drittijiet LGBTIQ+ u nkomplu nressqu s-servizzi li noffru eqreb lejn in-nies.

Tajna ċ-ċans lil ħafna koppji b'diffikultà ta' infertilità jkollhom l-ulied għall-ewwel darba. Konvinti li nagħtu ċ-ċans tal-miraklu tal-ħajja lil aktar koppji li sa issa ma rnexxilhomx.

Is-soċjetà tagħna ma tistax tiddistingwi fuq bażi ta' ġeneru. Il-miżuri li qed nipproponu jridu jindirizzaw it-tfixkil li jistgħu jaffaċċjaw ħafna persuni, għax huma bniet, tfajliet jew nisa.

Għalina d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità huma marbutin mal-ugwaljanza. Ir-rata ta' persuni b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol irdoppjajnieha. Ser inkomplu nistinkaw sabiex kull persuna b'diżabilità tingħata l-appoġġ kollu li jeħtiġilha.

# Malta aktar ugwali

645 Gvern Laburista ser ikun qed jimplimenta pakkett leġiżlattiv bla preċedent li jafferma l-prinċipji ewlenin ta' x'nifhmu b'ugwaljanza f'pajjiżna. Dan il-pakkett leġiżlattiv jagħti funzjonijiet ġodda lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza biex tevolvi f'Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza, b'iktar garanziji ta' indipendenza u awtonomija. Fl-istess waqt jinħolqu strutturi legali ġodda li, b'rispett lejn il-Kostituzzjoni, ikollhom l-għan li jagħtu rimedji iktar effettivi, iktar spediti u aħjar meta jiġi ppruvat li xi ħadd sofra minn ksur inġust tal-prinċipju ta' ugwaljanza.

646 Għall-ewwel darba f'pajjiżna ser inniedu pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza li permezz tiegħu ser jibda eżerċizzju ta' mainstreaming tal-liġijiet, politiki u servizzi biex niżguraw li wara kull deċiżjoni hemm ħsieb u element b'saħħtu ta' ugwaljanza.

647 Flimkien mas-soċjetà ċivili, l-esperti legali u l-partijiet kollha interessati ser inniedu diskussjoni wiesgħa li għandha twassal għal riforma kostituzzjonali favur id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem.

648 Minkejja l-avvanzi kbar li għamel pajjiżna fil-qasam tad-drittijiet ċivili, xorta waħda nemmnu li l-edukazzjoni tibqa' ċ-ċavetta biex verament ikollna soċjetà ugwali u ħielsa mill-preġudizzji, ir-razziżmu, l-omofobija, il-misoġinija, it-transfobija u kull forma ta' mibegħda oħra. Irridu nużaw it-tagħlim biex nippromwovu l-valuri tal-ugwaljanza, l-ekwità, ir-rispett u l-inklużjoni.

## Lejn aktar riformi

649 L-IVF tfisser ħajja u l-istorja ta' suċċess trid tkompli. Bis-saħħa tal-introduzzjoni tal-IVF b'xejn mijiet ta' ġenituri setgħu jgħannqu lil uliedhom għall-ewwel darba. Minkejja r-rata ta' suċċess, xorta waħda għad hemm numru ta' koppji li huma kostretti jħallsu u jsiefru barra biex ikollhom ċans isiru ġenituri. Fl-ewwel 100 jum ta' Gvern Laburista ser nagħmlu emendi legali biex inwessgħu l-proċeduri li tippermetti x-xjenza u nagħtu ċans akbar lil koppji li kellhom ċikli tal-IVF bla suċċess, koppji bi storja medika u oħrajn li kellhom numru ta' korrimenti isiru ġenituri għall-ewwel darba, mingħajr il-bżonn li jħallsu jew imorru f'pajjiż ieħor.

650 Għalkemm il-proċedura tal-IVF hija bla ħlas, il-mediċini abbinati mal-intervent jiswew ħafna flus. Il-koppji li għamlu dan l-intervent mill-1 ta' Jannar 2022 'il quddiem ser jibdew jirċievu l-mediċini b'xejn.

651 Ser nestendu u nwessgħu s-servizz tal-IVF b'xejn għal dawk il-ġenituri li jridu aktar minn wild wieħed bil-proċess tal-IVF.

652 Ir-riforma dwar l-użu responsabbli tal-kannabis tirrifletti r-realtajiet soċjali li ilhom magħna għal għexieren ta' snin filwaqt li ma bqajniex nittrattaw lil min jagħmel użu personali mill-kannabis ta' kriminal. Xorta waħda jeħtieġ aktar għarfien u riċerka dwar xi jwassal għad-dipendenzi, mhux biss għall-kannabis iżda għas-sigaretti, l-alkoħol u d-drogi b'tali mod li kawżiet li jwasslu għal dan jiġu indirizzati bl-appoġġ meħtieġ. Ser inniedu kampanja edukattiva b'saħħitha, mifruxa anki fl-iskejjel, intiża biex tbiegħed lil dak li jkun minn kull tip ta' dipendenza.

653 Nemmnu li persuna għandha tingħata kull opportunità biex tibda ħajja ġdida għaliex mhux ġust li persuna tibqa' ġġorr tikketta għal għomorha. Fil-preżent dan jibqa' jseħħ anki wara li jkunu għaddew snin minn meta l-persuna tkun irrifurmat ruħha. Ser niftħu diskussjoni mal-entitajiet li jmexxu programmi ta' rijabilitazzjoni mid-droga dwar il-possibilità li persuni li jkollhom il-kondotta tagħhom imċappsa fuq pussess sempliċi ta' droga jkollhom l-opportunità ta' reviżjoni tal-kondotta tagħhom wara numru ta' snin.

654 Nagħtu garanzija li kulħadd jirċievi l-aqwa kura possibbli sal-aħħar mumenti tal-ħajja. Minkejja dan l-impenn bla ebda kundizzjoni, konxji mir-realtà kiefra u t-tbatija li jgħaddu minnha l-pazjenti b'mard terminali. Filwaqt li ser inkomplu ninvestu biex tingħata l-aqwa kura paljattiva u servizz ta' wens għall-pazjenti u l-qraba tagħhom, nemmnu li wasal iż-żmien li f'pajjiżna ssir diskussjoni nazzjonali matura dwar l-introduzzjoni tal-ewtanażja volontarja għal persuni b'mard terminali.

655 Wara li fil-leġiżlatura li għaddiet ġiet approvata l-liġi li tirregola l-kremazzjoni f'pajjiżna, naraw li matul il-leġiżlatura li jmiss jibda jopera l-ewwel krematorju f'pajjiżna.

## Nisa u bniet

656 Nimplimentaw bis-sħiħ l-Istrateġija u Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-mainstreaming tal-ġeneru. Fl-istess waqt, ser nirrevedu l-liġijiet ta' pajjiżna kull fejn hemm bżonn bil-għan li neliminaw kull forma ta' diskriminazzjoni strutturali li għadha tiddistingwi bejn is-sessi.

657 Inkomplu nirrevedu l-obbligi u sistemi ta' gender equality planning sabiex nassiguraw li l-perspettiva tal-ġeneru tiġi inkluża f'kull stadju fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

658 Intennu l-wegħda tagħna li aktar nisa għandhom jokkupaw karigi għolja ta' tmexxija għaliex verament nemmnu fil-kapaċità tal-mara. Kumpaniji li jħaddmu aktar minn 50 ħaddiem u jkollhom 40% tat-tmexxija eżekuttiva tagħhom nisa, jingħataw tax credit sa massimu ta' €50,000 fuq il-pagi ta' dawn il-ħaddiema.

659 Il-prodotti relatati mal-mestruazzjoni huma bżonn, mhux kapriċċ. Innaqqsu r-rata ta' VAT fuq dawn il-prodotti għall-inqas rata permissibbli skont il-liġijiet Ewropej.

660 Jitqassmu b'xejn prodotti relatati mal-mestruazzjoni fl-iskejjel sabiex neqirdu l-istigma li għadha assoċjata ma' dan il-proċess naturali.

661 Nassiguraw illi nisa adulti u ta' kull stat ċivili li jagħżlu li ma jkollhomx ulied, jew li ma jkollhomx aktar tfal, ikollhom aċċess liberu u mingħajr ebda preġudizzju għall-isterilizzazzjoni bl-għarfien u l-appoġġ kollu meħtieġ.

662 Jiġi kkriminalizzat l-att magħruf bħala virginity testing li jħalli trawma tant kerha fuq in-nisa u l-bniet.

663 Wara li twettaq proċess ta' konsultazzjoni estensiv dwar il-prostituzzjoni, irridu nieħdu l-aħjar deċiżjonijiet fl-interess ta' dawk l-aktar vulnerabbli. Filwaqt li nemmnu fil-libertà tal-individwu, il-Partit Laburista jemmen li s-soluzzjoni mhijiex li titfa' persuni vulnerabbli l-ħabs.

664 Fl-aħħar leġiżlatura Gvern Laburista introduċa għall-ewwel darba forom ta' għajnuna bil-għan li jgħin nies vulnerabbli maqbuda fil-prostituzzjoni. Din l-għajnuna ser insaħħuha u niżviluppawha f'voluntary exit programme professjonali pprovdut mill-istat.

665 Fl-aħħar xhur il-ħidma tal-Gvern kontra t-traffikar uman iffokat fuq l-aspett tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pass li jmiss huwa li ndaħħlu strateġija nazzjonali kontra t-traffikar uman li tilħaq il-bilanċ meħtieġ bejn l-infurzar u l-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar.

## Il-Komunità LGBTIQ+

666 Fl-aħħar disa' snin daħħalna ż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess, id-dritt għall-adozzjoni għall-koppji tal-istess sess, l-IVF għal koppji lesbjani, l-għażla tal-X gender marker u pprojbixxejna t-terapija ta' konverżjoni biex illum qed ngħixu f'Malta li tagħraf tħobb bl-istess mod. Għas-seba' sena konsekuttiva Malta rebħet l-unur għall-aqwa drittijiet għal persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa u fl-2023 pajjiżna ser ikun qed jospita l-Europride. Dan l-avveniment għandu jservi bħala pjattaforma għal dak kollu li għandu x'jaqsam ma' ugwaljanza u drittijiet fundamentali.

667 Inwessgħu dejjem iktar is-servizzi offruti lill-persuni transgender billi nibdew noffru l-operazzjoni għall-gender reassignment bla ħlas bħala parti mis-servizz tas-saħħa pubbliku.

668 Wara li tneħħiet il-projbizzjoni minn fuq l-għoti tad-demm minn fuq irġiel omosesswali, ser naraw li l-parametri li jirregolaw l-għoti tad-demm jiġu ugwali għal kulħadd.

669 Inkomplu nibnu fuq is-suċċessi tagħna billi naddottaw strateġija u pjan t'azzjoni ġdid għall-komunità LGBTIQ+ għall-ħames snin li ġejjin. Barra minn hekk ser jitwaqqaf tim interdixxiplinarju dwar il-persuni intersex biex inħarsu d-drittijiet ta' dawn il-persuni u l-familji tagħhom.

670 Il-PrEP u l-PEP huma mediċini essenzjali fil-prevenzjoni tat-tixrid tal-HIV u dawn il-mediċini għandhom ikunu parti mill-formularju nazzjonali.

671 Naraw li jinfetaħ ċentru għall-komunità LGBTIQ+ bl-għan li jġib taħt saqaf wieħed numru ta' servizzi u faċilitajiet provduti mill-Gvern u mis-soċjetà ċivili lill-komunità LGBTIQ+, minn adolexxenti sa anzjani.

## Persuni b'diżabilità

672 Tul is-snin kien hawn għarfien kbir dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Sar ħafna xogħol biex intejbu l-kundizzjonijiet tal-għejxien tagħhom. Fiż-żmien li ġej ser inkomplu nibnu fuq dan iżda rridu nimxu lil hinn minn sempliċiment noħolqu l-għarfien għal aktar inklużjoni. Irridu niżguraw li persuni b'diżabilità jilħqu l-potenzjal u l-aspirazzjonijiet tagħhom. Għalhekk ser naraw li nilħqu l-miri tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Persuni bl-Awtiżmu fl-iqsar żmien possibbli.

673 Fl-aħħar ħames snin kien hemm żieda ta' 25% fl-ammont ta' persuni b'diżabilità li daħlu fid-dinja tax-xogħol. Ser insaħħu l-impenn tagħna biex naraw aktar persuni b'diżabilità jaħdmu kemm f'entitajiet pubbliċi kif ukoll fis-settur privat. Ser nipprovdu assistenza f'każijiet li jkunu jeħtieġu għajnuna speċifika, bħal f'każ ta' ħtieġa ta' trasport minħabba kundizzjonijiet partikolari.



674 Ser inkomplu nsaħħu l-irwol tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u dak tad-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità billi niżguraw li għandhom ir-riżorsi umani u l-finanzjament meħtieġ fit-twettiq tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

675 Il-proġett Narċis qed jgħin persuni b'diżabilità fiżika bi bżonnijiet mediċi kumplessi li mhumiex anzjani. Dawn jiksbu għajnuna importanti li tgħinhom jadattaw biex jgħixu ħajja kemm jista' jkun indipendenti fil-komunità. Irridu nirreplikaw dan il-kunċett għal persuni b'diżabilità intellettwali bi bżonnijiet mediċi kumplessi li jirrikjedu assistenza l-ħin kollu. Għalhekk ser naħdmu fuq il-ħolqien ta' nursing facility li tilqa' għall-bżonnijiet speċifiċi ta' dawn il-persuni bil-għan li jibqgħu jgħixu fil-komunità u jitnaqqas ir-riskju ta' istituzzjonalizzazzjoni.

676 Ser naraw li jidħlu fis-seħħ l-Att dwar l-Awtonomija Personali u l-Att dwar il-Protezzjoni ta' Adulti Vulnerabbli, filwaqt li nsaħħu l-Guardianship Board biex jiġu mħarsa l-interessi ta' dawn il-persuni.

677 Ser insaħħu u nwessgħu l-eliġibilità tal-iskema Sens-ability biex ngħinu aktar ġenituri ta' tfal b'awtiżmu joħolqu multi-sensory room f'darhom. It-tfal għandhom ħafna x'jibbenefikaw minn din l-għajnuna għaliex dawn il-kmamar ikunu mgħammra apposta biex jgħinu fl-iżvilupp tagħhom.

678 Il-ħajja u s-sehem attiv fil-komunità huma t-triq 'il quddiem biex niżguraw inklużjoni vera. Filwaqt li ser inkomplu nibnu djar residenzjali ġodda fil-komunitajiet għall-persuni b'diżabilità, ser ninvestu aktar f'servizzi ġodda t'assistenza personali u skemi li bihom persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu ħajja attiva fil-komunità li trabbew fiha. Għal dan il-għan ser niftħu community hub ġdid fit-tramuntana ta' Malta fejn persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jirċievu taħriġ speċjalizzat biex jgħixu ħajja aktar indipendenti.

679 Is-servizz ta' occupational therapy jgħin lill-individwu jkompli jikseb il-ħiliet neċessarji li permezz tagħhom ikun jista' jipparteċipa bis-sħiħ fil-ħajja ta' kuljum. Wara li ħabbarna li mal-1,300 tifel u tifla b'diżabilità li jeħtieġu servizz ta' occupational therapy ser jibdew jibbenefikaw minn skema biex jagħmlu użu minn dan is-servizz, ser nintroduċu din l-iskema għal dawk il-persuni adulti b'diżabilità li wkoll għandhom bżonn ta' dan it-tip ta' servizz.

680 Ser intejbu l-iskema fuq l-eżenzjonijiet u t-traħħis ta' xiri ta' vetturi għall-persuni b'diżabilità filwaqt li numru ta' għalliema tas-sewqan ser jirċievu taħriġ speċjalizzat sabiex ikunu jistgħu jgħallmu lil dawn il-persuni kif isuqu fuq vettura drive from wheelchair li ser tinxtara apposta. Din l-iskema ser tinkludi wkoll vetturi second-hand b'livell ta' emissjonijiet baxxi għaliex konxji mill-prezzijiet għoljin ħafna ta' dawn il-vetturi.

681 Inwaqqfu programm edukattiv għall-persuni b'diżabilità intelletwali rigward is-sesswalità tagħhom. Ser noħolqu servizz fejn dawn il-persuni jingħataw informazzjoni rigward is-sesswalità u s-saħħa sesswali. Il-ġenituri ta' dawn l-individwi ser ikollhom aċċess għal tagħlim separat dwar is-suġġett biex ngħinuhom jifhmu l-bżonnijiet sesswali ta' wliedhom.

682 Persuni b'diżabilità li jirċievu l-assistenza għal diżabilità severa, illum il-ġurnata jistgħu jaħdmu u jieħdu l-benefiċċju fl-istess ħin. Madankollu meta jirtiraw u jieħdu l-pensjoni kontributorja, ma jibqgħux jieħdu l-benefiċċju. L-istess jiġri fil-każ ta' persuni li jkunu weġġgħu fuq ix-xogħol u jibqgħu b'diżabilità permanenti. Fil-leġiżlatura li jmiss ser indaħħlu tibdil sabiex meta tali persuni jirtiraw u jibdew jieħdu pensjoni kontributorja, ikollhom żieda fil-pensjoni sabiex din tilħaq il-paga minima nazzjonali, liema żieda ma tkunx anqas minn 10% tal-assistenza għal diżabilità severa.

683 Irridu kemm jista' jkun niffaċilitaw il-ħajja ta' dak li jkun. Wara li neħħejna l-ħtieġa li persuni b'diżabilità severa jkunu means tested aktar minn darba, se nikkonsolidaw l-evalwazzjoni medika biex persuni b'diżabilità ma jkollhomx bżonn jidhru quddiem diversi bordijiet differenti iżda jidhru darba biss quddiem bord wieħed multidixxiplinarju. Il-persuni jkunu intitolati għall-benefiċċji u s-servizzi li jeżistu fuq bażi tal-evalwazzjoni tal-bord.

684 Ser nintroduċu sistemi ġodda u aktar ġusti t'evalwazzjoni fejn persuni b'kundizzjonijiet varji, inkluż dawk li ma jidhrux, sfidi ta' saħħa mentali u mard rari, ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati għal skemi u benefiċċji ta' għajnuna soċjali.

685 Ser inkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-carers u support workers li jaħdmu b'tant dedikazzjoni fil-komunità ma' persuni b'diżabilità, speċjalment dawk b'diżabilità severa. Nagħtuhom l-appoġġ meħtieġ u ħlas xieraq li jirrifletti l-kwalifiċi u t-taħriġ tagħhom.

686 Ser insaħħu b'mod qawwi l-għotja għall-carers ta' persuni b'diżabilità severa minn €500 fis-sena għall-ekwivalenti ta' nofs il-paga minima. Dan ifisser, li ġenituri li jkollhom tfal adulti b'diżabilità severa u ma jkunux jistgħu jaħdmu biex jieħdu ħsiebhom, mis-sena 2023 ser jibdew igawdu minn benefiċċju ta' aktar minn €4,750 fis-sena, li jfisser aktar minn €395 fix-xahar.

687 Nagħrfu l-bżonn li jinfetaħ ċentru ta' respite ġdid fin-Nofsinhar ta' Malta sabiex flimkien maċ-ċentri preżenti fl-Imtarfa u l-Mosta jiffaċilita l-aċċessibilità għall-familji li jeħtieġu dan is-servizz.

688 Inkomplu naħdmu id f'id mal-persuni b'diżabilità nfushom u l-familjari tagħhom kif ukoll mal-professjonisti u l-għaqdiet mhux governattivi sabiex inwasslu aktar servizzi ġodda fil-komunitajiet tagħna.

689 Ser nippromwovu r-riċerka fit-teknoloġija assistiva u l-intelliġenza artifiċjali sabiex aktar persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgħixu ħajja indipendenti. Inniedu programm ta' xiri ta' teknoloġija assistiva bħalma huma laptops għal min jagħmel użu mill-Braille u bsaten mgħammra bit-teknoloġija bluetooth.

690 Ninċentivaw operaturi privati li jagħtu servizz lill-pubbliku sabiex jagħmlu l-bidliet neċessarji biex il-pjattaformi tagħhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

694 Inniedu diversity charter b'mod volontarju fejn il-kumpaniji firmatarji jikkommettu ruħhom li jiġġieldu bi pjan kull forma ta' diskriminazzjoni.

## Soċjetà diversa

691 Ma nistgħu naċċettaw qatt li r-razziżmu jrabbi l-għeruq u jgħolli rasu fis-soċjetà. Irridu niċċelebraw id-diversità u nimplimentaw bis-sħiħ l-Istrateġija Kontra r-Razziżmu biex niġġieldu din il-forma ta' mibegħda b'kull mezz possibbli.

692 L-integrazzjoni sħiħa hi l-aqwa arma kontra r-razziżmu u l-mibegħda razzjali. Flimkien mal-kunsilli lokali u l-komunitajiet, nippromwovu programmi, attivitajiet u inizjattivi mmirati biex iwasslu għal integrazzjoni ġenwina f'pajjiżna.

693 Il-mod kif nitħaddtu fuq komunitajiet u persuni differenti jaffettwa l-ħsieb u l-attitudini tagħna. Flimkien mal-midja lokali ser infasslu kodiċi ta' prattika fejn jidħol rappurtaġġ sensittiv b'tolleranza żero għar-razziżmu u l-isterjotipi.



# 13

# Għawdex



Malta flimkien

Għawdex bena ekoloġija ekonomika vibranti f'dawn l-aħħar snin u kien kapaċi jattira numru ta' investimenti. Dan wassal sabiex illum hemm numru rekord ta' nies jaħdmu f'Għawdex. Il-viżjoni tagħna għal Għawdex tagħraf li tilħaq il-bilanċ bżonjuż bejn l-attività ekonomika u l-aspetti soċjali u ambjentali tal-gżira.

L-Għawdxin gawdew minn titjib fl-għejxien tagħhom u rajna li numru akbar u sabiħ ta' Għawdxin setgħu jsibu x-xogħol f'Għawdex stess. Fil-pandemija ħloqna 2,000 impjieg ġdid f'Għawdex u l-qgħad żammejnieh fl-anqas livell li qatt kien.

Filwaqt li nħarsu l-bżonnijiet partikolari tan-negozji Għawdxin, ser nibqgħu naħdmu biex Għawdex jattira *start-ups* ġodda u aktar impjiegi ta' kwalità. Dan ser jirnexxilna nagħmluh ukoll b'aktar tisħiħ tas-settur edukattiv f'Għawdex.

L-andament ta' Għawdex jiddependi wkoll mill-konnettività u l-infrastruttura tiegħu. Aktar minn 360,000 passiġġier użaw il-fast ferry fl-ewwel sitt xhur minn meta beda s-servizz. Ser insaħħu l-mezzi tal-baħar u nintroduċu faċilitajiet ġodda għal trasport bl-ajru.

Għawdex ser ikun il-post fejn intellqu aktar proġetti ambjentali ambizzjużi nimmiraw li tkun l-ewwel parti tal-pajjiż li ssir climate neutral.

Flimkien ser nassiguraw aktar titjib fil-kwalità tal-ħajja f'Għawdex ukoll.

# Għawdex mutur ekonomiku

695 Wara li twaqqfet l-Awtorità Reġjonali għal Għawdex u ġie ppubblikat dokument għal konsultazzjoni rigward l-iżvilupp reġjonali għal Għawdex għall-għaxar snin li ġejjin, issa jmiss li jiġi varat il-pjan finali u jibda x-xogħol fuq l-implimentazzjoni ta' diversi proġetti. Fis-snin li ġej ser inkomplu nsaħħu l-Awtorità sabiex tkompli tixpruna l-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'Għawdex.

696 Għawdex ser jirċievi minimu ta' 10% tal-fondi Ewropej sal-2027, ammont rekord ta' investiment li jammonta għal €162 miljun. Dawn il-fondi ser jissarrfu f'titjib fil-kwalità tal-ħajja f'Għawdex, b'inizjattivi għall-konservazzjoni tal-ambjent naturali, infrastruttura aħjar u l-qalba għall-ekonomija diġitali.

697 Ser naraw li l-inċentivi kollha li jingħataw lin-negozji minn entitajiet tal-Gvern ikunu 10% ogħla għal negozji li joperaw minn Għawdex.

698 Is-suċċess fis-suq tax-xogħol ta' Għawdex inkiseb b'żieda sostanzjali fin-numru ta' ħaddiema li jaħdmu fis-settur privat. Fiż-żmien li ġej ser inkomplu naħdmu biex noħolqu xogħol ta' kwalità f'Għawdex għall-Għawdxin. Filwaqt li ser nestendu skemi bħal mhuma l-Gozo Employment Refund Scheme u l-Back Office Employment Refund Scheme, ser inniedu pakkett ġdid ta' inċentivi biex aktar kumpaniji jiftħu jew jirrilokaw f'Għawdex u jagħmlu minn din il-gżira l-bażi tal-operat tagħhom.

699 Azjendi fil-kamp diġitali li jwaqqfu operat f'Għawdex ser jingħataw tax credit ekwivalenti għall-investiment li għamlu sa massimu ta' €50,000.

700 Irridu nattiraw aktar talent lejn Għawdex. Professjonisti barranin eliġibbli għall-Highly Qualified Person Scheme u jaħdmu f'Għawdex jiġu eżentati mit-taxxa fuq l-ewwel €30,000 tad-dħul tagħhom.

701 Mill-2013 'il quddiem, Għawdex esperjenza tkabbir ekonomiku bla preċedent. Irridu nsostnu dan ir-ritmu vibranti b'aktar għajnuna lill-industrija Għawdxija, speċjalment fejn tidħol l-użu tal-art. Għalhekk ser ninvestu f'warehouse park ġdid biswit iż-żona industrijali tax-Xewkija li jipprovdi lill-intrapriżi żgħar u medji spazju għal imħażen, workshops u spazju għal parkeġġ ta' vetturi kbar.

702 Wara li fis-snin li għaddew sar investiment fit-tieni fibre optic cable u l-Innovation Hub fix-Xewkija, ser inwaqqfu ċentru t'eċċellenza ġdid għar-riċerka f'Għawdex bil-faċilità li jipproċessa big data.

## Aktar titjib fil-konnettività

703 Il-konnettività bejn Malta u Għawdex tibqa' prijorità. Hekk kif tlestew l-istudji dwar il-proġett ta' mina bejn Malta u Għawdex, għaddej il-proċess tal-evalwazzjoni tal-pre-qualification questionnaire sabiex il-proġett jimxi għall-fażi li jmiss fl-implimentazzjoni tiegħu.

704 Fl-aħħar snin rajna żieda fin-numri ta' passiġġieri u vetturi li qasmu bejn l-Imġarr u ċ-Ċirkewwa, tant li nkera vapur ieħor sabiex ilaħħaq mad-domanda mill-pubbliku u jonqos il-ħin tal-istennija. Ser inkomplu ninvestu sabiex insaħħu dejjem aktar l-aċċessibilità bejn iż-żewġ gżejjer u l-effiċjenza tas-servizz bejn Għawdex u Malta.

705 Nagħrfu li l-Port tal-Imġarr sar jintuża għal diversi attivitajiet. Filwaqt li nifhmu l-bżonn li l-ispazju fih għandu jsir l-aqwa użu minnu, irridu noqogħdu attenti li ma ssirx ħsara ambjentali lill-baħar u x-xtajta tal-madwar. Ser inkunu qed ninvestu f'faċilitajiet innovattivi li fost oħrajn jinkludu fenders 'l barra mill-mollijiet tal-port li jkunu jistgħu jintużaw minn vapuri kummerċjali.

706 Wara l-proċess ta' konsultazzjoni li sar is-sena l-oħra, ser jibda x-xogħol fuq il-bini tal-breakwater fil-port ta' Marsalforn bħala parti mill-masterplan għal din iż-żona.

707 L-implimentazzjoni taż-żona pedonali f'Marsalforn fissret aktar spazju miftuħ għall-familji Għawdxin u Maltin li jiffrekwentaw din iż-żona. Ser nestendu r-riġenerazzjoni tul Triq Santa Marija mal-promenade tal-Qbajjar, bi spazji u faċilitajiet ġodda għat-tfal fil-ġnien preżenti u r-restawr tal-Batterija tal-Qolla l-Bajda.

708 Il-konnettività tgħodd ukoll għal mezzi ta' trasport lejn Għawdex, kemm b'mezzi ġodda u b'oħrajn eżistenti bħall-Gozo Channel u s-servizz tal-fast ferry. Barra titjiriet mill-ajruport ta' Malta, il-proġett tal-air strip f'Għawdex ser jattira wkoll turisti li jaslu direttament f'Għawdex b'ajruplani żgħar. Mhux ser tintmiss l-ebda art agrikola fit-twettiq ta' dan il-proġett u l-faċilitajiet ser ikunu jistgħu jintużaw għal skop ta' riċerka fis-settur tad-drones u attivitajiet rikreattivi bħal skydiving. B'dan il-proġett ser inkunu qed inkomplu nsaħħu lil Għawdex bħala destinazzjoni turistika u kummerċjali distinta.

## Ambjent isbaħ f'Għawdex

709 Mġarr ix-Xini huwa wieħed mill-aktar siti panoramiċi f'Għawdex assoċjat mat-trekking, l-għawm, id-diving u r-rock climbing. Il-wied huwa rikk ħafna fil-bijodiversità u fih jinsabu pjanti ta' importanza ekoloġika u fdalijiet li jmorru lura għaż-żminijiet Puniċi, fost oħrajn. Bi sħab mal-kunsilli lokali tas-Sannat u x-Xewkija, ser naraw li fih isir park naturali reġjonali li jinkludi wkoll ir-restawr tal-pumping station li hi parti mill-wirt storiku li jinsab fil-qalba tal-wied.

710 Il-mira tagħna li t-trasport pubbliku jibda jaħdem b'karozzi elettriċi ser nibdewha minn Għawdex u nagħmlu pass ieħor sabiex Għawdex ikun l-ewwel parti tal-pajjiż li ssir climate neutral. Ser naħdmu sabiex kull fejn ikun possibbli jintużaw vetturi tat-trasport pubbliku iżgħar li jkunu aktar addattati għat-toroq tal-irħula Għawdxin.

711 Wara l-proġett ta' Pjazza San Franġisk ser nestendu r-riġenerazzjoni bi proġett ambizzjuż ftit 'il bogħod minn din il-pjazza. Dak li sal-lum huwa parkeġġ bit-tarmak biswit it-terminus tal-karozzi tal-linja ser jiġi konvertit f'park għall-familji. Dan il-proġett ser jinkludi wkoll il-grawnd tal-futbol u multi-level car-park taħt l-art. Flimkien mal-Ġnien ta' Villa Rundle u l-bandli preżenti, dan il-proġett ser ifisser li Għawdex ser ikollu fost l-akbar spazji miftuħa għall-familji fil-pajjiż f'żona urbana.

712 Filwaqt li nippreservaw l-ambjent naturali f'Għawdex, ser inwettqu proġetti ambjentali ġodda. Ninvestu fi programm ta' afforestazzjoni estensiv u nidentifikaw sit li fih ikun jista' jsir proġett ta' tħawwil ta' eluf ta' siġar u arbuxelli indiġeni.

713 Nibdew proċess sabiex jinbidel id-dawl tat-toroq ta' Għawdex kollu u jonqos it-tniġġis ikkawżat mid-dawl b'użu ta' sistemi ta' enerġija rinnovabbli.

714 L-isqaqien jagħtu dehra unika u sabiħa lill-irħula Għawdxin. Nintroduċu skema għall-kunsilli lokali Għawdxin li jagħmlu xogħol ta' pavimentar f'dawn l-isqaqien. L-iskema tkun tinkludi wkoll restawr ta' statwi u niċeċ li nsibu fit-toroq u l-isqaqien Għawdxin.

715 Nipproteġu u nirrestawraw il-kanali u l-għejuni tal-ilma antiki. Fl-istess waqt naraw li żviluppi ġodda f'Għawdex ma jkunux ta' theddida għalihom u jieħdu konsiderazzjoni tal-mogħdija tal-ilma.

716 F'aħħar snin sar il-bini ta' kilometri ta' ħitan tas-sejjieħ u t-tindif ta' widien, fosthom il-Wied tar-Ramla. Ser inkomplu bil-ħidma li bdejna fl-aħħar snin sabiex nikkonservaw il-widien u jinbnew 'il fuq minn 30 kilometru oħra ta' ħitan tas-sejjieħ.

## Għawdex destinazzjoni turistika distinta

717 Nagħrfu lil Għawdex bħala destinazzjoni turistika distinta. Għawdex jispikka l-aktar għall-ġmiel naturali mhux mittiefes flimkien ma' storja rikka li ssaħħar u tradizzjonijiet ħajjin. Ser nippromwovu aktar lil Għawdex bħala d-destinazzjoni ideali għal dawk it-turisti li qed ifittxu btala rilassanti u li jixtiequ jesperjenzaw l-ħajja tal-lokal.

718 Għawdex għandu jkollu kalendarju kulturali u artistiku distint li jattira avvenimenti u artisti kbar kif isir f'Malta.

719 Fiż-żmien li ġej ser jitlesta l-bini tal-Mużew għal Għawdex li ser jiġbor fih uħud mill-aktar fdalijiet u oġġetti importanti u storiċi tal-gżira.

720 Insaħħu l-iskemi eżistenti fis-settur għall-konferenzi, laqgħat u esebizzjonijiet biex isiru aktar avvenimenti ta' dan it-tip f'Għawdex.

721 Il-master plan dwar id-diving f'Għawdex tħejja numru ta' snin ilu. Dan ser jiġi aġġornat u mġedded sabiex ikun jirrifletti l-bżonnijiet preżenti u futuri ta' din in-niċċa turistika.

722 Nibdew l-istudji meħtieġa sabiex f'Għawdex ikun hemm mużew taħt il-baħar li jkun jista' jitgawda mill-għaddasa. Dan jista' jkun wieħed minn tal-ewwel tax-xorta tiegħu fil-Mediterran u jservi ta' attrazzjoni għal għaddasa minn madwar id-dinja.

723 L-industrija tal-produzzjoni tal-inbid f'Għawdex hija wkoll attrazzjoni turistika b'valur storiku, kulturali u naturali. Noħolqu mużew tal-inbid u l-vitikultura f'Għawdex li jħares lejn il-produzzjoni tal-inbid miż-żminijiet Puniċi sal-preżent. Dan il-mużew iservi wkoll ta' vetrina għall-inbid prodott f'Għawdex. Nikkonsidraw ukoll proġett simili dwar il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.

724 Jitlesta x-xogħol fuq l-Osservatorju Astronomiku Nazzjonali fil-Qortin li ser ikun opportunità oħra ta' riċerka kif ukoll attrazzjoni oħra turistika ġewwa Għawdex.

## Settur kulturali ħaj

725 Jittellgħu festivals tematiċi mqassmin matul is-sena kollha li jagħtu l-opportunità lill-artisti jesebixxu l-kapaċitajiet tagħhom. Isiru wkoll kunċerti minn artisti lokali fi bnadi differenti madwar Għawdex.



726 Wara konsultazzjoni mal-komunità artistika Għawdxija, ser naħdmu sabiex Għawdex ikollu ċentru attrezzat għall-esebizzjonijiet u makerspace għall-artisti. Irridu nħarsu 'l quddiem b'inizjattivi ġodda fil-qasam tal-kultura, fosthom l-organizzazzjoni ta' Gozo Biennale bis-sehem ta' artisti kontemporanji internazzjonali b'koordinazzjoni mal-entitaijiet nazzjonali.

727 Inkomplu nsaħħu l-Karnival f'Għawdex bħala attività kulturali li tiġbed udjenza minn Għawdex, Malta u barra minn xtutna. Ser nidentifikaw post sabiex jinbidel f'faċilità li toffri spazju adegwat biex jintuża mid-dilettanti kollha tal-Karnival.

728 Naħdmu sabiex iċ-Ċittadella tiddaħħal fil-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO.

## Toroq tajbin u trasport alternattiv

729 Gvern Laburista ta prijorità lill-bini ta' toroq ġodda f'Għawdex, bħalma huma t-triq minn Għajnsielem għan-Nadur u t-triq ta' taħt iċ-Ċittadella, fost oħrajn. Dan ix-xogħol ser ikompli madwar l-irħula ta' Għawdex kollu, bil-bini mill-ġdid ta' triq li tgħaddi mir-Rabat għal Marsalforn, it-triq li tagħti għal San Blas fin-Nadur u t-triq tal-Fontana, fost oħrajn.

730 Il-prijorità tagħna hija li nnaqqsu l-karozzi u t-traffiku miċ-ċentru tar-Rabat. Għalhekk ser inkunu qed nagħtu bidu għax-xogħol fuq it-triq li tagħti għal Marsalforn int u dieħel ir-Rabat.

731 Ser inkomplu naħdmu fuq l-idea li l-irħula Għawdxin ikollhom car parks żgħar, idealment taħt l-art, u jitkompla l-proġett tal-ismart parking fihom. L-għan ta' dawn il-proġetti huwa li aktar żoni, speċjalment iċ-ċentri tal-irħula u l-pjazez, jinqalbu għal żoni pedonali għat-tgawdija tan-nies.

732 Wara li lestejna x-xogħol fuq ix-xatt ta' Marsalforn, il-pass li jmiss hu li l-parkeġġ eżistenti jiġi żviluppat f'multi-level car park taħt il-livell tat-triq sabiex jaqdi aħjar il-bżonnijiet ta' din iż-żona tant imfittxija.

## Servizz tas-saħħa modern

733 Jibda l-bini ta' sptar ġenerali ġdid f'Għawdex fuq medda ta' art li hija kważi d-doppju tal-ispazju użat bħalissa. L-isptar ser ikun fih spazju għal 430 sodda, b'200 minnhom iddedikati għal pazjenti li jkunu qed jirċievu kura għall-kundizzjonijiet akuti. L-isptar ikun jiġbor fih dipartiment tal-emerġenza, swali tal-operazzjonijiet, hyperbaric chamber, imaging section u sezzjoni tal-outpatients, fost oħrajn. Il-kumpless ser ikun jinkorpora wkoll childcare centre u parkeġġ ta' 420 karozza.

734 Is-servizz tal-MRI ser jibda jiġi offrut f'Għawdex filwaqt li jiżdiedu t-terapiji relatati mal-kura tal-kanċer mill-isptar ġenerali t'Għawdex. Il-pazjenti li jgħixu f'Għawdex jingħataw iċ-ċans li jirċievu s-servizzi ta' kimoterapija minn barra l-isptar ukoll.

## Inkattru l-opportunitajiet ta' tagħlim f'Għawdex

735 Nemmnu li l-faċilitajiet tal-MCAST f'Għawdex għandhom bżonn jikbru. Ser niddedikaw aktar riżorsi sabiex aktar korsijiet full-time jiġu pprovduti f'Għawdex u l-MCAST tkun tista' tiġbed studenti minn barra l-gżira.

736 Il-kampus ġewwa Għawdex ta' *Queen Mary University* huwa storja ta' suċċess. Mhux biss inġiebet istituzzjoni edukattiva ta' livell internazzjonali ġewwa Malta li attirat mijiet ta' studenti minn 145 pajjiż differenti, iżda fissret ukoll diversifikazzjoni tal-ekonomija Għawdxija. Ser inkomplu naħdmu mill-qrib ma' din l-istituzzjoni u nagħtu l-appoġġ kollu tagħna sabiex din toffri firxa aktar wiesgħa ta' korsijiet u tistabbilixxi ruħha bħala ċentru ieħor tar-riċerka f'Għawdex.

737 Inħajru aktar studenti Għawdxin jibdew karriera fit-turiżmu billi jiżdiedu l-korsijiet offruti mill-Istitut tal-Istudji Turistiċi f'Għawdex.

## Faċilitajiet sportivi attrezzati f'Għawdex ukoll

738 Fil-bidu tal-leġiżlatura li jmiss ser ikun qed jitlesta u jinfetaħ il-Kumpless tal-Isports Akwatiku fir-Rabat. Minbarra l-pixxina ta' daqs olimpiku, dan il-post ser joffri faċilitajiet għal diversi dixxiplini sportivi fosthom l-arti marzjali, l-aerobika, il-basketball, weightlifting, ġinnastika, badminton u l-akrobatika, fost l-oħrajn.

739 Ser nagħmlu riġenerazzjoni tal-korsa taż-żwiemel tax-Xewkija sabiex din tibda toffri faċilitajiet moderni għall-ġerrejja u dawk kollha li jattendu t-tiġrijiet. Jinbnew stalel ġodda u jkun hemm equestrian swimming pool sabiex is-sidien ikollhom il-faċilitajiet bżonjużi għall-kura u s-saħħa taż-żwiemel.

740 L-art fejn tinsab il-korsa taż-żwiemel tibda tintuża wkoll sabiex jiġu pprattikati attivitajiet sportivi differenti, fosthom archery u open pitches għal attivitajiet diversi. F'din l-istess żona tinbena trakka tal-ġiri sabiex l-atleti Għawdxin ikollhom fejn jipprattikaw f'Għawdex.

741 Nagħmlu upgrading tar-range tal-isparar fiż-Żebbuġ li jagħmilha possibbli li jiġu pprattikati tipi differenti ta' sparar, inkluż faċilitajiet għad-dilettanti tal-pistoli.

742 Inkomplu nsaħħu l-futbol f'Għawdex b'titjib fil-faċilitajiet għat-taħriġ, mhux biss għall-footballers Għawdxin iżda wkoll għal akkademji u timijiet minn barra l-gżira li jiġu f'Għawdex għal training camps.

743 Ser inkunu qed nagħtu l-importanza li tixraq lill-attivitajiet sportivi emerġenti bħalma hu l-isport tas-softball u l-ibburdjar li qed iżidu fil-popolarità ġewwa Għawdex. Ser nidentifikaw post fejn jinbena pitch tas-softball kif ukoll faċilitajiet għad-dilettanti ta' sports u attivitajiet relatati mal-baħar.

## Industriji tal-biedja u s-sajd b'saħħithom f'Għawdex

744 Niżviluppaw iċ-ċentru għall-Experimental Farm fix-Xewkija f'ċentru fejn jistgħu jsiru proġetti agrikoli li jkunu ta' fejda għas-settur kollu tal-biedja lokali.

745 B'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tas-settur tas-sajd, ser inkunu qed nagħmlu interventi biex jitjiebu l-faċilitajiet użati mis-sajjieda Għawdxin.

746 Nagħmlu aktar investiment fil-Biċċerija ta' Għawdex sabiex jitwessgħu s-servizzi offruti u nippromwovu l-kunċett ta' farm to fork u l-carbon neutral policy.

747 Irridu nsaħħu l-investiment u l-potenzjal tar-riżorsi finanzjarji fis-settur agrikolu Għawdxi. Ser nagħmlu emendi leġiżlattivi fl-Att dwar il-Kumpaniji sabiex naċċertaw tmexxija aħjar tal-intrapriżi agrikoli u jiġu rikonoxxuti azjendi agrikoli reġjonali b'anqas piż burokratiku.

748 Nassiguraw li l-bdiewa Għawdxin ikollhom aċċess għal testijiet fuq il-ħamrija u l-ilma mil-Laboratorju għas-Servizzi Agrikoli sabiex jiżguraw il-kwalità tal-prodott tagħhom.



# 14

# Niċċelebraw il-kultura



Malta flimkien

L-aċċess għall-arti u l-kultura huwa dritt fundamentali tal-bniedem. Il-Kultura hija forza dinamika u vibranti li tiġġenera l-benesseri għall-komunitajiet b'saħħithom u soċjetà reżiljenti u koeżiva. Hija toħloq spazji wiesgħa għall-inklużjoni u l-parteċipazzjoni ta' kulħadd. L-arti, il-kultura u l-patrimonju tagħna huma xhieda ħajja tal-aspirazzjonijiet ambizzjużi ta' pajjiżna filwaqt li jsawru l-identità tagħna.

F’dawn l-aħħar snin investejna bis-sħiħ fl-infrastruttura biex ħloqna ekoloġiji ġodda kulturali u kreattivi li taw sehemhom għat-tkattir tal-ġid u l-ekonomija. Nemmnu fir-rwol importanti tal-artisti fil-qalba ta’ soċjetà demokratika. Għalhekk għenna lil aktar artisti jagħmlu l-arti u l-kreattività l-qofol tal-karriera u l-impjieg tagħhom. Qed nagħtu wkoll sostenn lil dan is-settur biex jirkupra kemm jista’ jkun malajr u jkompli jiġbed lejh interess ġdid fl-era ta’ wara l-pandemija.

Fl-aħħar snin ħadna inizjattivi biex l-arti u l-kultura jingħataw il-valur li jixirqilhom fis-soċjetà. Ser inkomplu b’din il-mixja għall-benesseri ta’ kulħadd.

L-avvenimenti ta’ Valletta 2018 bħala l-Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura, urew kif il-forza dinamika tal-kultura taf toħloq l-opportunità mhux biss għas-settur artistiku iżda wkoll għall-komunitajiet kollha tagħna. Barra minn hekk ir-riġenerazzjoni li skattat bidlet il-Belt Valletta f’żona kulturali ħajja u li kkontribwiet sew għall-qawmien ekonomiku sostenibbli.

L-artisti ser ikomplu jsibu l-appoġġ tagħna biex iwessgħu l-orizzonti tagħhom f’Malta u barra minn xtutna filwaqt li nkomplu ngħożżu u ngħinu bis-sħiħ il-komunitajiet tad-dilettanti tal-festi u l-każini tal-baned.

Il-kultura hija parti minn ħajjet pajjiżna u ser inkomplu nindokrawha lkoll flimkien.

## Settur artistiku vibranti

749 Il-Partit Laburista jemmen li s-settur kulturali u kreattiv f'pajjiżna huwa pilastru soċjali u ekonomiku importanti li rridu narawh ikompli jiżviluppa permezz ta' aktar opportunitajiet u sostenn dirett lill-artisti lokali. Għalhekk il-Kunsill Malti għall-Arti ser jorganizza simpożju nazzjonali sabiex jissaħħaħ id-djalogu ħaj bejn l-imsieħba kollha fis-settur.

750 L-avveniment futur tal-Belt Kapitali Ewropea għall-Kultura 2031 ser tkun opportunità sabiex Malta u Għawdex isiru vetrina internazzjonali u ta' eċċellenza għall-arti u l-kultura. Bħalma għamilna fil-Valletta 2018, ir-reġjun magħżul ser jara investiment b'saħħtu mill-aspett infrastrutturali, ekonomiku u soċjali qabel u waqt l-2031. Ser noħolqu programm artistiku prolifiku li jkun imżewwaq b'elementi tradizzjonali, kontemporanji u innovattivi li jiġġenera opportunitajiet kbar għall-artisti lokali.

751 Nemmnu li pajjiżna għandu jkollu spazju addattat għal esebizzjonijiet artistiċi u djalogu kulturali ta' livell internazzjonali fil-qasam tal-arti kontemporanja. Fil-leġiżlatura li jmiss ser jitlesta l-proġett ewlieni għall-kultura bil-ftuħ tal-Malta International Contemporary Art Space (MICAS) fil-Floriana. Dan ser ikun qed jixpruna t-trasformazzjoni tas-sit tal-Ospizju fin-naħa ta' Balzunetta filwaqt li jgħin fit-tħaddir taż-żona permezz ta' ġnien bi xtieli endemiċi fl-inħawi tal-kontragwardja tas-Salvatur u l-madwar għat-tgawdija tal-familji, viżitaturi u l-pubbliku inġenerali. Dan is-sit kulturali innovattiv ser ikollu rwol edukattiv u jkun pjattaforma għall-industrija kreattiva tal-futur.

752 Nagħrfu li hemm qbil ġenerali li t-Teatru Rjal għandu jissaqqaf u jkollu funzjoni li taqdi aħjar il-bżonnijiet tal-artisti u l-kreattivi kontemporanji. Għalhekk ser isiru l-preparamenti neċessarji sabiex dan il-post jingħata skop bħala ċentru kulturali prominenti fil-Belt Valletta matul is-sena kollha.

753 Nemmnu fit-talent tal-artisti lokali u l-potenzjal li għandhom sabiex ikomplu jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom. Irridu ngħinu lill-artisti jisfruttaw dan il-potenzjal u għalhekk ser noħolqu spazju fejn l-artisti Maltin ikunu jistgħu jaħdmu u jesebixxu l-kreattività tagħhom bil-bini ta' kumpless għall-arti u l-kultura. Dan l-ispazju fil-Marsa ser ikun jinkludi numru ta' studios, spazju għall-provi u standing arena minn fejn l-artisti jkunu jistgħu jtellgħu l-kunċerti tagħhom.

754 Il-kumpless għall-arti u l-kultura fil-Marsa ser jinkorpora fih ukoll il-villaġġ tal-Karnival. Din il-parti tal-proġett ser tinkludi numru ta' mħażen għall-karrijiet, spazju għall-provi taż-żfin u workshops tal-ħjata.

755 Noħolqu l-kunċett ta' teatru nazzjonali għall-arti sabiex minnu joħroġ programm nazzjonali għall-arti performattiva. B'hekk tinħoloq sinerġija aħjar bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi kulturali, il-komunità artistika u s-settur privat.

## Għajnuna diretta lill-artisti

756 Nemmnu li biex is-setturi tal-kultura, l-arti u l-kreattività jkomplu jiżviluppaw b'mod sostenibbli u joffru l-kontribut ewlieni tagħhom fit-tisħiħ tas-soċjetà, irridu tabilħaqq inkomplu nsostnu l-impenn qawwi tagħna favur il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti u l-kreattivi tagħna. B'diskussjonijiet bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u l-imsieħba kollha f'dan is-settur, ser inkunu qegħdin invaraw l-ewwel charter għall-artisti mmirat biex iservi bħala qafas ewlieni li joffri protezzjoni xierqa għal dawn l-istess professjonisti.

757 Nagħrfu li s-settur tal-arti u l-kultura ġie affettwat b'mod qawwi mill-pandemija tal-COVID-19. Ser nallokaw fondi għall-artisti, il-kreattivi u l-għaqdiet kulturali sabiex jirkupraw kemm jista' jkun malajr mill-effetti tal-pandemija.

758 Wara li naqqasna t-taxxa tad-dħul għal 7.5% għall-artisti, issa ser ngħinu artisti u kreattivi emerġenti jagħżlu l-arti bħala karriera permezz ta' inċentivi fiskali u għotjiet. L-għajnuna tkun tgħodd ukoll għal start-ups ġodda f'dawn l-oqsma kreattivi.

759 Il-proġett tal-Palazz tal-Ktieb fil-Belt Valletta ser iservi ta' uffiċċju ewlieni għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Ir-restawr ta' din il-binja ser joffri spazju fejn l-awturi Maltin ikunu jistgħu jiltaqgħu u jtellgħu attivitajiet li jippromwovu x-xogħlijiet tagħhom fost persuni ta' etajiet differenti.

760 Inżidu r-rifużjoni tat-taxxa fuq il-kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet privati lis-settur kulturali minn 150% għal 200%.

761 Nużaw ir-riżorsi meħtieġa sabiex aktar artisti jkollhom l-opportunità li jesportaw l-arti tagħhom barra minn xtutna. Inżidu r-rappreżentanti kulturali f'pajjiżi oħra u jiġi allokat fond ta' €750,000 għal dan il-għan.

762 Ninvestu f'mekkaniżmu strutturat li jgħaqqad l-istituzzjonijiet edukattivi kollha sabiex jiġu identifikati minn kmieni tfal u żgħażagħ b'talenti u kwalitajiet artistiċi, bil-għan li jingħataw l-opportunità li jiżviluppaw it-talent tagħhom, u jesebixxu xogħolhom.

763 Fil-leġiżlatura li għaddiet naqqasna t-taxxa fuq dħul li jirċievu awturi u ko-awturi minn royalties fuq bejgħ ta' kotba tagħhom għal 15%. Irridu nagħtu l-appoġġ kollu possibbli lil-letteratura u l-awturi Maltin u għalhekk ser nerġgħu nnaqqsu din it-taxxa bin-nofs għal 7.5%.

## Films u produzzjonijiet awdjoviżivi

764 F'dawn l-aħħar snin l-industrija tal-films irnexxielha tikber sew u tat il-frott grazzi għal strateġija innovattiva li daħħalna. Il-Partit Laburista jagħraf sew l-importanza li nsostnu l-industrija tal-films u produzzjonijiet lokali. Għalhekk ser inżidu b'mod sostanzjali l-ammont ta' fondi ddedikati għal Screen Malta għal €2,000,000 fis-sena. Irridu li l-operaturi jaħdmu b'aktar serħan il-moħħ billi nneħħu l-obbligu li l-benefiċjarji tal-iskema jħallsu lura l-fondi mogħtija lilhom għall-produzzjoni.

765 Dawn il-fondi ser ikunu aċċessibbli wkoll għal produzzjonijiet ta' drama, dokumentarji u attivitajiet teatrali lokali. Barra minn hekk, ser inwessgħu l-appoġġ għall-iżvilupp, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' films, programmi televiżivi u produzzjonijiet ta' realtà virtwali ta' produtturi lokali.

766 Filwaqt li ser inħarsu lejn sorsi alternattivi ta' finanzjament u investiment, ser nimmodernizzaw u nsaħħu l-co-production fund għall-produtturi u diretturi lokali tal-films u t-televiżjoni. Irridu li dawn ikollhom aktar opportunitajiet biex jipproduċu proġetti akbar flimkien ma' produtturi u diretturi barranin, kif ukoll jilħqu swieq ġodda.

## Vetrini artistiċi u kulturali

767 L-arti u l-kultura għandhom ikunu dejjem aktar aċċessibbli għan-nies. Biex dan iseħħ irid ikun hemm ħidma li tiġbor fiha l-entitajiet pubbliċi, is-sistema edukattiva, il-komunità artistika u l-kunsilli lokali. Programmi kulturali u inizjattivi artistiċi jibdew jitwasslu b'mod spiss u kkoordinat f'kull lokalità madwar Malta u Għawdex.

768 Ser inkomplu nsostnu s-sehem ta' Malta fil-Biennale ta' Venezja kif ukoll inħeġġu l-parteċipazzjoni attiva ta' artisti Maltin u Għawdxin f'esebizzjonijiet u pjattaformi internazzjonali ta' livell għoli. Ix-xogħol li jiġi esebit fil-Biennale ta' Venezja jintwera wkoll hawn Malta.

769 Il-qasam tal-moda huwa parti oħra mis-settur tal-kultura u l-kreattività li qed tikseb riżultati pożittivi lokalment u barra minn pajjiżna. Naraw li l-Malta Fashion Week tkompli tikber u tissaħħaħ. Fl-istess waqt, ser noħolqu opportunitajiet ġodda għal dawn l-artisti biex jippromwovu x-xogħlijiet kreattivi tagħhom.

770 Hekk kif Malta ser tkun qed tipparteċipa fil-London Design Biennale tal-2023, ser nassiguraw li din isservi ta' vetrina għas-settur u l-qasam artistiku u kreattiv ta' pajjiżna. Din l-inizjattiva għandha sservi wkoll sabiex ittejjeb il-profil internazzjonali ta' disinjaturi Maltin.

771 Inwessgħu l-inizjattiva tal-Culture Pass sabiex iż-żgħażagħ kollha taħt il-25 sena jibbenefikaw minn skont fuq il-prezz tad-dħul t'avvenimenti kulturali fost benefiċċji oħra.

772 Il-festival Mużika Mużika serva ta' wirja spettakolari tal-kanzunetta Maltija. Nassiguraw li dan il-festival ikompli jikber u jsir appuntament annwali. Fl-istess waqt, ser nagħtu s-sostenn tagħna lil festivals oħra li jippromwovu x-xena tal-mużika lokali.

## Talent mużikali

773 Insaħħu l-fondi strutturati sabiex ngħinu aktar kantanti u gruppi mużikali lokali jirrekordjaw il-mużika tagħhom. B'hekk niżguraw li aktar kantanti Maltin jingħataw opportunitajiet biex anki huma jibnu l-karrieri mużikali tagħhom b'mod professjonali u bl-ogħla livell.

774 Il-livell tal-Orkestra Filarmonika Maltija tjieb konsiderevolment tul dawn l-aħħar snin. Flimkien mal-partijiet kollha involuti ser infasslu pjan ħolistiku li għandu jwassal għal opportunitajiet ġodda fil-futur permezz ta' kollaborazzjoni fuq livell internazzjonali u aktar produzzjonijiet awdjoviżivi. Jiġu identifikati r-riżorsi, l-infrastruttura u l-ispazju meħtieġ sabiex l-Orkestra Filarmonika Maltija tagħmel il-qabża li jmiss fil-kwalità.

775 L-Orkestra Filarmonika Maltija għandha rwol kruċjali fl-iżvilupp tat-talent mużikali ta' mużiċisti żgħażagħ. Ser insaħħu n-National Youth Orchestra permezz ta' investiment akbar u l-ħolqien t'opportunitajiet kemm f'Malta u kif ukoll barra minn xtutna.

## Il-Festa

776 Wara li żammejna kelmitna mas-soċjetajiet tal-baned li kienu f'riskju imminenti li jitilfu s-sede tas-soċjetajiet tagħhom, ser inniedu skemi t'għajnuna għal għaqdiet mużikali oħra li xtraw i l-każini tagħhom b'tant sagrifiċċju. Dawn ser ikunu megħjuna sabiex iwettqu tibdil fl-operat tagħhom jew xogħlijiet ta' restawr fil-każini tagħhom.



777 Flimkien mal-Għaqda Każini tal-Baned u s-soċjetajiet mużikali ser infasslu linji gwida għat-tagħlim tal-mużika. Ninvestu f'aktar skemi mmirati biex jgħinu l-għaqdiet mużikali u jinkoraġġixxu aktar tfal jitgħallmu strument mużikali.

778 Nirrikonoxxu s-sehem tal-volontarjat fis-soċjetajiet mużikali u l-għaqdiet tal-armar fl-ibliet u l-irħula Maltin u Għawdxin. Ser ngħinuhom sabiex ikunu jistgħu jagħmlu restawr tal-armar tradizzjonali li bih ilibbsu l-irħula tagħna matul il-festi.

## Valur akbar lill-wirt nazzjonali

779 Pajjiżna huwa mogħni b'rikkezzi storiċi, kulturali u artistiċi, kemm fuq l-art u anki fil-baħar. Nibdew proċess ambizzjuż maħsub sabiex informazzjoni dwar il-patrimonju ta' pajjiżna tinġabar f'inventarju nazzjonali wieħed.

780 Il-wirt storiku li għandu pajjiżna rridu nħarsuh għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Fl-aħħar snin għamilna investiment massiċċ fir-restawr tal-patrimonju soċjo-kulturali u reliġjuż ta' pajjiżna. Il-programm ta' restawr ta' wirt storiku ser jitkompla fis-snin li ġejjin, inkluż tal-Armerija tal-Birgu u t-tlestija ta' proġetti bħall-Palazz tal-Gran Mastru, l-Arkivji Notarili u t-Torri tal-Wardija fiż-Żurrieq.

781 L-arkivji nazzjonali jirrakkontaw l-istorja ta' pajjiżna. Wara li saru l-istudji neċessarji biex nidentifikaw il-bżonnijiet tal-arkivji nazzjonali u t-twaqqif tal-istitut awdjoviżiv, naraw li jibda' x-xogħol fuq il-bini ta' dan iċ-ċentru.

782 Wara s-suċċess tal-iskemi ta' restawr tad-djar, naraw li jitwaqqaf fond għar-restawr ta' proprjetajiet antiki b'valur storiku u arkitettoniku fiż-żoni kollha li huma kkonsidrati bħala żoni ta' konservazzjoni urbana. Barra minn hekk, nikkonsidraw li naħdmu flimkien ma' operaturi privati sabiex nirrestawraw binjiet antiki mitluqa u nirriġenerawhom f'attrazzjonijiet aċċessibbli għall-pubbliku.

783 Wara li l-ftira u l-għana ġew rikonoxxuti fil-lista tal-Wirt Kulturali Intanġibbli tal-UNESCO, ser inkomplu l-ħidma tagħna sabiex partijiet oħra mill-patrimonju Malti jidħlu fil-lista ta' Patrimonju Dinji, inkluż il-festa tradizzjonali Maltija.

784 Fiż-żmien li ġej ser inlestu l-istudji neċessarji dwar il-possibilità li jittella' l-bastiment uniku taż-żmien il-Feniċi li jinsab f'qiegħ il-baħar fix-Xlendi. Din l-attrazzjoni globali hija proġett ambizzjuż fil-qasam tal-patrimonju kulturali u tinvolvi l-ħolqien ta' mużew u ċentru ġdid għar-riċerka u l-konservazzjoni f'Għawdex.

785 Irridu li aktar Maltin u turisti jżuru t-teatri li għandna madwar Malta u Għawdex. Wara li fl-aħħar snin assistejna numru ta' teatri u spazji kulturali, ser indaħħlu inizjattivi ġodda għal titjib u proġetti ġodda f'teatri fi proprjetà tal-knisja, fi skejjel u oħrajn privati.

786 Il-kappelli antiki fl-ibliet u l-irħula tagħna, inkluż dawk li jinsabu f'żoni rurali, ser ikompli jsirilhom ir-restawr neċessarju. Ser isir ix-xogħol fuq il-faċċata tal-Knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta u jinbeda r-restawr tant bżonjuż fuq il-Knisja tas-Salib tal-Għolja fis-Siġġiewi u l-kappella ta' San Mikiel is-Sanċir fir-Rabat.

787 Wara li tlesta r-restawr tat-Torri tal-Arloġġ fl-Imtarfa, ser naraw li jiġi konkluż il-proġett taċ-ċentru tal-viżitaturi biswitu. Dawn ix-xogħlijiet ser jikkumplimentaw il-proġett għall-pjazza tal-Imtarfa.

788 Nemmnu li s-snajja' u xogħol ieħor marbut mat-tradizzjonijiet Maltin m'għandhomx jintilfu. B'kollaborazzjoni bejn Heritage Malta, l-MCAST u entitajiet oħra mhux governattivi, ser invaraw programm edukattiv u intraprenditorjali biex nerġgħu nqajmu l-interess fis-snajja', fosthom fix-xogħol tal-injam, ġebel u ħadid tradizzjonali u kif ukoll fil-bini tad-dgħajjes tal-pass, il-luzzu tradizzjonali u t-tiżjin bit-tberfil.

789 Mill-2013 'il quddiem wettaqna programm ta' xogħol ta' restawr fuq il-fortifikazzjonijiet ewlenin ta' pajjiżna, inkluż iċ-Ċittadella, l-Imdina, il-Floriana, il-Belt Valletta u l-Victoria Lines. Ser inkomplu nikkonservaw dawn il-ġawhar storiċi b'enfasi fuq il-partijiet li jmiss tal-Cottonera Lines, is-swar ta' Santa Margerita f'Bormla u jitlesta r-restawr fuq id-Demi-Bastjun ta' San Duminku tal-Forti Rikażli fil-Kalkara. Naraw li ż-żoni tal-madwar jiġu rriġenerati u integrati fil-ħolqien ta' spazji miftuħa u green networks.



# 15

# Turiżmu sostenibbli



Malta flimkien

Fis-snin li għaddew ksibna rekord wara ieħor fit-turiżmu. Fil-pandemija ħriġna mat-€800 miljun biex insalvaw is-settur turistiku u miegħu l-għejxien ta' eluf ta' familji li jiddependu minnu. L-investiment ser inkompluh biex nagħmlu lil dan is-settur leader dinji ta' turiżmu sostenibbli.

It-turiżmu ser jibqa' jkun pilastru ekonomiku ewlieni ta' pajjiżna. It-turisti rriduhom jiġu Malta u l-esperjenza li jkollhom tkun l-aqwa riklam li jkollu pajjiżna.

Ser inkomplu nintroduċu inċentivi maħsuba sabiex jgħollu l-kwalità tal-prodott lokali, kemm b'għajnuniet diretti lill-operaturi kif ukoll b'opportunitajiet ta' taħriġ lill-ħaddiema.

Fl-istess waqt ser inkunu qed inniedu programm ta' riġenerazzjoni estensiva f'dawk iż-żoni li jospitaw numru akbar ta' turisti.

L-istrateġija tagħna trid tiġbed turisti minn bnadi ġodda u matul is-sena kollha. Il-kompetittività tas-settur turistiku tagħna tinsab fil-potenzjal ta' niċeċ uniċi li joffri pajjiżna. Dan nagħmluh permezz ta' prodotti li jippromwovu r-rikkezza tas-siti u monumenti storiċi, il-firxa ta' espressjonijiet kulturali dinamiċi, il-ġmiel naturali flimkien ma' servizzi eċċellenti.

Dawn ser jibqgħu jiġu megħjuna sabiex jibqgħu jiġbdu lejhom aktar turiżmu ta' kwalità.

# Tisħiħ tal-prodott turistiku Malti

790 Wara xhur diffiċli kkawżati mill-pandemija, is-settur turistiku qiegħed juri sinjali ta' rkupru qawwijin. Minkejja l-indikazzjonijiet pożittivi issa huwa l-waqt li ninvestu aktar f'dan is-settur, bil-mira tagħna tkun li fl-iqsar żmien possibbli nilħqu l-livelli ta' qabel il-pandemija.

791 Nimplimentaw l-istrateġija għat-tmien snin li ġejjin b'miri ċari li ser iġibu bidla fil-mod ta' kif pajjiżna jopera u jħares lejn it-turiżmu. Il-viżjoni tagħna hija bbażata fuq il-prinċipji tal-kwalità, is-sostenibilità, l-esperjenza turistika, l-effiċjenza fil-konnettività, l-immaniġġjar fl-iżvilupp tal-akkomodazzjoni, l-isfidi marbutin mar-riżorsi umani, il-branding, id-diġitalizzazzjoni u l-inklużjoni ta' Għawdex bħala destinazzjoni distinta. Din hija strateġija ħolistika li tiġbor fiha diversi aspetti varji tas-settur turistiku Malti, inkluż numru ta' niċeċ li jiffurmaw parti minn dan is-settur. Fuq kollox għandha twassal għal settur turistiku sostenibbli li jilħaq bilanċ bejn in-numri u l-kwalità.

792 Irridu nkomplu nindirizzaw l-istaġjonalità tat-turiżmu f'Malta u Għawdex. Nerġgħu nniedu skemi bħal dawk li ntużaw fil-pandemija biex nattiraw turisti matul ix-shoulder season. Din il-miżura ser tgħin sabiex lukandi u ristoranti jibqgħu jkollhom riżultati tajbin matul is-sena kollha.

793 Il-Gvern irid jaħdem id f'id mal-lukandi u s-settur tal-akkomodazzjoni sabiex nagħmlu qabża oħra fil-kwalità fejn jidħol il-prodott tagħhom. L-operaturi ser jingħataw tnaqqis fit-taxxa li jkun ekwivalenti għal 30% tal-ispejjeż sabiex jagħmlu investiment ġdid jew rinnovar tal-akkomodazzjoni tagħhom.

794 Filwaqt li nirrikonoxxu li t-turisti jżuru l-partijiet kollha tal-gżejjer, nagħrfu wkoll li rħula partikolari f'Malta u Għawdex jaraw numru ferm akbar ta' turisti matul is-sena kollha. Bil-għan li nkomplu ntejbu l-prodott turistiku Malti u dak kollu li jagħmilna destinazzjoni unika, ser naħdmu fuq numru ta' proġetti madwar Malta u Għawdex li għandhom jirriġeneraw żoni turistiċi sħaħ. Barra minn hekk, ser jitħejja pjan għaż-żamma u t-tindif ta' dawn iż-żoni.

795 Inniedu inizjattivi ta' social corporate responsibility fejn il-Gvern u l-privat jaħdmu flimkien fuq riġenerar ta' żoni turistiċi. Dan il-kunċett jitnieda bħala proġett pilota f'Paceville u jiġi estiż għal żoni turistiċi oħra aktar 'il quddiem.

796 Is-servizz għandu impatt dirett fuq il-kwalità tal-prodott turistiku. B'ħidma mal-Istitut tal-Istudji Turistiċi (ITS) ser inniedu programm ta' korsijiet b'xejn għal kull min jaħdem fis-settur turistiku, speċjalment dawk li ma għandhomx i l-kwalifiċi neċessarji u jridu jiksbu kwalifika akkreditata.

797 Nagħrfu l-bżonn li jkollna sistema ta' klassifikazzjoni tal-akkomodazzjoni aktar prattika, li tirrifletti l-karatteristiċi tas-suq lokali u li tippromwovi standards għolja. Invaraw sistema ta' klassifikazzjoni aġġornata fl-ewwel sena tal-leġiżlatura, liema sistema naraw li tkun qed tilqa' għal suq dejjem jevolvi.

798 Insaħħu l-kampanja ta' reklamar immirata biex nippromwovu n-niċeċ turistiċi li joffri pajjiżna. Filwaqt li nkomplu nieħdu sehem f'esebizzjonijiet u fieri barra mill-pajjiż, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) ser taħdem sabiex tikkollabora u tattira ammont akbar ta' ġurnalisti, bloggers u influencers li jżuru Malta u joħolqu materjal promozzjonali dwar pajjiżna.

799 Nemmnu f'rabta akbar bejn is-settur turistiku u t-teknoloġija billi jkollna strateġija speċifika fuq il-kunċett ta' smart destination management. L-użu tat-teknoloġija jagħtina l-opportunità li nagħrfu aħjar it-tibdiliet fid-domanda u nagħtu esperjenza aktar pożittiva lit-turist. Barra minn hekk, ser nipprovdu digital audits lill-operaturi fis-settur li mhux biss jgħinuhom jesponu aktar is-servizzi tagħhom online, iżda jsaħħu l-użu tat-teknoloġija fl-operat tagħhom.

800 Fl-aħħar snin sar investiment kbir fil-mużewijiet u l-attrazzjonijiet storiċi. Naraw li dan l-investiment jitkompla u l-mużewijiet ikunu attrezzati b'teknoloġija li tagħmilha possibbli biex il-viżitaturi jesperjenzaw u jgħixu l-istorja Maltija b'mod virtwali.

801 Bil-għan li nkomplu ntejbu l-esperjenza tat-turisti li jżuru pajjiżna, ser invaraw sistema diġitali interattiva li toffri l-informazzjoni kollha possibbli dwar l-attrazzjonijiet naturali, storiċi, kulturali u artistiċi ta' pajjiżna.

## Intejbu iktar il-konnettività

802 Il-Partit Laburista huwa kommess li pajjiżna jibqa' jkollu linja nazzjonali tal-ajru. Bdejna proċess sabiex l-Air Malta tkompli topera u sservi l-oġġettivi strateġiċi tagħha b'ħarsien tar-regolamenti Ewropej. Fl-istess waqt, ser jitħares l-għejxien ta' dawk il-ħaddiema li ma jibqgħux impjegati mal-kumpanija. Għalina l-Air Malta kienet, għadha u tibqa' importanti, mhux biss ekonomikament u strateġikament iżda anki soċjalment.

803 Il-prijorità tagħna hi li nħarsu l-konnettività ta' pajjiżna. Ser inkomplu naħdmu mill-qrib mal-linji tal-ajru sabiex nerġgħu nibdew nilħqu kemm jista' jkun swieq turistiċi flimkien ma' swieq ġodda fl-Ewropa u lil hinn.

804 Inżidu r-reklamar ta' pajjiżna f'pajjiżi 'l barra mill-Ewropa, fosthom l-Asja u l-Amerika Latina, u norbtu dawn l-inizjattivi ma' interventi biex nattiraw aktar linji tal-ajru li joperaw lejn dawn il-pajjiżi.

805 Issir ħidma biex pajjiżna jattira aktar kumpaniji ta' cruise liners li jdaħħlu lil Malta fl-itinerarju tagħhom kif ukoll cruises li jibdew u jispiċċaw f'Malta. Insaħħu l-kunċett ta' fly and cruise u nattiraw aktar passiġġieri li jagħżlu li jagħmlu btala f'pajjiżna qabel jew wara l-vjaġġ.

## Riġenerazzjoni taż-żoni turistiċi

806 Ser inkunu qed nagħtu nifs ġdid liż-żoni tal-Qawra, Buġibba u x-Xemxija. Dawn għandhom bżonn pjan li jmur lil hinn mit-turiżmu u li jħares lejn il-bżonnijiet soċjali, demografiċi u ekonomiċi li ġabet magħha ż-żieda fin-numru ta' residenti li jgħixu fihom. Nibdew il-proġett tal-pjazza ta' Buġibba fl-ewwel sena tal-leġiżlatura.

807 Ir-riġenerazzjoni li saret fil-Belt Valletta trid tilħaq kull parti tal-belt kapitali. Issa jmiss li nagħtu prijorità lill-proġetti ta' riġenerazzjoni fil-parti t'isfel tal-Belt u ż-żona ta' Sant'Iermu. Ser naraw li Evans Building jiġi rriġenerat għal skop turistiku.

808 Tas-Sliema jilqa' fih eluf ta' turisti matul is-sena kollha. Ser nirriġeneraw iż-żona tax-Chalet sabiex din toffri aktar aċċessibilità għall-għawwiema u dawk kollha li jżuru ż-żona.

809 Paceville u San Ġiljan ser igawdu minn xogħol estensiv, fosthom il-pjazza prinċipali ta' Paceville, il-bajja ta' Spinola u l-bajja ta' San Ġorġ. Pjazza Spinola ser tinbidel fi spazju miftuħ għall-familji u jsir ir-restawr bżonjuż fuq il-Palazz Spinola.

810 Inkabbru d-daqs tal-bajja tal-Għadira sabiex tkun tista' titgawda aħjar u jsir il-bini mill-ġdid tal-promenade mad-dawra tal-bajja.

811 Il-Forti Campbell ġewwa l-Mellieħa ser tkun mibdula f'żona għat-tgawdija tal-familji u li fiha jkunu jistgħu jiġu pprattikati outdoor events differenti. Fl-istess waqt sal-aħħar ta' din is-sena ser jibda r-restawr fuq il-Palazz ta' Selmun, filwaqt li tiġi rriġenerata għal skopijiet turistiċi l-lukanda biswit.

812 Nibdew ix-xogħlijiet ta' tisbiħ tal-promenade ta' Birżebbuġa, inkluż ix-xogħol fuq il-car park maħsub sabiex itaffi l-problema tan-nuqqas ta' parkeġġ fil-lokalità.

813 Ix-xatt ta' Marsaskala jeħtieġ riġenerazzjoni ħolistika u tisħiħ tas-sottobank ta' mal-baħar tul il-kosta kollha biex ikun jista' jilqa' għall-maltemp. Ser nibdew xogħlijiet estensivi fuq il-partijiet kollha tax-xatt, mill-Ponta ta' Żonqor saż-żona tas-Siberja, sabiex insebbħu din iż-żona tant frekwentata mill-Iskalin.

814 Isir ir-restawr meħtieġ fuq it-Torri Vendome f'Marsaxlokk biex dan jibda jintuża bħala mużew dwar it-tradizzjonijiet tas-sajd f'pajjiżna.

## Niċeċ turistiċi

815 Is-suċċess ta' Valletta 2018 u l-ħidma li saret wara taw il-ħajja mill-ġdid lill-Belt Valletta. Il-ħajja kulturali vibranti, l-istorja rikka, l-arkitettura unika, il-varjetà ta' ħwienet u d-divertiment jagħmlu l-belt kapitali esperjenza unika għal kull min iżurha. Ser inkomplu nsaħħu l-identità tal-Belt Valletta fuq livell internazzjonali bħala destinazzjoni speċjali fiha nnifisha u ideali għal short city breaks.

816 Inħejju kalendarju annwali kulturali b'saħħtu mżewwaq b'avvenimenti u kunċerti. B'dan il-għan l-MTA ser taħdem aktar mill-qrib mal-komunità artistika lokali u tagħti għajnuna finanzjarja lill-artisti biex itellgħu produzzjonijiet, attivitajiet u esebizzjonijiet bħala parti minn dan il-kalendarju. Fl-istess ħin ser inkomplu naħdmu biex nattiraw u ntellgħu avvenimenti kulturali ta' skala kbira f'pajjiżna.

817 Pajjiżna huwa wieħed mill-aktar pajjiżi siguri fid-dinja. Irridu nikkapitalizzaw fuq dan is-suċċess u nattiraw lejn pajjiżna family tourism b'attivitajiet għat-tfal, rikreazzjoni għall-familja u faċilitajiet child-friendly fil-lukandi tagħna.

818 It-turiżmu reliġjuż huwa niċċa li għandha potenzjal li tissaħħaħ u tiddiversifika kemm f'aspetti marbuta mar-reliġjon Kattolika u l-Kristjaneżmu kif ukoll denominazzjonijiet reliġjużi oħra. Inżidu r-restawr ta' opri artistiċi fil-knejjes u l-kappelli u siti storiċi marbutin ma' reliġjonijiet oħra flimkien ma' aċċess għall-informazzjoni dwarhom. Insaħħu wkoll in-niċċa tal-pellegrinaġġi kulturali u tan-nostalġija.

819 Insaħħu l-kollaborazzjoni bejn l-MTA u l-Malta Film Commission sabiex nattiraw turisti li jkunu interessati fl-esperjenza twila ta' pajjiżna fil-ġbid tal-films. Noħolqu trail li tinkludi żoni fejn inġibdu produzzjonijiet kbar bħal Jurassic Park, Gladiator, Game of Thrones, By the Sea, Troy, The Count of Monte Cristo u Popeye, Munich, Midnight Express fost oħrajn.

820 Is-suċċess tas-settur tad-diving u l-attrazzjonijiet marbutin mal-baħar jiddependi mill-kwalità tal-ilma baħar u l-qagħda tal-bajjiet tagħna. Irridu nassiguraw aktar armonija fl-użu tal-bajjiet, b'mod speċjali fejn jidħlu l-obbligi ta' operaturi kummerċjali. Fl-istess waqt, ser insaħħu l-kollaborazzjoni maċ-ċentri tad-diving fil-ħarsien tal-baħar tagħna, speċjalment dawk li huma marine protected areas. Irridu ntejbu l-esperjenza tal-għaddasa li jżuru pajjiżna. Għal dan l-iskop ser jiġu mgħarrqa vapuri abbandunati jew li ġew imneħħija mis-servizz sabiex jinħoloq abitat tajjeb għall-ħut u ħlejjaq oħra tal-baħar. Dan isir b'konsultazzjoni mal-entitajiet konċernati biex niżguraw l-aħjar ħarsien tal-ambjent marittimu.

821 Niżviluppaw aktar in-niċeċ tal-agrituriżmu u ekoturiżmu. Noħolqu aktar ecotrails li jiffukaw fuq il-fawna u l-flora tal-gżejjer Maltin u dwar il-karatteristiċi ġeoloġiċi u marittimi tagħhom. Niżviluppaw ukoll aktar l-agrituriżmu speċjalment fil-gzira t'Għawdex.

822 F'Malta u Għawdex għandna l-eqdem strutturi mibnija fid-dinja. Irridu nirreklamaw lil Malta bħala destinazzjoni unika fost barranin li għandhom għal qalbhom l-arkeoloġija. It-turisti jingħataw l-opportunità li jesperjenzaw skavar ta' siti arkeoloġiċi ġodda.

## Malta ċentru għall-konferenzi, laqgħat u esebizzjonijiet (MICE)

823 Matul il-pandemija l-Gvern ipprovda għajnuna finanzjarja lis-settur privat sabiex issir manutenzjoni u rinnovar ta' swali u postijet oħra fejn jistgħu jittellgħu konferenzi internazzjonali. Ser nestendu l-inċentivi li daħħalna sabiex aktar faċilitajiet li jintużaw għall-konferenzi u esebizzjonijiet ikomplu jiġu attrezzati bl-aħjar mod, inkluż b'aktar għodda diġitali.

824 Naħdmu ma' dawk kollha involuti fis-settur tal-MICE sabiex nindirizzaw kwistjonijiet relatati mal-VAT u nassiguraw li ma jkunx hemm burokrazija eċċessiva li tista' xxekkel il-ħidma tal-operaturi lokali.

825 Nagħrfu l-bżonn li Malta jkollha aktar spazju għall-konvenzjonijiet sabiex inlaħħqu mal-ħtiġijiet ta' dan is-suq, speċjalment fix-xhur tax-Xitwa. Ser nappoġġjaw inizjattivi maħsuba sabiex jiżdiedu ċentri għall-konvenzjonijiet f'pajjiżna li jkunu mgħammra bl-aqwa faċilitajiet għall-konferenzi, laqgħat u esebizzjonijiet.



# 16

# Komunitajiet siguri



Malta
flimkien

L-ispiża annwali fir-riżorsi tal-korpi dixxiplinati żidnieha b'erba' darbiet aktar minn dak li kien jintnefaq fl-2012. Żidna l-fiduċja tan-nies fil-korpi dixxiplinati u naqqasna r-rata ta' kriminalità sena wara l-oħra. It-titjib li qed nagħmlu seta' jkun possibbli biss għax tejjibna l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tal-korpi dixxiplinati kollha.

In-nies qed jaraw korpi dixxiplinati li jġibu r-riżultati u bi preżenza akbar u viżibbli qrib ta' fejn jgħixu, jaħdmu u jiddevertu. Dawn il-korpi qed jagħmlu dan b'riżorsi mill-iżjed moderni li jagħmluha possibbli sabiex jirrispondu b'mod aktar effiċjenti għal sitwazzjonijiet t'emerġenza.

Gvern Laburista ta d-dinjità li jistħoqqilhom lill-ħaddiema tal-korpi dixxiplinati u l-familji tagħhom. Tajniehom id-dritt li jissieħbu f'union u ffirmajna l-ewwel sett ta' ftehimiet kollettivi tax-xorta tagħhom mal-korpi dixxiplinati kollha.

Rajna li dawn jitħallsu tax-xogħol li għamlu fi żmien ieħor u ma tħallsux għalih.

L-għan tagħna huwa li l-poplu jista' jkollu komunitajiet aktar siguri, sabiex jiżdied il-wens u s-serenità bi Gvern li jkun spalla ma' spalla mal-korpi dixxiplinati.

## Korp tal-Pulizija għan-nies

826 Titkompla b'suċċess l-implimentazzjoni tat-trasformazzjoni strateġika tal-Korp tal-Pulizija sabiex tkompli titkattar il-fiduċja fost in-nies. L-operat tal-Korp u l-istrateġiji addottati minnu ser ikomplu jkunu aktar professjonali u inklussivi sabiex nassiguraw li l-Pulizija tkun aktar rappreżentattiva tas-soċjetà kollha li trid tipproteġi u taħdem bi sħab magħha.

827 Il-kunċett ta' community policing qarreb lill-Pulizija aktar lejn in-nies. Irridu nibnu fuq l-esperjenza pożittiva ta' dan il-kunċett u naraw li jiġi implimentat f'kull belt u raħal f'Malta u Għawdex matul il-leġiżlatura li jmiss.

828 Ir-riżorsa umana hija kruċjali għall-Korp tal-Pulizija. Inkomplu ntejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-benesseri tal-membri tal-Korp b'aktar titjib fl-ambjent li joperaw minnu, inkluż l-għases fil-lokalitajiet, filwaqt li nsaħħu s-servizzi professjonali mogħtija lill-uffiċjali.

829 Inżidu l-opportunitajiet għall-membri tal-Korp sabiex javvanzaw fil-karriera tagħhom billi nipprovdulhom aktar opportunitajiet ta' tagħlim speċjalizzat minn istituzzjonijiet edukattivi ewlenin f'Malta u kif ukoll barra l-pajjiż.

830 Noħolqu skwadri speċjalizzati ġodda fil-Korp sabiex jaqdu l-bżonnijiet tal-pajjiż, inkluż skwadra speċjali ffokata fuq is-sigurtà ta' Paceville u ż-żoni tal-madwar.

831 Nibqgħu nsaħħu t-tagħmir meħtieġ għal Korp aktar effettiv, inkluż b'aktar investiment f'teknoloġija diġitali, f'vetturi moderni u kull fejn possibbli bl-użu ta' teknoloġija ambjentalment nadifa.

832 Niffukaw ħidmet il-Korp tal-Pulizija fuq l-irwol prinċipali tagħhom, filwaqt li nestendu l-istrateġija ta' civilianisation b'aktar ingaġġ ta' ħaddiema fil-livell amministrattiv u professjonali.

833 It-teknoloġija hija importanti sabiex il-Korp tal-Pulizija jagħti servizz aħjar liċ-ċittadini. Nintroduċu l-kunċett ta' My Security b'sistema diġitali fejn persuni ikunu tistgħu jagħmlu rapporti online u ssegwu żviluppi marbuta mal-każ tagħhom fuq l-istess sistema, fost oħrajn.

## Forzi Armati li jipproteġuna

834 Wara li għall-ewwel darba l-Membri tal-Forzi Armati ngħataw id-dinjità li tixirqilhom bi ftehim kollettiv li tahom kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u salarji aħjar, issa jmiss li nassiguraw li s-suldati tagħna jkollhom l-aqwa għodda u tagħmir biex jaħdmu.

835 Jitlesta l-proġett state of the art tal-iSpecial Operations Unit fil-barracks ta' Ħal Luqa li ser jara titjib sinifikanti tal-mezzi ta' komunikazzjoni fil-ħidma tal-AFM. Isiru wkoll xogħlijiet meħtieġa fil-bażijiet differenti tal-Forzi Armati, ewlenin fosthom il-bażi marittima u dik tal-ajru.

836 Titlesta u tasal Malta l-lanċa l-ġdida tal-Forzi Armati li minbarra li ser iżżid il-kapaċitajiet tal-Iskwadra Marittima, ser toffri ambjent tax-xogħol aħjar lill-membri ta' din l-iskwadra. Dan il-bastiment ser ikun l-akbar tax-xorta tiegħu f'pajjiżna u ser isaħħaħ is-sorveljanza fl-ibħra Maltin.

837 Ikompli jinxtara iżjed apparat ta' taħriġ biex dejjem ikollna suldati iżjed preparati u ta' livell professjonali. Inżidu l-investiment kapitali u fit-taħriġ, anki permezz ta' ħidma internazzjonali biex aktar suldati Maltin jingħataw opportunitajiet ta' taħriġ f'akkademji militari barranin.

## Protezzjoni Ċivili modern u attrezzat

838 Gvern Laburista wettaq investiment bla preċedent fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sabiex ikun jista' jopera b'mod aktar effettiv. Investa wkoll fir-riżorsi umani, kemm bl-ewwel ftehim settorali fl-istorja kif ukoll b'taħriġ speċjalizzat f'diversi oqsma. Ser inkomplu nassiguraw li d-Dipartiment ikun attrezzat bl-aħjar mod biex jipproteġi l-poplu Malti u Għawdxi.

839 Għall-ewwel darba f'ħafna snin, permezz tal-investiment f'appart bżonjuż, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandu diversi vetturi ġodda fosthom turntable ladders, bowsers ġodda, fire engines żgħar biex jidħlu fi spazji dojoq, rotators, telehandlers u aktar għodda speċjalizzata. Dan huwa proċess li ser inkompluh sabiex nagħmlu l-flotta tad-Dipartiment waħda aktar moderna.

840 Insaħħu l-Iskwadra Marittima tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili bil-bini ta' ċentru modern li fih jakkomoda s-sezzjoni tal-għaddasa u li minnu jiġi pprovdut taħriġ speċjalizzat lill-uffiċjali. Insaħħu l-flotta marittima b'xiri ta' rhibs u rapid fire boat, flimkien mal-introduzzjoni ta' servizzi ġodda għal operazzjonijiet madwar il-kosta.

841 Inwettqu mmodernizzar fiż-żewġ stazzjonijiet t'Għawdex u fit-tmien stazzjonijiet tat-tifi tan-nar eżistenti f'Malta. Barra minn hekk ser naħdmu fuq żewġ stazzjonijiet ġodda li permezz tagħhom ikun jista' jingħata servizz dejjem aħjar f'kull parti tal-pajjiż.

## Kundizzjonijiet ta' xogħol diinjitużi

842 Il-ftehimiet kollettivi ġodda tal-membri dixxiplinati kollha assiguraw kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u pagi aħjar. Dawn il-ftehimiet kollettivi ser jiġu diskussi u mġedda kollha fil-leġiżlatura li jmiss b'aktar titjib fil-kundizzjonijiet.

843 L-uffiċjali tal-korpi dixxiplinati huma ħaddiema u wara kull uffiċjal f'korp dixxiplinat hemm familja. Ser inżidu l-pensjoni għas-servizz skont l-aġġustament annwali tal-għoli tal-ħajja sabiex din tirrifletti aktar il-ħtiġijiet tal-ġurnata.

844 L-inċentivi li ddaħħlu fl-2016 għal persuni li jżommu l-impjieg tagħhom wara li jilħqu l-età tal-pensjoni tagħhom ħallew il-frott. Wasal iż-żmien li nibdew proċess sabiex nestendu dawn l-inċentivi lil dawk l-uffiċjali tal-korpi dixxiplinati li jkomplu jagħtu s-servizz tagħhom wara li jkunu taw 25 sena ta' servizz. Din l-inizjattiva ser tagħti l-opportunità lill-membri tal-korpi dixxiplinati sabiex itejbu l-pensjoni tagħhom bi 23% wara erba' snin ta' servizz addizzjonali.

845 Jinħoloq fond għat-taħriġ lill-uffiċjali f'korpi dixxiplinati sabiex jispeċjalizzaw f'oqsma ta' ħtieġa għall-korpi dixxiplinati u għall-pajjiż. Iż-żmien ta' taħriġ jiġi kkumpensat b'żieda fil-ġranet tal-leave għal aktar ħin mal-familja.

846 Il-familji tal-uffiċjali tal-korpi dixxiplinati jixirqilhom il-protezzjoni kollha li hemm bżonn. Ser indaħħlu kunċett ta' pensjoni tas-servizz għal ħames snin lir-romol ta' uffiċjali fil-forzi dixxiplinati li jkunu ġew nieqsa jew qabel jagħlqu l-ħamsa u għoxrin sena servizz jew fil-perjodu bejn l-għeluq tas-servizz u l-età tal-irtirar.

## Lejn sistemi korrettivi moderni

847 L-ordni li hemm fil-faċilitajiet korrettivi llum isservi ta' bażi soda għal aktar programmi ta' rijabilitazzjoni. Wara li ġie stabbilit l-irwol ta' Kummissarju għall-Ħarsien u l-Iżvilupp tal-Priġunieri, ser jiġu żviluppati programmi ta' rijabilitazzjoni speċifiċi għal priġunieri bi sfidi differenti.

848 Nagħrfu li fil-ħabs hemm persuni bi bżonnijiet differenti u li l-proċess ta' rijabilitazzjoni tagħhom ikun wasal fi stadji differenti. Għalhekk fil-leġiżlatura li jmiss ser jinbena u jitlesta l-ewwel ċentru rijabilitattiv fil-konfini tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Dan ser ikun qed jitmexxa bi qbil bejn l-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi flimkien ma' tim multidixxiplinarju ta' professjonisti mill-qasam soċjali.

849 Tidħol fis-seħħ il-liġi tal-moniteraġġ elettroniku. Din l-għodda korrettiva mhux biss ser tgħin fir-rijabilitazzjoni ta' dak li jkun, iżda ser toffri aktar serħan il-moħħ lill-komunità u lill-vittmi tal-kriminalità.

850 Is-sistema tal-moniteraġġ elettroniku ser tiġi segwita b'riforma sħiħa fil-liġi li tirregola l-probation u l-parole sabiex f'pajjiżna jkollna ġustizzja riparattiva bil-fatti u jiġi evitat ir-reċidiviżmu.

851 Wara li tlestiet l-ewwel faċilità medika tal-aqwa livell fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u ġew ingaġġati 20 professjonist ġdid mill-qasam mediku u psiko-soċjali, ser naraw li jkompli għaddej ir-reklutaġġ ta' iżjed professjonisti f'dan is-settur.

852 Ser nibqgħu inżidu l-opportunitajiet ta' xogħol u taħriġ għall-priġunieri, inkluż opportunitajiet għall-iżvilupp ta' ħiliet bażiċi tal-ħajja u l-impjegabilità. Bħala parti mill-proċess ta' rijabilitazzjoni, ser inkomplu nagħtu ċ-ċans lill-priġunieri jaħdmu fi proġetti fil-komunità flimkien ma' għaqdiet volontarji u l-kunsilli lokali.

## Appoġġ lill-vittmi tal-kriminalità

853 Nibqgħu nsostnu l-Victim Support Agency li waqqafna fl-aħħar leġiżlatura sabiex nipprovdu lill-vittmi tal-kriminalità b'kull forma ta' assistenza professjonali minn post ewlieni ta' riferiment għall-vittmi.

854 Il-Victim Support Agency tkompli għaddejja bir-riċerka dwar ir-realtajiet varji li jaffaċċjaw il-vittmi tal-kriminalità u żżomm statistika ċara u kredibbli għall-benefiċċju tal-istess vittmi.

855 Jinfetħu iżjed ċentri għas-sapport tal-vittmi f'iżjed lokalitajiet, inkluż ċentru fin-naħa ta' fuq ta' Malta u ieħor f'Għawdex.

856 Wara li ġiet imsaħħa l-ġlieda kontra l-vjolenza domestika permezz ta' unit speċjalizzat fil-Korp tal-Pulizija, il-membri tal-Korp ikunu mħarrġa aħjar kif jidentifikaw u jittrattaw każijiet ta' vjolenza domestika. Ser nikkonsidraw l-introduzzjoni ta' domestic violence prevention system fi ħdan il-Victim Support Agency biex tingħata l-opportunità li persuni jiksbu informazzjoni dwar jekk il-persuni li jkollhom relazzjoni magħhom kinux misjuba ħatja ta' vjolenza domestika fil-passat.

857 Wettaqna diversi riformi legali fil-qasam tal-inklużjoni, inkluż it-tibdil riċenti li jirrikonoxxi l-femiċidju fil-Kodiċi Kriminali. Ser inkomplu nsaħħu l-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika filwaqt li nkomplu nibnu fuq l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul biex in-nisa jkunu protetti minn kull forma ta' vjolenza.


PULIZIJA

## Ninvestu lura l-flus iġġenerati mill-kontravenzjonijiet

858 Inkomplu bl-inizjattiva li bdiet il-LESA fejn jingħata appoġġ finanzjarju lill-komunitajiet sabiex jitwettqu proġetti fl-ibliet u l-irħula tagħna. B'hekk nibqgħu ninvestu lura l-flus iġġenerati mill-kontravenzjonijiet fi proġetti t a' fejda għan-nies.

## Nipprovdu soluzzjonijiet għall-isfida tal-immigrazzjoni irregolari

859 Il-prevenzjoni tal-wasliet kienet l-aktar għodda effettiva sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-immigrazzjoni irregolari. Għaldaqstant trid tkompli ssir ħidma ma' pajjiżi ġirien fl-Afrika ta' Fuq sabiex jiġu mħarsa l-fruntieri tagħhom, jiġi miġġieled l-isfruttament mit-traffikar tal-bnedmin u jonqos it-telf ta' ħajjiet fil-Mediterran.

860 Ir-ritorn ta' immigranti li ma jkunux jeħtieġu protezzjoni kien u ser jibqa' prijorità fl-istrateġija tagħna fuq l-immigrazzjoni irregolari. Wara li fl-aħħar xhur ġew irritornati numru rekord ta' immigranti irregolari, ser nintensifikaw din il-ħidma b'ħatra ta' ambaxxatur tematiku għall-immigrazzjoni. L-irwol ta' dan l-uffiċjal huwa li jmexxi diskussjonijiet u negozjati ma' pajjiżi terzi u jassisti fil-proċess tar-ritorn.

861 Jiħraxu l-pieni kontra individwi misjuba ħatja mill-Qorti li organizzaw, assistew jew għamlu qligħ mid-dħul illegali ta' persuni f'Malta, b'mod speċjali f'dawk il-każi fejn ikunu pperikolati l-ħajjiet ta' persuni vulnerabbli.

862 Gvern Laburista rnexxielu jikkonvinċi Stati Membri oħra jirrilokaw numru rekord ta' immigranti minn pajjiżna. Filwaqt li nkomplu nistinkaw sabiex aktar immigranti jiġu rrilokati minn pajjiżna, inkomplu naħdmu sabiex ikun hemm inizjattivi ta' resettlement ma' pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea.

863 Hekk kif għamilna matul l-aħħar snin, ser inkomplu naħdmu mal-Istati Membri tal-Mediterran l-oħra sabiex il-Patt tal-Unjoni Ewropea dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil verament jipprovdi għajnuna effettiva lil dawk il-pajjiżi li huma l-aktar milquta mill-immigrazzjoni.

## Immigrazzjoni legali bbażata fuq il-mertu

864 Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'relazzjoni stabbli ma' ċittadini Maltin jew li jkollhom il-kustodja ta' tfal b'ċittadinanza Maltija jibda jinħarġilhom permess ta' residenza b'validità itwal u li jiffaċilitalhom l-aċċess għas-suq tax-xogħol.

865 Fl-aħħar snin pajjiżna estenda l-kunċett taċ-ċittadinanza sabiex aktar nies li taw kontribut ġenwin lil pajjiżna jkunu jistgħu jsiru Maltin. Nestendu l-kunċett taċ-ċittadinanza bil-mertu għal persuni li taw kontribut eċċezzjonali lejn pajjiżna permezz tal-karriera tagħhom jew l-impjiegi li jkunu ġġeneraw f'Malta.

866 Nemmnu li l-għoti ta' ċittadinanza għandu jibqa' kompetenza nazzjonali. Għaldaqstant ser inkomplu naħdmu sabiex pajjiżna jibqa' jkollu d-dritt li jamministra b'mod responsabbli inizzjattivi bħall-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment li tant ġab investiment lejn pajjiżna.



# 17

# Ġustizzja effettiva u fil-ħin



Malta flimkien

Għall-ewwel darba fl-istorja moderna ta' pajjiżna, il-membri tal-ġudikatura, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat inħatru b'mod indipendenti mill-Gvern. Illum għandna l-ogħla numru ta' ġudikanti li qatt kien hemm iservu fil-bank tal-ġudikatura fl-istess żmien. Saħħaħna l-indipendenza tal-ġudikatura u beda jonqos id-dewmien fil-proċessi.

Il-pjan tagħna għall-ġustizzja ser ikompli bil-proċess ta' mmodernizzar u bidliet legali li jagħmlu l-proċessi iqsar u anqas ripetittivi. L-investiment fis-servizzi diġitali tal-qrati ser jassigura servizz aħjar kemm għall-pubbliku u kif ukoll għall-avukati.

Il-ġudikanti ser jibqa' jkollhom opportunitajiet ta' speċjalizzazzjoni f'oqsma differenti, inkluż sezzjoni tal-inkjesti maġisterjali mgħammra bir-riżorsi kollha neċessarji.

Il-faċilitajiet il-ġodda lil hinn mill-binja ċentrali tal-Qorti ser joħolqu aktar spazju għas-seduti u jnaqqsu l-istennija. Ser nagħmlu l-istess investiment fil-Qorti t'Għawdex.

Irridu li jkollna sistema ġudizzjarja soda li tgawdi l-fiduċja tal-pubbliku. Il-ġustizzja trid issir, tidher li qed issir u ssir fil-ħin.

## Amministrazzjoni tal-ġustizzja effettiva

867 Fiż-żmien li ġej ser nibqgħu għaddejjin b'ħidma li tkompli ssaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura, inkluż il-ħidma tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

868 Fil-leġiżlatura li għaddiet kompla jiżdied in-numru ta' maġistrati u mħallfin, kif ukoll parteċipazzjoni rekord ta' membri nisa fil-ġudikatura. Dan il-proċess ser ikompli għaddej bil-għan li jibqa' jonqos in-numru ta' kawżi pendenti quddiem il-qrati tagħna.

869 Jibqa' għaddej il-proċess ta' dipenalizzazzjoni ta' reati żgħar b'tali mod illi dawn jibdew jiġu ttrattati taħt l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja minflok quddiem il-Qorti. Dan ser ifisser li l-qrati ser ikunu jistgħu jiffokaw aktar fuq dawk il-każi l-aktar serji. Fl-istess waqt ser jiġi assigurat illi l-Kummissarji għall-Ġustizzja jkollhom it-taħriġ u r-riżorsi meħtieġa biex ilaħħqu mal-effetti ta' dipenalizzazzjoni aktar estensiva.

870 Il-ħarsien tal-ambjent u l-wirt naturali huma suġġetti relevanti ħafna fit-tħaddim tal-ġustizzja. Nipprovdu taħriġ speċjalizzat lill-ġudikatura fil-liġi ambjentali.

871 L-intelliġenza artifiċjali tista' tintuża fil-qrati billi tiġbor informazzjoni fuq każijiet simili u s-sentenza tagħhom. Tista' twassal ukoll għal tnaqqis sostanzjali fid-dewmien fil-proċeduri tal-qrati. Nikkonsidraw li nużaw l-intelliġenza artifiċjali biex tassisti lill-membri tal-ġudikatura fl-analiżi ta' dokumenti u jkun hemm aktar konsistenza fis-sentenzi.

## Ġustizzja fi żmien raġonevoli

872 Il-Partit Laburista fil-Gvern jipproponi li ssir riforma fil-kamp tal-inkjesti maġisterjali bil-ħolqien ta' sezzjoni fi ħdan il-maġistratura li tispeċjalizza fl-inkjesti. Din is-sezzjoni jkollha esperti tekniċi, persuni legali u uffiċjali amministrattivi sabiex l-inkjesti jkunu jistgħu jsiru b'mod aktar professjonali u fl-anqas żmien possibbli.

873 Is-sezzjoni fil-maġistratura li tieħu ħsieb l-inkjesti tkun ukoll impenjata fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali f'materja kriminali u jkollha t-taħriġ, l-għodda u l-faċilitajiet ta' speċjalizzazzjoni meħtieġa biex jitwettaq xogħol investigattiv effikaċi u fuq kollox b'indipendenza u b'oġġettività.

874 Indaħħlu fis-seħħ riforma fis-sistema tal-kumpilazzjonijiet u rinviji tal-proċessi kriminali b'mod illi jitqassar sostanzjalment iż-żmien meħud f'dan l-istadju tal-proċess kriminali. Din ir-riforma tkun tassigura wkoll illi x-xhieda ma jittellgħux jixhdu bosta drabi fl-istess kawża.

875 Issir ħidma akbar fil-qrati, kemm fil-qasam kostituzzjonali u ċivili, u kif ukoll fl-oqsma kriminali. Ser nibqgħu naħdmu sabiex il-proċessi tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma jitwalux bla bżonn u d-dewmien tal-kawżi jkun wieħed aċċettabbli għaż-żminijiet tal-lum.

876 Bil-bidliet legali mdaħħla fis-seħħ fl-oqsma tal-appelli, bdejna nindirizzaw il-problema tad-dewmien li akkumulat matul is-snin. Ser inkomplu naħdmu biex f'dan il-qasam nagħmlu l-proċeduri aktar effiċjenti b'allokazzjoni ta' aktar riżorsi skont il-ħtieġa.

877 Ser nindirizzaw id-dewmien fil-qasam t ad-drittijiet fundamentali permezz ta' tibdil fis-sistema tar-riferenzi.

878 Inwettqu riforma oħra biex iżżid l-effiċjenza fit-talbiet lill-banek biex jipprovdu informazzjoni lill-Qorti. Ir-rappreżentanti tal-banek ikunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni permezz ta' nota ġuramentata. Ix-xhieda ta' uffiċjali tal-banek u istituzzjonijiet oħra tkun tista' ssir wara bibien magħluqa biex ikun protett kull min ikun qed jgħaddi l-informazzjoni lill-Pulizija u lill-Qorti.

## L-operat tal-qrati

879 Jitlesta x-xogħol fil-binja l-ġdida biswit il-binja prinċipali tal-Qorti u li għandha twassal għal aktar spazju minn fejn joperaw il-qrati b'aktar effiċjenza. Din il-binja ser tinkorpora tliet awli ġodda u aktar minn 20 uffiċċju amministrattiv ġdid. Barra minn hekk, l-amministrazzjoni tal-Aġenzija tas-Servizzi tal-Qrati timxi għal din il-binja u b'hekk jiżdied in-numru ta' swali fi ħdan il-binja prinċipali.

880 Irridu niżguraw li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġudikatura, tal-professjonisti u tal-ħaddiema fil-Qrati jibqgħu jiġu msaħħa. Ser inżidu l-ħaddiema u uffiċjali amministrattivi sabiex tingħata assistenza akbar lill-ġudikanti u jitjieb l-operat tal-Qorti.

881 Id-diġitalizzazzjoni hija fattur essenzjali fi qrati moderni. Ser inkomplu bil-ħidma li nbdiet fl-awli kollha tal-Qorti sabiex intejbu dejjem aktar il-proċessi u l-komunikazzjoni b'mezzi diġitali li jżidu l-effiċjenza, hekk kif elenkat fin-National Digital Justice Strategy.

882 Jitkompla l-proċess ta' diġitalizzazzjoni fl-oqsma tal-arkivji u fir-reġistru tal-qrati biex b'hekk tkun iffaċilitata l-ħidma tal-professjoni legali kif ukoll il-proċessi inġenerali għaċ-ċittadin.

## Qorti t'Għawdex

883 Fil-leġiżlatura li jmiss ser nidentifikaw sit ġdid u aktar addattat sabiex jospita fih il-Qorti ta' Għawdex. Din il-binja tkun toffri l-aqwa riżorsi kemm għall-avukati kif ukoll għan-nies li jiġu bżonn is-servizzi tal-ġustizzja. Din tkun tinkorpora wkoll reġistru tal-qrati tal-aqwa livell fil-preżentazzjoni tal-atti, kemm ċivili u anki kriminali.

884 Jitkompla l-proċess ta' diġitalizzazzjoni fis-servizzi tal-Qorti f'Għawdex bil-għan li l-appelli ċivili jibdew jinstemgħu kollha minn Għawdex stess. Wara li jitlesta dan il-proċess, nikkonsidraw il-possibilità li l-appelli kriminali jibdew jinstemgħu f'Għawdex ukoll.

885 Bil-għan illi l-Għawdxin jibqa' jkollhom l-aqwa aċċessibilità għall-proċessi kollha tal-ġustizzja, jidħlu fis-seħħ emendi legali li jipprovdu l-possibilità li l-kawżi kostituzzjonali jibdew jinstemgħu f'Għawdex stess.

## Qorti tal-familja

886 Ngħinu familji li jkunu għaddejjin minn żmien diffiċli sabiex jaslu għal qbil bejniethom fi żmien raġonevoli u mingħajr spejjeż żejda. Naraw li nsaħħu l-medjazzjoni fil-Qrati tal-Familja bil-għan li l-proċessi jieħdu anqas żmien.

887 Issir reviżjoni sħiħa tal-proċedura użata quddiem il-Qorti tal-Familja biex ħadd ma jitħalla jtawwal il-proċeduri inutilment u jkun hemm ġustizzja effettiva, effiċjenti u fl-aqwa interess tal-minuri.

888 Il-Kumitat Tekniku tal-Parental Alienation li twaqqaf fl-2021 ser ikompli jaħdem fuq soluzzjonijiet leġiżlattivi biex dan il-kunċett jingħata importanza akbar fil-qrati. Il-kunċett tal-avukat tat-tfal jibqa' jiġi żviluppat sabiex il-minuri jkollhom rappreżentanza legali tul il-proċeduri sħaħ quddiem il-Qorti tal-Familja.

## Miżuri alternattivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim

889 Ebda soċjetà moderna ma tista' tħalli t-tilwim li jinqala' fil-ħafna sferi tal-ħajja jispiċċa kollu quddiem il-qrati. Għalhekk huwa importanti illi jkun hemm mezzi oħra kif jiġu riżolti d-differenzi bejn partijiet diversi. Ser naraw li jkomplu jiġu msaħħa l-faċilitajiet tal-arbitraġġ u tal-medjazzjoni. Barra minn hekk, ser insaħħu d-diġilitizzazzjoni fil-proċessi tal-medjazzjoni biex il-partijiet kollha jkunu jistgħu jattendu għas-sessjonijiet faċilment.

890 Il-proċessi fil-Qorti jistgħu jkunu ta' piż sproporzjonat fuq ir-riżorsi tal-kunsilli lokali. Ser indaħħlu proċess ta' medjazzjoni mandatorja f'każ ta' tilwimiet bejn il-Gvern ċentrali u l-kunsilli lokali qabel ma dawn jipproċedu għal smigħ quddiem il-Qorti.

891 Inkomplu nżidu n-numru ta' medjaturi għall-medjazzjoni domestika bil-għan li proċessi ta' medjazzjoni jsiru aktar aċċessibbli għal kull min jiġi bżonnhom. Bl-istess mod, l-uffiċċju tal-arbitraġġ inkomplu nsaħħuh sabiex jipprovdi aċċess faċli għall-kumpaniji privati bil-għan li jiġu riżolti każi ta' natura kummerċjali.

## L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

892 Gvern Laburista wettaq ir-riforma meħtieġa u ħoloq il-qasma importanti bejn il-kampijiet penali u amministrattivi. Ser inkomplu nwettqu aktar avvanzi fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u nassiguraw li jkompli għaddej bil-proċess li bih jassumi il-prosekuzzjonijiet kollha li jsiru fil-qrati tagħna. Din il-miżura ser tkompli tara li l-Pulizija jkollhom aktar ħin sabiex jiffokaw fuq l-investigazzjonijiet.

893 Jiżdied it-taħriġ fl-oqsma prosekutorjali lill-uffiċjali kollha ta' dan l-uffiċċju filwaqt li tinħoloq sistema ta' speċjalizzazzjoni li timxi pari passu mar-reati li jkunu qed jitwettqu fil-pajjiż. Tkun assigurata wkoll il-protezzjoni meħtieġa biex l-istess uffiċjali jwettqu dmirhom b'mod ħieles u effettiv.

894 Jittieħdu miżuri sabiex l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jsir aktar attraenti għall-professjoni legali permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aqwa u opportunitajiet ta' karrieri fil-prosekuzzjoni.

## L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat

895 Dan l-uffiċċju nħoloq bħala parti mir-riformi kbar li wettaq il-Gvern Laburista fil-qasam tal-ġustizzja. Ser inkomplu nsaħħu s-sistema li ddaħħlet u nassiguraw li l-Avukat tal-Istat ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-aħjar servizz legali sabiex jirrispondi malajr għall-esiġenzi li jinqalgħu minn żmien għal żmien fid-diversi oqsma tal-ħajja kostituzzjonali tal-pajjiż.

896 Niddedikaw ir-riżorsi meħtieġa għat-tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat sabiex dan ikun jista' jkompli jissalvagwardja l-legalità tal-ħidma tal-istat, iwettaq il-ħidma tiegħu fl-oqsma tat-trattazzjoni tal-kawżi fil-qrati Maltin u internazzjonali, fl-oqsma tat-tfassil tal-leġiżlazzjoni u fil-qasam tal-għoti ta' pariri u opinjonijiet importanti għall-ħidma tal-Gvern, fost oħrajn.

897 Tissaħħaħ l-ispeċjalizzazzjoni tal-professjonisti legali li jaħdmu fi ħdan l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat f'oqsma legali bħal dawk tad-dritt Ewropew, kostituzzjonali, amministrattiv u assistenza internazzjonali reċiproka. Ser naraw li jkun hemm ukoll tisħiħ tal-Uffiċċji tal-Leġiżlazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat.

## Aġenzija għall-Għajnuna legali

898 Il-Gvern introduċa s-servizz ta' assistenza legali erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u b'xejn għall-vittmi tal-kriminalità, inkluż assistenza speċjalizzata lill-vittmi tal-vjolenza domestika u dik abbażi tal-ġeneru. L-Aġenzija għas-Servizzi Legali tkompli tikkoopera ma' entitajiet oħra governattivi bil-għan illi tkompli tifrex l-aċċess għall-assistenza legali fost il-vittmi tal-kriminalità.

## Professjoni legali li taqdi

899 B'konsultazzjoni miftuħa mal-Kamra tal-Avukati, nibdew proċess sabiex tissaħħaħ il-leġiżlazzjoni li tirregola l-professjoni legali. Din għandha tkompli tkun mezz u għodda sabiex l-amministrazzjoni tal-ġustizzja titjieb u tkompli miexja 'l quddiem. Dan it-tisħiħ irid jara wkoll li l-professjoni legali tiġi mħarsa minn abbużi u taġġorna ruħha mal-iżviluppi li saru matul iż-żmien.

900 Inżidu l-għajnuna amministrattiva u finanzjarja lill-Kumitat għall-Avukati u l-Prokuraturi Legali tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja kif ukoll il-Kumitat tal-Għażla tal-Ġudikanti biex nassiguraw l-ogħla standards possibbli fit-twettiq effettiv tal-ħidma tagħhom.



# 18

# Tmexxija għaqlija u governanza soda



Malta flimkien

Gvern laburista ta prova tal-kredenzjali tiegħu fir-rigward tal-governanza bl-implimentazzjoni ta' riformi kostituzzjonali u istituzzjonali li kienu ilhom fuq l-ixkaffa għal ħafna snin. L-impenn sabiex insaħħu d-demokrazija tagħna huwa qawwi u sod.

Dan huwa rikonoxxut mill-Kummissjoni Ewropea li ċċitat it-tibdiliet favur is-saltna tad-dritt li daħħalna bħala mudell ta' prattika tajba għal pajjiżi Ewropej oħra. Diversi aġenziji tal-kreditu internazzjonali wkoll irrikonoxxew dan it-tibdil pożittiv.

Il-prinċipju ta' governanza tajba jgħodd ukoll għal fergħat oħra fi ħdan l-istat u barra minnu.

Daħħalna aktar kontabilità fit-teħid tad-deċiżjonijiet fl-amministrazzjoni pubblika. Il-pubbliku wkoll għandu għażla dejjem tiżdied ta' servizzi pprovduti mill-Gvern u Malta ġiet ikklassifikata l-ewwel fl-eGovernment Benchmark Reports 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

Ir-raba' pilastru tad-demokrazija tagħna huwa x-xandir. Il-Kostituzzjoni u l-liġijiet tagħna ser jassiguraw protezzjoni akbar lill-ġurnalisti fil-qadi ta' dmirijiethom.

Ma' dawn hemm ukoll is-soċjetà ċivili, qasam li jagħti kontribut imprezzabbli fis-soċjetà. Ser inkomplu nappoġġjaw lil dawn l-għaqdiet biex ikunu l-imsieħba tal-Gvern u flimkien intejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies.

## Governanza u kontabilità serja

901 Nassiguraw li fil-leġiżlatura li jmiss, u kif diġà wrejna b'rieda soda u għaqlija, Gvern Laburista ser jibqa' għaddej b'aktar riformi meħtieġa favur it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet kollha fil-pajjiż sabiex flimkien insaħħu id-demokrazija f'pajjiżna.

902 Għall-ewwel darba f'ħafna snin, issaħħu istituzzjonijiet regolatorji u ta' kontra l-korruzzjoni, fosthom il-Kummissjoni Permanenti ta' Kontra l-Korruzzjoni, il-Pulizija, l-FIAU u l-awtoritajiet tas-servizzi finanzjarji. Dawn l-entitajiet ser jibqgħu jsibu s-sostenn tal-Gvern biex jaqdu l-obbligi tagħhom bl-aħjar mod possibbli, inkluż b'aġġornamenti fejn meħtieġ tal-liġijiet li jużaw fil-qadi ta' dmirijiethom.

903 Nikkonsolidaw il-koordinament bejn l-istituzzjonijiet ewlenin ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni. Dawn mhux biss ser jibqgħu jingħataw l-appoġġ amministrattiv iżda jsir it-tibdil neċessarju fil-liġijiet li jirregolawhom biex jaqdu dejjem aħjar il-funzjonijiet tagħhom.

904 Nimplimentaw proċeduri ċentrali u protokolli ġodda sabiex tkompli tkun assigurata s-serjetà fl-irwoli kollha tat-tmexxija ta' pajjiżna u dawk li qegħdin f'pożizzjonijiet għolja ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Dan isir permezz ta' ħidma interministerjali u li tkun immexxija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li twassal għal strateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni u l-integrità bil-għan li jkomplu jkunu mtejba r-regoli eżistenti.

905 Nassiguraw li jissaħħu aktar l-istandards fil-ħajja pubblika billi nkomplu nagħtu l-appoġġ amministrattiv lill-awtoritajiet ewlenin sabiex jiggarantixxu l-governanza tajba f'pajjiżna. Din il-ħidma trid twassal għal tisħiħ fil-kontabilità u t-trasparenza fost dawk kollha involuti fit-tmexxija eżekuttiva tal-pajjiż, tal-entitajiet u l-istituzzjonijiet pubbliċi.

906 Fil-leġiżlatura li jmiss pajjiżna ser japplika sabiex ikun membru sħiħ tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD). Bis-saħħa ta' hekk Malta jkollha post fil-qalba tad-deċiżjonijiet dwar politiki fl-aktar pajjiżi żviluppati tad-dinja. Bħala membru tal-OECD, pajjiżna jintrabat li jsegwi l-aħjar kodiċi ta' governanza fl-amministrazzjoni ekonomika u soċjali tal-pajjiż.

# Il-qafas demokratiku ta' pajjiżna

907 Il-Parlament jibqa' jingħata l-importanza li tixraqlu. Fl-aħħar leġiżlatura għamilna interventi leġiżlattivi li ssarrfu f'iżjed riżorsi umani u awtonomija. Wasal iż-żmien li nanalizzaw l-irwol tal-Membri Parlamentari u r-riżorsi aċċessibbli għalihom sabiex jaqdu dmirijiethom bl-aħjar mod, inkluż għodod bżonjużi għar-riċerka u t-tfassil ta' politiki.

908 Fil-leġiżlatura li jmiss ser inkomplu nwettqu aktar miżuri favur it-tisħiħ tal-irwoli tal-Uffiċċju tal-Ispeaker, tal-Iskrivan tal-Kamra tar-Rappreżentanti u l-Parlament, anki permezz ta' allokazzjonijiet finanzjarji bil-għan li l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż ittejjeb ir-riżorsi umani u loġistiċi tagħha.

909 Is-sistema elettorali ta' pajjiżna hija mibnija fuq rappreżentanza proporzjonali u tirrifletti l-preferenzi tal-votant bl-aħjar mod possibbli. Filwaqt li nagħrfu l-benefiċċji li toffri din is-sistema, hemm bżonn nitkellmu wkoll fuq aspetti li mhux neċessarjament jirriflettu r-realtajiet taż-żmien tal-lum. Ser inniedu konsultazzjoni pubblika sabiex nifhmu aħjar il-veduti taċ-ċittadini dwar dan is-suġġett, b'mod speċjali dawk li mhumiex involuti fil-politika.

910 Ir-riforma fil-bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel fil-Parlament ma tiqafx mal-introduzzjoni tal-mekkaniżmu korrettiv. Wara li rrevedejna l-ħin li fih jitlaqqa' l-Parlament kmieni waranofsinhar, irridu nintroduċu aktar miżuri favur il-familja, inkluż il-ftuħ ta' childcare centre.

911 Nemmnu f'demokrazija moderna bbażata fuq il-pluraliżmu u l-kontabilità. Inkomplu bid-diskussjoni nazzjonali dwar l-aġġornament tal-Kostituzzjoni u jibqgħu jsiru r-riformi kostituzzjonali meħtieġa bil-għan li tibqa' tkun assigurata governanza serja fl-istituzzjonijiet tal-pajjiż u jiżdied l-iskrutinju fuq l-operat tal-istat.

912 Id-djalogu soċjali kien il-proċess strumentali għall-kisbiet relatati ma' governanza u titjib fil-livell t'għejxien f'pajjiżna. Ser insaħħu d-djalogu soċjali fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) u fis-Servizzi Ewropej f'Malta billi nikkonsolidaw il-ħidma ta' dawn iż-żewġ entitajiet f'Awtorità għad-Djalogu Soċjali. Din l-awtorità trid tipprovdi appoġġ ħolistiku lill-imsieħba soċjali ta' pajjiżna, inkluż aċċess akbar għall-fondi Ewropej.

913 Ser naraw li tkompli titħares it-trasparenza u l-kontabilità fil-proċess elettorali, inkluż fit-tħaddim tal-liġi tal-finanzjament tal-partiti politiċi li daħħal Gvern Laburista. Il-Kummissjoni Elettorali ser tibqa' ssib is-sostenn kontinwu tal-Gvern bil-ftuħ ta' binja amministrattiva ġdida u b'żieda fir-riżorsi kemm umani u kif ukoll finanzjarji.

914 Jibda l-proċess biex nibdew nużaw il-karta tal-identità bħala dokument tal-vot.

## Il-midja: ir-raba' pilastru tad-demokrazija

915 Il-Partit Laburista jagħraf l-irwol tal-ġurnalisti u l-kontribut siewi li jagħtu fit-tħaddim tad-demokrazija. Dan il-prinċipju jrid jiġi ssiġġilat fil-Kostituzzjoni u ser nagħmlu dispożizzjonijiet ġodda fiha sabiex il-ġurnaliżmu u l-pluraliżmu fix-xandir jiġu rrikonoxxuti bħala r-raba' pilastru tad-demokrazija tagħna.

916 Il-liġijiet tagħna jridu jassiguraw aktar protezzjoni lill-ġurnalisti fil-ħidma tagħhom. Ser indaħħlu fis-seħħ il-liġijiet marbuta mal-iStrategic Lawsuits Against Public Participation (SLAPP) sabiex jipproteġu lill-ġurnalisti minn attakki ta' proċeduri legali intenzjonati sabiex iwaqqfuhom mill-ħidma tagħhom, l-aktar permezz ta' piżijiet finanzjarji eżorbitanti u sproporzjonati.

917 Fil-leġiżlatura li għaddiet waqqafna kumitat ta' esperti li huwa inkarigat li jipproponi ideat kif jistgħu jissaħħu l-ġurnaliżmu u x-xandir f'pajjiżna. Ser niddiskutu r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat t'esperti mal-partijiet kollha kkonċernati sabiex nimplimentaw dawk il-miżuri li jassiguraw il-libertà tax-xandir u l-ħarsien tal-ġurnalisti.

918 Sfortunatament ftit hemm tagħrif sabiex wieħed jiddistingwi bejn dik li hija informazzjoni falza u dik li hija reali. Għalhekk ser nagħmlu kampanja informattiva sabiex nipprovdu aktar tagħrif dwar fenomeni bħal dak tal-fake news, u kulħadd ikun dejjem aktar mgħarraf kif għandhom jintużaw il-pjattaformi diġitali.

919 Nemmnu f'rappreżentanza aktar wiesgħa fl-Awtorità tax-Xandir li tassigura aktar esperjenza u kompetenza. Ser naraw li l-kompożizzjoni tal-Bord tal-Awtorità tax-Xandir tinkludi wkoll persuni li ma jkunux involuti fil-politika.

920 Irridu ninvestu fil-ħiliet tal-ġurnalisti. Ser inwaqqfu fond amministrat mill-Awtorità tax-Xandir maħsub sabiex aktar ġurnalisti jtejbu l-ħiliet tagħhom fejn jidħol il-ġurnaliżmu speċjalizzat.

## Amministrazzjoni pubblika għan-nies

921 Il-Partit Laburista jagħraf il-bżonn li s-servizz pubbliku jibqa' jkun sors ta' karrieri u l-bżonn li jkun kompetittiv f'suq tax-xogħol daqstant dinamiku bħal dak ta' pajjiżna. Għaldaqstant fil-bidu tal-leġiżlatura ser jiġi mniedi studju maħsub biex ikun hemm reviżjoni xierqa tal-iskali tas-salarji tal-Gvern.

922 Nemmnu li numru akbar ta' ħaddiema tas-servizz pubbliku f'livelli differenti għandhom ikollhom l-opportunità li jirċievu performance bonus. L-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-ħaddiema tas-servizz pubbliku għandha tinkludi wkoll konsiderazzjonijiet dwar is-sodisfazzjon fuq il-post tax-xogħol.

923 Is-servizz pubbliku jimmira li jagħti l-opportunità lill-ħaddiema kollha tiegħu sabiex fejn hu possibbli jużaw il-faċilità ta' remote working u jkompli t-twettiq tal-pjan li s-servizz pubbliku jkollu remote workspaces f'kull parti ta' Malta u oħrajn f'Għawdex.

924 Malta tinsab quddiem nett fl-Ewropa fl-eGovernment, b'bosta inizjattivi mis-servizz pubbliku li jżidu l-effiċjenza u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini. L-oġġettiv li jmiss huwa li tiżdied il-firxa ta' servizzi pprovduti mill-Gvern li jkun aċċessibbli mill-mobile.

925 L-intelliġenza artifiċjali hija għodda strumentali kif is-settur pubbliku jista' jagħmel avvanzi akbar għall-ġid taċ-ċittadini. Irridu nesploraw metodi kif din it-teknoloġija tibda tintuża fit-tfassil ta' politika li tkun data-driven u li tbassar ir-riżultati tagħha fi stadju bikri.

926 Ser nużaw l-intelliġenza artifiċjali wkoll sabiex jingħata servizz pubbliku aħjar. Dan ifisser li l-intelliġenza artifiċjali ser tgħin lis-servizz pubbliku jiggwida liċ-ċittadin dwar l-użu ta' servizzi governattivi differenti fi stadji differenti tal-ħajja.

927 L-Istitut għas-Servizz Pubbliku jkompli joffri korsijiet universitarji lil numru akbar ta' studenti u ndaħħlu inċentivi għall-ħaddiema tas-settur pubbliku li jibdew dawn il-korsijiet. Ser naħdmu sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-Iskema tal-IPS għall-Istudenti permezz ta' għażliet aktar wiegħsa ta' suġġetti li jkunu kompatibbli mal-ħtiġijiet tas-settur pubbliku.

928 L-użu ta' distributed ledger technology fl-aħħar leġiżlatura wassal għal effiċjenza ferm akbar f'entitajiet governattivi u awtoritajiet pubbliċi. Ser nestendu dan il-proġett fi bnadi oħra tas-servizz pubbliku b'sinerġija mal-inizjattiva once-only-principle. Iċ-ċittadini ma jkollhomx bżonn jagħtu l-istess informazzjoni lil entitajiet pubbliċi differenti. Dan il-proġett ikun jinkludi means-test wieħed għall-użu tal-entitajiet u d-dipartimenti tal-Gvern kollha.

929 Wara li ħafna servizzi tal-Gvern bdew jingħataw online, irridu naraw li dawn ikunu pprovduti b'metodi aktar user-friendly. Dawn is-servizzi ser ikunu kollha aċċessibbli minn servizz.gov bħala punt wieħed ta' referenza. Barra minn hekk, is-siti elettroniċi kollha tal-Gvern ser ikunu aċċessibbli bl-aħjar mod għall-persuni b'diżabilità.

930 Filwaqt li jitkompla l-proċess ta' diġitalizzazzjoni u e-filing f'aktar dipartimenti u entitajiet, ser inniedu digital wallet li tagħti l-opportunità liċ-ċittadin iżomm fiha verżjoni elettronika tad-dokumenti uffiċjali tiegħu.

931 L-operat tal-Gvern irid isir wieħed aktar paperless u ser inwessgħu l-użu tal-firem elettroniċi maċ-ċittadini u n-negozji. Issa li s-sistema tal-E-ID Maltija hija rikonoxxuta f'bosta pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, naraw li l-pubbliku jkun jista' juża dawn is-servizzi online mill-aktar fis.

932 Is-cyber attacks huma theddida globali f'dinja li kulma jmur tuża teknoloġiji ġodda. Bħalma ġara f'pajjiżi oħra bi preżenza diġitali qawwija, iffaċċjajna u rrispondejna għal numru ta' attakki fl-aħħar snin. Ser naraw li l-MITA tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha biex tilqa' għal din it-theddida globali. Fl-istess waqt ser insaħħu aktar il-kampanji ta' informazzjoni sabiex il-pubbliku jkun mgħarraf dejjem aħjar kif juża l-għodod diġitali.

933 Il-Quality Award wassal għal servizzi ta' eċċellenza fi ħdan is-servizz pubbliku. Irridu nassiguraw li d-dipartimenti u l-entitajiet kollha tal-Gvern ikollhom quality service charter bi kriterji ċari dwar il-kwalità tas-servizz offrut.

934 L-operat u l-konsum tas-settur pubbliku għandhom impatt konsiderevoli fuq l-ambjent. Sal-aħħar tal-leġiżlatura li jmiss ser nespandu l-kunċett ta' green public procurement għat-tenders kollha pubbliċi.

## Is-settur tal-volontarjat

935 L-għaqdiet volontarji rreġistrati ser jirċievu tnaqqis fit-taxxa dovuta ekwivalenti għal kull donazzjoni monetarja li ssir lilhom, filwaqt li dawk l-għaqdiet li ma jħallsux taxxa se jirċievu għotja li tlaħħaq sa 10% tad-donazzjoni monetarja li jkunu rċevew, u li ma taqbiżx €2,000 għal kull donazzjoni individwali.

936 Filwaqt li jitħarsu t-trasparenza u l-governanza tajba, inwettqu proċess ta' simplifikazzjoni maħsub biex inaqqas burokrazija eċċessiva għall-għaqdiet volontarji, speċjalment fl-aċċess u l-użu tal-fondi.

937 Niżviluppaw l-irwol tal-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji minn sempliċiment regolatur għal entità li tixpruna t-tisħiħ ta' għaqdiet non-governattivi eżistenti u oħrajn ġodda.

938 Jitwaqqaf one-stop-shop bl-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Volontarjat li għandu jservi ta' punt ta' referenza għall-għaqdiet dwar il-programmi ta' fondi li jistgħu japplikaw għalihom u l-amministrazzjoni tagħhom.

939 Jingħata taħriġ u assistenza finanzjarja lill-għaqdiet volontarji sabiex isaħħu l-qafas amministrattiv tagħhom.

940 Jiġu identifikati aktar binjiet pubbliċi li fil-preżent m'għandhomx użu partikolari sabiex jiġu rriġenerati għal skopijiet soċjali b'kollaborazzjoni ma' għaqdiet volontarji.

941 Dejjem sħaqna li waħda mill-funzjonijiet kritiċi tal-Awtorità tal-Artijiet hija dik li tgħin lis-settur tal-volontarjat. Ser inkomplu nsibu akkommodazzjoni addattata għall-għaqdiet volontarji b'rati vantaġġużi ħafna. Barra minn hekk, ser inniedu skema ta' konsolidament tat-titoli ta' għaqdiet volontarji li jkunu ilhom jokkupaw proprjetà għal ammont ta' snin u jkunu jixtiequ jkattru l-kontribut tagħhom fis-soċjetà.

## Ħarsien tal-konsumatur

942 Nemmnu li għandu jkun hemm ħarsien akbar tal-konsumatur kull meta jkun hemm prodotti li jiġu rtirati mis-suq. Ser nirrevedu dawn is-salvagwardji sabiex il-konsumatur jingħata rimedju adegwat f'ħin raġonevoli.

943 Inkomplu nagħtu sostenn lill-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur sabiex jissaħħaħ il-moniteraġġ tas-suq u s-sigurtà tal-konsumatur, speċjalment fejn jidħol l-ikel, il-prodotti mediċinali u prodotti relatati mat-tfal.

944 Insaħħu r-rimedji disponibbli għall-konsumatur billi nerġgħu ngħollu l-ammont massimu ta' €5,000 li fuqhom jistgħu jsiru talbiet quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

945 Inħarsu lejn l-organizzazzjonijiet volontarji tal-konsumatur bħala sħab fil-moniteraġġ tas-suq u s-sigurtà tal-konsumatur. Nassistu lil dawn l-organizzazzjonijiet sabiex ikunu xprun għall-konsum sostennibli, anki fil-kuntest tat-trasformazzjoni diġitali tas-swieq.

946 Kulma jmur qed tikber l-importanza ta' prodotti li għandhom prestazzjoni soċjali tajba u l-anqas impatt ambjentali. Ser nintroduċu skemi sabiex nippromwovu prodotti b'dawn il-kwalitajiet u ntejbu l-aċċessibilità tal-konsumatur għalihom.

947 Permezz ta' tibdil fil-liġijiet relevanti, ser insaħħu l-protezzjoni ta' saħħet il-konsumatur kontra sustanzi li huma perikolużi, b'mod speċjali dawk li jħarbtu s-sistema endokrinali. B'dan it-tibdil irridu nsaħħu l-identifikazzjoni ta' riskji assoċjati ma' kimiċi perikolużi fi prodotti kosmetiċi, ġugarelli u l-pakketti tal-ikel.



# 19

# Kunsilli lokali



Malta
flimkien

Il-viżjoni tagħna għall-kunsilli lokali hija minsuġa ma' kull parti tal-pjan li qed nippreżentaw għas-snin li ġejjin. Naqqasna l-piżijiet tal-kunsilli lokali sabiex ikunu jistgħu jżidu n-nefqa tagħhom fi proġetti għan-nies u l-benesseri tal-komunitajiet. Ser inkomplu naħdmu flimkien mal-kunsilli lokali biex insebbħu aktar lil pajjiżna u nwasslu s-servizzi tal-Gvern dejjem eqreb lejn iċ-ċittadini.

Niżguraw sehem akbar tal-kunsilli lokali fit-tfassil ta' politika nazzjonali, speċjalment f'dawk id-deċiżjonijiet li jaffettwaw direttament lokalitajiet jew żoni partikolari fil-pajjiż.

Il-kunsilli lokali ser ikollhom irwol strateġiku fil-proġetti ambjentali li ser inwettqu f'pajjiżna. Ser naħdmu magħhom biex ikollna aktar spazji miftuħa, iżjed wirt storiku rrestawrat u toroq aktar siguri għat-tfal tagħna.

Is-servizzi tal-kunsilli lokali kollha ser jiġu kkonsolidati f'post wieħed online sabiex niżguraw li ċ-ċittadin ikun jista' jaċċessa s-servizzi tagħhom f'kull ħin u minn kullimkien.

## Sehem fit-tmexxija tal-pajjiż

948 Jeħtieġ li jiġi żgurat sehem akbar tal-kunsilli lokali fl-iżvilupp tal-politika nazzjonali. Kull entità pubblika ser tkun marbuta li tikkonsulta b'mod dirett mal-kunsilli lokali waqt li jkunu qed jitfasslu politiki nazzjonali jew proġetti pubbliċi fil-lokalitajiet.

949 Nassiguraw li l-kunsilli lokali jkollhom biżżejjed riżorsi sabiex iressqu servizzi ta' entitajiet governattivi eqreb lejn iċ-ċittadin. Fil-leġiżlatura li jmiss ser naraw li aktar minn dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli mill-uffiċini tal-kunsilli lokali.

950 Il-kunsilli lokali kienu strumentali sabiex is-servizz tas-saħħa tqarreb viċin in-nies fil-bereġ fil-lokalitajiet. Issa jmiss li l-kunsilli lokali jmorru lil hinn minn hekk u jkunu promotur ewlieni ta' stil ta' ħajja sana u l-prevenzjoni tal-mard f'kull inizjattiva u proġett li jagħmlu.

951 It-tħejjija ta' pjani ta' ħidma annwali saħħew l-ippjanar fi ħdan il-kunsilli lokali filwaqt li taw lir-residenti aktar viżibilità tat-twettiq tal-proġetti. Ser nibdew bidla gradwali fil-mod kif jitqassmu l-fondi mill-Gvern ċentrali u l-entitajiet pubbliċi sabiex jitnaqqsu l-burokrazija eċċessiva u l-ispejjeż għall-kunsilli lokali. Dan ser isir billi nagħtu prijorità akbar lill-pjani ta' ħidma sottomessi mill-kunsilli lokali minflok l-użu ta' skemi li jkunu japplikaw biss għal numru limitat ta' lokalitajiet.

## L-operat tal-kunsilli lokali

952 Fil-leġiżlatura li għaddiet neħħejna l-ispiża ta' xogħlijiet infrastrutturali minn fuq il-kunsilli lokali mingħajr ma naqqasnielhom mill-allokazzjoni annwali li jirċievu. Irridu nkomplu nsaħħu l-operat tal-kunsilli lokali billi nagħtuhom aktar awtonomija finanzjarja. Mingħajr ma jiddaħħlu piżijiet ġodda fuq ir-residenti, ser naraw li l-kunsill lokali jirċievi sehem mid-dħul li jinġieb minn attivitajiet li joħolqu inkonvenjent fil-lokalitajiet tagħhom.

953 L-operat tal-kunsilli lokali jġib miegħu sfidi differenti skont id-daqs u n-natura tal-lokalitajiet rispettivi. Nemmnu li l-operat u l-effiċjenza tal-kunsilli lokali jistgħu jissaħħu permezz ta' kollaborazzjoni fuq inizjattivi varji bejn lokalitajiet differenti u bis-sehem tal-kunsilli reġjonali. Il-prinċipju ta' economies of scale jista' jwassal sabiex ir-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti b'anqas spejjeż għall-kunsilli lokali.

954 Dan il-prinċipju ser jiġi applikat għall-ġbir tal-iskart. Irridu nibdlu s-sistema li biha jinġabar l-iskart għal waħda li tħares il-bżonnijiet ta' kull lokalità f'kuntest reġjonali. B'hekk nassiguraw aktar effiċjenza u anqas piż amministrattiv fuq il-kunsill lokali.

955 Irridu nkomplu ninvestu fir-riżorsa umana tal-kunsilli lokali. Ser infasslu programm ta' investiment fl-iżvilupp kontinwu tal-kapaċitajiet tal-membri eletti u amministrattivi tal-kunsilli lokali, speċjalment fl-aspett tal-ħidma internazzjonali u l-fondi Ewropej.

956 Il-kunsilli reġjonali għandhom jiffaċilitaw il-qsim ta' esperjenzi u għarfien bejniethom u bejn il-kunsilli lokali tar-reġjuni rispettivi tagħhom. Għandhom ikollhom il-faċilità li jużaw is-servizz ta' aktar esperti f'oqsma differenti sabiex ikunu jistgħu jassistu lill-kunsilli lokali fuq temi differenti.

957 Il-kunsilli lokali huma estensjoni tal-amministrazzjoni pubblika u għalhekk għandna naraw li tissaħħaħ il-kontabilità tagħhom. Ser nagħtu rwol regolatorju lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex tkun tista' tagħti gwida u appoġġ aqwa lill-kunsilli lokali.

## lokalitajiet isbaħ

958 L-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali varat numru ta' studji dettaljati li jġibu bidla pożittiva fil-lokalitajiet tagħna, fosthom dak ta' Slow Streets għall-benesseri tal-familji u ċ-ċittadini kollha tagħna. Dan il-proġett identifika kilometri ta' rotot f'numru kbir ta' lokalitajiet li jistgħu jintużaw għall-mixi jew mezzi ta' trasport alternattiv minflok il-karozzi. Wara li beda jingħata l-finanzjament lill-ewwel grupp ta' kunsilli lokali biex jibdew iwettqu dawn il-proġetti, fil-leġiżlatura li jmiss ser naraw li n-numru ta' lokalitajiet li jibbenefikaw minn dan il-proġett jikber kemm jista' jkun.

959 L-istudju jirreferi wkoll għall-inizjattiva Play Streets fejn ġew identifikati 120 żona fi 42 lokalità li jistgħu jiġu utilizzati fi ġranet u ħinijiet speċifiċi bħala spazji miftuħa għat-tfal u l-familji. Ser nagħtu s-sostenn u r-riżorsi kollha neċessarji sabiex il-familji jingħataw prijorità fuq il-karozzi.

960 Nagħrfu li l-bandli u l-playing fields jintużaw minn tfal ta' etajiet differenti. Dan il-prinċipju għandu jingħata prijorità akbar fl-ippjanar ta' żoni ġodda ddedikati għat-tfal. Jinħolqu spazji separati għal tfal ta' etajiet differenti fil-playing fields eżistenti.

961 Irridu naraw li l-infrastruttura fil-lokalitajiet tagħna hija sigura biżżejjed għall-mixi. L-awtoritajiet ikkonċernati u l-kunsilli lokali ser iwettqu proġett pilota maħsub li jagħmel accessibility audit tal-bankini. Il-konklużjonijiet ta' dan l-eżerċizzju jintużaw sabiex jitwessgħu, isiru tiswijiet jew jinbnew bankini ġodda.

962 Filwaqt li nibqgħu nsostnu inizjattivi li jinċentivaw l-użu ta' mezzi alternattivi ta' trasport, nagħrfu li l-ispazju ta' parkeġġ għadu bżonjuż ħafna. Il-kunsilli lokali jaħdmu mal-awtoritajiet ċentrali u s-settur privat sabiex joħolqu u jamministraw żoni ta' parkeġġ li idealment ikunu taħt l-art. Ser ikunu responsabbli wkoll minn arranġamenti biex il-pubbliku jkun jista' juża spazju ta' parkeġġ fi skejjel, ċentri kummerċjali u kumplessi sportivi f'ħinijiet li ma jkunux miftuħa.



963 Il-monti huwa karatteristika ta' numru ta' lokalitajiet. Dawn is-swieq jagħtu servizz lir-residenti, huma sors ta' għejxien għal ħafna bejjiegħa u f'ċerti rħula jservu wkoll ta' attrazzjoni turistika. Jeħtieġ li l-kunsilli lokali jkunu involuti aktar fl-organizzazzjoni ta' dawn is-swieq b'tali mod li l-operat tagħhom jissaħħaħ mingħajr ma jiżdied l-inkonvenjent għall-pubbliku.

964 Il-latrini pubbliċi għandhom funzjoni importanti, kemm fil-qalba tal-komunitajiet u kif ukoll fiż-żoni turistiċi. Ser nagħmlu qabża fis-servizz fejn jiġu introdotti sistemi ta' tindif awtomatiċi bl-użu tal-aħħar teknoloġija disponibbli.

965 L-iskema ta' restawr ta' postijiet u monumenti storiċi għenet lill-kunsilli lokali jidħlu għal proġetti ta' restawr fil-lokalitajiet tagħhom. Hekk kif għamilna għal dawn l-aħħar sitt snin, qed nikkommettu ruħna li nkomplu nestendu din l-iskema kull sena matul il-leġiżlatura kollha.

## L-użu tat-teknoloġija

966 Hemm bżonn li l-kunsilli lokali jużaw it-teknoloġija sabiex ikun hemm koordinament aħjar ta' xogħlijiet u manutenzjoni fit-toroq. Ser nagħmlu investiment f'sistema diġitali bil-għan li ssaħħaħ dan il-koordinament u jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti. Din is-sistema sservi wkoll biex ikun hemm bidla fis-sistema tal-ħruġ ta' permessi b'tali mod li dawn ma joħolqux piż sproporzjonat fuq ir-residenti taż-żona.

967 Titnieda mobile application li minnha tista' taċċessa numru ta' servizzi minn kull kunsill lokali madwar Malta u Għawdex minn post wieħed.

968 It-teknoloġija tista' tgħin lill-kunsilli lokali sabiex jiġbru informazzjoni mingħand ir-residenti, l-għaqdiet lokali u operaturi kummerċjali dwar kwistjonijiet bħat-trasport pubbliku, il-ġbir tal-iskart, shared mobility u oħrajn. Din l-informazzjoni tista' tintuża biex jiġi mtejjeb l-ippjanar fil-lokalitajiet filwaqt li tissaħħaħ il-komunikazzjoni mar-residenti.

969 Il-Pulizija tal-Komunità għenet sabiex il-kunsilli lokali u r-residenti jieħdu sehem aktar attiv fil-prevenzjoni tar-reati. Irridu nagħtu l-għodod lill-kunsilli lokali sabiex jagħmlu riċerka fuq xejriet relatati mal-kriminalità fil-lokalitajiet tagħhom. Barra minn hekk, ser ngħinuhom iżidu l-użu tat-teknoloġija sabiex isaħħu l-infurzar u l-osservanza tal-liġijiet fil-lokalitajiet tagħhom.

## Rappreżentanza effettiva fil-kunsilli lokali

970 Il-Vot 16 kien pass kbir 'il quddiem u dikjarazzjoni ċara ta' fiduċja fiż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Barra li jikkandidaw ruħhom għall-elezzjonijiet lokali, iż-żgħażagħ għandhom ukoll il-kapaċità li jmexxu. Ser nagħmlu emendi legali sabiex il-kariga okkupata minn kunsilliera eletti taħt it-18-il sena verament tkun tirrifletti l-fiduċja tal-votanti u b'hekk ikunu jistgħu jokkupaw il-karigi ta' sindku u viċi sindku.

971 F'din l-elezzjoni ġenerali ser jintuża għall-ewwel darba l-mekkaniżmu li jassigura rappreżentanza ugwali fil-Parlament Malti. Nemmnu li l-prinċipju ta' tisħiħ tal-parteċipazzjoni ugwali bejn is-sessi għandu jiġi estiż ukoll fuq bażi lokali b'mekkaniżmu li jkun adegwat għall-kunsilli lokali. Wara li jiġu analizzati r-riżultati ta' dan il-mekkaniżmu fl-elezzjoni ġenerali, naraw li jitħaddem kunċett simili kull fejn hu possibbli fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali tal-2024.



# 20

# Malta fid-dinja



Malta flimkien

Il-pożizzjoni ġeografika ta' pajjiżna tagħtina l-opportunità li nkunu l-leħen tal-kompromess fuq kwistjonijiet li jaffettwaw lill-Mediterran u l-pajjiżi tal-madwar. Iċ-ċokon tagħna ma jżommniex milli nieħdu pożizzjonijiet importanti għal pajjiżna fuq livell Ewropew.

Il-kredenzjali sodi tal-Partit Laburista fejn jidħol in-negozjar għall-ġid ta' pajjiżna wasslu biex irnexxielna niksbu l-akbar pakkett ta' fondi Ewropej għal Malta u l-bżonnijiet speċifiċi tal-ekonomija u s-soċjetà tagħna. Dan is-suċċess ser jippermettilna li ninvestu dawn il-fondi fi proġetti ta' fejda li joħolqu prosperità ġdida għall-familji, iċ-ċittadini u n-negozji kollha tagħna.

Fl-aħħar snin waqqafna preżenzi diplomatiċi ġodda fil-Ġappun, fil-Brażil, fil-Gana, fl-Etjopja u fil-Qatar, fost oħrajn. Ser nużaw dawn ir-rabtiet biex niġbdu aktar investiment u xogħol lejn pajjiżna.

L-ambaxxati tagħna jridu jkunu vetrina tal-kultura ta' pajjiżna kif ukoll punt ta' referenza għall-Maltin kollha li jgħixu barra. Malta ser tibqa' tuża d-diplomazija sabiex tgħin pajjiżi oħra f'mumenti diffiċli.

Is-sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea u s-sehem tagħna f'fora oħra internazzjonali huma strumenti li qed nużawhom ukoll biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin kollha.

## Malta fl-Unjoni Ewropea

972 Wara li l-Prim Ministru Robert Abela nnegozja l-akbar allokazzjoni finanzjarja li qatt saret għal Malta fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali u l-Istrument ta' Rkupru, ser inħarsu 'l quddiem biex Gvern Laburista jibqa' jkun negozjatur denju għal pajjiżna. Niżguraw li s-somma rekord ta' €2.25 biljun allokati lil pajjiżna jintefqu bl-aqwa mod possibbli sabiex pajjiżna joħroġ iżjed b'saħħtu wara l-pandemija.

973 Il-kuntest Ewropew dejjem jevolvi, bi sfidi bħal mhuma l-COVID-19, il-kompetittività, it-tibdil fil-klima, Brexit u l-kunflitt fl-Ukrajna. Ser inkomplu niżguraw il-parteċipazzjoni attiva ta' Malta fit-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex niddefendu bis-sħiħ l-interessi ta' pajjiżna u niksbu l-aħjar riżultati għall-familji Maltin u Għawdxin.

974 L-isfidi ambjentali u dawk marbuta mat-tibdil fil-klima huma fuq nett tal-aġenda globali u kif ukoll dik nazzjonali. Ser inkomplu nkunu attivi fin-negozjati fuq bosta inizjattivi Ewropej, b'mod partikolari fin-negozjati dwar il-pakkett Fit for 55 u l-mira li l-emissjonijiet jonqsu b'minn tal-anqas 55% sal-2030.

## Parteċipazzjoni f'fora internazzjonali

975 Nemmnu li ċ-ċokon ta' pajjiżna m'għandux ikun ta' limitazzjoni. Għandna niżguraw li f'fora internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Magħquda, Malta tibqa' tipparteċipa b'mod attiv u effettiv permezz ta' pożizzjonijiet koerenti li jissalvagwardjaw l-interessi ta' Malta u taċ-ċittadini tagħha.

976 Ser nagħtu s-sostenn kollu meħtieġ sabiex Malta tipprepara bis-sħiħ għas-siġġu fuq il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda li maħsub li jkollha fis-snin 2023-2024.

977 Malta kienet fost l-ewwel 50 stat fid-dinja li ffirmaw u rratifikaw it-Trattat dwar il-Projbizzjoni tal-Armi Nukleari li daħal fis-seħħ f'Jannar 2021. Filwaqt li nibqgħu attivi fil-kamp multilaterali, għandna nkomplu ngħożżu l-prinċipju tan-newtralità mingħajr ma nitilfu l-indipendenza fil-ħsieb. It-tħaddim ta' dan il-prinċipju jagħmel il-politika barranija ta' pajjiżna waħda kredibbli, speċjalment fejn ikun hemm il-ħtieġa tas-sostenn għall-paċi.

978 Fil-qasam tal-immigrazzjoni naraw li l-politika domestika u dik barranija jitħaddmu id f'id bil-għan li noffru kenn lil min jixraqlu u nirritornaw lil min ma jkunx ħaqqu dritt jibqa' f'pajjiżna. Ser nassiguraw li jkun hemm sinerġija bejn il-ħidma f'dan il-qasam u l-użu ta' assistenza uffiċjali għall-iżvilupp mogħtija lill-pajjiżi tal-oriġinu.

979 Wara li Malta ssieħbet fil-Blue Heart Campaign, ser inwessgħu l-impenn tagħna fil-ġlieda kontra l-fenomenu dinji tat-traffikar tal-bnedmin permezz ta' ħidma mal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Drogi u l-Kriminalità (UNODC).

## Rwol strateġiku fil-Mediterran

980 Il-Partit Laburista jemmen li l-istabilità fil-Mediterran hija essenzjali għall-istabilità fl-Ewropa. Malta ser tkompli sservi bħala pont ta' paċi u djalogu fil-Mediterran. Bħala pajjiż tal-fruntiera rridu nibqgħu nservu ta' xprun billi nissensibilizzaw lill-Unjoni Ewropea dwar kwistjonijiet fil-Mediterran u n-naħa ta' fuq tal-Afrika, speċjalment dwar il-qagħda ġeopolitika fir-reġjun u l-qasam tal-immigrazzjoni irregolari.

981 Il-Libja huwa pajjiż ġar tagħna li jixraqlu jitmexxa mil-Libjani għal-Libjani. Malta għandha tkompli tagħmel ħilitha biex il-komunità internazzjonali tirrispetta x-xewqat tal-poplu Libjan biex il-Libja titmexxa bħala pajjiż wieħed u tirkupra ekonomikament. Fl-istess waqt irridu naraw li r-relazzjonijiet diplomatiċi u kummerċjali bejn Malta u l-Libja jkomplu jissaħħu fl-interess taż-żewġ popli ġirien.

982 Nagħrfu li wħud mill-pajjiżi tal-Mediterran qed jaffaċċjaw instabilità u tensjonijiet u għalhekk irridu nkomplu nservu ta' vuċi favur il-paċi u l-kooperazzjoni fost il-pajjiżi tal-Mediterran. Dan nistgħu nagħmluh permezz ta' sehem attiv fl-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u l-Unjoni għall-Mediterran.

## Relazzjonijiet ma' reġjuni oħra

983 Irridu nibqgħu nsostnu r-rabtiet storiċi, ekonomiċi u soċjali ta' pajjiżna mar-Renju Unit hekk kif dan il-pajjiż ma għadux stat membru tal-Unjoni Ewropea u qed ifittex opportunitajiet ġodda lil hinn. Fl-aħħar xhur ħdimna sabiex il-konsumaturi Maltin u Għawdxin jibqa' jkollhom aċċess għall-mediċini mmanifatturati fir-Renju Unit. Hekk ukoll ser inkomplu nassiguraw l-interessi taċ-ċittadini Maltin li jgħixu fir-Renju Unit, l-istudenti li jixtiequ jkomplu jgawdu mill-opportunitajiet ta' studju ġewwa r-Renju Unit, il-konsumaturi u n-negozji li joperaw jew joffru servizz lil dan il-pajjiż.

984 Tul dawn l-aħħar snin Gvern Laburista ħadem biex ikunu mwaqqfa preżenzi diplomatiċi f'kontinenti differenti. Ser nikkonsolidaw il-preżenza tagħna madwar id-dinja f'aktar reġjuni, inkluż fl-Amerika Latina u fl-Afrika.

985 Il-ħidma tal-ambaxxati tagħna ser tkun ibbażata fuq strateġija li tissawwar fuq l-aspettattiva tal-korpi kostitwiti, l-entitajiet tal-Gvern u n-negozji, biex b'hekk naraw li l-ambaxxati tagħna jġibu l-aħjar riżultati għal Malta.

986 Inkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi Afrikani billi noħolqu opportunitajiet ġodda u nixprunaw kooperazzjoni ekonomika mal-pajjiżi tas-Sub-Saħara. Dan iwassal biex ikun iffaċilitat iżjed il-kummerċ bejn Malta u l-pajjiżi tal-Afrika.

987 Ir-reġjun tal-Golf Għarbi joffri bosta opportunitajiet ta' kollaborazzjoni għal Malta. Hekk ukoll inħarsu lejn ir-reġjun Indo-Paċifiku li jiġbor fih pajjiżi tal-Ażja u l-Awstralja. Ser infasslu strateġija għar-relazzjoni ta' pajjiżna ma' dawn ir-reġjuni b'sinerġija mal-isħab soċjali.

## Maltin li jgħixu barra

988 Inkomplu nsaħħu r-rabtiet tradizzjonali mal-komunitajiet Maltin li jgħixu barra. Nassiguraw ukoll aċċess għal servizzi konsulari ta' kwalità, speċjalment f'każijiet ta' emerġenza.

989 Ser noħolqu qafas li jħeġġeġ l-involviment ta' Maltin li eċċellaw fl-oqsma tagħhom, bħax-xjenza, ir-riċerka, l-imprenditorija u l-isport, sabiex anki huma jingħataw spazju xieraq fil-progress ta' pajjiżna.

990 Minkejja li 'l bogħod minn xtutna, l-emigranti huma Maltin bħalna u ħaqqhom l-aħjar sostenn. Nemmnu li għandu jkun hemm apprezzament akbar lejn il-ħidma li ssir fi ħdan l-għaqdiet tal-Maltin madwar id-dinja. Intellgħu konferenza annwali mar-rappreżentanti ta' dawn il-komunitajiet bil-għan li tkompli tissaħħaħ ir-relazzjoni mad-diaspora Maltija.

## Diplomazija ekonomika

991 Permezz tad-diplomazija nassiguraw li nkomplu nippromwovu u nkattru l-investiment dirett fl-ekonomija reali, inkluż turiżmu minn destinazzjonijiet ġodda. Irid ikollna politika barranija li timbotta prinċipji bbażati fuq il-ħtieġa li l-ambaxxati tagħna jgħinu lin-negozji jimirħu 'l barra minn xtutna.

992 Nassiguraw li l-ambaxxati tagħna jkollhom sehem attiv fil-ħidma li tkun qed issir sabiex titkattar l-esportazzjoni ta' prodotti Maltin barra minn xtutna.

## Diplomazija kulturali

993 Inkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet ma' barra permezz tal-promozzjoni tal-kultura, l-istorja u l-identità Maltija. Id-diplomazija kulturali hija mezz effettiv biex nippromwovu l-profil, il-valuri u l-interessi ta' pajjiżna kif ukoll inżidu l-konnessjoni ma' popli oħra.

994 Permezz tad-diplomazija rridu nagħtu spazju akbar lill-artisti lokali sabiex jippromwovu x-xogħol tagħhom barra minn xtutna, iżidu l-mobilità tagħhom u jaħdmu fuq proġetti ma' artisti barranin. Kommessi li ninvestu iżjed fil-Fond għad-Diplomazija Kulturali bil-għan li ninċentivaw lill-missjonijiet diplomatiċi sabiex jorganizzaw u jipparteċipaw f'avvenimenti kulturali.

## Assistenza uffiċjali għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja

995 Nassiguraw li l-iżborż tal-Assistenza Uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) ikun f'konformità mal-prijoritajiet tal-politika barranija ta' Malta, fejn preferenza tingħata lill-proġetti li jistgħu jħallu l-akbar impatt.

996 B'turija ta' solidarjetà u kif għamilna f'dawn l-aħħar snin, inkomplu nagħtu l-assistenza meħtieġa lil pajjiżi f'mumenti ta' kriżi u emerġenza. Ser inħarsu lejn mudelli diġà mħaddma minn pajjiżi oħra biex il-valur ta' din l-assistenza jkompli jkun imkattar permezz ta' kollaborazzjoni ma' pajjiżi oħra fi proġetti komuni.

## Investiment fid-diplomatiċi

997 Irridu naċċertaw li d-diplomatiċi jingħataw l-għodod meħtieġa biex isibu l-milja tagħhom tul il-karriera kollha f'dan il-qasam. Ser insostnu l-viżjoni tagħna fil-kamp diplomatiku bl-ingaġġ ta' iżjed uffiċjali u permezz ta' aktar opportunitajiet ta' taħriġ.

998 Norganizzaw kampanja fuq il-mezzi tax-xandir li tagħti viżibilità, tippromwovi u tivvalorizza l-ħidma u l-impenn tad-diplomatiċi tagħna madwar id-dinja għall-ġid tal-poplu Malti.

## Fondi Ewropej

999 Il-Gvern Laburista kien strumentali sabiex Malta nnegozjat l-akbar pakkett ta' fondi Ewropej għas-seba' snin ta' wara. Inkisbu €2.25 biljun jiġifieri d-doppju tal-pakkett preċedenti nnegozjat qabel l-2013. Dawn il-fondi ser nużawhom fuq proġetti ta' żvilupp sostenibbli mis-settur privat, il-ġlieda kontra l-faqar, investiment fil-biedja u s-sajd, il-qasam edukattiv u s-sigurtà ta' pajjiżna.

1000 Ir-Recovery and Resilience Plan (RRF) ippreżentat minn pajjiżna ġie deskritt mill-President tal-Kummissjoni Ewropea bħala wieħed mill-aktar pjanijiet favur l-ambjent. Il-fondi ta' aktar minn €316 miljun ser jintużaw sabiex ikomplu jseħħu numru ta' trasformazzjonijiet f'pajjiżna bħal:

- Trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u għotjiet lis-settur privat sabiex inżidu r-reżiljenza ta' pajjiżna f'kuntest ta' dinja dejjem aktar kompetittiva;
- Investiment dirett fil-kwalità tal-edukazzjoni ta' wliedna sabiex innaqqsu t-tfal li jieqfu kmieni mill-iskola, kif ukoll programmi ta' skills development and recognition b'enfasi fuq adulti b'ħiliet baxxi.
- Tisħiħ ta' aktar servizzi u innovazzjoni fis-settur tas-saħħa pubblika, inkluż it-twaqqif ta' blood, tissue and cell centre u l-investiment fl-outpatient facility ġdida, fost l-oħrajn.
- Miri sabiex pajjiżna jasal għal climate neutral, primarjament billi jiġi indirizzat is-settur tat-trasport u l-użu ta' teknoloġija nadifa fil-mezzi ta' trasport differenti, inkluż fit-trasport pubbliku u l-flotta tal-vetturi tas-settur pubbliku.
- Grant schemes għall-pubbliku u n-negozji li jinċentivaw aktar ix-xiri ta' vetturi elettriċi inkluż muturi u pedelecs;
- Isir proġett pilota għal skola ġdida li tkun carbon-neutral u sservi ta' mudell għal proġetti oħrajn, flimkien ma' investiment f'enerġija rinnovabbli fit-toroq u l-ispazji pubbliċi tagħna;
- Ferry landing facilities ġodda li jsaħħu l-konnettività u jinċentivaw l-użu ta' mezzi differenti u alternattivi ta' trasport;
- Tisħiħ tal-operat tal-istituzzjonijiet, inkluż il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni u l-Asset Recovery Bureau;
- Investiment fil-proċess li qed isir tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja sabiex jiġi ffaċilitat l-użu mill-pubbliku u l-interazzjoni ma' diversi aġenziji.






Malta flimkien

# noti

Partit Laburista

Ċentru Nazzjonali Laburista
Triq Mile End, il-Ħamrun HMR 1717, Malta

**T** +356 2124 9900
**E** info@partitlaburista.org

Malta
flimkien

Partit
Laburista

robertabela.mt